

Il-Martirju ta' Sant'Andrija Appostlu, *Mattia Preti (seklu sbatax)*

# Werrej


Kumitat 2015-2017 ....................3
Messaġġ mill-President ....................7
Profil tal-President ....................11
Sena ta' Ħidma u Bidla ....................15
Messaġġ mill-Kaxxier ....................23
Il-Wirt fil-Baned ....................27
Ix-Xewqat ta' Sant'Andrija għal Ħal Luqa ....................31
Inkomplu nibnu fuq it-Tajjeb tal-Mexxejja
tas-Soċjetà Filarmonika l-Unjoni ....................35
Messaġġ mid-Direttur Spiritwali ....................43
Ħidmet il-Kummissjoni Banda ....................47
Bandisti Ġodda mal-Filarmonika L-Unjoni ....................55
Rapport Amministrattiv tas-Sezzjoni Armar ....................59
Rapport Amministrattiv tas-Sezzjoni Nar ....................65
Messaġġ mis-Sezzjoni Nisa ....................67
Ħidmet is-Sezzjoni Żgħażagħ ....................69
Radju Sant'Andrija 88.4FM ....................71
Is-Soċjetà L-Unjoni madwar id-dinja... ....................73
Il-Patrun li jgħaqqadna u mhux li jifridna ....................75
Messaġġ mill-Għaqda Każini tal-Baned ....................77
Programm Festa 2015
Festi Interni Solenni .................... ii
Festi Esterni .................... vi
Program mtan-Nar .................... ix
Servizzi tal-Banda L-Unjoni 2015 .................... xi
Programm Mużikali mill-Banda L-Unjoni .................... xii
Marċi mill-Filarmonika L-Unjoni .................... xiii
Programm mill-Banda 12th May ta' Ħaż-Żebbuġ .................... xiv
Marċi mill-Banda Santa Katarina V.M taż-Żurrieq ....................xv
Kunċert Sinfoniku Annwali ....................81
Il-Każini tal-Banda Magħqudin Għal Għan Nobbli ....................87
Manutenzjoni u Xogħol fil-Każin ....................89
Wirjiet ġewwa l-Każin ....................95
L-Inkoraġġiment tan-Nies ....................101
Il-Bandiera l-Antika Tagħlaq Ħamsin Sena... u ssir oħra ġdida ....................105
Sehem il-Banda L-Unjoni fil-Festi Solenni tal-Ġimgħa Mqaddsa ....................107
Inno Sant'Andrea – Mro. Orlando Crescimanno (1912)
…jerġa' jieħu l-ħajja mill-ġdid ....................111
Restawr tal-Kwadru Titulari ta' Sant'Andrija Appostlu
u l-Kor tal-Knisja Parrokkjali ....................115
L-Armar tas-Soċjetà Matul is-Snin ....................121
Is-Surmast Emmanuele Spiteri u l-Filarmonica L'Unione – Mitt Sena Ilu ...127
Mro. Emmanuele Spiteri ....................128
Ħolma Ssir Realtà – 25 Sena Sidien ta' Palazz Sant'Andrija ....................131
L-Anġlu – Mija u Tletin Sena Fostna ....................135
Il-Banda L'*Unione* u l-Meeting tal-Ewwel Gwerra ....................139
Knejjes iddedikati lill-Appostlu Sant'Andrija f'Ruma ....................141
It-Tnax-il Appostlu Magħżula minn Kristu
"Morru fid-dinja kollha, xandru
l-Bxara t-tajba lill-ħolqien kollu" (Mark 16:15). ....................147
Il-Qniepen ta' Ħal Luqa ....................157
Ħal Luqa Fi Żmieni ....................165
Ħal Luqa... Apprezzament kritiku tal-iżvilupp tiegħu ....................177
Rakkonti ta' Joseph Faenza ....................183
Santa Storika ta' Sant'Andrija tas-Sena 1956 ....................189
Sant'Andrija fir-Raħal tal-Għargħur ....................191
Ġie jżurna biex jibqa' magħna – 25 sena mill-ewwel żjara
ta' San Ġwann Pawl II, il-Papa li daħal fi qlub il-Maltin ....................193
Ġie jżurna Don Bosco! ....................207
L-Esperjenza Tiegħi fil-Parlament Ewropew ....................209
Wied iż-Żurrieq u l-Inħawi tal-Madwar – Tifkiriet ta' Nostalġija ....................211
Sant'Andrija ....................219
Tislima lil Patri Rafel Ellul OFM CAP. ....................220
Tislima lil Trophimo Baldacchino (1923 - 2015)
President Onorarju tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni ....................221
Obitwarju ....................222
Min irreklama f'din il-Pubblikazzjoni ....................224



**SOĊJETÀ FILARMONIKA L-UNJONI A.D. 1880**
'Palazz Sant'Andrija'
90, Triq Sant'Andrija,
Luqa
Tel: 21676583
**www.unionbandmalta.org**

## FESTA 2015

**Bord Editorjali**
Neil Zammit
Clifford Micallef

**Qari tal-Provi**
Neil Zammit

**Ġbir ta' Reklami**
Clifford Micallef
Andrew Aquilina
James Ciappara
Joe Aquilina
Dr Geoffrey Vella
Lawrence Cassar

**Ritratti**
Neil Zammit, Kevin Camilleri, Roderick Bajada, Massimo Cassar, Andrè Farrugia, Salvu Sant, Anton Morana, Sandro Farrugia, Emanuel Cauchi, John Cauchi, Raoul Briffa, Patrick Muxi, Tessie Farrugia, Keith Buhagiar, Michael Photography, Capture Me Photography, Sit Uffiċjali tal-Parroċċa www.luqaparish.com Arkivji tal-Każin





**Ritratt tal-Qoxra**
*Il-Banda L-Unjoni fil-bidu tas-seklu għoxrin*




**Presidenti Onorarji**
L-E.T. Mons. Pawl Cremona O.P. *Arċisqof Emeritu ta' Malta*,
Lino Abela Scolaro, Carmelo Psaila, Carmel Spiteri, Salvu Spiteri,
Frank Ciappara, Joe Mizzi, Carmelo Penza, Francis Magri, Charles Camilleri,
Twanny Camilleri, Carmelo Camilleri, Emmanuel Magri, Joe Faenza.

**Membri Onorarji**
Donna Carmen Vella Haber, Joseph Brincat, John Camilleri, Maria Camilleri,
Twanny Ellul, Francis Costa, Alex Spiteri, Paul Fiorentino, Lino Cremona,
Dr Jamie H. Cremona, Charles Cremona, Paul Cremona, Raymond Penza,
Joseph Camilleri, Mario Cardona, Andrew Vella, Andrew Cassar,
Anthony Brincat, Lorry Sammut, Andrew Camilleri, Patrick Muxi.

**Surmast Emeritus**
Prof. Charles E. Zammit Ph.D.

| | | |
|---|---|---|
| **Segretarju**<br>James Ciappara | **President**<br>Joseph Piscopo<br>*B.Accty(Hons), CPA, FIA, M.Sc.* | **Teżorier**<br>Clifford Micallef |
| **Asst. Segretarju**<br>Joe Aquilina | **Viċi President**<br>Lawrence Cassar | **Asst. Teżorier**<br>Albert Cassar |
| **Arkivista**<br>Neil Zammit *B.Accty (Hons), CPA, MIA, A.L.C.M, A.Mus.L.C.M, L.Mus.LCM, A.L.C.M (Comp.)* | **Viċi President Anzjan**<br>Emmanuel Magri | **Rapp. Kummissjoni Banda u Ass. Surmast**<br>Norbert Camilleri<br>*A.L.C.M, L.V.C.M, L.Mus L.C.M, Dip. Sacred Music* |
| **Delegat Fondi Ewropej**<br>Andrew Schembri *B. Com (Hons)* | **Kuratur**<br>Andrew Aquilina | **Delegat tas-Soċi**<br>Jonathan Costa |
| **Delegat Attivitajiet Soċjali**<br>Sandro Farrugia | **Membru**<br>Joseph Bezzina *B.Ed (Hons), MA (Leeds)* | **Direttur Spiritwali**<br>Fra Adriano Jos. Cachia *OFM* |
| **Għalliem tal-Allievi**<br>Victor Borg | **Surmast Direttur**<br>John David Zammit<br>*F.V.C.M., F.G.M.S., L.L.C.M., (T.D.) A.Mus. L.C.M., A.L.C.M.* | **Konsulenti Legali**<br>Dr. Geoffrey Vella *LL.D.*<br>Dr. Frank Psaila *LL.D.* |



# Mija u tletin Sena Fostna 1885-2015



We offer a large variety
of Wedding Rings and
Engagement Rings and
Occasion Jewellery
Tesor
JEWELLERY & GIFTS
Unique as you are...
Carmel Street, Luqa LQA 1131 (opp. LIDL). OPEN ALL DAY
Tel/Fax: +356 2125 7507
Email: info@tesor.com.mt
Web: tesor.com.mt


Is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni A.D. 1880
tifraħ lill-E.T. Mons Charles Jude Scicluna
Fil-ħatra tiegħu bħala Arċisqof
Metropolita ta' Malta
Ad Multos Annos



# Messaġġ mill-President

**Joseph Piscopo**
*B.Accty (Hons.), CPA, FIA, M.Sc*



Għeżież Ħalluqin,

Din hi l-ewwel darba li qed inwassal il-messaġġ tiegħi bħala President tas-Soċjetà tagħna. Inħossni ferm onorat li l-membri għażlu li jkollhom fiduċja fija sabiex, flimkien mal-Kumitat, immexxi lis-Soċjetà. L-ewwel nett nixtieq nirringrazzja lill-predeċessur tiegħi, Dr Noel Camilleri, li għal erbatax-il sena sħaħ mexxa lis-Soċjetà. Barra min hekk nirringrazzja wkoll lis-Sur Emanuel Magri li għal madwar tliet xhur serva ta' Aġent President.

Għalkemm din is-sena kienet waħda ta' tibdil fit-tmexxija, bil-ħidma ta' ħafna membri, ix-xogħol xorta baqa' għaddej. Dan żgur hu xhieda tal-impenn u tal-lealtà tal-membri lejn is-Soċjetà. Il-Kalendarju ta' din is-sena kien mimli attivitajiet mis-Sezzjonijiet tagħna, ewlenin fosthom il-Kunċert Sinfoniku li ttella' fit-Teatru Metanoia nhar il-Ħadd 23 ta' Novembru taħt il-patroċinju tal-Eċċ Tagħha l-President tar-Repubblika Marie Louise Coleiro Preca. Barra minn dan l-impenn mużikali l-Banda tagħna kienet impenjata b'diversi servizzi f'festi ewlenin u fil-Ġimgħa l-Kbira, fejn reġgħa kellna l-parteċipazzjoni tal-mezzo-soprano brava Federica Falzon.

Matul is-sena, barra mill-impenji mużikali tal-Banda, jkollna wkoll it-tagħlim mużikali għaddej. Hu ta' pjaċir tara lil diversi tfal jitgħallmu l-mużika sabiex jingħaqdu mal-Banda tagħna fil-futur. Ta' dan irrid nirringrazzja lis-Surmast Mro John D. Zammit, lil Assistent tiegħu Mro Norbert Camilleri u lil għalliem Victor Borg. Minn hawn inħeġġeġ lill-ġenituri sabiex jinkoraġixxu t-tfal tagħhom jitgħallmu strument fis-Soċjetà tagħna, ħalli l-ewwel nett igawdu huma u t-tieni tgawdi l-banda tagħna fil-futur. L-impenn tas-Soċjetà tagħna jrid ikun li t-tagħlim li noffru ikun wieħed li jirrifletti ż-żminijiet tal-lum u li jingħata b'mod li jħajjar liż-żgħar tagħna jkabbru l-imħabba lejn il-mużika.

Din is-sena kienet waħda oħra impenjattiva għal Għaqda tan-Nar tagħna. Għalkemm kienet sena oħra ta' sfidi għal dawn il-membri, dawn baqgħu jaħdmu ħalli fil-festa jkollna programm pirotekniku li, bħal dejjem, ikun wieħed mill-isbaħ. Ċert li l-livell ta' xogħol li ser joffru dawn id-dilettanti, għal darb'oħra, ser jagħmilna kburin bihom. Ta' min isemmi wkoll li din is-sena s-Soċjetà tagħna jmissja tagħmel il-programm tan-nar tal-art u għalhekk l-impenn ta' dawn id-dilettanti din is-sena ser ikun ikbar.

# Paul's Store

PJAZZA TAL-KNISJA, LUQA

TEL: 2166 2016 MOB: 9940 5511

*Fejn issibu kollox frisk kuljum*
*b'varjetà sħiħa ta' ikel ġenwin*
*u dak kollu meħtieġ għall-familja kollha*
*bi prezzijiet mill-aqwa*









*Free delivery*

***Anton Gatt***
***u l-familja***
***jawguraw***
***il-Festa t-Tajba***
***lil kulħadd***





Il-Ħadd 6 ta' Lulju 2014 – Purċissjoni Solenni bl-istatwa titulari ta' Sant'Andrija Appostlu





V. Spiteri

VSS

& Sons Ent. Ltd.





**TRANSPORT SERVICE:** Fully Air Conditioned Vehicles

- Open Top Buses
- Coaches
- Midi Coaches
- Super Low Floor Buses - accessible for disabled & elderly people
- Mini Buses ...

seating capacity up to 74 seats

Importers of VOLVO Bus & Truck – Parts & Diagnostic
HISPACOLD Air Conditions
IRIZAR Coaches
BOCK Compressors

29, 'Gratiae Plena',
Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra
Luqa LQA 1011
Tel: 2182 0749    Mob: 9946 4405
Email: info@vss.com.mt

Kif ser taqraw iktar il-quddiem f'dan il-programm, is-Sezzjoni Armar ħadmet bi sħih sabiex din is-sena titlesta l-istatwa tal-martirju li ser issebbaħ it-triq ewlenija tar-raħal tagħna. Sfortunatament, minħabba raġunijiet varji li ma kellnix kontroll fuqhom, il-proġett mhux ħa jkun komplut. Minn hawn nirringrazzja lil min ħadem fuq dan il-proġett, lil min għen finanzjarjament u lil min għen sabiex jinġabru l-flus fi żmien qasir. Żgur li bil-ħidma ta' kulħadd dak li deher li diffiċli jitwettaq, ser isir realtà.

Minn dan il-messaġġ annwali nixtieq insellem ukoll lil dawk kollha involuti fil-fergħat l-oħra tas-Soċjetà; lin-nisa li matul is-sena jorganizzaw diversi attivitajiet ta' *fund-raising*, liż-żgħażagħ, lil dawk li jgħinu fix-xandir bir-radju matul il-ġranet tal-festa u lil dawk li jgħinu lil Każin tagħna b'xi mod jew ieħor. Fid-dinja mgħaġġla tal-lum hu diffiċli li ssib nies li jiddedikaw ħin għal għaqdiet bħal tagħna. Għalhekk irridu napprezzaw lil kull min jiddedika mill-ħin tiegħu, ftit jew ħafna, għal ħidma tas-Soċjetà.

Barra mix-xogħol tal-fergħat tagħna, din is-sena sar xogħol ieħor strutturali fil-Każin tagħna. Dan ix-xogħol kien jikkonsisti fir-rinovar tas-sala tal-provi tal-banda li ġiet attrezzata b'mod mill-iktar professjonali u moderna. B'hekk nistgħu ngħidu li l-bandisti ser ikollhom ambjent ħafna iktar komdu fejn jagħmlu l-provi tagħhom għal impenji li jkollha l-banda matul is-sena.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nawgura l-festa t-tajba lil Ħalluqin kollha, b'mod speċjali lil dawk kollha li matul is-sena jaħdmu sabiex ikabbru l-festa tagħna. Jalla tkun festa sabiħa u li tgħaqqadna flimkien bħala Ħalluqin.

## Profil tal-President

Is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni tixtieq tifraħ lis-sur Joseph Piscopo li nhar it-23 ta' April 2015 nħatar bħala l-President il-ġdid tas-Soċjetà.

Is-sur Piscopo ggradwa bħala *accountant* fis-sena 2003 mill-Università ta' Malta u din is-sena kiseb *Masters* fil-finanzi mill-Università Heriott Watt ta' Edinburgh. Ilu nvolut fis-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni mis-sena 1996 fejn kien beda jitgħallem il-klarinett taħt is-Surmast preżenti John D. Zammit. Għal diversi snin kien attiv fis-Sezzjoni Żgħażagħ, fil-Kummisjoni Banda u fis-Sezzjoni Armar. Barra min hekk serva ukoll f'diversi karigi fil-Kumitat Ċentrali, fosthom bħala Delegat tal-Banda, Assistant Kaxxier u PRO.

Awguri.

Il-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni
irodd ħajr lil dawk kollha
li servew fil-Kumitat preċedenti
għall-ħidma sfiqa tagħhom
b'risq l-imsemmija Soċjetà.

Grazzi lil kulħadd.

colour

Thomas Smith
Insurance Brokers

# WE'RE INSURANCE BROKERS THAT SAVE YOU TIME & MONEY!

Whatever form of insurance you're looking for, we'll source the right policy with the right company and at the right price for you.

HOME
BUSINESS
MOTOR
TRAVEL
HEALTH
MARINE
LIFE




**Opening hours**
Monday to Friday – 08:00 to 17:00

Thomas Smith Insurance Brokers Ltd,
1, War Victims Square, Luqa LQA 1010

**79015959**
**22058580**
**info@tcsinsurancebrokers.com**

www.tcsinsurancebrokers.com

Find us on: facebook

Thomas Smith Insurance Brokers Ltd is authorised to carry out bus of Insurance Broking by the Malta Financial Services Authority.



Il-Ventaltar tal-Altar Maġġur, disinn ta' Abraham Gatt u maħdum fl-1915


DIMPLES
Pet Shop
NEW STREET, LUQA
HUGE RANGE OF PET FOOD & PET ESSENTIALS UNDER ONE ROOF.
SOFT FOOD & TREATS, PET FASHION WEAR, PET ACCESSORIES, BEDDINGS AND MUCH MORE.
COME AND SPOIL YOUR PET.
PROP. JACQUELINE SCHEMBRI
MOB: 99830234
Follow Us
On Facebook!


TRY ELMO
and benefit from our multi product discount
Elmo
INSURANCE
Motor Insurance
Yacht and Pleasure Craft Insurance
Health Insurance
Home Insurance
B'KARA ✆ 2343 0322
COSPICUA ✆ 2343 0301
PAOLA ✆ 2343 0306
QORMI ✆ 2343 0311
RABAT ✆ 2343 0332
ST. PAUL'S BAY ✆ 2343 0310
ZEBBUG ✆ 2343 0326/7
VALLETTA ✆ 2343 0316
elmoinsurance.com
Elmo Insurance Ltd., Abate Rigord Street, Ta' Xbiex XBX 1111 | Tel: 2343 0000 | info@elmoinsurance.com
Elmo Insurance Ltd. is authorised to carry out general insurance business and is regulated by the Malta Financial Services Authority.



# Sena ta' Ħidma u Bidla

**James Ciappara**
*Segretarju*



Kif jgħaddu l-ġranet, itir iż-żmien u erġajt ġejt mitlub nagħmel erba' kelmiet għall-ktieb tal-festa. Lanqas temmen li waslet festa oħra, festa li llkol inkunu qiegħdin nistennew. Festa li kull minn hu nvolut f'xi kumitat tal-festa jkun qiegħed jistenniha b'ħerqa kbira għax ikun ilu sena sħiħa jaħdem għalija, għalhekk iż-żmien itir għax tkun impenjat biex tlesti ċertu affarijiet li kultant ma' tlaħħaq kollox li jkollok ippjanat għas-sena ta' wara. Dan minkejja l-għadd sabiħ ta' volontiera li qed jaħdmu sena sħiħa, b'sagrifiċċju personali u għal familji tagħhom.

Din is-sena is-Soċjetà L-Unjoni għaddiet min bidla fit-tmexxija tagħha. Hawn nieħu l-okkażżjoni mill-ewwel sabiex nirringrazzja lill-Ex President tas-Soċjetà Dr. Noel Camilleri ta' kważi ħmistax il-sena fit-tmexxija ta' din is-Soċjetà, waqt li nilqa' fostna bħala President ġdid tas-Soċjetà lis-Sur Joseph Piscopo li jien u hu qiegħdin naħdmu spalla ma' spalla flimkien ma' sħabna tal-Kumitat Ċentrali sabiex inkomplu nkabbru l-isem tas-Soċjetà.

Dawn l-aħħar xhur il-kumitat iffoka partikolarment fuq il-banda, u barra l-bandisti infushom din is-sena se ninawguraw sala ġdida mgħammra b'dak kollu li titlob sala tal-kunċerti sabiex meta bandist jiġi għal kunċerti żgur li se jħossu komdu iżjed minn qatt qabel biex jipprattika dak l-istrument li tant iħobb.

Ikunu ħafna dawk li jgħidu li s-Soċjetajiet ġewwa r-raħal tagħna ma jaqblu f'xejn u xi kultant anke jgħidu li aħna kelb u qattus. F'xi daqqiet huwa veru, però jien naqbel li kulħadd irid ikun naqra aħjar min ħaddiehor għax b'hekk isir ħafna ġid lir-raħal. Il-pika esaġerata ma hi tajba għal ħadd, però l-pika modesta naħseb li hi tajba għal kulħadd għax kulħadd jagħmel dik in-naqra iżjed sabiex ikun aħjar. Nista' ngħid lil dawk li jaħsbu ħażin dwar il-każini li mibgħeda qatt ma' kien hemm u dan ikkonfermajnieh meta f'Novembru li għadda ż-żewġ Soċjetajiet flimkien tellajna attività b'risq il-MCCF, u waqt din l-attività nġabret is-somma sabiħa ta 'l fuq minn €1,000. Ma naħsbux li kollox negattiv!

Nixtieq minn hawn nirringrazzja wkoll lill-Kunsill Lokali, fejn għoġbu jagħti Ġieħ Ħal Luqa lill-Għaqda tan-Nar tagħna *St. Andrew's Fireworks Factory* għas-suċċessi miksuba s-sena l-oħra waqt il-festival tan-nar tal-ajru ġewwa Buġibba kif ukoll għal dak tan-nar tal-art ġewwa l-Floriana, fejn inkiseb l-ewwel post fit-tnejn li huma mill-istess kamra tan-nar.

# CONSTRUCT FURNITURE

## Wall Units



## Kitchens



## Spare Bedroom



## Main Bedroom



## Doors



## Loose Furniture



40,Industrial Estate,Luqa, LQA 3000
Tel: (+356)21220610, 21257029/30
info@constructfurniture.com.mt
www.constructfurniture.com.mt




2014 – It-Tempju Andrean imżejjen għall-Fetsa

# B&G
# Hardware Store




**St Thomas Str, Luqa**

**Tel: 2767 5362 Email: bandg@onvol.net**

**Mob: 9987 4609 9987 1859**

La qiegħed nitkellem fuq in-nar, ma' nistax ma nirringrazzjax lil dawk il-persuni kollha li b'sagrifiċċju u dedikazzjoni jaħdmu s-sena kollha sabiex ikolna festa mill-aqwa fejn tara t-toroq tar-raħal mimlija bid-dilettanti, b'ħarsithom 'l fuq jitpaxxew b'dak kollu li jkunu qed isegwu. Ngħidilhom grazzi ukoll għax-xogħol siewi li qiegħdin jagħmlu fl-istess kamra tan-nar.

Issa ngħaddi sabiex nuri l-apprezzament tiegħi lejn sħabi tal-banda. Nibda billi nirringrazzja lis-Surmast Direttur, l-Ass. Surmast, l-għalliema kif ukoll lil maħbubin bandisti għas-servizz kollu li qiegħdin jagħtu lis-Soċjetà. Fis-snin l-imgħoddija konna nitkellmu dwar l-isema ta' tagħlim għall-allievi tagħna u minn din is-sena bdejna ngawdu l-frott ta' dak kollu li sar, għax numru sabiħ ta' allievi llum qed jissejħu bandisti, għalkemm xorta għadhom għaddejjin bl-istudju mal-għalliema tagħhom. Grazzi lis-Surmast u lill-Ass. Surmast għall-mod kif qiegħdin jimxu spalla ma' spalla ma' xulxin, kif ukoll lill-Arkivista u Delegazzjoni Banda fejn dawn jikkordinaw kollox flimkien għall-ġid tal-banda.

Waħda mis-sezzjonijiet fi ħdan is-Soċjetà hija l-Fergħa Nisa. Dawn bħal dejjem baqgħu mexjin bl-attivitajiet tagħhom u wara l-festa ta' din is-sena din is-sezzjoni se tibda' l-proġett tagħha ġewwa l-każin fejn is-sena l-oħra kienet intrabtet li tibdew l-irħam tat-tarag tal-każin mill-fond tagħha. Lil dawn ngħidilhom grazzi u ninkoraġġihom iżommu l-entużjażmu li għandhom ħalli nibqgħu mexjin għall-proġetti l-oħra li hemm ippjanati.

Ngħid grazzi ukoll lil membri ta' Radju Sant'Andrija fi ħdan is-Soċjetà li dawn reġgħu żammew l-appuntamenti mal-komunità ġewwa r-raħal tagħna kemm fil-Festa Liturġika f'Novembru kif ukoll fil-Festa Titulari f'Lulju.

Il-pulmun tas-Soċjetà huma ż-żgħażagħ. Mingħajr dubju dawn huma għal qalbi hafna. Illum il-ġurnata ma' għadekx tara ħafna żgħażagħ ġewwa l-każin daqs qabel, però dan ma jfissirx li ż-żgħażagħ ma' jħobbux lis-Soċjetà jew il-festa. Anzi pjuttost il-kontra - dawn illum tant huma impenjati jew bix-xogħol jew bl-istudju li meta jiġu l-każin iridu jaraw x'se jivvintaw sabiex ikomplu ikabbru l-festa (kultant xi ħaġa sigrieta ukoll). Minn hawn nista' ngħid li jien kull meta tlabthom biex jagħmlu xi ħaġa mill-ewwel irrispondew għaliha u minn din il-paġna ngħidilhom grazzi u jibqgħu jkunu ta' eżempju għal Soċjetajiet oħrajn.

Ħallejthom għal-aħħar lill-membri tal-Għaqda tal-Armar, apposta. Din hi għaqda li tkun għaddejja bix-xogħol tagħha u ħadd ma jkun jaf. Taħdem fis-skiet u mingħajr ħafna daqq tat-trombi. Għaqda oħra tant għal qalb is-Soċjetà, dejjem jaraw x'se jivvintaw sabiex l-armar ġewwa r-raħal jibqa' jikber. Din is-sena se jippreżentawlna biċċa arti oħra, il-Martirju ta' Sant'Andrija, xogħol tal-Kav. Alfred u Aaron Camilleri Cauchi, waqt li x-xogħol tal-injam sar mis-Sur Joe Aquilina bl-għajnuna ta' sħabu mill-Għaqda tal-Armar. Dan il-kapolavur ġdid żgur li se jimla' dik in-naqra vojt li kien jonqos, u kif ngħidu aħna l-Maltin se jkun bħaċ-ċirasa fuq il-kejk. Minn hawn nistieden lil kulħadd sabiex nhar il-Ġimgħa 3 ta' Lulju 2015 jiġi għall-inawgurazzjoni ta' dan il-proġett.

Fl-aħħar nixtieq nirringrazzja lil sħabi kollha tal-kumitat tal-għajnuna li nsib minn naħa tagħhom tul is-sena kollha. Nagħlaq billi bħal kull sena nagħmel appell lill-membri u partitarji sabiex waqt il-marċi li jinżammu fil-ġimgħa tal-festa jipparteċipaw u jifirħu, però kulħadd għandu jobdi l-liġi u jisma' minn dak kollu li jgħid il-Kumitat u ma noffendu lil ħadd. Nifirħu bli għandna għax tassew għandna biex!

**Viva Sant'Andrija Appostlu**
**Viva l-Ewwel Banda Ħalluqija L-Unjoni**



Josef Penza
Refrigeration & Air Conditioning
79 202 626
josefpenza@gmail.com
facebook.com/AirconditioningMalta
Installation and repairs on all kinds of ACs
Haier
Prices for Inverter ACs starting from
€580
Be COOL this Summer and install one of our TOP BRAND ACs
Haier
Airwell
ELECTRA
LG
HITACHI
DAIKIN



Il-Ħadd 23 ta' Novembru 2014 – Kunċert Sinfoniku mill-Banda L-Unjoni

J.Cassar
ALUMINIUM

(Johnny ta' Ħal Luqa)

New Aluminium System

113A, Industrial Estate, Luqa, Malta
**Tel: 2122 8896 / Mob: 7942 6356**

**30 years Experience**

J. Cassar Aluminium provides the best Aluminium Works, with a higher standard in quality, latest aperture system & guaranteed aluminium profiles. We provide all type of nets including roller as well as aluminum repairs. All this at a very reasonable price.

*A 15% discount will be given on all Aluminium Works all year round!*













# Messaġġ mill-Kaxxier

**Clifford Micallef**



Din is-sena sħabi tal-kumitat għoġobhom jaħtruni bħala kaxxier tas-soċjetà u minn hawn nieħu l-opportunità biex nirringrazzjahom tal-fiduċja li wrew fija u nwiegħed lilkom is-soċji u partitarji li ser nagħmel l-almu kollu tiegħi biex inservi s-Soċjetà mill-aħjar mod possibli.

Niftakarni daqsxejn ta' tifel inħabbat bieb bieb mal-membri tal-kumitat biex fil-jiem ta' qabel il-festa niġbru l-envelopp u nqassmu l-ktieb tal-festa, u b'hekk intaffu ftit l-ispejjeż li ġġib magħha l-festa. Min kellu jgħidli dak iż-żmien li għad inkun kaxxier illum.

Forsi hawn min jaħseb li s-soċjetà mal-festa biss għandha x'taqsam. Dan żgur li m'hux il-każ, għalkemm din hija l-attività prinċipali u kollox idur magħha. Matul is-sena sħiħa l-każin dejjem ikun attiv u minn xahar għall-ieħor isiru diversi attivitajiet biex jinġabru l-fondi minn diversi sezzjonijiet. L-akbar spiża li għandha s-soċjetà hija bla dubju ta xejn il-banda, li hija l-qofol, u hekk għandu jkun, tas-soċjetà. F'dawn l-aħħar snin sar investimenti qawwi fl'allievi biex il-banda tibqa tikber u taġġorna ruħha, bit-tama wkoll li l-quddiem innaqqsu mill-bandisti barranin li qed jiswew ħafna flus lis-soċjetà. Minn sena għall-oħra l-festa dejjem tikber minn kull lat u għaldaqstant l-ispejjeż kibru ukoll, imma aħna dejjem emminna fil-partitarji tagħna u tista tgħid li meta ħlomna b'xi proġett dejjem wettaqnieh, grazzi għall-ġenerozità tagħkom.

Din is-sena l-kumitat ser ikun qed jinawgura proġett ġdid li sar fis-sala tal-kunċerti biex din tkun aktar moderna u attrezzata tajjeb għall-kunċerti u t-tagħlim tal-banda. Dan seta biss ikun possibli bil-għajnuna tal-fondi li rnexxielna nieħdu mill-Fondazzjoni Gal Xlokk li kopriet tmenin fil-mija tal-ispiża totali li laħħqet madwar ħmistax-il elf ewro. Ringrazzjament speċjali jmur lis-sur Silvio Schembri M.P. li kien strumentali biex is-soċjetà setgħet takkwista dawn il-fondi. Il-ħsieb tal-kumitat huwa li nkomplu nibnu fuq dan il-proġett fis-snin li ġejjin, biex dejjem inkomplu nħajjru aktar allievi.

Nagħlaq billi nappella lilkom il-partitarji biex tkunu ġenerużi fl-għotja tagħkom għall-festa, għax b'hekk biss inkun u nistgħu nkabbru l-festa tant għażiża tal-patrun tagħna Sant'Andrija. Nieħu l-opportunità wkoll biex nirringrazzja lin-negozji li għoġobhom jirreklamaw f'dan il-ktieb, li żgur li ma kienx għalihom din il-pubblikazzjoni ma tkunx possibli. Nappellalkhom biex tagħmlu użu mis-servizzi tagħhom. Nirringrazzja wkoll lis-sezzjonijiet kollha tal-kooperazjoni li nsib mingħandhom b'mod speċjali lis-sezzjoni nisa li ta' kull sena jagħtu somma sabiħa ta' flus lis-soċjetà li jirnexxielhom jiġbru mill-attivitajiet li jorganizzaw matul is-sena.

VIVA L-BANDA L-*UNJONI*. VIVA SANT'ANDRIJA.

Tal-Parrina Confectionery

Triq Sant'Andrija
Luqa
Tel: 2180 2300

Opening Hours
Mon to Fri – 6.00am - 8.30pm
Sunday – 6.00am - 12.30pm

**YOUR DAILY NEEDS, ESSENTIALS & MORE**

***Detergents are also available***

**Alice Craus** 8 Years H.A.B.I.A. Qualified Nail Technician

*Gels / Acrylic / Gellish Last for 3-4 Weeks*
*Toe Nails Gels / Pedicure / Manicure*

Special offer: Full set 25 Euros or infills 20 Euros including nail art

BOOK YOUR FIRST APPOINTMENT AND GET TOE NAILS GELS FOR FREE



Tipytoes Nails Craus

*Other services available*

7929 6990







Il-Ħamis 3 ta' Lulju 2014 – Programm Mużikali fuq il-Plancier fi Pjazza Sant'Andrija




27239090 / 27339090 / 27889090
27139090 / 27859090 / 77766677
GUTZ LUQA
GUTZ HAMRUN
MY LOOK SIGGIEWI
SUNSERA LANSILK Hair products
GUTZ GROUP
LAVAL Cosmetics
VARIETE Hair colour dye
NAIL MAGIC
GUTZ PAOLA
NEW STOCK EVERY WEEK



# Il-Wirt fil-Baned

**John D. Zammit**
*Surmast Direttur*



L-għaqda hi l-aktar ħaġa sabiħa u ta ħtieġa għall-ħajja, l-progress u r-riżq ta' soċjetà mużikali u tal-membri tagħha.

Il-baned ta' żminijietna wirtu ħafna ideat mill-isbaħ kif ukoll eżempji ta' tmexxija b'saħħitha u prospettiva. Iżda, dan il-wirt għadu ħaj fost il-baned tagħna? Kollox juri li, minħabba diversi raġunijiet, dan il-wirt intilef!

Sebgħin u anke sa ħamsin sena ilu, kellna baned sodi, b'saħħithom u b'numru kbir ferm ta' bandisti tal-post. Dawk il-baned kienu jippreżentaw programmi mużikali li għalihom kienu jattendu eluf kbar ta' nies. Hawnhekk biżżejjed wieħed isemmi l-eżempju li jidher fl-'Organo Mensile' tas-Soċjetà Filarmonika Nazzjonali La Valette, miktub f'Ottubru 1925, fejn jingħad li, waqt program ippreżentat minn din is-soċjetà mużikali fi pjazza Gavino Gulia Bormla, waqt il-festa tal-Kunċizzjoni u li għalih attendew aktar minn sitt elef ruħ u kollha wrew l-apprezzament tagħhom għal mużika serja li ndaqqet. Forsi xi ħadd jgħid li dak kien żmien ieħor. Il-mistoqsija tiġi waħedha - Dan kien żmien aħjar għal baned tagħna?

Jekk inħarsu lejn il-programmi tal-baned tal-lum insibu differenza enormi. Dan għaliex is-soċjetajiet mużikali Maltin biddlu ferm mill-wirt li nkiseb mingħand l-antenati. Saru ħafna bidliet u tfaċċaw użanzi ġodda. Sadanittant tfaċċaw ukoll it-televixin, kompjuter u affarijiet oħra, li b'xi mod jew ieħor biddlu u faqqru l-interess tal-poplu fil-baned.

Iżda l-akbar ġerħa hi li ż-żgħażagħ m'għadhomx esposti li jitgħallmu l-mużika fil-maġġoranza tagħhom. Wieħed ma jridx jinsa li l-alljievi huma l-forza primarja f'soċjetà mużikali.

Iż-żgħażagħ jgħidu li mpenjati ħafna. Dan huwa minn, iżda, daqstant ieħor huwa veru li jekk wieħed jipprogramma ħajtu sewwa, għandu jsib ħin biex jitgħallem strument mużikali li, wara kollox, dan jgħamillu biss ġid kbir f'saħħtu, f'moħħu, f'butu u fis-soċjetà li qiegħed jgħix fiha.

Allura tajjeb li wieħed jinkoraġġixxi liż-żgħażagħ biex dawn jersqu lejn is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni biex jieħdu t-tagħlim tal-mużika mingħajr ħlas u bl-aktar mod professjonali.

Ma ninsewx li ħafna huma l-għorrief tal-passat u tal-preżent li jgħidulna li: 'Il-mużika hija l-aqwa vitamina għal moħħ'; oħrajn jgħidulna li l-matematika hija l-mużika tal-moħħ, il-mużika hija l-matematika tar-ruħ.

Intemm dan il-messaġġ billi nirringrazzja lill-dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw is-sehem tagħhom biex il-Banda L-*Unjoni* tkun fost l-ewlenin f'dan il-pajjiż.

Nixtieq il-festa t-tajba lil kulħadd.


Colourful 2015
Variations
THE PYROTECHNIC SHOW
Saturday 4th July @ 21:15
Hal Saflieni Str. / Patri Indri Schembri Str.
or Garibaldi Road
Luqa
ST. ANDREW FIREWORKS
L-UNJONI - LUQA, MALTA
#saintandrewsfeast2015


Mechanised Ground Fireworks Display
SATURDAY 4TH JULY 2015 @ MIDNIGHT
WESGHET IL-VITTMI TAL-GWERRA - LUQA
#saintandrewsfeast2015
Spectacular Grand Finale like never before seen in Malta:
Fireworks and Lights Synchronised with Pink Floyd Hits
The ground fireworks structure with
the largest amount and most varied
synchronised pyrotechnic effects
ST. ANDREW FIREWORKS
L-UNJONI - LUQA, MALTA










St. Andrew Fireworks
Factory, Luqa, Malta
www.unionbandmalta.org




PAC MAN'S
TAKE AWAY
exquisite....fresh...affordable
MENU
Address: St. Andrews Street Luqa (LUQA SQUARE)
Tel No: 21806055 / 79806055
@ www.pacmanstakeaway.com
OPENING HOURS:
Mornings: Wednesday till Friday from 9.30am till 1.30pm
Evenings: Monday till Sunday from 5.00pm till 11.30pm
FREE HOME DELIVERY SERVICE!!!
Fridays , Saturdays & Sundays
@ €2 charge applies on orders
less than €15
Last Delivery Order by 11.00pm
SPECIAL OFFER !!!
pepsi
FREE 1.5 ltr Pepsi
Offer valid from Monday to Friday on orders over €25



# Ix-Xewqat ta' Sant'Andrija għal Ħal Luqa

**Wisq Rev. Dun Gordon Refalo**
*Kappillan*



Ma nafx kemm hawn parroċċi fid-dinja li huma dedikati lil Sant'Andrija Appostlu u Martri. Ippruvajt infittex fuq l-internet iżda ma kienx possibbli li nsib. Però jiena ċert li il-parroċċa tagħna hija waħda mill-eqdem iddedikata lilu, u għalhekk nimmaġina li għalih hija parroċċa għażiża.

Għalhekk jiena ċert li għandu ħafna xewqat għalina lkoll speċjalment fejn tidħol iċ-ċelebrazzjoni tal-festa li ssir għad unur tiegħu.

Żgur li jrid li il-festa tkun ċelebrazzjoni li tressaqna viċin ta' Alla. Sant'Andrija kellu imħabba kbira lejn Alla u bħal kull min iħobb lil xi ħadd, ikun jixtieq li dik il-persuna tkun maħbuba ukoll. Min jaf kemm jiddispjaċih meta jarana niċċelebraw il-festa tiegħu imma ninsew lil Alla. Min jaf kemm jifraħ meta jara li filwaqt li qed nieħdu gost, nersqu lejn Alla permezz tal-qrar u s-sehem tagħna fil-quddies li jsir matul il-ġranet tal-Festa.

M'għandix dubju li jħares lejna u bħal kap ta' familja li jħobb lil kull membru tal-familja tiegħu, jixtieq jara iktar rispett u mħabba bejnietna. Naħseb li Sant'Andrija jitnikket meta jara firdiet, nuqqas ta' ftehim, pika żejda, kif ukoll xi kultant mibgħeda. Jiena ċert li jieħu gost jarana nifirħu flimkien u niċċelebraw il-fatt li hu l-Patrun tagħna u aħna komunità waħda.

Min jaf kemm jifraħ Sant'Andrija li jarana ngħollu il-livell tal-kultura tagħna. Żgur li jieħu gost jisma' l-mużika sabiħa tal-baned tagħna, l-ispettaklu li jagħtuna l-membri tal-kmamar tan-nar bin-nar tal-ajru u tal-art, it-tiżjin sabiħ fil-knisja tagħna u fit-toroq tagħna, il-każini imżejnin b'mod tant sabiħ. Imma żgur ma jieħux gost meta kliemna ma jkunx kliem sabiħ, meta nilbsu b'mod li ma jixraqx għal festa Nisranija, jew meta nagħmlu affarjiet li jmorru kontra dak li hu ta' ġid għalina u għal ħaddieħor.

Sant'Andrija jixtieq jarana ferħanin flimkien. Jixtieq jarana ferħanin ma' Alla. Jixtieq jarana ferħanin għaliex aħna Parroċċa tassew Nisranija. Jixtieq jarana ferħanin għaliex kull wieħed u waħda minna qed nippruvaw nimxu fuq il-passi tiegħu billi nkunu dixxipli ta' Ġesù li hu tant ħabb.



Nawgura dan kollu lil kull wieħed u waħda minnkom.


centre stage
FROM PAGE TO STAGE!
NOW IN LUQA
CONTACT US
m: 99897765
e: director.centrestage@gmail.com



Ir-Relikwija Insinji ta' Sant'Andrija Appostlu meqjuma ġewwa t-Tempju Andrean miġjuba minn Ruma tlett mitt sena ilu fl-1715

# STARTING POINT




A wide variety of domestic appliances including:

- Food processors, coffee and tea makers
- Kettles, toasters and irons
- Washing machines (automatic and twin-tub)
- Cookers, microwave ovens, pizza ovens, and B.B.Q.
- Refrigerators and freezers
- Televisions and video recorders/playbacks
- Hi-fi equipment and satellite receivers
- Vacuum cleaners
- Heaters, fans, dehumidifiers and airconditioners
- Pots, pans and cutlery sets
- Hair dryers, shavers, kitchen and bathroom scales and other household goods.

***St. Thomas Street, Luqa LQA 05. Tel/Fax: 2180 3017***



# Inkomplu nibnu fuq it-Tajjeb tal-Mexxejja tas-Soċjetà Filarmonika l-Unjoni

**John Schembri**
***Sindku***



Għal darb'oħra ġejt mistieden mis-Soċjetà Filarmonika l-Unjoni biex ngħaddi l-messaġġ tiegħi għal waqt iż-żmien tal-festa. Din is-sena kienet waħda ferm impenjattiva għax apparti li l-Kunsill Lokali kellu l-Elezzjonijiet, inawgura ukoll bosta proġetti ta' natura kapitali fosthom iċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill fi Triq il-Ġdida w l-ewwel fażi tal-Family Park, f'Ħal Farruġ. Huwa ta' unur għalija li għas-sitt darba konsekuttiva fl-elezzjonijet tal-Kunsilli Lokali erġajt ġejt elett Sindku biex imexxi l-Kunsill għal din il-leġislatura l-ġdida. Għal dan jien nixtieq nirringrazzja lir-residenti ta' Ħal Luqa u Ħal Farruġ tal-fiduċja assoluta li urew fija u nwiegħdhom kif dejjem għamilt li nkun ta' servizz għalihom. Qabel ngħaddi għall-messaġġ prinċipali nixtieq nirringrazzja lill-Ex-President tas-Soċjetà Dr. Noel Camilleri li għal dawn l-aħħar 14 il-sena okkupa l-kariga ta' President għall-Każin li matul dawn is-snin saru ħafna proġetti ta' fejda. Irrid nawgura ukoll lill-President il-ġdid is-Sur Joseph Piscopo biex ikompli jibni fuq il-passi tajbin u għaqlin li ħadu l-mexxeja ta' qablu. Nawgura wkoll il-Kumitat il-ġdid biex jiġbdu ħabel wieħed għal ġid ta' l-istess soċjetà.

Żmien il-festa ta' Sant'Andrija reġa magħna, fejn ir-residenti kollha japprezzaw dak li jkun qed jiġri ġewwa Ħal Luqa. Il-konkorrenza tar-residenti fl-attivitajiet tal-Parroċċa jixhed kemm dawn l-attivitajiet huma apprezatti. Matul is-sena niltaqa' maż-żewġ Soċjetajiet li jkunu diġà qed jaħdmu bla hedda sabiex fil-ġranet tal-festa jkollhom ix-xogħol lest. Il-festa li ngawdu aħna hija kważi sena xogħol u ħidma volontarja ta' ħafna u huwa dan l-isforz kollettiv u ddedikat li dawn il-volontiera joffru u jiddedikaw sabiex aħna nkunu nistgħu naraw nar u piroteknika mill-aqwa, nisimgħu marċi brijjużi, ngħixu fi żmien fejn it-toroq tagħna jkunu kollha animati u mżejna u jkollna knisja ferm isbaħ u majestuża meta tkun imżejna għall-festa. Barra din il-ħidma biex il-festa tar-raħal tagħna kull ma jmur tkompli tikber, is-Soċjetà Filarmonika l-Unjoni kisbet żewġ suċċessi fil-qasam tal-piroteknika fejn għamlet unur prestiġjuż lir-raħal tagħna. Kien f'dan il-kuntest li jiena bħala Sindku pproponejt li għal din is-sena iż-żewġ soċjetajiet mużikali għandhom jkunu rikonoxxuti b'mod uffiċċjali u jitniżżlu fil-lista ma dawk li għamlu isem għal Ħal Luqa. B'dan il-mod inkunu qed nuru bil-fatti u ninkoraġixxu lil dawk kollha li jaħdmu b'mod volontarju għall-ġid tal-kominita' Ħal Luqija.

colour


PAUL SCORFNA
FUNERAL SERVICE DAY AND NIGHT
95, ST. JOSEPH STREET, LUQA
INFO@SCORFNAGARAGE.COM
27223394/79912912
TWIEBET TA MALTA U TA BARRA,FJURI
REFFIHA,PERMESSI, KAROZZI TAL-MEJTIN
XANDIR FUQ IR-RADJU ,SANTI ,DEFFINA
U DAK KOLLU LI GHANDU X'JAQSMU
MAL-FUNERAL


Andrew's
Car Centre
FULL ACCIDENT REPAIRS
Andrew's Car Centre Ltd.
Qormi Rd. Luqa
LQA9044
andrewsgarageltd@gmail.com
99296311/21226311



2014 - Presepju Statiku rebbieħ tal-ewwel premju fil-Kompetizzjoni Nazzjonali

# Evergreen

## FRUIT & VEG

Miftuħ kuljum

mit-Tnejn sal-Ġimgħa
mis-7.00am -12.00pm u mill-4.00pm - 7.00pm

Is-Sibt
mis-7.00am - 12.00pm

*Ħaxix u frott frisk kuljum*

**Mob: 7957 7524 / 9940 3617**







Nagħlaq dal-messaġġ billi nuri l-apprezzament tiegħi lil kull min b'xi mod ta' sehemu sabiex għal darb'oħra jkollna festa mill-isbaħ ġewwa r-raħal tagħna. Festa li dejjem kienet l-għira ta' festi oħra. Nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li jiffrekwentaw il-Każin li bil-preżenza tagħhom jkomplu jżommu s-Soċjetà Filarmonika Unjoni ħajja u b'saħħitha. Viva Sant'Andrija!!!

**Il-Kumitat**
**tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni**
**jifraħ lil dawk kollha eletti**
**fil-Kunsill Lokali**
**u jawgura ħidma fejjieda**
**b'risq ir-raħal ta' Ħal Luqa**


*Flower Touch*



*Specializing in flower arrangements for all occasions, weddings and more.*

Inkun il-pjazza ta' Ħal-Luqa
kull nhar ta' Sibt.

Contact: Catherine
Tel: 2180 6800
Mob: 7980 6800


T.SPITERI
MINI READY-MIX
& MATERIAL TRANSPORT
Mob. 7906 3000
T.SPITERI













# *Ecce Homo*

Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa 2015

MAGRI AUTOCARE

Tel: 2189 7917 / 2180 9376
www.magriautocare.com



WE RESTORE THE APPEARANCE OF CAR INTERIORS & EXTERIORS TO SHOWROOM CONDITION.

- Interior shampoo and wash including seats, carpet, roof and dashboard
- Complete renovation including external polish, interior shampoo and wash throughout
- Car wash (by hand) and interior vacuum
- Polish and wax of the external paintwork, tyres and vinyl dressing of plastic components

Triq l–Ajruport, Luqa LQA 9023
Fax: 2189 7911 | Email: magridrs@vol.net.mt



# Messaġġ mid-Direttur Spiritwali

**P. Adrijanu J. Cachia OFM**



Parti fil-festa ta' Sant-Andrija?

Ftit ilu f'fuljetti li nippubblikaw tal-Isle Adam ktibt erba' kelmiet intitolati "Parti fis-Soċjetà fejn hu?" ma bsartx li kien ser iqajjem tant interess. Dan nafu mill-kummenti li għaddewli. Barra l-ħafna li qablu miegħi, kien hemm ukoll min ħa għalih. Però dan għalhekk isir ħalli nqajjem kuxjenza. Jekk ħaġa tolqtok personali mhux il-każ li wieħed jieħu għalih anzi jara jekk veru jrid ikun membru ħaj irid jara x'festa jagħmel.

F'kull soċjetà dejjem hemm ċerti kategoriji. Nibdew mill-kumitat. Aktarx ikunu dawk li ssibhom jidħlu għal ċertu responsabbilità. Wara kollox hemm ir-rabta u t-taħbil il-moħħ. Minn dawn ikollok xi wħud li sodda jkun jonqoshom il-każin. Ukoll irridu ngħidu li għalkemm joħorġu għal-kumitat però ftit li xejn jagħtu kontribut. Issa jkollok dawk li minkejja ma jkunux fil-kumitat imma ssibhom dejjem. Dan speċjalment f'xi inizjattiva l-aktar meta toqrob il-festa. Hemm dawk ukoll li jekk tiġri warajhom issibhom. Għal kuntrarju jkollok dawk li jikkritikaw ħafna. Jingħad ħafna diskors li ma jkunx kostruttiv. Il-kelma waħidha ma tiswa xejn. Dan ngħidu jien anke fuq il-Kelma t'Alla. Waħedha ma tagħmel xejn. Ngħid dan għax ħafna jaħsbu li wieħed jekk irid iġib il-Paċi biżżejjed jitlob l'Alla għaliha. Imma Alla ma jaħdimx hekk. Irid jara l-ħidma ta' min jitlob ċioè magħquda mal-ħidma. Dan li qed ngħid li ma hinix qed nipponta sebgħi fuq xi ħadd jew uħud jew għal xi sitwazzjoni li għaddeiet minnhom is-Soċjetà. Jiena nemmen li jekk trid is-sitwazzjoni tkun aħjar hemm bżonn inqas kliem u iżjed ħidma. Jiena ma ruħu noqgħod ngħolli l-veritajiet tal-qaddisin imma pjuttost li għamluli jagħmel sens fil-ħidma tiegħi b'risq dak li wkoll u nċapċpulu. F'dan il-kuntest anke jekk huwa diskors immirat lis-Soċjetà imma ma ninsewx li l-festa tibda fil-knisja u tispiċċa fil-festa. L-attendenza għal funzjonijiet hija mportanti.

Ejjew nagħmlu kuraġġ. Inxammru l-kmiem. Din il-festa tagħna din il-festa vera ta' Sant'Andrija.

Il-festa t-tajba u Barka lil kulħadd.


FREEZE
YOUR FAT AWAY
Cryo Lipo Fat Freezing
The cool new way
to eliminate stubborn fat
Cryo Lipo Fat freezing is the latest technology in slimming and it uses the power of very cold temperatures to eliminate pockets of unwanted fat from the flanks and abdomen
SAY "GOODBYE" TO BULGES
SPECIAL
INTRODUCTORY OFFER
PACKAGES
LIPO CAVITATION
Body contouring
but without the pain & high cost of traditional Liposuction
• Lipo Cavitation Fat Removal
• Radio Frequency Skin Tightening
• Cellulite Removal
FAT REDUCTION
SKIN TIGHTENING
CELLULITE
Radio frequency facials
Beauty Elegance
31, Ġorġ Zahra Street, Luqa
Tel: 2721 0808
Find us on: facebook
Pearl
Ana's Creations
Mob: 7927 1058



# International Forwarders



*We offer*

- European Car Transport
- Weekly Groupage from Italy
- Daily Groupage from Sicily
- Dry/Chilled/Frozen Transport
- Full/Part Loads Available

**Tel: +356 2339 2250 | +356 79797045**

**svella@fahrenheit.com.mt**


MuXi
• Adults' & Children's Clothing
• Underwear • Accessories
Ġużeppi Ellul Street, Luqa
Tel: 21 891 790



# Inkomplu Nkattru t-Tagħlim Mużikali

## *Ħidmet il-Kummissjoni Banda*

**Norbert Camilleri**
***Assistent Surmast***



Kif jista' wieħed jgħid li jattendi xi għaqda mużikali meta bandisti tal-post m'hemmx jew jekk hemm, tgħoddom fuq subgħajk? Għal grazzja t'Alla dan ma jistax jingħad għal għaqda mużikali tagħna fejn għandna numru sabiħ ta' bandisti tal-post. Għalhekk huwa mportanti ferm, li nkomplu nkattru it-tagħlim mużikali lit-tfal u z-żgħażagħ tagħna, liema tagħlim ġewwa s-Soċjetà tagħna, jkompli għaddej matul s-sena kollha.

Din is-sena minbarra it-tagħlim tal-istrument introduċejna t-tagħlim tat-teorija tal-mużika lil alievi tagħna. Dan it-tagħlim qiegħed jsir kull nhar ta' Sibt għal dawk l-alievi li ma jattendux diġà taħriġ tat-teorija privatament għand għalliema oħra barra il-każin. It-tagħlim tat-teorija qiegħed isir b'mod strutturat u huwa bbazat fuq is-sillabu tal-Grade 1. Huwa il-ħsieb tiegħi flimkien ma tal-għalliema l-oħra li dawk l-alievi li urew interess u komplew is-sillabu imsemmi nresquhom għal-eżami tat-teorija.

Bl-għajnuna ta' Aġenzija Żgħażagħ ġibna fondi biex din is-sena xtrajna pjanu diġitali fejn ser jkun qed jintuża proprju fit-tagħlim tal-mużika. Apparti minn hekk permezz tal-pjanu nkunu nistgħu nakkumpanjaw l-istudenti tagħna f'okkażjonijiet diversi bħal serati li l-għaqda torganizza matul is-sena. Proġett kbir li bħalissa għaddej ix-xogħol fuqu hu dak tas-sala tal-kuncerti fejn sar xogħol estensiv ta' ristrutturar. B'hekk is-sala tkun verament sala li wieħed jista' juża kemm għal-kuncerti kif ukoll biex jiġu irrekordjati Marċi. Dan jirrikjedi li s-sala tkun '*soundproof*' biex waqt ir-recording ma jkunx hemm ħsejjes li jippenettraw minn barra għal ġewwa.

Apparti minn hekk hemm il-ħsieb li din is-sala tkun tista' tintuża għat-tagħlim tal-mużika. Proprju din is-sena erġajna tlabna għal-fondi mill-Aġenzija Żgħażagħ fejn qed nipproponu li l-fondi jintużaw fost affarijiet oħra biex jinxtara *projector*. Forsi għal xi uħud l-għan ewlieni ta' *projector* hu li tara il-films. Però għal fini ta' edukazzjoni dan l-apparat għandu użu imprezzabli. Jista' jintuża sabiex nagħmlu preżentazzjonijiet relatati mal-mużika kif ukoll nistgħu nipproġettaw il-mużika miktuba permezz tas-*software* li hu ġa mixtri-*Sibelius*.

Din is-sena kienet sena oħra ta' impenn għalina l-għalliema, fejn apparti it-tagħlim tas-soltu ridna wkoll ngħalmu lil alievi tagħna sett ta' marċi funebri. Ma nistax ma


Executive
transport
Cooperative Ltd
Selection of Wedding Cars
Chauffeur Driven Cars
Airport Transfers / Mini Bus service
Vintage Buses / Towing Services
Traditional Maltese Boats
Karozzin for Wedding
Insurance Intermidiaries
Road Licence Renewals
Always there to offer a package to suite YOUR needs !!!
Tel:-21221572 Mob:- 79426332
e-mail:-exectran@go.net.mt
Find us on facebook:-Executive Transport
26,Binja tal-Gvern Triq il-Gdida Hal-Luqa


KG Events
Email : gattkatia@gmail.com
Web: www.kgeventsandco.com
Mob. +356 776 189 05
Wedding Planners and Event Organisers, Malta
Wedding Planners and Event Organisers in Malta do not come anymore meticulous in organisation, care and creativity than KG Events. Founded by Katia Gatt, who has dedicated her time and experience to planning many special days. The synchronisation of all sectors involved plays a crucial part to the success of memorable events, and Katia ensures that it is reflected on the day of the event.

DMS
IMPORT EXPORT

D.M.S. Import / Export Co. Ltd.

Fresh & Frozen Foods Importers / Manufacturers / Distributors

Patri Pelagju Str., Zebbug ZBG 3037, Malta
E.mail: dms@global.net.mt
Tel: (+356) 21 466 288 • Mob: 9944 2026
Fax: (+356) 21 464 974


Rons
Restaurant
54
Xatt is-Sajjieda
Marsaxlokk
Telephone
2165 9382
www.rons-restaurant.com
Godfrey Zammit
Owner
Mobile
9947 1223
Specialising in
Fresh Fish
Restaurant
HSBC

nfaħħarx is-surmast tagħna John D. Zammit għall-inizjattiva li ħa sabiex dawn it-tfal jitgħallmu jdoqqu dawn il-marċi. Nista' ngħid li ħafna mit-tfal ħadu din l-isfida bis-serjetà u jidher ċar li tgħallmu ħafna min din l-esperjenza.

Dawn il-marċi eventwalment daqqewhom flimkien mal-banda tagħna f'Ħadd il-Palm u kull min kien preżenti setgħa jara b'għajnejh u jisma' b'widnejh il-kisbiet ta' dawn it-tfal.

Nixtieq nieħu l-opportunità sabiex nifraħ lil dawk l-alievi li issa sabu posthom fil-banda tagħna. Dawn huma Frederick u Joelant Aquilina flimkien ma' Dylienne Attard u Mariah Ciappara.

Ma nistax ma nsemmix u ma nifraħx lill-President il-ġdid tas-Soċjetà tagħna s-Sur Joseph Piscopo u nħares il-quddiem sabiex naħdem miegħu flimkien mal-kumitat tas-soċjetà għall-għan ewlieni jiġifieri dak li nkomplu nsaħħu 'il-Banda ta' dan il-Każin'.

Nawgura il-festa t-tajba lill-Ħalluqin kollha.




Phone Booth
Mobile & Hi-Fi Center Tel : 21820878
Mob: 79706821 79057161. 38, St Andrew Str' Luqa
Iphone 5
Samsung Galaxy S3
Nokia Lumia
Digital Cameras
Laptops
LED & 3D Televisions
Find us on facebook
Home Cinema
Hi-Fi
Tablets
3D


**Il-Bar tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni**
miftuħin kuljum mit-Tnejn sal-Ħadd.
Joffri drinks b'appetizers ġenwini f'atmosfera bejn il-ħbieb.
Isiru wkoll ikliet, fenkati u laħam taż-żiemel.
**Matthew u Christabel**
*jawguraw il-Festa t-Tajba lil kulħadd.*


GORI
BUTCHER
Jispeċjalizza fil bejgħ ta :
Ċanga Friska
Majjal
Laħam Tal - Friża
ZALZETT Frisk Malti
15A, triq Santa Marija,
Ħal Luqa 21678484
GORI
BUTCHER


VISION 2000
SCULPTING GEL
NOW AVAILABLE IN TWO SIZES;
200ML IN A TUBE
AND THE ORIGINAL
500ML JAR
Available only from hair salons.
If you own a hair salon and wish to stock
Vision 2000 sculpting gel, please call Ray on
21665882 / 99407462
FOR IMMEDIATE DELIVERY!
Vision
2000
SALON PROFESSIONAL
SCULPTING
GEL



Dione Mini Bus Service
Tel: 99429127




G. DARMANIN SERVICE STATION
Valletta Road, Luqa. Tel: 21/2766 7109
NEW TYRES AND PUNCTURE REPAIRS
OILS, SERVICE PARTS & CAR CARE PRODUCTS
SISTEMA AWTOMATIKA
24 SIEGHA SERVIZZ


Bandisti Ġodda mal-Filarmonika L-Unjoni
**Fuq wara mix-xellug: Joelant Aquilina** *(Bb Trumpet) u* **Frederick Aquilina** *(Euphonium)*
**Fuq quddiem mix-xellug: Dyleanne Attard** *(Eb Clarinet),* **Mro Norbert Camilleri** *(Ass. Surmast),*
**Mro John D. Zammit** *(Surmast),* **Victor Borg** *(Għalliem) u* **Mariah Ciappara** *(Bb Clarinet)*


Malcolm
Mifsud
Funeral Service 24 Hr
Coffin Makers & Importers
37, Bird of Paradise
Triq Ċensu Decadia, Luqa
Tel: 2782 29705
Mob: 9987 4970


LUQA ST.ANDREW'S FC
YOUTH NURSERY
LUQA ST.ANDREW'S F.C.
Youth Nursery
ISSIEHEB ISSA
ĊEMPEL 9980 9443
WWW.LUQASTANDREWSFC.ORG
FACE BOOK PAGE: LUQA SAINT ANDREWS FOOTBALL NURSERY


Andrew Vassallo Ltd
GENERAL TRADING
TEL: 21692917 MOB: 79494438
www.andrewvassallo.com
Specialising In:
Liquid Membrane
Skylights
Raised Flooring
Water Gutters
Manhole Covers
Street Furniture
Expanding Joints
All Types Of Staircases
Permanent Cold Asphalt
And Much More...
Raised Flooring
Skylights
Stair Cases
Gutters
Floor Drains
Manhole Covers
Glass Doors


LOUIS DARMANIN
CCTV SYSTEMS
INTRUDER ALARMS
FIRE ALARMS
AIR CONDITIONING
ELECTRICAL & MECHANICAL
DAR
SERVICES
info@darservicesmalta.com
www.darservicesmalta.com
+356 7900 3388
+356 2166 8022







# Ħidma fuq il-Pedestall tal-Martirju









# Naħsdu l-Frott ta' Ħidmietna

## *Rapport Amministrattiv tas-Sezzjoni Armar*

**Neil Zammit**

Il-festa ġġib magħha kull xorta ta' ħidma. Ħidma li tkun mifruxa fuq tnax-il xahar u li jinħasad il-frott tagħha propju f'dawn il-jiem meta l-parruċċani u dawk kolla li jiġu jżuru r-raħal jammiraw mill-viċin dak kollu li jkun sar minn sena għall-oħra, waqt li lkoll ikollhom kliem ta' tifħir għall-mod mill-aktar organizzat kif tiġi kkordinata l-festa ad unur il-kbir Appostlu Sant'Andrija, patrun ta' Ħal Luqa u s-Soċjetà L-Unjoni.

Is-Sezzjoni Armar fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni hija dik l-entità involuta direttament fl-armar kollu marbut mal-festa titulari. Kulħadd jaf li l-armar tas-Soċjetà tagħna huwa wieħed mill-isbaħ li nsibu fil-gżejjer Maltin, grazzi għall-membri ħabrieka li dejjem ħadu ħsieb ikabbru l-festa u d-devozzjoni lejn Sant'Andrija.

Bħal kull sena, qed jinkitbu dawn il-kelmtejn f'din il-pubblikazjoni, biex nagħtu rendikont tal-ħidma mwettqa mill-membri tas-Sezzjoni Armar matul l-2014 u l-2015. Tajjeb insemmu li matul is-sena inżammu numru ta' seduti fejn matulhom iddiskutejna bil-galbu x-xogħol li għandu jsir, kemm min-naħa ta' manutenzjoni fuq l-armar eżistenti, kif ukoll fuq il-proġetti l-ġodda li bdew matul dawn l-aħħar xhur.

Iżda qabel ma nagħtu aktar dettal dwar il-ħidma tagħna matul is-sena, ikun tassew xieraq u f'waqtu li f'isem is-Sezzjoni Armar nifraħ u nawgura lil tnejn minn sħabna li llum qed jokkupaw kariga uffiċjali fi ħdan il-Kumitat Ċentrali tas-Soċjetà tagħna. Qed nirreferi għas-sur Joseph Piscopo li llum qed iservi bħala President tas-Soċjetà kif ukoll għas-sur Clifford Micallef li qed iservi bħala Teżorier tal-imsemmija Soċjetà. Tassew kburin bikom ... awguri mill-qalb. Is-Sezzjoni Armar kburija wkoll li qed tkun ta' għajnuna għas-Soċjetà u l-Banda tagħna billi l-maġġoranza tal-membri fi ħdanha llum qed iservu fil-Kumitat Ċentrali, u dan jawgura futur sabiħ għall-istess Soċjetà u l-festa ta' Sant'Andrija Appostlu. Awguri lil kulħadd.

**Triq Sant'Andrija**

Matul din is-sena tkompla x-xogħol fuq l-irjus tal-bandalori biex dawn jiġu ndurati. Tkompliet ukoll l-induratura tal-kavallieri għal fuq l-antarjoli ta' Triq Sant'Andrija. Dan ix-xogħol sar minn Clifford Micallef. Nirringrazzjawh mill-qalb tax-xogħol li qed jagħmel.

sensaramalta

*"Keeping it affordable and in its realistic market value."*

# Properties Wanted

1, Sensara Malta,
Żurrieq Road,
Ħal Safi

**www.sensaramalta.com**

**t:** (+356) 2164 9500
**m:** (+356) 9998 6779
**e:** info@sensaramalta.com

Find us on: facebook Sensara Malta

**Facebook Groups:**

- *Sensara - Exclusively North* • *Sensara - Exclusively South* • *Sensara - Exclusively Central*
- *Sensara - Exclusively Gozo* • *Sensara - Exclusively Sicily* • *Sensara - Exclusively Letting*
- *Sensara - Exclusively Holiday*

## BUONA PESCA TRADING & TUBERTINI MALTA

ARE YOUR SUPPLY HOUSE FOR FISHING TACKLE AND FOR THE BEST PRICES AND AFTER SALES SERVICE.
FOR MORE INFO VISIT OUR OUTLET ON WEDNESDAY AND FRIDAY FROM 15:00 TILL 18:00
IN ATTARD OR CALL NOBERT ON 9942 2079




TUBERTINI HIGH QUALITY · Berkley Catch More Fish. · PENN · okuma HIGH PERFORMANCE · MITCHELL · Shakespeare SINCE 1897 · Strike Pro Casting into the future




*Il-Knisja Parrokkjali mżejna kif jixraq fil-jiem tal-Festa Titulari*



**San Ġwann il-Battista**

Is-sena li għaddiet konna ħabbarna li l-istatwa ta' San Ġwann bil-pedestall tagħha kienet se tintrama għall-ewwel darba quddiem il-każin. Fil-fatt hekk ġara u llum nistgħu ngħidu li kienet deċiżżjoni tajba biex din l-opra tista' titgawda aktar. Il-ħsieb issa hu li fis-snin li ġejjin isir restawr tal-pilandri antiki li kienu jintramaw mal-pedestall u jinħadmu par brazzi ġodda biex b'hekk jagħtu dehra isbaħ quddiem il-każin.

**Restawr tal-Anġli tal-Pjazza**

Matul is-sena sar ukoll xogħol ta' restawr fuq l-induratura tal-anġli tal-pjazza, kif ukoll xi irtokki fiż-żebgħa li kien hemm bżonn minħabba ħsarat żgħar. Dan sar kollu minn Clifford Micallef u Andrew Aquilina.

**Proġett tal-Martirju ta' Sant'Andrija**



Bdejt din il-kitba bil-frażi 'naħsdu l-frott ta' ħidmietna'. U propju din is-sena, jekk il-Bambin jippermetti, se nkunu qed ninawguraw dan il-proġett. Kienet biss ħolma li bdiet kważi erba' snin ilu. Qatt ma konna nobsru li se naslu s'hawn. Grazzi għall-għajnuna kbira li dejjem sibna mill-membri u għall-ġenerożità tagħhom. Li kieku ma sibniex inkoraġġiment ma konniex inkomplu bil-ħidma tagħna. Ostakli sibna wkoll, iżda qatt ma qtajna qalbna għax konna nafu li xi darba jew oħra, dawk li qalulna li ma konniex nafu x'qed nagħmlu kienu se jiġu magħna u jgħinuna wkoll!

Dan il-proġett kien maqsum fi tliet fażijiet - il-pedestall, id-dekorazzjoni tiegħu u l-istatwa tal-martirju. Ix-xogħol fl-injam ġie fdat f'idejn Joe Aquilina, li minn hawn nixtieq ngħidlu grazzi u prosit minn qalbi tax-xogħol kbir li wettaq fuq dan il-pedestall monumentali. Huwa ħa ħsieb iħożż id-disinn u ħadem id f'id ma' Henry Camilleri u membri tas-Sezzjoni Armar biex setgħu joħorġu b'dan ir-riżultat finali. M'hemmx dubju li dan ix-xogħol sar mill-qalb b'risq is-Soċjetà tagħna u għall-imħabba ta' Sant'Andrija.

Ix-xogħol ta' skultura kienet fdata f'idejn Henry Camilleri. Sar ħafna xogħol f'dan ir-rigward ukoll bl-għajnuna ta' Joe Aquilina u Twanny Ellul. Nirringrazzjahom mill-qalb. Membri oħra tas-Sezzjoni Armar ħadu ħsieb ix-xogħol ta' xkatlar u żebgħa taħt is-superviżjoni ta' Andrew Aquilina. Fost dawn kien hemm Frederick u Joelant Aquilina, Ġanni Formosa, Neil Zammit u oħrajn. Grazzi lil kulħadd.

Sakemm qed jinkiteb dan l-artiklu, ix-xogħol fl-injam kien wasal fl-aħħar fażijiet tiegħu waqt li l-iskultura kienet miexja b'rittmu tajjeb ħafna. Minkejja li mhux se jkun lest mid-dekorazzjoni kollha, xorta waħda se jinħareġ biex il-membri u l-partitarji ikunu jistgħu jammiraw ix-xogħol kbir li fih dan il-pedestall. Minkejja dan iżda, se jkollna wkoll xi skultura lesta minn kollox indurata b'deheb ta' 23.5 karat. Dan ix-xogħol

qed isir minn Clifford Micallef u ta' dan nirringrazzjawh ukoll mill-qalb. Wara l-festa mbagħad jitkompla x-xogħol li fadal u jiġi irħamat il-pedestall u tindura ruħa l-iskultura li jkun fadal.



F'dak li jirrigwardja l-istatwa, is-Sezzjoni Armar kellha ftehim mal-artisti Alfred u Aaron Camilleri Cauchi biex din titlesta għal festa ta' din is-sena, wara li s-sena l-oħra kienu tawna biss lil Sant'Andrija. Nittamaw li din id-darba din issir realtà u jkollna fostna din l-opra tal-arti biex tiżżanżan nhar l-Aħħar Tridu.

Ma nistgħux ma nirringrazzjawx lil dawk kollha li kienu ta' għajnuna u nkoraġġiment biex stajna naslu sa hawn. Grazzi lill-membri kollha tas-Sezzjoni Armar, lill-benefatturi kollha u lil dawk li emmnu fina biex stajna nimxu 'l quddiem b'din il-ħolma minn tagħna. Grazzi lil Raymond Penza, Andrew Aquilina, Andrew Micallef, Marie Psaila tal-għajnuna tagħhom biex setgħu jinġabru ħafna mill-fondi. Grazzi wkoll tmur lil John Zarb talli dejjem għena fl-ikliet organizzati b'risq dan il-proġett. Għad fadlilna l-aħħar xogħol xi jsir, u għalhekk bħas-soltu, is-Sezzjoni Armar għal darb'oħra qed tilqa' donazzjonijiet b'risq dan il-proġett biex jitħallas kollox. Mill-ġdid nappellaw għall-ġenerożità tagħkom is-soċi u l-partitarji, biex tgħinuna finanzjarjament. Kull min huwa nteressat li jagħti l-offerta tiegħu ġentilment mitlub javviċina lil xi membru tal-kumitat tas-Sezzjoni Armar. Kull donazzjoni hija apprezzata mill-qalb.

**Għeluq**

Is-Sezzjoni Armar trodd ħajr lill-benefatturi kollha li matul is-sena jagħtu l-għajnuna finanzjarja tagħhom b'risq l-armar tal-festa titulari. Grazzi speċjali tmur lil Lawrence Cassar għas-sostenn u l-għajnuna minn naħa tiegħu, kif ukoll lil Tano Spiteri, Shawn u Floyd Cassar għall-għajnuna tagħhom fil-jiem tal-festa u wara. Grazzi wkoll lil membri kollha tal-kumitat tas-Sezzjoni Armar, li lkoll ħdimna id f'id matul din l-aħħar sena, kif ukoll lil dawk kollha li jiġu jgħinuna waqt l-armar u ż-żarmar għal żmien il-festa.

Nittamaw li kollox jiġi b'wiċċ il-ġid u naraw din l-opra kbira!

**Viva Sant' Andrija Appostlu**

**Viva s-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni**



*Sant'Andrija Appostlu,*
*xogħol il-Kav. Alfred Camilleri Cauchi*
*(1985)*



# Inkomplu l-Ħidma Tagħna bil-Galbu

## *Rapport Amministrattiv tas-Sezzjoni Nar*

**Joe Aquilina**
*Licencee*

Għal sena oħra ser inwasslilkom dawn l-erbgħa kelmet b'konnesjoni mal-ħidma tagħna kemm fejn jidħol nar kif ukoll bħala kontinwazzjoni ta' ħidma fejn għandu x'jaqsam il-post il-ġdid fejn ser jibda jinħażen in-nar. Rigward nar nista' ngħid illi bħala festa is-sena l-oħra tellajna wirja ta' nar għal matul il-ġimgħa tal-festa u kienu gawdew minn ħafna nies illi ġew iżuruna fil-jiem tal-festa. Għal din is-sena minkejja illi dejjem tipprova żżomm il-bilanċ fejn jidħlu finanzi, peress li dejjem inżommu f'moħħna l-proġett tal-maħżen, ser noffru ġimgħa xogħol pirotekniku mill-aqwa però dejjem fil-moderazzjoni. Fejn jidħol nar tal-art din is-sena jmiss lilna. Ser inżanżnu mill-inqas 4 biċċiet ġodda kif ukoll fl-aħħar tal-wirja ser intellgħu 13 il-minuta wirja bħala tapit bis-sistema *fire one* amalgamat ma' mużika tal-grupp *Pink Floyd*. Nistieden lil kulħadd iżur ir-raħal tagħna fil-jiem tal-festa ħalli jitpaxxa b'dan ix-xogħol pirotekniku.





Nixtieq nagħlaq bħas-soltu billi nappella għal-għajnuna finanzjarja. Il-proġett tal-maħżen ser jiswa ħafna flus. Bħalissa ninsabu applikati mal-MEPA u ninsabu f'fażi li joħroġ il-permess biex inkunu nistgħu nibnu dan il-maħżen.

Fl-aħħar u mhux l-anqas nirringrazzja lill-familjari tagħna li jagħmlu sena sħiħa jieħdu paċenzja bina. Grazzi lill kulħadd.

Nawgura l-festa t-tajba.


Statwi replika tal-Anġlu
Għall-bejgħ mill-każin
Prezz - Eur120
Kull min hu nteressat
mitlub ikellem lil xi
membru
tas-Sezzjoni Armar


For Your Wedding Day
The Man You Need
Massimo Cassar
Organizer
Mob: 9986 1230
Email: max_c@onvol.net



# Messaġġ mis-Sezzjoni Nisa

Għeżież Ħal Luqin,

Għaddiet sena oħra u reġgħet waslet festa oħra tal-Padrun tar-raħal tagħna l-Appostlu Sant'Andrija. L-ewwel nett nixtiequ nirringrazzjaw lil Dr. Noel Camilleri tal-ħidma li ta' lis-soċjetà tul dawn l-aħħar snin bħala president. Filwaqt li nawguraw kull suċċess lil kumitat li ġie maħtur aktar kmieni din is-sena, u mod speċjali lil Dr. Joseph Piscopo bħala president, li bħala kumitat ta' nisa ħa naħdmu mal-kumitat fi ħdan is-soċjetà li tant hi għal qalbna.

Bħala sezzjoni nisa jsir xogħol tul is-sena kollha. Il-*coffee mornings* li jsiru kull xahar ma jiqfu qatt. Fiż-żmien il-Milied sar il-party tat-tfal. Bħala proġett li qed naħdmu għalih bħalissa hu li jsir it-taraġ tal-irħam ġewwa l-każin u x-xogħol daqt jibda fiż-żmien qarib. Għalhekk nixtiequ nirringrazzjaw lil Partitarji nisa li jattendu għal attivitajiet li jsiru għax bl-għajnuna tagħhom jinġabru fondi.

Proset lil għaqda tan-nar tax-xogħol tal-logħob tan-nar tal-art li ħarqu ġewwa Buġibba li paxxew lil min kien hemm.

F'isem is-Sezzjoni nisa ajklieri nixtiequ l-festa t-tajba lil Ħal Luqin kollha u ngħatu qima kif jixraq lil Padrun ta' Ħal Luqin.



Viva Sant'Andrija l-Ewwel Appostlu.
Viva tal-Ajkla.

# TIME TO WATERPROOF YOUR HOME & FIX YOUR PROBLEMS WITH MOULD?



**Add value to your home:**

- Waterproofing Membrane for Residential & Industrial Projects
- Effective & Safe Waterproofing material
- Maintenance Of Old Waterproofing Membrane
- Damp Proofing (Appoġġ)
- Best Quality Material Used with an Advanced Technology ISO 9001
- Competitive Pricing & Professional Services
- Easy Payment Terms

**10 Years Guarantee**

**EXPERTS**
**IN**
**WATERPROOFING**
**MEMBRANE**



**Add VALUE to your home**
***Our Customers Are Our Best Sales People***



www.kendawaterproofing.com
email: kwaterproofing@melita.com

KENDA LTD
SOLVES THE PROBLEM

74, Triq Pawlu Magri,
Luqa LQA 1472

***CALL NOW FOR A FREE ESTIMATE ON 7972 9967 / 9987 9221***



# Ħidmet is-Sezzjoni Żgħażagħ

**Josef Scicluna**

Għaddiet sena oħra bħal leħħa ta' berqa u reġgħet waslet il-festa, li bħal kull sena s-sezzjoni żgħażagħ tkun qed tinstenna biex torganizza l-briju tal-marċi u tagħti sehem tagħha lil kumitat ċentrali u lis-sezzjonijiet oħra.

F'dawn it-tmintax il-sena li ilha mwaqqfa s-sezzjoni żgħażagħ nistgħu ngħidu li konna dejjem ta' ġid għar-raħal u llum il-ġurnata qed naħsdu dak li żrajna fil-passat. Minn hawn nixtieq insellem lil-mebru li kien fis-sezzjoni żgħażagħ fil-bidu tagħha, li llum il-ġurnata sar il-president tas-Soċjetà, lis-sur Joseph Piscopo. Nixtiqulu kull suċċess u snin twal ta' tmexxija.

Wara l-unur doppju li għal darba u darbtejn irnexxilna nġibu grazzi għal għaqda tannar is-sena li għaddiet, din is-sena wasal unur ieħor fil-festi tal-Milied grazzi għal Sandro Farrugia li kiseb l-ewwel post fil-kompetizzjoni nazzjonali tal-presepji.



Nixtieq nagħlaq biex inħeġġeġ iktar żgħażagħ jingħaqdu fil-ħidma ta' matul is-sena biex inkomplu nkabbru numru sabiħ li għandna. Minn hawn ngħid grazzi lil partitarji kollha li kull ħin insibhom ta' spalla u lil Ħal Luqin kollha li ta' kull sena jattendu għal festi li norganizzaw għal unur il-patrun tagħna Sant'Andrija.

Grazzi għal darba u darbtejn.



JA James Agius Woodworks Ltd

28, Industrial Estate, Luqa LQA 3000 Malta
**Tel:** +356 2124 4445, +356 2740 6777
**Fax:** +356 2740 6777 | **Mob:** +356 7936 9176
**Email:** info@jagiuswoodworks.com
www.jagiuswoodworks.com

Made to Measure:
Kitchens • Staircases • Wallunits • Bedrooms • Bathroom Units
Doors • Loose Furniture • Banisters • Balconies etc





# Radju Sant’Andrija 88.4FM

Radju Sant Andrija, stazzjon li matul dawn l-aħħar ftit snin kiber u sar aktar imfittex fi żminijiet ta’ Festa kemm matul Ġunju u Lulju kif ukoll matul il-Festa Liturġika F’ Novembru. L-għan tagħna li barra nżommu kumpanija lil dawk kollha li jkunu qiegħdin isegwu it-trażmissjonijiet tagħna huwa li nwasllu l-messaġġ ta’ Soċjetà Unjoni u fuq kollox nwasslu programmi nformattivi u edukattivi kemm fuq is-Soċjetà kif ukoll fuq r-raħal ta’ Ħal Luqa inġenerali.

Dan l-għan se nkomplu insaħħuh fl-iskeda ta’ din s-sena fejn ukoll ser nisimgħu preżentaturi ġodda jingħaqdu ma dan it-tim sabiex nkomplu nkabbru u nkunu nistgħu nwasslu aktar programmi interessanti. Minn hawn inħeġġu lil kulħadd sabiex isegwi dan l-istazzjon u jiehu sehem waqt il-programmi li jkunu qegħdin nwasslu. Għal aktar informazzjoni wieħed jista jżur is-sit www.unionbandmalta.org jew il-paġna ta’ Facebook https://www.facebook.com/radju.santandrija

Radju 88.4 FM STEREO
Sant’Andrija




# BORG BROS.

## Furniture Transport

Borg Bros.
Triq id-Demnuq, Siġġiewi




Tel: 2146 6664
Mob: 9947 5010
borgbros@gmail.com



# Is-Soċjetà L-Unjoni madwar id-dinja...

**Kevin Camilleri**
***Webmaster***




Għaddiet sena oħra u reġa' wasal żmien il-festa - żmien fejn il-preparamenti li jkunu ilhom għaddejjin sena jilħqu l-qofol tagħhom. Bħal kull sena, nagħmlu l-almu tagħna kollu sabiex inżommu s-sit elettroniku tagħna aġġornat b'dak kollu li jkun għaddej fis-Soċjetà tagħna. Tajjeb insemmu li, minbarra l-website u l-paġna uffiċjali tas-Soċjetà fuq facebook, għadna wkoll grupp fuq facebook fejn minn hawn pubblikament nistieden lil kull min għandu għal qalbu s-Soċjetà tagħna, jingħaqqad magħna. Ċertament għan prinċipali huwa sabiex is-Soċjetà tagħna żżomm ruħha ħajja b'kuntatt kontinwu man-nies.

Din is-sena ħsibna wkoll sabiex nindirizzaw id-dilettanti tal-logħob tan-nar u għalhekk ħloqna paġna fuq facebook speċifikament għas-sezzjoni tan-nar. Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lis-Sur Roderick Bajada tal-kontribuzzjoni kontinwa tiegħu f'dan il-qasam.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nirringrazzja lil kull min joffri materjal bħal ritratti u videos sabiex inkunu nistgħu naqsmuhom mal-membri fuq il-paġna tagħna ta' facebook. Nħeġġeġ lil kulħadd sabiex jingħaqqad magħna u nieħu din l-opportunità sabiex nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd!

Website - www.unionbandmalta.org
Facebook Main Page - https://www.facebook.com/unjoni
Facebook Union Philarmonic Society Luqa - https://www.facebook.com/groups/176228260579/
Facebook St. Andrews Fireworks - L-Unjoni, Luqa Malta - https://www.facebook.com/standrewpyro




## secure and easy shopping and dining when you're abroad




Whether you are travelling for business or for pleasure, use your BOV Card when shopping and dining abroad.

*Your success is our goal.*

**BOV CARDS**

Terms and conditions apply.

**2131 2020 | bov.com**

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, il-Belt Valletta VLT 1130

BOV
Bank of Valletta



# Il-Patrun li jgħaqqadna u mhux li jifridna

**Wisq Rev. Dun Charles Cini**
*Viċi Parroku*

Sant'Andrija u l-festa f'ġieħ il-patrun tagħna reġaw magħna. Fiż-żmien tal-festa niftakru aktar dwar il-qaddis tar-raħal tagħna u bir-raġun nagħmlu ħilitna kollha biex l-festa tkun waħda sabiħa u ta' suċċess. Iżda jista' jkun li mhux kulħadd jaħseb li Sant'Andija huwa l-qaddis li lilna jista' jfakkarna fl-għaqda ta' bejnietna.

Jekk noqgħodu naraw ftit il-ħajja ta' dan il-qaddis, nsibu li Sant'Andrija kien dak l-Appostlu li għaqqad lil ħuħ Pietru ma Ġesù, meta b' konvinzjoni mar jgħid lil ħuħ "sibna l-Messija", imbagħad għaddew il-lejl kollu ma Ġesù. Aktar tard Sant'Andrija kien ukoll strumentali biex dik il-ġemgħa kbira li kienet bil-ġuħ ma telqitx biex tmur issib x' tiekol, iżda kien Indrì, l-patrun tagħna, li ppresenta lil Ġesù t-tfajjel li kellu biss ħames ħobżiet u żewġ ħutiet. B'hekk permezz tal-miraklu li għamel Ġesù din l-ġemgħa baqgħet flimkien għaliex kollha kielu kemm kellhom bżonn u ma kienx hemm bżonn li jitilqu.

Sant'Andrija għadu strumentali għall-għaqda anke fi żminijietna ukoll. Fil-fatt iż-żewġ kapijiet tal-żewġ knejjes tal-lvant u l-punent għażlu t-tletin ta' Novembru tal-elfen u erbatax biex jiltaqgħu u jersqu aktar viċin għal għaqda sħiħa fost il-Knejjes dik Ortodossa u dik Kattolika. Fir-raħal tagħna, kienet ukoll it-tletin ta' Novembru li għadda meta b' ġest mill-isbaħ iż-żewġ soċjetajiet mużikali tagħna ħadmu flimkien biex stajna naraw wirja mill-isbaħ tal-karozzi.

Mela hija ovvja li meta aħna qegħdin nifirħu bil-Patrun tagħna f' dawn il-ġranet ta' festa, irridu nkunu aħna l-Ħal Luqin li nħallu dan il-qaddis jgħaqqadna flimkien. B' għaqda ta' bejnietna nkunu nistgħu ngħidu bħal Sant'Andrija "Sibna l-Messija" għaliex fejn hemm l-għaqda hemm il-presenza ta' Alla. Iżda jekk din l-għaqda ma tkunx teżisti żgur mhux ser jkun hemm l-ebda' presenza ta' Alla, kif ukoll żgur ma nħossuniex li qegħdin ġenwinament nifirħu bil-Patrun tagħna Sant'Andrija.

Tkun festa aktar **sabiħa** u **tajba** meta jkollna l-għaqda fir-raħal sabiħ tagħna. Il-festa t-tajba lil kulħadd u Viva l-Appostlu Sant' Andrija.

Siljoe garage

Gate Street Luqa
Tel: 2166 3576, 2166 6098
Mob: 9949 5993
Email: info@siljoegarage.com



**RENT-A-CAR**
**Chauffeur Driven & Mini Bus Service**
**& Wedding Cars**







# KARMNU TAL-ĦAXIX

*Fruit & Vegetable*
*Seller*

**Mobile: 9946 2411**

Frott u ħaxix frisk bi prezzijiet
moderati ħafna kuljum fil-pjazza ta' Ħal Luqa

Bejn l-4.30pm u s-7.30pm



# Messaġġ mill-Għaqda Każini tal-Baned

**Avv. Noel Camilleri**

Ħafna jaħsbu li l-ħidma tal-Għaqdiet u Soċjetajiet Mużikali hija limitata biss għall-festi tagħna. Imma ninsew illi l-impenn ta' dawn is-Soċjetajiet hija mifruxa matul is-sena kollha biex kif dejjem għamlu jibqgħu jservu bħala punt ta' referenza għall-ħajja fil-belt u r-raħal fejn huma mwaqqfa.

Din l-ħidma bla waqfien hija frott tax-xogħol volontarju li jsir minn ħafna nies matul is-sena kollha. Madanakollu hija realtà ukoll li l-element żagħżugħ ma jkunx daqstant b'saħħtu daqs kemm jkun fil-ġimgħat qrib il-festa partikolari li dik is-Soċjetà u Għaqda tiċċelebra inkollaborazzjoni mal-awtoritajiet ekklessjatiċi u ċivili.

Huwa propju dan l-impenn żagħżugħ li kull Għaqda jew Soċjetà għandha tħeġġeġ u ssaħħaħ biex t-tradizzjonijiet tant sbieħ li għandna f'pajjiżna nkomplu nħarsuhom u nkabbruhom mingħajr eċċessi. Dan għandu jkun wieħed mit-tragwardi ewlenin ta' kull Għaqda u Soċjetà biex hekk dak li sar b'ħafna sagrifiċċju min dawk ta' qabilna ma jintiliefx. Madanakollu, għandna nkunu serji u dixxiplinati fit-twettiq ta' dan it-tragward għaliex ma rridux nippermettu ċerti elementi li fil-verità ma għandhom ebda konnessjoni mas-Soċjetajiet u Għaqdiet imma aktar moħħhom biex jirrovinaw l-ħajja taż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin. Irridu nkunu aħna li nuru x'għandha tkun it-triq li hija ta ġid għaż-żgħażagħ tagħna.

Huwa ta' sodisfazzjon li soċjetajiet u għaqdiet Mużikali għadhom iżommu bħala l-pern tal-attivitajiet tagħhom il-banda u t-tagħlim Mużikali. Dan huwa l-għan aħħari ta' kull Għaqda bandistika liema għan għandu jkompli jitwettaq u jissaħħaħ anke b'kollaborazzjoni aktar wiesa bejn l-għaqdiet Mużikali. Mingħajr dan l-isforz ġenwin jista' jfisser aktar ostakoli għall-eżistenza tal-baned tagħna. Imma rridu ukoll ngħarfu li nagħtu element innovattiv lit-tagħlim serju u d-daqq tal-mużika biex it-tradizzjonijiet ma jispiċċawx imma nkunu nistgħu nagħtuhom libsa aktar attrajenti għall-udjenza akbar. Madanakollu rridu nkunu aħna bħala soċjetajiet u għaqdiet mużikali li niddeċidu fejn nixtiequ nmorru u mhux nħallu min ma għandux verament għal qalbu l-ħidma hekk sabiħa u sfiqja tal-għaqdiet u soċjetajiet Mużikali Maltin.

Huwa ta' sodisfazzjon tal-Għaqda li qiegħdin naraw aktar sens ta' dixxiplina, kontablità u integrità fit-tmexxija u l-organizzazzjoni tal-attivitajiet li jsiru mill-għaqdiet u soċjetajiet mużikali. Dan jfisser li hemm il-kapaċità imma aktar minn hekk hemm ir-rieda li ma nippermettux lil ħadd li jħammeġ l-isem u t-tradizzjoniijiet tal-għaqdiet


StyleDesign
Bathroom Centre
20% Off
on wholesale prices
Floor Tiles
Wall Tiles
Bathroom Suites
Sauna Units
Kitchen & Outdoor Tiles
Hydromassage Systems
Shower Cubicles
Faucets & Accessories
Mirrors
Bathroom Furniture
Medicine Chests
10, Carmel Street, Luqa LQA 1321 - Malta.
Tel: 2780 6097 Fax: 2780 5086
Mob: 7949 0355
Email: info@styledesign.com.mt
www.styledesign.com.mt


Stephen Mini Market
St George's Street, Luqa
Mob: 9946 5227
Stephen
mini market
For all kind of groceries,
fresh fruit, vegetables and detergents

u soċjetaijiet Mużikali. Irridu wkoll inkomplu naġġornaw rwieħna imma fl-istess waqt nħarsu dak li lilna wellidna – li nkabbru t-tagħlim tal-mużika u ħidma favur il-komunità– b'mod volontarju.

Għalhekk filwaqt li f'isem l-Għaqda Każini tal-Banda nawgura l-festa t-tajba, nħeġġeġ li din tiġi ċċelebrata b'moderazzjoni u mingħajr esaġerazzjoni imma fuq kollox tkun festa li l-element reliġjuż jibqa' dejjem iċ-ċentru tagħha u li din tkun iċċelebrata b'maturità u dixxiplina mingħajr ma jintesew l-element kulturali u tradizzjonali li huma ukoll fundamentali għaċ-ċelebrazzjoni tal-festi Maltin u Għawdxin.


Hardware

M.CAUCHI
HARDWARE
STORE

**201 - 202 NEW STREET, LUQA TEL: 2180 4997**

PLUMBING & ELECTRICAL FITTINGS
WATER & OIL BASED PAINTS
CARPENTRY GOODS
CEMENT
KEY CUT

# eretric ltd

Importers & Distributors Of Auto-Marine Electrical Parts & Accessories

intAct Battery-Power

WARRANTY 2 YEARS WARRANTY

**GERMAN QUALITY BATTERIES**




The intAct Start-Power batteries are impressive with their perfect price-performance ratio as well as a complete product line.

IntAct Start-Power batteries are used in all passenger cars, trucks and agricultural machinery. Boats and Yauchts.

**TRIQ IL-MITHNA TA CARAFFA**
**Luqa LQA 1521**
**Tel: 21 665642 / 21 821769**
**Email: sales@eretric.com Website: www.eretric.com**

# CB COMPUTER BARGAINS

Tal-Mahznier Street,
Luqa LQA 1250, Malta

Tel: 2167 7999 Mob: 9945 3187

Email: info@computerbargainsmalta.com
Web: www.computerbargainsmalta.com



# Kunċert Sinfoniku Annwali

*Mis-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni A.D. 1880*
*Taħt il-Patroċinju Distint*
*tal-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta*
*Il-Ħadd 23 ta' Novembru, 2014*

**Neil Zammit**

Il-Kunċert Annwali imtella' mis-Soċjetà Filarmonika *L-Unjoni* jaf il-bidu tiegħu propju tnejn u tletin sena ilu, grazzi għall-inizjattiva tas-Surmast Emeritu l-Prof. Charles E. Zammit. Minn dakinhar sal-lum, is-Soċjetà l-Unjoni qatt ma ħarset lura, tant li esegwiet numru kbir ta' xogħlijiet impenjattivi li komplew għollew l-istima li tgawdi din il-Banda ewlenija.

Fil-fatt, għal sena oħra konsekuttiva, is-Soċjetà Filarmonika *L-Unjoni* tellgħet l-Kunċert Sinfoniku Annwali tagħha ġewwa t-Teatru Metanoia, Ħal Luqa nhar il-Ħadd 23 ta' Novembru, 2014. Quddiem udjenza numeruża li mliet it-teatru kollu, il-Banda L-Unjoni reġgħet ħarġet tassew bl-unuri kollha fl-esekuzzjoni tal-biċċiet mużikali li ndaqqu. Din id-darba kellna x-xorti wkoll li nilqgħu fostna lill-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta, li ħadet il-patroċinju ta' dan il-Kunċert Sinfoniku f'isimha.












SING






SOĊJETÀ FILARMONIKA L-UNJONI A.D. 1880
Kunċert Sinfoniku
taħt il-patroċinju distint tal-E.T. Marie Louise Coleiro Preca
President tar-Repubblika
Banda L-Unjoni
L'Unione Brass Quintet
Tiziana Calleja
Eleanor Cassar
L-Aljevi tal-Banda L-Unjoni
Il-Ħadd 23 ta' Novembru 2014, 19:30hrs
Teatru Metanoia, Ħal Luqa






SOĊJETÀ FILARMONIKA L-UNJONI A.D. 1880
Kunċert Sinfoniku

It-tħejjijiet għal dan il-kunċert annwali bdew propju f'Settembru 2014. Ta' kull ġimgħa inżammu l-kunċerti bi provi għall-bandisti tal-post ġewwa l-każin, waqt li l-Kummisjoni Banda ħadmet bis-sħiħ sabiex tikkordina x-xogħol kollu flimkien. Din is-sena wkoll rajna novità ġdida, fejn l-allievi tas-Soċjetà ngħataw spazju adattat biex esegwew żewġ xogħolijiet mużikali quddiem l-udjenza preżenti. Ir-riżultat aħħari kien wieħed eċċellenti, u dan grazzi għall-ħidma kbira li twettqet mill-Kummisjoni Banda flimkien mas-Surmast John D. Zammit u l-Assistant Surmast Norbert Camilleri.

Kif semmejna, il-Kunċert Sinfoniku ta' din is-sena kien għal darb'oħra wieħed impenjattiv. L-għażla tal-mużika kienet waħda varjata ħafna u li tolqot il-gosti ta' dawk kollha preżenti. L-ewwel parti tal-kunċert kienet iddedikata lill-allievi tas-Soċjetà u *L'Unione Brass Quintet* li nterpretaw għażla ta' mużika varjata ħafna bis-sehem tal-kor CentreSTAGE mmexxi minn Tiziana Calleja. Dawn huma l-biċċiet mużikali li ġew esegwiti-

| | |
|---|---|
| **Sing** | A. Lloyd Webber/G. Barlow (Arr. by Norbert Camilleri) |
| **Amazing Grace** | Traditional |
| **Trumpet Tune (from *Te Deum*)** | A. Charpentier (Arr. by M. Kingston) |
| **A Russian Fantasy** | Arr. by M. Kingston |
| **Money, Money, Money** | B.Andersson/B. Ulvaeus |
| ***Aria* of the Queen of the Night** | W. A. Mozart |
| **Spanish Flea** | J. Wechter (Arr. by Z. Smith) |
| **Gli Occhi Miei** | C. Donida |
| **Nessun Dorma** | G. Puccini (Arr. by M. Kingston) |
| **Mexican Hat Dance** | Arr. by D. Marlatt |

Il-Banda *L-Unjoni* okkupat it-tieni parti ta' dan il-Kunċert Sinfoniku billi esegwiet dawn il-biċċiet bis-sehem tal-kantanti Eleanor Cassar, Tiziana Calleja u l-kor CentreSTAGE -

| | |
|---|---|
| Tantalusqualen | F. von Suppé |
| The Blue and the Gray | Arr. by C. Grundman |
| The Phantom of the Opera | A. Lloyd Webber |
| The Crusades | E. Debs |
| One Moment in Time | A. Hammond/J. Bettis |
| Queen's Park Melody | J. de Haan |
| Who Wants to Live Forever | B. May/ Queen |
| Flashdance | G. Moroder |
| Tom Jones in Concert | Arr by H. Kolash |

L-għeluq ta' din it-tieni taqsima kien tassew spettakolari, bis-sehem tal-banda, kantanti u effetti speċjali tad-dwal li ħolqu atmosfera tassew sabiħa. Kif mistenni, il-Kunċert għalaq bl-Innu lill-Banda L-*Unjoni*, komposizzjoni tal-ex surmast tal-banda, Joseph Abela Scolaro.

Il-Kumitat tad-direzzjoni jirringrazzja lis-Surmast Direttur John David Zammit, lill-Assistant Surmast Norbert Camilleri, membri tal-Kummisjoni Banda u l-bandisti, membri tal-Kumitat Ċentrali u 'l dawk kollha li għenu biex dan il-Kunċert Sinfoniku jilħaq il-livell mixtieq. Grazzi wkoll lill-compere Cleavon Vella li ppreżenta dan il-kunċert kif ukoll lill-Wisq Rev. Kappillan Dun Gordon Refalo u l-Kumpanija Teatrali Skene tal-appoġġ u l-għajnuna minn naħa tagħhom. Fuq kollox grazzi lill-membri tas-Soċjetà u l-pubbliku ġenerali li attendew bi ħġarhom għal dan il-Kunċert Sinfoniku.


**FUNERALS**
**UNDERTAKER**

FRANCIS BORG
DAY AND NIGHT SERVICE

**TAXI SERVICE AVAILABLE**
**TEL: 2189 5159**
**MOBILE: 9949 0161**

'FRANCIS', GUDJA RD., LUQA









*Car Show* b'risq
il-*Malta Community Chest Fund*
Il-Ħadd 30 ta' Novembru 2014








# Il-Każini tal-Banda Magħqudin Għal Għan Nobbli

## *Car Show b'risq il-Malta Community Chest Fund*

*30 ta' Novembru 2014*

**James Ciappara**

Kien eżatt dak li xtaqet l-Eċċelenza tagħha l-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca, meta f'laqgħa għal-każini tal-baned hija talbet għall-għajnuna tal-istess każini sabiex jinġabru flus għall-Istrina 2014. Hi xtaqet mhux li jinġabru l-flus biss, però xtaqet ukoll li tara lil kulħadd maqgħud ġewwa l-irħula tagħna.

Nista' ngħid li aħna ġewwa Ħal Luqa imxejna eżatt fuq l-eżempju li xtaqet l-Eċċelenza Tagħha. Ġratt b'kumbinazzjoni jew le ma' nafx, però l-istess ħsieb li ġie lilna ġie ukoll lis-Soċjetà l-oħra li ssir Car Show b'risq il-MCCF. Dawn kienu se jinżammu f'dati differenti, u wara li tkellimt mal-kuġin tiegħi, huwa ssuġġerixxa illi għandna norganizzaw xi ħaġa flimkien bejn iż–żewġ każini sabiex l-attività tkun b'saħħitha iżjed. Minn naħa tas-Soċjetà l-Unjoni aħna qbilna minnufih ma'din il-proposta u l-kuġin qalli li ser jkellem lis-segretarju tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija, fejn dawn qablu wkoll ma' din il-proposta.

Nista' ngħid li din ma' kinitx biċċa xogħol faċli, però bl-għajnuna kbira tal-kuġin tiegħi din l-attività saret u sal-aħħar minuti bqajna mirċievu telefonati sabiex jinġiebu iżjed vetturi għal dan l-avveniment. F'temp mill-isbaħ, din l-attività saret u tant kellna karozzi li ma' kelnix fejn nagħmlu iżjed. Nista' ngħid li l-qalba tar-raħal kienet miżgħuda bil-karozzi miżmuma b'tant dedikazzjoni mis-sidien tagħhom.

Għal din l-attività attendiet ukoll l-Eċċellenza tagħha l-President ta' Malta, fejn kienet tant ferħana li rat liż-żewġ għaqdiet maqgħudin flimkien għal għan wieħed sabiex jinġabru l-flus għal Malta Community Chest Fund. Is-somma totali miġbura minn din l-attività kienet ta' €1,004.59.



Hawn nixtieq nirringrazzja lil kull min ta l-għajnuna tiegħu sabiex din l-attività kienet suċċess u hi x-xewqa tiegħi li din l-attività titniżżel fil-kalendarju tagħna l-Luqin.

# EMMANUEL GATT

**PETROL SERVICE STATION**



GENERAL TYRE REPAIRS
ALSO
NEW TYRES

NEW STREET, LUQA - MALTA
TEL: 2180 9351





# Manutenzjoni u Xogħol fil-Każin

**Clifford Micallef**

Il-każin tal-banda tagħna huwa wieħed attiv ferm u jakul lla dejjem ikun hekk għax dan ikun ifisser li l-każin huwa wieħed ħaj. Binja kbira bħal ma hi s-sede tagħna trid manutenzjoni kontinwa u għaldaqstant nippruvaw li kull sena nidentifikaw naħa jew oħra fejn ikun hemm bżonn isir xi xogħol, dejjem skont l-urġenza u skont il-finanzi.

**Uffiċju Ġdid għas-Segretarju**

Wara li fis-snin li għaddew ġew irranġati ż-żewġt ikmamar l-antiki (il-banka tal-lottu l-kamra ta' warajha), ġie deċiż li din tal-aħħar tibda tintuża bħala uffiċju għas-segretarju minflok l-uffiċju li kellu qabel li kien jinsab fit-tielet sular. B'hekk l-uffiċju sar aktar aċċessibli anke għal min ikollu bżonn ikellem lis-segretarju u ma jistax jitla t-taraġ għal xi raġuni jew oħra. Il-kamra kienet diġa lesta, kull ma kien jonqos li jsir xi dawl u ftit għamara. Bħas-soltu dan ix-xogħol ħa ħsiebu l-kuratur tal-każin is-sur Andrew Aquilina u l-uffiċju beda jiffunzjona fix-xahar ta' Frar.



**Klassi għat-Tagħlim tal-Allievi**

Fl-istess waqt li l-uffiċċju tas-segretarju ġie ttrasferit għas-sular t'isfel ġie deċiż li din il-kamra tiġi mibdula fi klassi għat-tagħlim tal-mużika għall-allievi. Il-kamra ingħatat tibjida u nxtrat xi għamara biex tkun tista tintuża mill-allievi waqt il-lezzjonijiet tat-teorija li jsiru kull nhar ta' Sibt. Sab postu wkoll il-'keyboard' biex fuqu jitħarrgu l-allievi tagħna mal-assistent surmast Norbert Camilleri.



**Sala tal-Kunċerti**

Proġett kbir li daħlet għalih is-

C&H BARTOLI

9, Empire Stadium Street, Gzira
Tel: (+356) 2345 8000

**For all your professional kitchen requirements...**

Home of premium quality catering & hotel equipment brands.

EXCLUSIVE DISTRIBUTORS FOR

steelite INTERNATIONAL

CORECO

LA CIMBALI

ZANUSSI PROFESSIONAL

Electrolux
Professional Laundry Systems

Scotsman

soċjetà huwa l-immodernizzar tas-sala tal-kunċerti li tinsab fit-tielet sular. Għal dan il-għan applikajna għall-fondi taħt il-programm tal-*Unjoni* Ewropeja LEADER, mal-fondazzjoni Gal Xlokk. L-applikazzjoni saret f'Marzu 2014 u bħala project leader il-kumitat innomina lil Onor. Silvio Schembri MP. Dan sar biex ikun jista jiggwidana u jtina l-pariri meħtieġa kif għanda timtela l-applikazzjoni minn diversi għaqdiet u soċjetajiet kemm



mużikali, sportivi u ħafna oħrajn. Fix-xahar ta' Ottubru 2014 ħarġu r-riżultati, wara li sar il-proċess ta' evalwazzjoni u ħadna l-aħbar sabiħa li l-applikazzjoni tagħna ġiet magħżula. Għaldaqstant nhar id-dsatax ta' Jannar 2015 ġie ffirmat il-kuntratt mill-Onor. Schembri fil-preżenża tas-segretarju s-sur James Ċiappara.

Ix-xogħol kien jikkonsisti fl-istallazjoni ta' *air conditioners*, suffett tal-*gypsum* bil-*light fittings* u *raised flooring system*. Dan ix-xogħol beda fi Frar u tlesta f'Mejju u sar minn tliet kuntratturi differenti. Xogħol ieħor kien jikkonsisti fl-egħluq taż-żewġ bibien li kienu jagħtu għal fuq it-terrazzin. Dan ix-xogħol ingħata lil kuntrattur u l-kisi u t-tikħil tagħhom sar b'mod volontarju mis-sur Francis Costa, li meta jkollna bżonn dan it-tip ta' xogħol dejjem jidħol għalih b'ruħu u b'ġismu. Grazzi Cikk. Saret ukoll sistema ġdida tad-dawl u dan ix-xogħol sar mis-sur Lawrence Cassar u l-ħaddiema tiegħu ukoll b'mod volontarju. Grazzi Lorry. Fl-aħħar u ċertament mhux inqas nirringrazzja lis-sur Andrew Aquilina li ħa ħsieb it-tibjid kollu tas-suffett u l-ħitan tas-sala, m'hemmx għalfejn ngħidu *senza interessi*.



Bħala fondi s-Soċjetà ħarġet il-persentaġġ ta' għoxrin fil-mija, bit-tmenin fil-mija l-oħra mill-fondi tal-Unjoni Ewropea. Dan huwa l-ewwel pass. Xogħol ieħor li jrid isir huwa twieqi u bieb ġodda "*double glazed*", kif ukoll purtieri ġodda. Dan hemm bżonn li jsir biex is-sala tkun *soundproof* u b'hekk ikunu jistgħu jsiru *recordings* fiha mill-banda tagħna. Iridu wkoll jinxtraw siġġijiet u leġġiji ġodda għal aktar kumdita. Is-sala ser tkun tista tintuża wkoll mill-allievi tas-soċjetà



biex fiha jitgħallmu l-lezzjonijiet tat-teorija fuq il-*projector*. Is-sala hemm il-ħsieb li tiġi inawgurata fil-ġimgħa tal-festa. Jekk Alla jrid fil-ktieb tas-sena d-diehla nkunu nistgħu nitkellmu aħjar. Minn hawn nixtieq nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lil Onor. Silvio Schembri M.P. li kien strumentali biex is-soċjetà akkwistat dawn il-fondi. Ta' min jgħid li meta fittixna l-għajnuna tiegħu dejjem kien disponibbli.

**Bnadar ġodda**

Kienet ilha tinħass il-ħtieġa li ssir bandiera ġdida bl-emblema tas-soċjetà minħabba li dik eżistenti għamlitu żmienha u saritilha ħsara irreparabbli. Ta' min jgħid li din kienet ilha tintuża għal dawn l-aħħar ħamsin sena u ma setgħetx aktar tissewwa. Għalhekk ġie deċiż li ssir oħra bl-istess format jiġifieri dik tat-tliet armi, bl-arma ta' Sant'Andrija fin-nofs u fuq kull naħa tagħha l-arma tas-Soċjetà u l-arma tar-raħal rispettivament. Ix-xogħol tal-ħjata ġie fdat f'idejn is-Sur Henry Attard u l-isfumar sar mis-sur Redrian Micallef. Din il-bandiera tlestiet fil-ħin u żżanżnet nhar il-Ġimgħa l-Kbira.

Bandiera oħra li kienet ilha tinħass il-ħtieġa għaliha hija dik tar-reliġjon jiġifieri bandiera ħamra bis-salib abjad. Din it-tip ta' bandiera tintuża l-aktar fil-festi liturġiċi bħal ngħidu aħna fir-Redentur, Ħadd il-Palm, l-Għid il-Kbir, Corpus Christi, Qalb ta' Ġesù u festi oħra. Għal darboħra l-ħjata ġiet fdata f'idejn is-sur Henry Attard u kienet lesta fi Frar bil-ħsieb li tiżżanżan fil-festa tar-Redentur iżda dakinhar sebaħ jum b'riħ qawwi u ma kienx għaqli li wieħed itellagħa. Din iżżanżnet nhar il-Għid il-Kbir.

B'hekk issa nistgħu ngħidu li s-Soċjetà għandha diversi bnadar għal kull okkażjoni jew festa li jitilgħu iperpru fuq l-arblu maestuż tal-każin tagħna.



**Lapidi tal-Irħam Ġodda**

Wasal iż-żmien ukoll li jinbidlu ż-żewġ lapidi tal-irħam li jinstabu fil-kontra ntrata tal-każin. Dawn iż-żewġ lapidi kienu juru l-lista tal-presidenti u s-surmastijiet kollha

tas-Soċjetà, sa mit-twaqqif tagħha fl-1880. Ġara li dawn iż-żewġ irħamiet kienu mtlew u ma kienx għad baqa spazju fejn jinkitbu aktar ismijiet. Barra min hekk l-irħam kien krieħ biż-żmien. Għalhekk il-kumitat iddeċieda li dawn isiru ġodda u jitkabbru biex fuqhom jiżdiedu ismijiet ġodda fil-futur. Intalbu żewġ stimi għal dan ix-xogħol u d-deċiżjoni kienet li dan ix-xogħol isir mis-sur Abraham Bellia fejn dan ippreżentalna disinn u dan intlaqa tajjeb mill-membru tal-kumitat. Il-ħsieb hu li dawn ikunu lesti u jiġu inawgurati fil-ġimgħa tal-festa. Aktar dettalji u ritratti nkunu ntuhom fl-edizzjoni tas-sena d-dieħla.

**Proġetti għas-sena d-dieħla**

Il-ħsieb għas-sena d-dieħla huwa li jsir l-irħam tat-taraġ mill-ġdid għax dak preżenti li huwa fi stat ħazin ħafna. Għal dan il-progett qiegħdin jaħdmu bis-sħiħ il-kumitat tan-nisa u b'sodisfazzjoni ngħid li l-fondi kollha biex jinxtara l-irħam ser jingabru minnhom. Imma fuq dan nitkellmu s-sena d-dieħla jekk Alla jrid.

Kif tistgħu taraw matul din l-aħħar sena sar ħafna xogħol strutturali fil-każin. Bla dubju ta' xejn dan ix-xogħol kollu jirrikjedi ħafna flus biex isir għalhekk nagħmel appell lilkom il-partitarji biex tkunu ġenerużi fl-għotja tagħkom għall-festa biex b'hekk inkomplu nsebbħu l-Palazz Sant'Andrija li huwa t-tieni dar tagħna.

Nagħlaq billi nappella lill-membri kollha u lill-bandisti biex jagħmlu użu tajjeb mill-faċiltajiet li toffri s-sede tagħna. Nappella wkoll biex kulħadd jirrispetta l-ordni li jagħti biex nieħdu ħsieb li ma ssirx ħsara bla bżonn, għax kif jgħidu l-ħsara ma hi tajba għal ħadd.


TWO 9 SIX

*LADIES' - GENTS', CHILDREN'S WEAR & UNDERWEAR*

*San Injazju & San Benedittu School Uniforms also available*

NEW STREET, LUQA

***Opening Hours*** 9.00am - 1.00pm & 4.15pm - 7.00pm

*Jawguraw lill-klijenti kollha tagħhom il-Festa t-Tajba*

Tel: 2182 0672 Mob: 7904 5951

Find us on: facebook

Frankie
Green Grocer

Triq il-Karmnu
Luqa

Tel: 2180 6809
Mob: 9987 8638



Carly's

STATIONERY,
GIFTS AND TOYS

Printing from Pen-drive/USB, Photocpying, Colour,
Binding & Film Developing Service available.

Selection of Communion, Book Covering, Confirmation and
Christening souvenirs also available.

Triq Censu De Candia, Luqa    Tel.: 2180 3774    Mob: 9986 4307
**NEAR LELA PET SHOP**



# Wirjiet ġewwa l-Każin

**Clifford Micallef**

Bħas-snin l-imgħoddija s-Soċjetà tagħna ħadet ħsieb torganizza wirjiet relatati mal-festi tal-Milied u l-Ġimgħa Mqaddsa ġewwa l-każin, kif ukoll ħadet sehem f'wirja nazzjonali li ttellgħet ġewwa l-Palazz Presidenzjali.



**Wirja fil-Palazz tal-President**

Fuq stedina tal-Għaqda Każini tal-Banda, is-Soċjetà tagħna ħadet sehem f'wirja u attività organizzata fis-Sala tal-Gran Kunsill ġewwa l-Palazz Presidenzjali, li ttellgħet fix-xahar ta' Diċembru. Is-Soċjetà esebiet l-istandard tagħha li ntrama fil-kuritur prinċipali, flimkien mal-istandardi tas-soċjetajiet mużikali ta' Malta kollha. Ġewwa s-Sala saret wirja ta' valur għoli ħafna minn numru ta' soċjetajiet li ġew magħżula mill-Għaqda stess, fejn fost l-oħrajn stajna naraw statwi, bandalori u ħafna ritratti antiki u storiċi. Is-Soċjetà tagħna ħadet ħsieb tarma l-bandalora artistika tagħha bir-rakkmu tad-deheb, flimkien mal-istatwa antika ferm tal-Granmastru La Valette, kif ukoll *display board* bl-istorja tas-Soċjetà fil-qosor u xi ritratti storiċi. Barra minn hekk is-Soċjetà tagħna ġiet magħżula wkoll biex tieħu sehem u ddoqq xi biċċiet tal-mużika permezz tal-*Unione Brass Quintet*. Ta min jgħid li din il-wirja ġibdet lejha



# Zneiber

**CONFECTIONERY & PASTIZZERIA**

***Orders accepted for***
***Weddings and all occasion parties***

134, Carmel Street, Luqa
Tel: 2180 3999 Mob: 9988 3692

# J.B. GLASS WORK



For crystal & ordinary glass
- Mirrors
- Polish Edge
- Bevelled
- Stained Glass
- Emergency Repairs

DOMESTIC & COMMERCIAL

19, Qalb ta' Ġesù, Triq L-Imtall, Żurrieq
Tel: 21 689 948 Mob: 99 402 279

ħafna viżitaturi kemm Maltin iżda wkoll ħafna turisti li żgur baqgħu mpressjonati b'li raw. Minn hawnhekk nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lil ħames bandisti li jiffurmaw parti mill-brass quintet li dejjem jagħmlu unur lis-Soċjetà tagħna kull meta jiġu mitluba jieħdu sehem f'xi attività.



## Presepji fi żmien il-Milied

Għaż-żmien sabiħ tal-Milied, bħal kull sena, ma setax jonqos li l-każin jiżżejjen għall-okkażjoni. Għal darb'oħra reġgħet intramat il-faċċata bid-dawl sinkronizzat mal-mużika li ta' kull sena tiġbed lejha ħafna u ħafna nies li jibqgħu mpressjonati bis-sbuħija tagħha. Ma nistax ma nirringrazzjax u ngħid prosit minn qiegħ qalbi lis-sinjur Andre u Emmanuel Magri li flimkien ma' Andrew Zammit huma l-moħħ u l-mutur wara din il-biċċa xogħol. Żgur li mingħajr il-ħila u d-determinazzjoni tagħhom din ma ssirx.

Minn ġewwa, il-każin ukoll jilbes il-libsa tal-festa, u ma jistax jonqos li ma jsibx postu l-presepju li mingħajr dubju hija tradizzjoni tassew sabiħa u hi l-qofol tal-festa tat-twelid tas-Salvatur tagħna Ġesù Bambin. Bħas-snin l-oħra din is-sena ntramaw żewġ presepji kbar statiċi. Il-presepju il-kbir li jintrama fil-kamra laterali ħa ħsiebu s-sur Sandro Farrugia, li ta' min jgħid li dan ix-xogħol jinvolvi ħafna ħin kif ukoll spejjeż kbar li kollha jitħallsu minn butu. Però fuq dan jitkellem f'artiklu ieħor Sandro stess. Minn hawn ngħid biss PROSIT u GRAZZI lil Sandro tas-suċċess li ġibt ad unur is-Soċjetà. Il-presepju ġie kklasifikat fl-ewwel post fil-kompetizzjoni nazzjonali tal-presepji.

Presepju ieħor intrama fil-kamra ta' taħt it-taraġ. Dan ħa ħsieb jarmah il-kuratur tal-każin is-sur Andrew Aquilina mgħejjun mis-sinjuri Salvu Spiteri u Francis Costa. Dan il-presepju jintrama b'tema u xenarju pjuttost lokali u jiġi ffurmat fil-post b'numru sostanzjali ta' ġebel tas-sejjieħ żgħir u kbir li jitpoġġa waħda waħda b'paċenzja liema bħala biex b'hekk jifforma għerien, pajsaġġi u mogħdijiet ħelwin. Ma jonqosx ukoll xi nixxiegħa u xi ngħidu għall-pasturi antiki u ħelwin tat-tafal li żejjnu dan il-presepju hekk sabiħ. Nixtieq nirringrazzja lil Gori Vella u lil familja Vella (ta' Xmun) li għoġobhom jisilfuna dawn il-pasturi. Dawn il-presepji ġew inawgurati ftit tal-jiem qabel il-Milied bis-sehem tal-Banda *Unjoni* li allegrat il-pubbliku preżenti bid-daqq tal-*Christmas Carols* u mużika oħra natalizja.

## Wirja ta' Arti Sagra għall-Ġimgħa Mqaddsa - 'Ecce Homo'

L-attività li jmiss tkun il-wirja relatata mal-Ġimgħa Mqaddsa. Għal darb'oħra din il-wirja ġiet koordinata mis-Sezzjoni tal-Armar fi ħdan il-Każin u din kienet tikkonsisti fi tliet settijiet ta' vari minjatura li ġew armati fil-kamra laterali tal-każin. L-ewwel sett huwa wieħed antik ferm u huwa attribwit lil Karlu Darmanin. Dan jikkonsisti fis-sett tradizzjonali ta' tmien vari, komplut bil-bankunu u l-fjuretti. Nirringrazzjaw lil Tessie Farrugia u l-familja li għal darb'oħra għoġobhom jisilfuna dan is-sett hekk prezzjuż biex inkunu nistgħu nesebuħ u ngawduh f'dan iż-żmien hekk sabiħ. It-tieni sett huwa sett ta' vari maħdum fuq is-sett tal-paroċċa tagħna, xogħol l-iskultur Renzo Gauci ġentilment




We specialize in:

- Hair Extensions
- Wedding Upstyles
- Hair Cutting
- Hair Colouring
- Straightening
- Blow Dries

***Get a great new look at our hairdressing salon***

***Staff trained by the best Schools of London***

**62, Sir Ugo Mifsud Street, Luqa**
**Tel: 2180 3636**
**Mob: 9936 3680**

Opening hours:
Tue to Sat 09.00-18.00

# Atomic Garage




Car Sprayer & Panel Beating
Specialising in Modern Oven Bake & Water Base for Auto Spray painting
Insurance approved

Tel: 2124 4659 • Mob: 9945 8525
Simon Ciantar
Atomic Garage 58, 59, 60,
Industrial Estate, Luqa LQA 3000
atomicgarageluqa@gmail.com





misluf lilna minn Neil Zammit. It-tielet sett huwa sett ta' disa vari xogħol ta' John Massa. Jikkumplimenta dan is-sett insibu wkoll il-bandalori tas-seba' kelmiet u wkoll is-simboli tal-passjoni. Dan is-sett huwa propjetà tas-sur Gareth Galdes.

Biex ikompli jissebbaħ l-ambjent ġew esebiti wkoll diversi pitturi ta' arti sagra, fosthom tal-Kav. Paolo Camilleri Cauchi u l-artist Rafel Bonnici Calì, kif ukoll xbiehat oħra mislufa mis-sur Patrick Muxi, Andrew Aquilina u bust tal-Ecce Homo ġentilment misluf mis-sur Andrew Coleiro. Il-wirja ġiet inawgurata nhar Ħadd il-Palm mill-Aġent President is-sur Emmanuel Magri u mbierka mill-W.R. Kappillan Dun Gordon Refalo, fil-preżenża tas-sindku s-sur John Schembri u diversi mistedin oħra. Qabel il-ftuħ tal-wirja il-Banda L-*Unjoni* daqqet programm ta' marċi funebri.

Għal darb'oħra nixtieq nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lil kull min b'xi mod ta l-għajnuna tiegħu biex dawn il-wirjiet setgħu jittellgħu u jilħqu livell għoli. Dawn il-wirjiet iservu biex nesponu t-talenti u x-xogħol volontarju li jsir mis-soċi tas-Soċjetà tant għażiża għalina u jagħmlu unur għal raħal twelidna.




Gwann Mamo
Street, Luqa
Tel: 21 823 069
dragonscenter.com
facebook.com/dragonscenter
info@dragonscenter.com
DRAGON'S CENTER
MARTIAL ARTS
& COMBAT SPORTS SUPPLIES
LUQA
SUPPLIERS OF ALL KINDS OF
MARTIAL ARTS AND COMBAT SPORTS
WEAR, EQUIPMENT AND WEAPONS
CORNER WITH THE JIUSHIN KAN DOJO - MARTIAL ARTS SCHOOL
WWW.JIUSHINKANMALTA.ORG - WWW.FACEBOOK.COM/JIUSHINKAN


GAUCI BORDA FLAGS & BANNERS
For all types of flags in :-
NYLON / WOOL
or
POLYESTER bunting.
We also supply wire ropes complete
with accessories for flag poles.
GAUCI BORDA & CO. LTD.
36, Ta' Xbiex Sea Front, Msida MSD 1513
53/54, Msida Road, Yacht Marina, Gzira GZR 03 GZR 1400
Tel: (+356) 21 334 255 • Fax: (+356) 21 343 604
E-mail: info@gauciborda.com



# L-Inkoraġġiment tan-Nies Isaħħaħ lid-Dilettant

**Sandro Farrugia**

Sentejn ilu kont bil-ħsieb li nagħmel presepju kbir għall-ewwel darba waħdi. Kien jaħbat eżatt l-għeluq żmien l-għaxar snin mill-mewt tal-maħbub missieri u ridt nagħmlu b'tifkira tiegħu. Missieri kien ilu jgħidli 'Xi darba nagħmlu wieħed kbir...', peress li kien hu li rawwen fija dan il-passatemp tal-presepju. Iżda l-Mulej riedu miegħu u dan qatt ma seħħ. Post fejn nagħmlu ma kellix imma kont għamilt ftehim li nagħmlu ż-Żurrieq iżda meta kont mort biex jagħtuni ċ-ċwievet biex nibda' x-xogħol dawn qaluli le għax se ddum wisq biex tarma u żżarma. Biss ma qtajtx qalbi u ċempilt lis-Segretarju tas-Soċjetà tagħna s-sur James Ciappara u lil ex-President Dott. Noel Camilleri u qaluli se jgħadduha kumitat biex jien inkun nista' nagħmlu ġewwa s-sede tas-Soċjetà peress li post fejn nagħmlu ma kellix.

**Il-Ħolma bdiet titwettaq**

Dan kollu seta' jsir biss grazzi għal kumitat tas-Soċjetà Fil. L-*Unjoni* li afdaw fija u ta' dan grazzi min qalbi. Kien Ottubru tal-2013 meta nirċievi telefonata mingħand is-Segretarju fejn qalli tista' tibda. Kieku tafu kemm fraħt m'għandkomx idea. Bdejt ix-xogħol u l-presepju ta' dik is-sena ntgħoġob u smajt ħafna kliem posittiv. Dik is-sena klassifikajt fir-raba' post u dan kien riżultat inkoraġġanti li għall-ewwel darba inkun ma' ta' quddiem.

Fis-Seduta Ġenerali 2014 ġie maqbul li jien nerġa' nagħmel il-presepju għas-sena 2014. Ta' dan grazzi lis-soċi kollha tal-paċenzja li jieħdu bija.

Bdejt ix-xogħol mill-ewwel peress li jien nagħmel ix-xogħol kollu waħdi. Kellimt lis-sur Lawrence Cassar u lis-sur Sergio Costa bil-ħsieb li kelli u dawn qaluli li se jgħinuni. Serraħt rasi għax kont konvint li rrid nagħmel xi ħaġa li bħala Malta qatt ma kienet saret. Ordnajt aktar pasturi għand is-sur Lawrence Baldacchino, biex il-presepju tal-2014 ikun uniku. Żidt aktar nagħaġ peress li dawn nagħmilhom jien grazzi ukoll tmur lis-sur Jesmond Micallef li għallimni kif nagħmilhom.

**Il-Presepju 2014 rebaħ**

Kienet il-ħolma li xi darba nagħmlu wieħed kbir u li għada tberren ġo moħħi u li bqajt ngħożża sa llum l-ġurnata li waslitni fejn waslitni u li l-unur tal-kompetizzjoni nazzjonali jasal għandi u ta' dan grazzi lill-Kumitat Ċentrali, lill-ex President, lil Lawrence Cassar,




# HYGRADE BUTCHER

GĦALL-AQWA KWALITÀ TA'
ĊANGA FRISKA, TIĠIEĠ,
ĦARUF U LAĦAM TAL-FRIŻA

Tel: 2166 3549

*NIXTIEQU L-FESTI T-TAJBA*
*LILL-ĦALLUQIN KOLLHA*

Sergio Costa, Raymond Saliba u l-aktar u mhux l-anqas lis-Segretarju James Ciappara tal-inkoraġġiment tiegħu. Grazzi lilkom kollha li matul il-festi tal-Milied iżżuru l-presepju għax l-inkoraġġament tan-nies hu saħħa kbira għad-dilettant.

Nawgura lil kulħadd il-festa t-tajba.

Viva Sant'Andrija

Viva l-Banda L-*Unjon*i A.D. 1880





**Bar & Restaurant**

Tel: 2180 0243

Luqa, Malta



**fgp** *The Garage Door People*

Serving You Since 1962

**INSULATED OVERHEAD SECTIONAL DOORS**

- SILENT
- WEATHER SEALED
- VARIOUS DESIGNS & FINISHES
- RESIDENTIAL & INDUSTRIAL DOORS
- COMPETITIVE PRICES
- REMOTE CONTROL AVAILABLE

*FGP Ltd. is Malta's leading & longest established garage door manufacturer.*
*We supply a full range of residential, commercial & industrial garage doors and gates, barriers, bollards, remote control automations as well as miscellaneous sheet metal works.*

FGP LTD. 109, VALLETTA ROAD LUQA LQA1762. TEL: 21667107/8, 21673627 FAX: 21675384 EMAIL: SALES@FGP.COM.MT WEB: WWW.FGP.COM.MT

# PHOENICIA

**BAR & TAKE AWAY**

**Church Square, Luqa Tel: 2166 3526**



Għal ħobż biż-żejt,
timpana,
ħobż bil-laħam u
ħobż bil-bacon.

Miftuħ
mit-Tnejn sal-Ħadd.

Il-Ġimgħa, is-Sibt
u l-Ħadd għal
drinks u appetizers.



# Il-Bandiera l-Antika Tagħlaq Ħamsin Sena... u ssir oħra ġdida

**Clifford Micallef**

Minn jaf kemm-il darba perpret fuq l-arblu l-kbir tas-Soċjetà! Tassew kienet bandiera mill-isbaħ u unika fid-dehra tagħha, maħduma fuq l-istandard tar-rakkmu b'disinn tal-magħruf Abraham Gatt.

Propju nhar il-Ħadd 27 ta' Ġunju 1965, waqt il-ħruġ tal-istatwa ta' Sant'Andrija min-niċċa ġiet imżanżna l-bandiera tat-tliet armi, kif kulħadd jirreferi għaliha. Din il-bandiera ġiet irregalata mill-benefattur s-sur Joseph Sciberras.

Kienet ilha tinħass il-ħtieġa li ssir bandiera ġdida żgħira bl-emblema tas-Soċjetà minħabba li dik antika eżistenti għamlitu żmienha sewwa u saritilha ħsara irreparabbli. Din kienet ilha tintuża għal ħamsin (50) sena u ma setgħetx tissewwa aktar. Għalhekk ġie deċiż li ssir oħra bl-istess format jiġifieri dik tat-tliet armi, bl-arma ta' Sant'Andrija fin-nofs u fuq kull naħa tagħha l-arma tas-Soċjetà u l-arma tar-raħal rispettivament. Ix-xogħol tal-ħjata ġie fdat f'idejn is-Sur Henry Attard u l-isfumar sar mis-sur Redrian Micallef.



*Il-Bandiera l-antika*

Din il-bandiera tlestiet fil-ħin u żżanżnet nhar il-Ġimgħa l-Kbira fejn wara li filgħodu kien riħ qawwi, wara nofsinhar għall-ħabta tat-tlieta barra daqsxejn ir-riħ u ġie deċiż li tittella' mezz'asta.




# TA' MATTI

Għal kull xorta ta' Ġwież,
Bexx, Sulfalt, Demel artifiċjali u prodotti Agrikoli
ta' l-aqwa kwalità
irrikorri għand:-

**ALEX AZZOPARDI**

Ġużeppi Penza Street, Luqa.

**Tel: 2180 9348 - 2166 3593 • Mob: 7971 0498**



# Sehem il-Banda L-Unjoni fil-Festi Solenni tal-Ġimgħa Mqaddsa

**Neil Zammit**

Din is-sena għal darb'oħra il-Banda L-*Unjoni* ħadet sehem attiv fil-festi solenni tal-Ġimgħa Mqaddsa ċċelebrati ġewwa l-parroċċa ta' Ħal Luqa. Wara numru ta' ġimgħat ta' preparamenti, il-Banda L-*Unjoni* ħejjiet ruħha tajjeb biex tieħu sehem f'dawn il-festi tant għeżież, kif wara kollox ilha tagħmel sa mit-twaqqif tagħha.

Is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni ppreżentat programm ta' Marċi Funebri, kemm kompożizzjonijiet ġodda kif ukoll marċi mill-arkivji tas-Soċjetà. Din is-sena wkoll rajna lill-aljievi tal-banda tagħna jingħaqdu għall-ewwel darba mal-banda biex idoqqu uħud mill-marċi funebri li kienu qed jistudjaw f'dawn l-aħħar ġimgħat, grazzi għas-superviżjoni tas-Surmast John D. Zammit, l-Assistent Norbert Camilleri u l-għalliem Victor Borg. Il-marċi esegwiti matul dan il-programm kienu dawn -



***Il-Banda L-*Unjoni *takkumpanja l-purċissjoni quddiem il-Vara l-Kbira***







# Programm ta' Marċi Funebri nhar Ħadd il-Palm

Il-Ħadd 29 ta' Marzu 2015



| | |
|---|---|
| ***In Aesternam Pacem* - In Memory of Nazzareno Formosa** | John D. Zammit |
| **In Memoria di L. Grima** | Norbert Camilleri |
| **B'Tifkira ta' Karmenu Brincat** | Victor Borg |
| ***Pax Aeterna* - Alla Memoria di Rita Cassar** | Neil Zammit |
| **Marcia Funebre** | Antonio Miruzzi |
| ***Requiem*** | Petrarque |
| **Marcia Funebre** | Antonio Miruzzi |
| **A Mio Amico** | Rossi |

It-tieni impenn mużikali kien f'jum il-Ġimgħa l-Kbira, fejn il-Banda L-*Unjoni* esegwiet programm ta' mużika adattata waqt il-ħruġ tal-purċissjoni, taħt id-direzzjoni tas-Surmast John D. Zammit. Wara mbagħad akkumpanjat l-istess purċissjoni bid-daqq tal-marċi funebri quddiem il-vara l-Kbira tul it-toroq tal-parroċċa. Għal darba oħra, ingħaqdet mal-banda l-kantanta żgħażugħa Federica Falzon, fejn esegwit uħud mix-xogħolijiet mużikali.

Dawn huma s-siltiet li ġew esegwiti -

| | |
|---|---|
| ***Ben Hur*** | Miklos Rosza |
| ***Stava Maria Dolente*** | Orlando Crescimanno |
| ***Pax Aeterna* - Alla Memoria di Rita Cassar** | Neil Zammit |
| ***Invocazione Per Venerdi Santo*** | Charles E. Zammit |
| ***In Memoria di Innocenzo Camilleri*** | Norbert Camilleri |
| ***Pie Jesù*** | Andrew Lloyd Weber ( Arr. J.D. Zammit) |
| ***In Aeternam Pacem* - In Memory of Nazzareno Formosa** | John D. Zammit |
| ***La Croce*** | Orlando Crescimanno |



**Mro. Orlando Crescimanno**



# Inno Sant'Andrea

## *Mro. Orlando Crescimanno (1912)*
## *...jerġa' jieħu l-ħajja mill-ġdid*

**Neil Zammit**

Nistqar li minn dejjem kienet taffaxxinani l-mużika bandistika, speċjalment dik miktuba lokalment għall-baned tagħna. Bla dubju ta' xejn, il-baned l-aktar antiki ġewwa pajjiżna jistgħu jiftaħru b'għadd ta' xogħlijiet miktuba minn surmastijiet bravi li ddominaw ix-xena bandistika tas-sekli dsatax u għoxrin. Il-Filarmonika *L-Unjoni* tista' tiftaħar b'dan ukoll, b'għadd kbir ta' mużika ta' dan il-ġeneru miktuba mid-diretturi ċelebri li mexxewha fit-triq tas-suċċessi tul il-medda tas-snin.

Xhieda ta' dan kollu li qed ngħid huma t-tliet arkivji mużikali rikki w uniċi li nsibu jżejnu s-swali ewlenin tal-każin. Arkivji, li ftit huma dawk il-baned li jistgħu jgħidu li għandhom bħalhom għar-raġuni illi huma miżgħuda b'mużika ta' kull ġeneru li tagħmel ġieħ lill-Banda *L-Unjoni* u l-kompożituri li kitbuha. Personalment ġejt aktar konxju ta' dan it-teżor kbir meta f'Jannar li għadda jiena nħtart bħala Arkivista tas-Soċjetà, kariga li qiegħda għal qalbi ħafna u li tgħinni sabiex napprezza aktar il-wirt mużikali li għandna l-banda tagħna.




Bdejt inqalleb bil-mod u bdew ħerġin partituri u partijiet mużikali ta' kompożizzjonijiet varji, fosthom sinfoniji, valzi, preludji, marċi u innijiet - kollha irregalati lis-Soċjetà Filarmonika *L-Unjoni* mid-diretturi mużikali tagħha. Fost l-oħrajn ilmaħt *Inno di Gloria*, kif kienu popolarment magħrufa fil-bidu tas-seklu għoxrin, komposizzjoni tas-surmast ċelebri Orlando Crescimanno. Dan l-innu inkiteb minn Crescimanno fl-1912, fi tmiem il-karriera tiegħu mal-Banda *L-Unjoni* u ndaqq l-ewwel darba nhar it-30 ta' Novembru tal-istess sena. Ma nafux eżatt sa kemm dam jindaqq dan l-innu, però żguri li ilu ma jinstema' aktar minn sebgħin sena.


LOOKING FOR QUALITY
& SECURITY?
We offer the service of sending a draughtsman over to your premises to give you our professional advice and take the measurements onsite of your door and we will bring samples of colour and photos for you to choose from.
ALL THIS IS FREE OF CHARGE!
FREE PROFESSIONAL ESTIMATES & ADVICE
We Specialise In:
• PVC Coated Doors
• Roller Shutters
• Insulated Sectional Doors
• Up & Over Doors
• Round The Corner Doors
• Folding Doors
• Gates & Fences
• Sheet Metal Doors
• Motorised Doors
• Moulds
• Substation Louvres
• Metal Doors Covered In Wood
New Street off Valletta Rd, Luqa LQA 6000
Email: info@alfredbaldacchinoltd.net
Tel: 21 827 421 / 21 673 397 Fax: 21 673 397
www.alfredbaldacchinoltd.net
Also Specialising In
Metal Doors Covered In Wood
AB
ALFRED BALDACCHINO LTD
MALTA'S LEADING MANUFACTURERS FOR
INDUSTRIAL, COMMERCIAL & RESIDENTIAL
Look no further!


Stefan Briffa
Proprietor
Ta' Lela Petshop
A large range of
bird selection.
Pet and garden needs
are also available.
87
Triq Ċensu Decandia
Luqa
Mob: 7993 6074
ta_lelapetshop@yahoo.com



Dan l-innu, bl-isem I*nno Sant'Andrea*, huwa xogħol għal banda sinfonika maħdum fuq versi bit-taljan ta' Angelo Dalli u fih madwar għaxar minuti. Jiftaħ b'fanfarra fuq l-istrumenti tar-ramm u wara tiġi ntrodotta t-tema prinċipali bl-użu tal-istrumenti kollha tal-banda. Din il-komposizzjoni hija bbażata fuq forma tenarja (A-B-A) fejn fl-ewwel parti tinstema' t-tema prinċipali mill-ġdid b'varjazzjonijiet u adattamenti varji bis-sehem tal-kor. Wara mbagħad tinstema' kadenza fuq il-klarinett (in *Si bemol*) u minnufih tiġi ntrodotta t-tieni tema ta' dan l-innu. Hawnhekk jinstema' l-kant liriku tat-tenur li għandu melodija mill-isbaħ li tiġi mżewġa mal-kumplament tal-istrumenti u l-kor. Fl-aħħar nett, nisimgħu rikapitulazzjoni tal-ewwel tema prinċipali bi żviluppi oħra li jwasslu għall-għeluq grandjuż ta' dan l-innu.

Fuq xewqa tal-Kumitat Ċentrali, ġie deċiż illi dan l-innu jerġa' jingħata l-ħajja. Fil-fatt, dan ser ikun qed jindaqq fuq il-planċier tal-banda hekk kif l-istatwa titulari ta' Sant'Andrija tasal fil-pjazza ewlenija qabel ma tiddaħħal lura fil-Maqdes Andrean. Tassew għandu jkun mument uniku li nittamaw li jibqa' jirrepeti ruħu għas-snin li ġejjin biex tingħata tislima kif jixraq lil Sant'Andrija mis-Soċjetà *L-Unjoni* u l-partitarji tagħha.

Il-Kumitat
iħeġġeġ lill-membri u l-familjari
biex jieħdu sehem attiv
fil-Funzjonijiet Liturġiċi
kif ukoll fil-festi esterni
ad unur

# Sant'Andrija

SIMPATIA CRAI

# J & S Store

*For all types of groceries, fresh fruit & vegetable, frozen foods & detergents*






Now SIMPATIA CRAI outlet

FREE DELIVERY

Misraħ Sant'Andrija, Luqa
Tel: 2166 4082

# DANIEL Woodworks

Joiners & Importers of
Febal Cucine and
Top Quality Italian Doors

febal cucine

IPEA porte

86, Valletta Road, Luqa LQA 1762
Tel/Fax: 356 2166 7106 Mob: 356 7940 7622
www.danielwoodworks.com



# Restawr tal-Kwadru Titulari ta' Sant'Andrija Appostlu u l-Kor tal-Knisja Parrokkjali

**Neil Zammit**

Wieħed mill-aqwa teżori li tiftaħar bih il-Parroċċa ta' Ħal Luqa huwa bla dubju ta' xejn il-Kwadru Titulari, xogħol il-magħruf pittur Kalabriż Mattia Preti (1687), li juri l-martirju ta' Sant'Andrija Appostlu, kif tradizzjonalment magħruf u mgħoddi lilna tul il-medda tas-snin. Estetikament, dan il-kwadru huwa opra tassew sabiħa li turi l-kobor tal-qaddis raffigurat, waqt li tixhed il-ħila artistika tal-Preti, li tul il-karriera tiegħu f'pajjiżna ħalla għadd kbir ta' xogħolijiet importanti.



Dan kollu fl-isfond jagħmlu dan il-kwadru ferm aktar apprezzat, waqt li jitfa' responsabilità akbar fuq dawk li jinteressahom il-patrimonju nisrani u kulturali ta' pajjiżna sabiex opri bħal dawn jiġu ndukrati u ppresevati bla mittiefes għall-ġenerazzjonijiet li għad iridu jiġu. Kien għalhekk li ttieħdet id-deċiżjoni għaqlija li dan il-kwadru jiġi kkonservat u rrestawrat. Il-ħsieb nibet lura fl-2012, tant li saru l-ewwel kuntatti ma' ditti lokali tar-restawr biex jippreżentaw rapport u stima tax-xogħol li kien hemm bżonn isir fuq il-kwadru. Mill-ewwel indikazzjonijiet deher ċar illi l-kwadru ma kellux ħsarat konsiderevoli, tant li kien għadu fi stat ta' konservazzjoni pjuttost tajba. Iżda, minħabba xi interventi u trabijiet li seta' ġibed fuqu, il-kwadru tilef xi ftit jew wisq mill-kuluri sbieħ li s-soltu mdorrijin bihom f'xogħlijiet oħra ta' Mattia Preti.

Kellhom jgħaddu ftit tax-xhur qabel ma reġa' qam l-interess biex dan il-proġett jitwettaq. Fil-fatt, bl-għajnuna tal-Kappillan Dun Gordon Refalo, ġew ippreżentati r-rapporti u l-istimi lill-Kummisjoni Arti Sagra fi ħdan il-Kurja li minn naħa tagħha, aċċettat mill-ewwel biex isir dan il-proġett. Wara diskussjoni u analiżi bir-reqqa, ġie deċiż illi x-xogħol ta' restawr għandu jiġi fdat f'idejn id-ditta *Re-Coop Limited*.

Rappreżentanti tal-kumpanija reġgħu ġew fuq il-post biex jaraw il-kwadru u jeżaminaw xi dettalji oħra. Ġie deċiż illi x-xogħol jibda' wara l-festa tal-2014.

Sadannittant, kien tassew jagħmel sens illi waqt li l-kwadru kien maqlugħ minn postu, isir xogħol ta' manutenzjoni fil-Kor tal-Knisja Parrokkjali biex jerġa' jingħata d-dehra sabiħa li jixraqlu. Minnufih bdew isiru taħdidiet preparatorji bejn il-Kappillan, rappreżentanti tal-grupp tal-armar tal-knisja u l-induratur John Pace. Sar qbil illi l-kor għandu jinżebagħ mill-ġdid biex jiġi jaqbel mal-koppla u fl-istess ħin issir alterazzjoni fil-kulur tal-friż ta' taħt iċ-ċinta. Saret ukoll konsultazzjoni mal-pittur Pawlu Camilleri Cauchi fejn ta l-pariri siewja tiegħu f'dan ir-rigward. Intant, ġie deċiż ukoll illi l-gwarniċ tal-kwadru titular flimkien ma' dawk laterali ta' San Pietru u San Pawl jiġu ndurati u nbornuti b'deheb ta' 23.5 karat.



Għaldaqstant, wara li tfassal il-pjan ta' ħidma, kollox kien lest biex jingħata bidu għax-xogħol propju. Intrama l-armar meħtieġ kemm fuq l-altar maġġur kif ukoll mas-sedji tal-kor. Wara kien imiss li jitniżżel il-kwadru titular minn postu. Din l-operazzjoni seħħet nhar is-17 ta' Settembru 2014 u għaliha kienu preżenti membri tad-ditta *Re-Coop Limited* flimkien mal-Kappllan Dun Gordon Regalo u membri tal-grupp tal-armar tal-knisja. Hekk kif inqala' minn postu ġiet innutata skrizzjoni fuq in-naħa ta' wara li kienet tgħid li l-kwadru kien ġie rrestawrat minn Giuseppe Calì. Dan jikkonferma diversi għidut li kienu jsostnu dan il-fatt interessanti. Minnufih tgħabba fit-trakk apposta u ttieħed fil-laboratorju biex jinbeda x-xogħol ta' restawr.

Waqt li kien għaddej ix-xogħol ta' restawr fuq il-kwadru, inbeda x-xogħol ta' manutenzjoni u restawr fil-kor tal-knisja. Ingħatat żebgħa ġdida adattata li taqbel mal-iskala tal-kuluru tal-koppla, waqt li tnaddaf id-deheb li kien hemm fiċ-ċinta, il-friż u l-kwadri laterali l-kbar. Mill-banda l-oħra, beda jinbarax il-gwarniċ tal-kwadru titulari flimkien ma' dawk tal-kwadri laterali ż-żgħar li jiffurmaw il-prospettiva prinċipali tal-kor. Ingħata l-ġibs u l-boll u wara tqiegħed id-deheb mill-induratur John Pace. Dan ħa ż-żmien tiegħu peress li jinvolvi proċess twil u metikoluż, iżda li żgur ħalla r-riżultat mixtieq. Saret ukoll induratura ġdida mal-bibien tal-kor li jagħtu għas-sagristiji.

L-interess fuq il-kwadru baqa' dejjem jiżdied, tant li ħafna parruċċani kienu jsaqsu fiex wasal ix-xogħol. Għaldaqstant, ġie deċiż illi tiġi organizzata żjara ġewwa l-laboratorju tad-Ditta *Re-Coop Limited* nhar it-3 ta' Diċembru 2014 u li għaliha attendew il-fuq minn ħamsin persuna. Saret taħdita qasira mill-Prof. Keith Sciberras u s-Sinjuri Paul Muscat u Roderick Abela, waqt li dawk li attendew setgħu jaraw il-kwadru mill-viċin u l-interventi li kienu qed isiru fuqu.

Intant, ix-xogħol fil-kor baqa' għaddej ġmielu sal-bidu ta' Marzu 2015. Wara li tlestiet l-induratura kollha, beda jiżżarma l-armar li ma kienx għad fadal bżonnu, waqt li sar




it-tindif meħtieġ mill-grupp ħassiela tal-knisja u mill-grupp tal-armar. Il-kwadru tlesta minn kollox għall-ħabta ta' nofs Marzu u ġie deċiż illi għandu jitqiegħed f'postu nhar San Ġużepp, id-dsatax ta' Marzu. Dakinhar kienu preżenti mill-ġdid rappreżentanti tad-ditta *Re-Coop Limited* flimkien mal-Kappillan Dun Gordon Refalo u membri tal-grupp tal-armar li taw daqqa t'id siewja biex seta' jittella' f'postu u ma ssir l-ebda ħsara bla bżonn. Wara li mar kollox kif meħtieġ, kien baqa' jiżżarma l-aħħar armar li serva għat-







Kurt Zerafa
zerafakurt@gmail.com

L.L.F.

Marble, Granite & Quarts

490, 491
Industrial Estate
Luqa, Malta

Tel: +356 21246878
M: +356 99498466



The Convenience Shop

Open 6am till 9pm
Monday to Sunday
(even on public holidays)

Tel: 2180 8569

tlugħ tal-kwadru u fil-fatt dan inħatt takinhar stess wara nofsinhar. Ġew installati wkoll erba' bozoz ġodda sabiex idawlu l-kumpless tal-kor u jagħtu dehra isbaħ lill-kwadru titular u l-kwadri laterali permezz tal-użu ta' dawl apposta. Dan ix-xogħol sar kollu mill-grupp armar tal-knisja.

Kollox kien lest għal jum l-inawgurazzjoni, skedat għall-Ħadd 22 ta' Marzu 2015. Wara l-quddiesa tal-għaxra u nofs ta' filgħodu, ittella' kunċert qasir ta' mużika sagra mill-kor tal-*Cappella Sanctae Catharinae*. Wara, saret taħdita dwar ir-restawr tal-kwadru minn Paul Muscat u ġie inawgurat il-proġett mill-Kappillan u l-Kleru tal-Parroċċa. Saħansitra anke intwera' *feature* tal-okkażjoni fl-aħbarijiet ta' TVM dakinhar filgħaxija.

**Il-Kumitat Ċentrali jifraħ u jirringrazzja lill-Wisq Rev. Kappillan Dun Gordon Refalo flimkien mal-Kleru u l-Grupp Armar tal-Knisja għax-xogħol siewi tagħhom b'risq il-proġetti li għaddejjin bħal issa ġewwa l-Knisja Parrokkjali.**

**Awguri għal li ġej.**



















# Memorji ta' Tlettin Sena ilu...





# L-Armar tas-Soċjetà Matul is-Snin

**Joseph Piscopo**

Għal ħafna snin l-armar tal-festa ta' Sant' Andrija kien f'idejn il-Knisja. Id-dilettanti li kienu jarmaw il-Knisja kienu wkoll jarmaw it-toroq u l-pjazez tar-raħal tagħna. Però mas-snin l-involviment tal-Każini fl-armar beda jiżdied, speċjalment mis-snin tmenin-il quddiem. Is-Soċjetà tagħna tista' tgħid li dejjem kellha nies tas-sengħa li kienu kapaċi jagħmlu diversi opri li jżejnu lit-toroq tagħna. Dan wassal sabiex illum il-ġurnata, tul il-ġranet tal-festa, naraw lir-raħal tagħna mżejjen kif xieraq.

L-ewwel armar li s-Soċjetà L-Unjoni għamlet għal festa ta' Sant' Andrija jeħodna lura għas-sena 1885 meta kienet iżżanżnet l-istatwa tal-Anġlu, simbolu tal-martirju u l-glorja ta' Sant'Andrija, xogħol il-magħruf statwarju Carlo Darmanin. Flimkien mal-istatwa kien sar ukoll pedestal ġdid li dam jintrama fil-pjazza prinċipali sas-sena 1994. Illum dan il-pedestall l-antik għadu jintrama quddiem l-każin fil-ġranet tal-festa.

L-ewwel planċier li kellha l-Banda *L-Unjoni* kien il-famuż palk li kien jintrama fil-bidu tas-seklu għoxrin fi Piazza Chiesa. Eventwalment, fis-sena 1953 inħadem l-ewwel



planċier li l-Banda L-Unjoni kellha. Fuq dan il-planċier ħadmu diversi membri tas-Soċjetà. Dan kien inawgurat nhar il-Ħadd 6 ta' Settembru 1953 għall-festa tal-Madonna taċ-Ċintura mill-Prim Ministru ta' dak iż-żmien l-Onor. Ġorġ Borg Olivier u ġie mbierek mill-Mons Isqof Emanuel Gerada. Dan il-planċier għadu jeżisti sa llum u jintrama fil-festi tal-Madonna tar-Rużarju u ta' Marija Assunta mill-Każin *La Stella* tal-Gudja.

Ma' tantx laħaq għadda żmien li l-membri ddeċidew li jagħmlu pjanċier isbaħ. Dan fil-kuntest li diversi każini bdew jagħmlu planċieri ħafna iktar artistiċi. Il-membri mal-ewwel bdew bil-ħidma fuq dan il-planċier. Id-disinn sar mill-magħruf Carmelo Vassallo tar-Rabat. Ix-xogħol tlesta fis-sena 1969

# O.K. Bar



Għal drink ġenwin
b'varjetà ta' *appetizers*
f'atmosfera tal-ħbieb

Inservu *breakfast* u *lunch, pasta dishes, focaccias* u ħafna ikel ieħor.

**TRIQ IL-KARMNU, LUQA**

**Taħt sidien ġodda u b'dehra aħjar**




**79703273 • 79803056**

meta ġie inawgurat mill-Gvernatur Sir Maurice Dorman u mbierek mill-E.T. Mons Isqof Emanuel Ġerada Dan il-planċier sarulu xi tibdiliet żgħar fil-faċċata fis-sena 1991 meta kien ġie restawrat b'mod estensiv taħt is-superviżjoni ta' Carmelo Psaila u bil-għajnuna tal-membri tas-Sezzjoni Armar. Sal-ġurnata tal-lum dan il-planċier għadu wieħed mill-isbaħ li għandna fil-gżejjer tagħna u jiġbed l-ammirazzjoni ta' bosta li jiġu jżuru r-raħal fil-jiem tal-festa titulari.

Għal festi taċ-ċentinarju li saru fis-sena 1980 ġew imżanżna sett ta' pavaljuni u bandalori fuq disinn tal-membru Carmelo Psaila. Kienu diversi dawk il-membri, speċjalment nisa, li kienu għenu fil-ħjata ta' dan id-drapp. Il-pittura ta' fuq il-bandalori kienu juru l-appostli filwaqt li l-pavaljuni kellhom siltiet mill-kurunella ta' Sant'Andrija, kitba ta' Ludovico Mifsud Tommassi. Id-disinn eleganti ta' dawn il-pavaljuni u bandalori kien jagħmel Triq Sant' Andrija waħda tassew sabiħa matul il-ġranet tal-festa.

Is-snin tmenin kienu kkaratterizzati b'ħeġġa liema bħala biex l-armar jiżdied u jkun dejjem isbaħ. Fil-fatt, kien f'dan il-perjodu li l-membri ddeċidew li jagħmlu statwa ta' Sant' Andrija sabiex tintrama fuq pedestal grandjuż fil-pjazza prinċipali. Din l-istatwa hi xogħol monumentali tal-Kav. Alfred Camilleri Cauchi u tlestiet fl-1985. L-artist innifsu jikkonferma li din l-istatwa hi waħda mill-isbaħ li ħadem tul il-karriera artistika tiegħu. Fis-sena 2011 dan il-pedestall sarulu diversi alterazzjonijiet fil-panew ċentrali kif ukoll inħadmu erba' basso-rilievi mill-istess Camilleri Cauchi.

Fl-istess sena, iġifieri fis-sena 1985, saru wkoll sett ta' tmien pilandri għal pjazza Sant'Andrija u li llum qed jintramaw fit-triq tal-Każin. Dawn ġew rinovati fis-sena 1997 fejn saru xi alterazzjonijiet fil-brazzi u fl-iskultura sabiex din tikkumplimenta l-armar l-ieħor tas-Soċjetà.




Fis-sena 1994, wara sentejn xogħol, ġie mżanżan il-pedestal il-ġdid tal-Anġlu fuq disinn tal-membru Carmelo Psaila, filwaqt li sentejn wara, fis-sena 1996, saru s-sett uniku ta' sitt trofej mill-ġdid fuq disinn ta' Carmelo Psaila. Dan is-sett ta' trofej poġġa mill-ġdid lis-Sezzjoni Armar fil-quċċata mad-dilettanti tal-armar. Il-membri tas-Sezzjoni Nisa kienu ħadu ħsieb il-ħjata tal-bandalori u l-bandar ta' dawn it-trofej filwaqt li l-pittur magħruf l-Kavallier. Pawlu Camilleri Cauchi ħa ħsieb il-pittura li tirrappreżenta l-martirju tal-Appostli Pietru, Pawlu, Andrea, Ġakbu, Ġwanni u Bartilmew.

Fis-sena 1997 l-iskultur Ħalluqi Twanny Ellul tqabbad sabiex jagħmel l-istatwa ta' San Ġwann il-Battista sabiex din tintrama fuq il-pedestal l-antik tal-Anġlu filwaqt li fis-sena 2001 saru s-sett ta' Evanġelisti għal taħt iz-zuntier. Dawn inħadmu mill-artist Renzo Gauci, waqt li l-pedestalli u l-iskultura kollha saret mill-membri tas-Sezzjoni Armar.

Is-sena 2005 kienet waħda memborabbli għax kienet is-sena li fiha s-Soċjetà L-Unjoni ċċelebrat il-mija w ħamsa w għoxrin sena mit-twaqqif tagħha. Għal din l-okkażżjoni



l-Għaqda tal-Armar daħlet għal proġett ambizzjuz ieħor; sett ta' anġli ġodda għal Pjazza ewlenija. Inbeda x-xogħol fl-injam u sar dak kollu meħtieġ biex f'Ġunju tal-2005, mal-ftuħ tal-festi tal-anniversarju, kienu ġew inawgurati dawn l-anġli xogħol tal-Għawdxi Joseph Cutajar Zahra.

Is-sena ta' wara, iġifieri fis-sena 2006, ttieħdet id-deċiżjoni li jiġu rrestawrati sett ta' anġli li kienu jintramaw fl-antik fil-festa, wisq probabli xogħol ta' Vincenzo Cremona u Carlo Darmanin. Dawn l-anġli kienu propjetà tal-knisja però kienu ngħataw lil Każini. Għal dawn l-anġli nħadmu kolonni ġodda mill-membri tas-Soċjetà u llum qed jintramaw fi Triq Sant' Andrija flimkien mal-pilandri li qabel kienu jintramaw fil-pjazza.

Wara dan il-proġett kien imiss li jinbidel id-drapp ta' Triq Sant' Andrija. Għal dan il-għan kien ġie avviċinat l-artist Silvio Pace sabiex iħejji disinn ġdid kemm għal bandalori kif ukoll għall-pavaljuni. Fl-2007 kien ġie mżanżan l-ewwel pavaljun li ntlaqa tajjeb mill-partitarji tas-Soċjetà. Ix-xogħol baqa' miexi b'ritmu tajjeb ħafna, tant li l-ispejjeż inġabru kollha u x-xogħol tlesta minn kollox kif mixtieq fi ftit snin. B'hekk Triq Sant'Andrija reġgħet ħadet dehra maestuża kif verament jixirqilha bħala t-triq prinċipali tar-raħal.

Is-sena 2011 ġabet magħha demm ġdid fi ħdan is-Sezzjoni Armar, wara li s-Soċjetà tilfet numru kbir ta' persuni li għal tant u tant snin ħadmu u stinkaw b'risq l-armar





tal-festa. Fis-sajf ta' dik is-sena, grupp ta' żgħażagħ flimkien ma' membri oħra b'esperjenza reġgħu taw ħajja lis-Sezzjoni Armar u minnufieh ittiehdet id-deċiżjoni li jinbeda proġett ġdid għal Triq Sant'Andrija. Dan kien jikkonsisti fi grupp statwarju li juru l-martirju ta' Sant' Andrija Appostlu u pedestal għal taħtu. Dan il-proġett kien ilu mixtieq mid-dilettanti tal-Każin u għalhekk ittiehdet id-deċiżjoni li s-Sezzjoni timplimenta dan il-proġett.

Mal-ewwel kienu ġew avviċinati l-artisti Alfred u Aaron Camilleri Cauchi sabiex jagħmlu disinn tal-istatwa l-ġdida. Sadanittant, inbeda l-ġbir għall-ispejjeż ta' dan il-proġett, li ma kienx ftit. Kemm l-injam kif ukoll l-iskultura, l-induratura u xogħol ieħor marbut mal-pedestal sar kollu mill-membri tal-Soċjetà L-Unjoni. Żgur li nistgħu ngħidu li dan il-proġett ambizzjuz ser jagħmel ġieħ lir-raħal u fuq kollox lis-Soċjetà tagħna.

Dawn il-proġetti ma kinux ikunu possibli li kienu ma kienx għal ħidma ta' diversi nies li għenu matul is-snin. Kulħadd għen bil-mod li seta' biex illum is-Soċjetà L-Unjoni tiftaħar b'dan il-ġmiel ta' armar li jitgawda biss fil-festa ta' Sant'Andrija Appostlu nhar l-ewwel ġimgħa ta' Lulju. Ismijiet ma semmejna lil ħadd, iżda żgur ngħidu grazzi lil kulħadd. Is-sagrifiċċju ta' dawk kollha involuti matul is-snin żgur li qed jiġi apprezzat illum minnha lkoll għax bis-saħħa ta' kulħadd wasalna s'hawn. Minn hawn insellmu wkoll lil dawk id-diversi membri li kienu attivi fl-armar li però llum m'għadhomx magħna.

B'wiċċha minn quddiem, is-Soċjetà L-Unjoni tiftaħar bl-armar li tarma ad unur Sant'Andrija tul il-ġranet tal-festa u se tibqa' taħdem biex dan ikompli jiżdied fil-kwantità u fil-kwalità ħalli b'hekk tibqa' tgawdi l-istima li kisbet f'dan il-qasam matul is-snin.

Viva s-Sezzjoni Armar fi ħdan il-Filarmonika L-Unjoni

Viva Sant'Andrija Appostlu


# LORENZA BAZAAR

*Fejn issibu kull kwalità*

ta' Haberdashery, żraben tal-kbar u ż-żgħar, ħwejjeġ għall-familja kollha, kif ukoll ħwejjeġ ta' taħt, bħal qliezet u flokkijiet, nightdresses u oħrajn.


OMP
APPROVED
WWW.NAXOSCARCENTRE.COM


email: slie@di-ve.com
website: www.imper.it
IMPER ITALIA
WATERPROOFING SYSTEMS
• Waterproofing Membrane
• Bitumen Elastomer Pastes
• Liquid Membranes
We Import Timber & Wood
ISO 9001
S & L Import & Export Ltd
Wilga Stores, Triq Il-Wilga, Luqa LQA 1530
Tel: 21 897 912 Fax: 21 690 685



# Is-Surmast Emmanuele Spiteri u l-*Filarmonica L'Unione* Mitt Sena Ilu

**Francis Galea**

Iben l-Għawdxi Giovanni Pietro u Anna mwielda Balzat, is-surmast Spiteri twieled fi Triq Merkanti l-Belt Valletta nhar l-Erbgħa, 10 ta' Diċembru 1879 u ġie mgħammed tlett ijiem wara fil-knisja Bażilika tal-Porto Salvo u San Duminku. Sa mill-bidu tal-istudju tal-mużika kif ukoll dak akkademiku aktar tard, wera li kellu kapacità teknika li mhux biss wasslitu jkun surmast tal-klarinett, iżda li setgħet twasslu għal ambizzjonijiet ferm akbar.

Meta fit-30 ta' April 1892 kellu tlettax-il sena, huwa ngaġġa mar-Riġment tar-*Royal Malta Artillery* biex kompla jimxi 'l quddiem fl-arti mużikali u sa Diċembru 1893 irnexxielu jikseb ċertifikat akkademiku. Erba' snin wara, Emmanuele laħaq *Gunner* u f'Lulju 1897 ingħata l-grad ta' *Bumbardier* fit-Taqsima tat-*Tielet Battaljun*. Minkejja dawn il-kisbiet, Emmanuele dejjem kellu f'moħħu li minbarra li jimxi 'l quddiem fis-servizz, xtaq ikun klarinettista fil-banda tar-Riġment, kif fil-fatt ġara nhar l-1 ta' Mejju 1898. F'Settembru 1902 Spiteri inħatar *Band Corporal* waqt li f'Diċembru 1907 ingħata r-responsabilità ta' *Band Sergeant*. B'hekk bil-ħiliet u l-abbiltajiet tiegħu flimkien mas-sens ta' dixxiplina personali u rispett lejn għajru, Emmanuele Spiteri sar aktar popolari u miġjub minn sħabu.

Għall-ħabta tal-1910 huwa ġie maħtur Assistent Direttur tal-Banda Filarmonika Nazzjonali La Vallette, u anke dderieġa din il-banda f'diversi okkażjonijiet. Wara li għal xi snin kien irawwem l-allievi f'Ħal Luqa, is-surmast Spiteri ngħata l-inkarigu biex imexxi l-Banda l-*Unjoni* mill-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà. L-abbiltajiet tiegħu ma waqfux hawn għax ġie anke aċċettat bħala direttur fil-Kulleġġ Militar Ingliż ta' *The Royal Military School of Kneller Hall*, Twickenham. Lura pajjiżna u bil-kisba ta' din id-Diploma prestiġjuża huwa ngħata l-inkarigu tal-Banda tal-R.M.A.

Il-ħbiberija u r-rispett tiegħu lejn is-Soċjetà Filarmonika l-Unjoni ta' Ħal Luqa dehret ukoll f'xogħolijiet mużikali li kkompona marbuta mal-valuri sentimentali tad-dilettanti tal-Banda. Fost dawn insemmu t-tliett biċċiet Marcia Sinfonika, *Europa Ed Africa, 30 Novembre, u Rosa di Maggio*, kif ukoll il-Marcia Trionfale *L'Unione*.

Fl-1915, il-Filarmonika L-Unjoni kienet diretta mis-surmast bravu Emmanuele Spiteri. Nhar l-10 ta' April 1915 il-Banda l-*Unjoni* daqqet programm ta' mużika sagra u funebri waqt il-ħruġ tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Taħt it-tmexxija tas-Surmast Spiteri, il-Banda l-*Unjoni* kompliet timxi fit-triq tas-

caption



Mro. Emmanuele Spiteri

suċċessi. Fost l-impenji mużikali li nafu bihom insibu li nhar id-29 ta' Awwissu, il-Banda L-*Unjoni* daqqet fit-toroq ewlenin tar-raħal nhar il-festa tal-Madonna taċ-Ċintura, meta ppreżentat dan il-programm -

| | | |
|---|---|---|
| *Symphonic March* | Roma | Ferradini |
| *Overture* | Re Carnevale | Rossi |
| *Selection* | Fedora | Giordano |
| *Egyptian March* | Riverso | |
| *Symphonic March* | Europa | E. Spiteri |
| Hymn of the Allies | | |
| God save the King | | |

Ftit tax-xhur wara, il-bandisti tal-Filarmonica L'Unione reġgħu taw wirja tal-ħiliet mużikali tagħhom fis-servizzi li l-banda ssuktat tagħti għall-festa ta' Sant'Andrija Appostlu.

**Bibliografija**
Francis Galea, Ħal Luqa u l-Banda Tagħha L-Unjoni, 2005.



BERNARD
*ta' Twanny*
Tal-Ħaxix

Fil-pjazza ta' Ħal Luqa
KULJUM
Għall-aqwa kwalità ta'
ħaxix u frott

A&A
Stone & Interiors
A&A for all your interior needs

For all kinds of
- stone works
- fireplaces
- coffeetables
- BBQ's
- units
- kitchens
- covings
- a variety of frames
- statues
- home decorations
- and much more

Showroom: New Street, Luqa
Tel: 2125 7189 Mob: 9982 1402
Mob: 9982 1255 (ALEX)
Email: a_astone@go.net.mt
A&A Stone & Interiors
www.aandastoneandinteriors.com





paperway stationery

- Newsagent
- Books
- School & Office Stationery
- Greeting Cards
- Toys & Educational Games
- Gifts
- Colour and B/W Photocopying service
- Printing from all Media
- Photocopies starting from 2c
- Book Binding & Covering
- Laminations
- Passport Photo Service

Smart Card Accepted

Paperway Stationery, Dun Pawl Street, Luqa.

Telephone: 21690689 E-Mail: paperwayluqa@gmail.com



# Ħolma Ssir Realtà

## *25 Sena Sidien ta' Palazz Sant'Andrija*

**Mill-Arkivji tas-Soċjetà**

*Fl-okkażjoni tal-25 sena minn meta s-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni akkwistat 'Palazz Sant'Andrija' bħala s-sede tagħha, qed nirriproduċu artiklu li kien deher fil-ktejjeb tal-festa tas-sena 1990 miktub minn membru anzjan tas-Soċjetà li jgħati ħarsa lejn l-avvenimenti li waslu sabiex inkisbet din il-binja tar-raħal tagħna.*

Kienet ħolma u ftit kienu dawk li qatt ħolmuha li s-Soċjetà tagħna tal-Banda l-*Unjoni* ssir propjetarja ta' darha. Dan għaliex 'Palazz Sant'Andrija', kif jismu l-lokal tal-każin, hu verament palazz u mhux xi dar ikkonvertita f'każin. 'Palazz Sant'Andrija' hu post kbir, attrezzat għall-ħtiġijiet tal-banda, modern u fuq kollox mibni fil-qalba tar-raħal. Allura kif kienu dawk li qatt ħasbu li s-Soċjetà tkun xi darba finanzjarjament soda biżżejjed biex issir propjetarja tal-każin. Imma bl-avvenimenti li ġraw dawn l-aħħar tliet xhur is-Soċjetà irnexxiela tixtri l-każin u l-ħolma saret realtà.

Ftit xhur ilu, sid il-każin, is-sur Richard Strickland, inkariga lill-prokuratriċi tiegħu, Mrs Marthese Falzon, biex iżżur il-każin u tkun tista tgħidlu f'liema kundizzjoni kien qed jinżamm. Minn din iż-żjara fil-każin li għamlet Mrs Falzon bdew in-negozjati, kultant ftit iebsin, għax-xiri tal-każin. B'dawn in-negozjati ħarġu sodisfatti l-partijiet kollha kkonċernati u bihom is-Soċjetà tal-Banda l-*Unjoni* akkwistat il-każin tagħha. Nhar il-Ħamis 5 ta' April sar l-att tal-konvenju bejn il-partijiet ikkonċernati għand in-Nutar Dr Carmel Manġion LL.D. u nhar il-Ħadd 6 ta' Mejju 1990 ġie iffirmat il-kuntratt.



*Il-Pjanta oriġinali tal-Każin il-ġdid wara l-gwerra*

F'din l-okkażjoni xieraq li nsemmi xi ħaġa dwar il-każin. L-ewwel każin uffiċjali li kellha s-Soċjetà kien fi Triq San Pawl. Ngħid uffiċjali għaliex kien hemm anzjani




**We specialize in: Up Styles (especially for weddings), Hair Extensions, Hair Cuts, Blowdries, Colours, Highlights, Hair Treatments, Scalp Treatments, Scalp Stone, Massage, Brazilian Anti-Frizz Treatment, Straightening and more... We also specialize in Make-up and Nails.**




Opening Hours :
Winter : Mon to Sat 05:15-12:00
Mon,Tue,Thu,Fri 16:30-19:00

Summer:
Mon,Wed,Fri 05:45-13:00
Tue,Thu,Sat 05:45-12:00
Tue,Thu 16:30-19:00

NINJA STORE

For all types of groceries, frozen foods, fruit & vegetables, wide range of detergents!
Discounted prices & Service with a smile





20 , Triq Tumas Galea,
Luqa

Telephone : 218272276

li kienu jsostnu li l-ewwel allievi bdew jitgħallmu jdoqqu f'kamra li kienet f'dik il-parti ta' Triq il-Ġdida li tiġi bejn Triq Santa Maria u Triq San Ġużepp minn fejn imbagħad marru għal Triq San Pawl. Min Triq San Pawl il-każin mar f'dar kbira fi Triq San Ġużepp. Minn hemm imbagħad, fl-1914, mar fejn qiegħed issa f'numri 2, 3, 4 u 5 Triq Sant'Andrija.



*Wara l-iffirmar tal-kuntratt*

Il-kumitat ta' dak iż-żmien ħa din id-dar għall-aħħar 57 sena ċens minn 99 mingħand il-familja Baldacchino miż-Żejtun. Din il-familja fl-1872 kienet ħadet id-dar b'ċens mingħand il-familja Strickland. Il-familja nobbli ta' Strickland kellha u għad għandha bosta propjetà f'Malta.

Il-lokal il-ġdid fejn mar il-każin fl-1914 kienu żewġt idjar li għalkhemm kbar kienu antiki hafna. Numri 3, 4 u 5 kienu nbnew fl-1781 u n-Numru 2 fl-1846. Il-membri ta' qabel, bil-mezzi limitati li kellhom, għamlu minn kollox biex jaddattaw dawn id-djar bħala każin tal-banda u matul iż-żmien sar ħafna tibdil strutturali.

F'attakk mill-ajru fuq Ħal Luqa fid-9 ta' April 1942, il-każin ġarrab ħsarat kbar tant li ma baqax tajjeb biex jibqa' jintuża u minn dakinhar is-Soċjetà kellha titqanna għal sitt snin b'maħżen fil-viċin. Għall-aħħar tas-sena 1946 il-każin beda jinbena mill-ġdid bil-flus tal-*War Damage*. Tħejjiet pjanta għal bini ta' każin modern u kawża t'hekk is-Soċjetà kellha toħroġ iżjed minn £1000 mal-flus tal-*War Damage* barra x-xogħol volontarju li sar mill-membri. F'Ġunju tal-1948 is-Soċjetà sabet postha mill-ġdid fil-każin.

Kif għidt qabel, il-każin kien ittieħed b'ċens għall-57 sena u fis-sena 1971 dan iċ-ċens għalaq u s-Soċjetà sabet ruħha fi kriżi kbira, tant li l-kumitat ta' dak iż-żmien beda jfittex post ieħor fejn imur il-każin għax is-sidien rieduh lura. Billi ebda post addattat ma nstab, is-Soċjetà irreferiet il-każ sew lil Gvern u kemm lill-Oppożizzjoni ta' dak iż-żmien. Grazzi għall-Amministrazzjoni Nazzjonalista u għall-Amministrazzjoni Laburista l-kwistjoni taċ-ċens ġiet solvuta b'wiċċ il-ġid u fl-1974 is-Soċjetà ġiet mogħtija l-każin b'kera.

Fl-1976 saru tibdiliet strutturali kbar li sew lis-Soċjetà madwar Lm6,000. Inbena bar ġdid, inbidel il-madum kollu u ħafna xogħolijiet oħra.



Illum, għall-grazzja t'Alla u tal-Patrun tagħna Sant'Andrija, b'sodisfazzjon nistgħu ngħidu li s-Soċjetà tal-Banda l-*Unjoni* ġiet sid id-dar tagħha u kull ma tagħmel fil-każin mill-lum il-quddiem tkun qed tagħmlu fi ħwejjiġha.









Restawr tal-Statwa tal-Anġlu fl-2010









# L-Anġlu

## *Mija u Tletin Sena Fostna*

**Neil Zammit**

Mija u tletin sena huma ħafna! Aktar u aktar meta tqis li dawn is-snin kollha gerrbu fuq statwa li s-Soċjetà L-*Unjoni* kienet minn ta' quddiem nett sabiex kisbet fi ħdanha biex torbot isimha għal dejjem mal-patrun tar-raħal Sant'Andrija Appostlu. Mija u tletin sena li ġew u marru, iżda qatt ma naqqsu l-popolarità kbira li tgawdi din l-istatwa trijonfali.

Propju din is-sena, l-istatwa tal-Anġlu qed tiċċelebra dan l-anniversarju - data mportanti ħafna li hija minsuġa mat-twelid tal-Banda L-*Unjoni* ħames snin qabel u mal-festa ta' Sant' Andrija. Din l-istatwa inħadmet fil-kartapesta mill-magħruf statwarju Carlo Darmanin fl-1885 u minn dik is-sena bdiet tintrama fuq il-pedestall tagħha fi Piazza Chiesa, il-pjazza ewlenija u waħdanija tar-raħal li fiha kienet tospità ċ-ċelebrazzjonijiet esterni tal-festa titulari, flimkien mal-armar tal-knisja u dak tal-Banda L-*Unjoni* bħala l-ewwel Soċjetà mużikali mwaqqfa ġewwa Ħal Luqa fl-1880. Aktar tard, din l-istatwa bdiet tintrama aktar il-quddiem maġenb il-Knisja u illum tinsab propju fi Pjazza Sant'Andrija, tiddomina din il-pjazza ewlenija fuq pedestal mill-isbaħ, frott il-ħidma tas-Sezzjoni Armar fi ħdan is-Soċjetà L-*Unjoni*.

Mhux l-intenzjoni li nagħti aktar dettalji dwar l-istorja ta' din l-istatwa, għax inkiteb ħafna dwarha f'publikazzjonijiet oħra. Iżda din is-sena xtaqt naqsam magħkom il-qarrejja ta' din il-publikazzjoni sensiela ta' ritratti uniċi illi għadhom ma dehru mkien. Dawn juru x-xogħol ta' din il-publikazzjoni sensiela ta' ritratti uniċi illi għadhom ma dehru mkien. Dawn juru x-xogħol ta' konservazzjoni u restawr mill-artisti Alfred u Aaron Camilleri Cauchi li għaddiet minnu din l-istatwa proprju ħames snin ilu sabies reġgħet kisbet l-istat oriġinali u l-glorja kollha tagħha hekk kif ħadimha l-magħruf Karlozzu Darmanin.

L-istatwa tal-Anġlu ttieħdet ġewwa l-*istudio* tal-artisti Camilleri Cauchi u minnufih saret analiżi tagħha u tal-ħsarat li jista' jkollha kkawżati mill-elementi naturali u t-tqandil tagħha. Fil-fatt, l-istatwa ġiet miftuħa minn naha ta' wara u saret konsolidazzjoni tal-anima biex b'hekk tkun tiflaħ aktar għall-iskoss u l-istrapazz waqt it-tlugħ tagħha fuq il-pedestall lejlet il-festa. Saru wkoll xi interventi ta' restawr fuq partijiet oħra tal-istatwa fejn kien hemm bżonn bħal gwejnaħ u l-id ta l-anġlu.

Deċiżjoni għaqlija kienet dik meħuda mill-Kumitat Ċentrali ta' dak iż-żmien illi jinbidel il-kulur tal-libsa biex jerġa' jiġi għal dak oriġinali. Fil-fatt, l-artisti Camilleri Cauchi kkonfermaw illi l-kulur oriġinali kien dak ħadrani. Mal-medda tas-snin din l-istatwa inżebgħet kemm-il darba u għalhekk tilfet xi ftit mill-oriġinalità tagħha. Ir-

riżultat finali kien wieħed soddisfaċenti ħafna, għalkemm nistqarr illi għall-bidu kif deher l-ewwel darba kien hemm reazzjonijiet diversi dwar dan il-fatt. Iżda illum kulħadd għaraf l-importanza ta' din l-istatwa u l-istatwarju li ħadimha u għaldaqstant ma tistax ma tkunx qrib lejn l-oriġˆnali kif ħarġet tant snin ilu mill-awtur tagħha.

Jalla din l-opra artistika tibqa' dejjem f'qalbna u tkun simbolu għalina lkoll li ngħożżu lis-Soċjetà L-*Unjoni* u 'l Sant'Andrija Appostlu.


Oasis restaurant

Oasis Restaurant

Kim Degabriele – Director

164/5,
Luqa Industrial Estate,
Luqa
Tel: 2122 0670
Mob: 9947 8435

Naċċettaw ikliet bejn il-Ħbieb



L-artisti Alfred u Aaron Camilleri Cauchi wara r-restawr tal-istatwa tal-Anġlu

**SILVERCRAFT PRODUCTS LTD**

MRA 018A, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS 3000

Tel: 21898046 • Fax: 21666400

Email: info@silvercraftltd.com



**Silvercraft Products Limited is a family owned business, supplier to the fibreglass industry. Our list of products includes fibreglass, tissue, resin, brush cleaners, pigments, waxes and a variety of tools and other material related to the industry.**

**We also produce fibreglass products for domestic and industrial use, including swimming pools, sewage treatment plants, tanks, bowsers and other tailor-made products to suit the needs of our variegated clientele.**

**You are more than welcome to forward us your projects for a detailed quotation or visit our shop for your DIY tasks.**

**Easy Come Store**

*For all types of*

*groceries, frozen foods & detergents.*

Best value for your money!

**Free Delivery**

2, Dun Pawl Street, Luqa



# Il-Banda L'*Unione* u l-Meeting tal-Ewwel Gwerra

**Joseph A Bugeja**
*B.Com, B.A(Hons) Econ, MBA (Maastr)*

Nhar it-28 ta Ġunju tas-sena 1914, Gavrilo Princip spara numru ta' tiri lejn l-Arċiduka Ferdinandu tal-Awstrija. Dawk it-tiri kienu fatali mhux biss għall-Arċiduka iżda wkoll għal madwar disa miljun persuna. Dawk it-tiri kienu taw bidu għall-ewwel konflitt mondjali. L-imperu Brittaniku, nhar l-4 t'Awwissu ddikjara stat ta' gwerra mal-imperu Ġermaniku.

Madwar sena wara, fl-1915, l-allejati żbarkaw ġewwa Gallipoli fit-Turkija. Il-maġġor parti tat-truppi allejati kienu truppi Awstraljani u Neożelandiżi (l-ANZAC). Din l-invażjoni kienet kważi diżastru għall-allejati fejn bosta kienu dawk li sfaw maqtula jew feruti. Il-feruti ta' dan il-front kienu nġiebu Malta fejn pajjiżna kien trasformat fi sptar kbir.

Ma dawn il-feruti bdew jaslu wkoll l-istejjer dwar il-kruha tal-gwerra u l-ineffiċjenza tal-militar Brittaniku. Għaldaqstant sabiex jissaħħaħ il-moral tal-poplu Malti, f'għeluq it-tieni anniversarju mid-dikjarazjoni tal-gwerra, il-gvern kolonjali flimkien mal-*Associazione Politica Maltese* (APM) u l-knisja Maltija sejħu meeting kbir. F'dik l-epoka is-suċċess t'attività politika bħal din kienet tiddependi mill-adeżjoni tal-baned. Għal dan il-meeting mill-baned kollha ta' pajjiżna kienu sebgħa w għoxrin banda biss li wieġbu, fosthom il-Banda L'*Unione* ta' Ħal Luqa.

Dan il-meeting, li nżamm fuq il-fossos tal-Furjana kellhu attendenza tajba, fejn ma naqsux id-diskorsi patrijottiċi. Hekk kif intemm dan il-meeting, kienet saret dimostrazjoni kbira mis-sebgħa w għoxrin banda li attendew. Skont il-Malta Herald tal-5 t'Awwissu, dawn il-baned daqqew wara xulxin mil-Fossos tal-Furjana sa quddiem il-Palazz fejn kull banda hekk kif waslet fi Pjazza San Ġorġ, kienet daqqet il-*God Save*. Il-Banda L'*Unione* ta' Ħal Luqa kienet l-unika banda Ħalluqqija li ħadet sehem f'dan il-meeting u kienet immarċjat is-sebgħa waħda.



L-ordni ta' kif il-baned kellhom jimmarċjaw kien determinat bil-polza ftit jiem qabel, liema lista kienet ippublikata fil-ġurnali tal-epoka fosthom il-Malta Herald (3 t'Awwissu 1916).


Rosy's
UNISEX SALON
MOB: 99596769
Triq Leonardu Abela c/w
Triq il-Kurunell Mas
Tarxien
Steam pod: the new straightening and smoothing service,
for a sleek, shiny-looking finish.
Keratin Treatment from € 70
Full Maybelline makeup range in stock
Opening Hours:
Tuesday & Wednesday by appointment
Thursday 4pm till 7pm
Friday 4pm till 8pm
Saturday 9:30 am till 5:30pm


Your nails are like Jewels,
Don't use them like tools !
Find us on
facebook
Elle's
NAIL BOUTIQUE
Professional Nail technician who works both with gels and acrylics.
Detailed HAND PAINTED nail art such as one stroke and micro-pittura.
GELISH . NAIL EXTENSIONS . GEL ON TOES . NAIL ART . MANICURES . PEDICURES . PARAFFIN WAX TREATMENT . OVERLAYS .
Eleonora Cauchi - 79248103
Elle's nail boutique, 2, Triq L-ahwa Vassallo, Luqa.



# Knejjes iddedikati lill-Appostlu Sant'Andrija f'Ruma

**Joseph Bezzina**

Kull min żar Ruma żgur baqa' mpressjonat bl-ammont kbir ta' rikkezzi artistiċi u ta' natura arkitettonika li hemm f'din il-belt. Anki dawk li qatt ma kellhom ix-xorti jżuruha, xi darba jew oħra semgħu fuq is-sbuħija u l-istorja ta' din il-belt li tinsab ftit bogħod mill-gżira tagħna, li bħalha ukoll hija mgħonija bi storja kbira. Biex wieħed jieħu idea ta' dak li qed ngħid biżżejjed insemmu li f'Ruma hemm iktar minn disa' mitt knisja u elfejn funtana. Tabilħaqq hija belt li jixirqilha t-titlu ta' mużew fl-apert.

Dan l-artiklu ser jagħti ħarsa ħafifa lejn dawk il-knejjes affiljati mal-Knisja Kattolika Rumanna dedikati lill-Appostlu Sant'Andrija li jinsabu f'din il-belt. Forsi mhux kollha jgawdu mill-popolarità li jgawdu knejjes oħra bħall-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan jew il-Pantheon fiċ-ċentru ta' Ruma, biss huma teżori artistiċi u arkitettoniċi bi storja antika u li lilna l-Ħal Luqin għandhom jinteressawna b'mod partikulari.



*Dettall fil-faċċata tal-Bażilika ta' Sant'Andrea della Valle*

**Sant'Andrea della Valle**

Il-Bażilika ta' Sant'Andrea della Valle tinsab fi Piazza Vidoni Ruma. Il-bidu tagħha jmur lura għall-20 ta' Ġunju 1582, meta Costanza Piccolomini ta' Aragona, Dukessa ta' Amalfi u Kontessa ta' Ċelano ħalliet b'wirt lill-Patrijiet Teatini palazz tal-familja. Dan għamlitu b'talba speċifika li fil-lok ta' dan il-palazz tinbeda knisja dedikata lil Sant'Andrija patrun ta' Amalfi. Fuq pjanti tal-arkitetti Giacomo della Porta u Francesco Grimaldi x-xogħol inbeda fl-1591 u sa l-1594 kienu tlestew il-pedamenti. Il-knisja kienet lesta fl-1625 u ġiet ikkonsagrata ħamsa u għoxrin sena wara. Il-faċċata fuq stil Barokk li naraw illum saret fuq disinn tal-arkitett Carlo Rainaldi bejn l-1655 u l-1665 u hija l-ewwel faċċata fuq dan l-istil li nbniet fil-belt ta' Ruma.

Ta 'nteress partikulari għalina l-Ħalluqin huwa l-fatt li fost ix-xogħolijiet tal-arti li nsibu f'din il-bażilika wieħed

jinnota li fil-kor ta' din il-knisja nsibu tliet affreski tal-artist Mattia Preti. Dawn huma l-Kruċifissjoni, il-Martierju u d-difna tal-appostlu Andrija. Jekk wieħed iħares lejn il-kruċifissjoni hekk kif impittra minn Preti f'din il-Bażilika u t-titular tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa li juri l-istess suġġett u kkummisjonat lill-istess artist jinnota xebħ bejn iż-żewġ biċċiet tal-arti. Dan kien spjegat ferm tajjeb mis-Sur Paul Muscat waqt l-inawgurazzjoni tar-restawr tat-titular tal-Knisja ta' Ħal Luqa nhar it-22 ta' Marzu 2015.

Notevoli wkoll hija skultura ta' San Ġwann il-Battista ta' Pietro Bernini. Ta' min isemmi wkoll li f'din il-knisja hemm midfuna żewġ papiet tal-Knisja Kattolika Rumana - Papa Piju II u Papa Piju III.



*Ix-xebħ li wieħed jinnota fit-titular tal-Bażilika ta' Sant'Andrea della Valle u dak fil-parroċċa ta' Sant'Andrija Appostlu f'Ħal Luqa*

**Sant'Andrea al Quirinale**

Knisja oħra fuq stil barokk hija dik ta' Sant'Andrea al Quirinale. Partikolari hija l-forma ovali ta' din il-knisja li wieħed jista' jasal għaliha minn Via del Quirinale, ftit metri bogħod mill-famuża Fontana di Trevi.

Ix-xogħol fuq din il-knisja ġie kkummissjonat mill-Artist Gian Lorenzo Bernini (iben Pietro Bernini imsemmi aktar qabel f'dan l-artiklu) fl-1658. Ix-xogħol kien lest sa l-1670 bid-dekorazzjonijiet fuq ġewwa tal-knisja jitlestew sal-1670. Gian Lorenzo Bernini huwa meqjus bħala wieħed mill-aqwa arkitetti tal-barokk ta' żmienu u f'Ruma nsibu diversi xogħolijiet tiegħu. Il-knisja hija tal-patrijiet Ġiżwiti fejn oriġinarjament kienet intenzjonata li sservi bħala knisja għan-novizzjat tal-istess ordni mwaqqaf fl-1566. Hija



*Dehra tal-Knisja ta' Sant'Andrea al Quirinale*



*Dehra tal-intern tal-knisja ta' Sant'Andrea al Quirinale*


*Il-Kruċifissjoni ta' Sant'Andrija Appostlu fil-kor tal-Bażilika ta' Sant'Andrea delle Fratte*

t-tielet knisja li nbniet f'Ruma biex minnha jservu l-patrijiet Ġiżwiti wara dawk ta' Ġesù u l-knisja ddedikata lil Sant'Injazju ta' Loyola.

It-titular ta' din il-knisja huwa tal-artist Guillaume Courtois u tlesta fl-1668. Ta' min isemmi wkoll li wieħed min-novizzi Ġiżwiti fin-Novizzjat ta' Sant'Andrea al Quirinale kien il-qaddis San Stanislao Kostka, kanonizzat mill-Papa Benedittu XIII fl-1726.

**Sant'Andrea delle Fratte**

Ftit metri bogħod minn Piazza di Spagna nsibu knisja oħra ddedikata lill-Appostlu Sant'Andrija. Il-bażilika ta' Sant'Andrea delle Fratte hija binja tas-seklu sbatax u kienet inbniet fejn qabilha kien hemm knisja oħra ddedikata lill-istess qaddis li kienet inbniet fis-sena 1192. Din l-ewwel knisja serviet bħala l-knisja nazzjonali tal-Iskoċċiżi li għexu Ruma sal-1585. Il-bażilika li naraw illum bdiet tinbeda fis-sena 1604 fuq pjanta ta' Gaspare Guerra fejn wara tmien snin il-bini tal-knisja waqaf għal diversi snin. Kella tkun is-sena 1653 biex taħt il-gwida tal-arkitett Francesco Borromini u fl-aħħar nett, wara li dan tal-aħħar miet sentejn biss wara li daħal għal din il-kummisjoni, ix-xogħol tkompla u tlesta minn Mattia De Rossi.

L-istil arkitettoniku huwa wkoll wieħed barokk. Ta' min isemmi li wieħed mill-arkitetti li ħadmu fuq din il-knisja, propju Francesco Borromini huwa wkoll meqjus, flimkien ma' Gian Lorenzo Bernini u Pietro da Cortona, wieħed mill-aqwa esponenti tal-arkitettura barokka Rumana.


*Wieħed mill-anġli skolpiti minn Gian Lorenzo Bernini, oriġinarjament parti minn set ta' anġli simili mal-ġnub ta' Ponte Sant'Angelo*

Il-kopla ta' din il-bażilika, iddisinjata mill-istess Bernini, hija mżejjna bl-episodju mill-Vanġelu fejn l-appostlu Andrija jissemma fil-miraklu tal-ħames Ħobżiet u ż-żewġ ħutiet. Il-pittura hija tal-artist Marini. Wara l-artal maġġur tal-bażilika wieħed jara tliet pitturi - Il-Kruċifissjoni, il-Mewt u d-Difna tal-appostlu mill-artisti Giovanni Battista Lenardi, Lazzaro Baldi u Francesco Trevisani rispettivament. Ta' nota huma żewġ anġli fil-ġnub tal-presbiterju ddisinjati minn Gian Lorenzo Bernini li oriġinarjament kienu ntenzjonati li jitpoġġew fuq il-Ponte Sant'Angelo li jaqsam ix-

# MARK's GARAGE

*Mechanical Service & Repairs*

Sales of Second Hand Parts

**Agent for Cepsa Lubricants & PBR Filters**

Tel: 2168 9456

Mob: 9947 6370, 7922 5926

**Cepsa Motor Oil PBR Filters**

# JERRY'S SILENCER REPAIRS



**$CO_2$ Welding**

## For Welding & Silencer Repairs

**Teddy's Garage, Siġġiewi Road, Mqabba**

**Tel: 2164 0750 – Mob: 9944 9237**

xmara Tevere u kwassal dritt quddiem Castel Sant'Angelo.

F'dan l-artiklu ġbart ftit informazzjoni fuq tlieta biss mill-knejjes li hemm f'Ruma. Ikun tassew interessanti jekk wieħed ikollu l-opportunità jżur dawn l-opri li ktibt dwarhom f'dan l-artiklu kif ukoll idur dawra mal-belt ta' Ruma. Żgur li wieħed isib x'jara fejn barra knejjes nistgħu nsemmu numru kbir ta' pjazez, funtani kif ukoll attrazzjonijiet ta' Ruma l-antika bħall-Kolossew.

**Referenzi**
http://www.sant-andrea-roma.it/info/index.php/italiano/storia-della-costruzione
http://chiese.gesuiti.it/sant-andrea-al-quirinale/
http://www.santandreadellefratte.it




MARINDEX Ltd.
Winners Never Quit!
Marindex Trophies
offers a wide selection of trophies,
medals, shields, plaques, glass tokens,
wooden tokens, plates, frames & mugs
which suit all types of events and sport.
All items are found at an affordable
price and high qualtity materials.
Managed By Gold Lady
Opening Hours:
08:30 - 12:00 /
16:00 - 19:00
E-Mail:
goldlady@onvol.net,
marindex@onvol.net
Tel:
21673928,
27673928
Address:
1, Sir Paul Boffa
Avenue, Zejtun


Baseggio
paints
LE VERNICI DI VENEZIA
Imported By: 'Tahabel Ltd.'
E-mail: daniel_ferriggi@hotmail.com
Mob: 7953 6969



# It-Tnax-il Appostlu Magħżula minn Kristu

*"Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-tajba lill-ħolqien kollu" (Mark 16:15).*

**Fr. Charles Buttigieg**

Fl-ittra tal-Kongregazzjoni tal-Kleru fl-okkażjoni tal-ġurnata mondjali ta' talb għall-qdusija tas-saċerdoti nhar il-Festa tal-Qalb ta' Ġesù ta' nhar 19 ta' Ġunju 2009 li mmarkat il-bidu tas-sena saċerdotali speċjali, naraw l-importanza tal-predikazzjoni, tat-talb u tal-Ewkaristija fil-ħajja tas-saċerdot murija bl-ikbar żelu fil-ħajja ta' San Ġwann Marija Vianney. L-istorja tas-sejħa tal-appostli, l-ewwel saċerdoti hija s-sejħa ta' Alla li tħares dejjem lejn is-semplicità tal-qalb tal-bniedem. Hekk naraw fl-Antik Testment per eżempju fis-sejħa ta' David. L-istorja tas-sejħa ta' David hija waħda mill-isbaħ stejjer ta' vokażżjoni li nsibu fil-Bibbja. Alla jordna lill-profeta Samwel sabiex imur Betlem għand il-familja ta' Ġesse. Alla ma sejjaħx lil Eljab li kien il-kbir, lil Abianadab jew lil Samma u lil oħrajn imma liż-żgħir nett, li kien qiegħed jirgħa n-nagħaġ, iż-żagħżugħ David. Din is-sejħa naraw f'dik tal-appostli. Għalhekk ser nagħtu ħarsa ħafifa u naraw minn kienu l-appostli.

## Il-Missjoni tal-Appostli

Il-kelma 'appostlu' ġejja mill-verb grieg 'apostello' li jfisser jibgħat. Anke l-verb ebrajk 'xaluah' għandu l-istess tifsira; infatti fil-Malti għandna l-kelma 'rasul' li tfisser 'messaġġier' u li għandha affinità mal-verb lhudi. It-tnax il-appostlu kienu tassew 'mibgħutin minn Kristu sabiex ixandru l-Bxara t-Tajba tiegħu (ara 1 Pietru 3:15): " *The moment has come to commit all of the Church's energies to a new evangelization and to the mission ad gentes. No believer in Christ, no institution of the Church can avoid this supreme duty: to proclaim Christ to all peoples*" (Redemptoris Mssio, 3). Kollha kienu bnedmin sempliċi u ordinarji, imma laqgħu s-sejħa ta'



# SANTA MARIJA
## SERVICE STATION

MAIN STREET MELLIEĦA

**Panel Beater**
**Car Repairs & Servicing**
**Battery & Tyre Servicing**
**Wheel Balancing**
**Car Wash Service**
**also available**

**Tel: 2157 3918**



Vigo

MENSWEAR

South Street, Valletta VLT 1105

Tel: 2123 6001

Kristu, imxew miegħu u wara bdew jgħallmu f'ismu u jwettqu għeġubijiet kbar, li xerrdu l-Knisja mad-dinja kollha. Fit-Testment il-Ġdid insibu erba' listi tal-ismijiet tal-Appostli, dejjem maqsumin fi tlitt gruppi ta' erbgħa. Dawn l-ismijiet insibuhom f'Mt 10:2-4; f'Mk 3:16-19; f'Lq 6:14-16 u f'Atti 1:13. San Ġwanni fir-raba' evanġelju ma jagħti l-ebda lista, iżda jsemmi 'it-Tnax' darbtejn f'6:67 u f'20:24 u jagħtina ħafna tagħrif dwar l-appostli, għalkemm isemmi biss lil Pietru, Indrija, it-tfal ta' Żebedew, Filippu, Natanjel, Tumas imsejjaħ Didimu, Ġuda l-Iskarjota u Taddew. Anke l-Atti tal-Appostli huma sorż importanti fejn insibu ħafna tagħrif dwarhom. skont T.Y. Mullins il-missjoni tal-appostli hija msemmija 37 darba fil-G.T. l-iktar fl-Atti tal-Appostli (17), imbagħad f'Luqa (10), Matew (6), Mark (2) u Ġwanni u l-Apokalissi (1). Il-kittieba tal-ewwel sekli tal-knisja ukoll ikomplu jagħtuna ħafna tagħrif. San Luqa jagħtina tagħrif ukoll li Ġesù kellu ukoll sebgħin dixxiplu. Fl-antik l-1 ta' Mejju kienet il-festa tal-Appostli kollha.

**L-Ewwel Grupp tal-Appostli**

Fl-ewwel grupp tal-appostli nsibu dejjem l-ewwel wieħed lil Pietru; imbagħad lil Andrija; lil Ġakbu u lil Ġwanni.

**SAN PIETRU:** Ġesù biddel l-isem ta' Xmun bin Ġona (bar-Yonah) għal Pietru (isem li jfisser 'blata'; bl-armajk: 'kefa', 'ċepas'; bil-grieg: 'petra', ara Mt 10:1-4; Mk 3:13-19 u Lq 6:12-16). Pietru kien miżżewweġ u sajjied fil-għadira ta' Tiberija fil-Galilija; kien minn Betsajda ('dar tas-sajd') fin-naħa ta' fuq tal-għadira, ara w 1:44 u 12:21, din kienet mibnija mill-ġdid fis-sena Q.K. minn Fillippu iben Erodi u kienet belt griega, fil-qrib kien hemm ukoll Betsajda Ġulja) u wara mar joqgħod f'Kafarnahum fejn kellha popolazzjoni ta' 15,000 ruħ u Kristu għażlu biex ikun l-Ewwel Kap tal-Knisja u afdalu f'idejħ l-imfietaħ tas-Saltna (ara Matt 16:18; 1 Kor 3:133; Ef 2:20; 1 Piet 2:5-6). Huwa għaraf lil Kristu bħala l-Messija fl-istqarrija tal-fidi tiegħu f'Ċesarija ta' filippi (Illum Paneion/Banias) qrib il-Ħermin: " Inti l-Messija..." (Mk 8:29, ara ukoll Matt 16:18). Il-baħar tal-Gallileja jew Kinneret (kinnor għaliex għandna forma ta' arpa) jew l-għadira ta' Tiberija hija twila 21 km u wiesa' 13km u fonda madwar mejda ta' 85 pied u hija għadira ta' ilma naturali u tibqa' niżla fix-xmara Ġordan. Josephux jikteb kien hemm madwar 230 dgħajsa tagħmel is-sajd f'dan l-ilma speċjalment għall-ħuta 'Tilapia' (Tristramella simonis). Kien dejjem ma' Ġesù fl-iktar mumenti partikolari bħal dak tat-Trasfigurazzjoni u tal-Ġetsemani. Bħala bniedem dgħajjef ċaħad lil Kristu fil-passjoni għal tliet darbiet imma mal-ewwel nidem. L-ewwel appostlu li daħal fil-qabar ta' Kristu. Għandna żewġ ittri kanoniċi minn tiegħu. Huwa ppriedka fil-Palestina, f'Antijokja tas-Sirja fejn kien l-ewwel isqof ta' din il-komunità, fl-Asja Minuri, fil-Greċja u wara sar Isqof ta' Ruma u l-Ewwel Papa. Dati marbuta mal-ħajja ta' San Pietru huma li fis-sena 42 Pietru ġie arrestat imbagħad meħlus mill-ħabs; fis-sena 46 kien Ġerusalemm, fis-sena 48 kien ġewwa Antijokja, fis-sena 49 reġa' kien Ġerusalemm għall-Konċilju. Nafu li l-familja aristokratika Pudens li kienet toqgħod fuq l-għolja Esquiline fejn illum hemm Sabta Pudenziana kienet għenet ħafna lil San Pietru. Tajjeb li ngħidu li fis-Sirja kienet instabet il-knisja dar tad-Dura Europos tas-sena 235 W.K. Ħa l-martirju f'Ruma fuq l-għolja tal-Vatikan bit-tislib b'rasu l-isfel madwar is-sena 64 W.K. Skont l-arkeologa Margherita Guarduċċi, San Pietru ġie imsallab fit-13 ta' Ottubru fl-okkażżjoni tal-festa ta' Die Imperii tal-Imperatur Neruni u kienet sabet il-kelmiet kiktuba bil-grieg 'Pietru qiegħed hawn'. Il-qabar tiegħu jinsab taħt

l-artal tal-Bażilika tal-Vatikan l-ikbar knisja fid-dinja li taf il-bidu tagħha fis-sena 333. Insibu fil-Palestina s-Santwarju tal-Primat mibni fl-1934 fuq il-ġebla magħruġa bħala 'Mensa Christi' fejn Ġesù, wara l-qawmien, deher lil Pietru u talbu biex jirgħa n-nagħaġ tiegħu. Skont it-tradizzjoni din il-Knisja hija mibnija fuq il-pedamenti tad-dar vera li kellu San Pietru. Hemm ukoll il-knisja ta'San Pietru in Gallicantu fejn Pietru ċaħad lil Kristu. F'antakya (fil-Bibbja: Antijokja tas-Sirja) fit-Turkija nsibu l-eqdem għar - knisja ddedikata lil San Pietru 'Knisset Mar Semaan Kefa' tat-tielet jew ir-raba' seklu. B'rabta ma' San Pietru ukoll insibu l-knisja ta' San Pietru u San Pawl 'Petrova crkva' f'Stari Ras, Novi Pazar fis-Serbja li taf il-bidu tagħa fir-raba' seklu u l-Bażilika Saint Pierre aux-Nonnainsf'Metz fi Franza tas-sena 380. Fl-1968 kienet instabet id-dar (domus ecclesia) ta' San Pietru ġewwa Kafarnahum. Fl-arti kristjana Pietru (kepha) għandu rabta ma' Mosè li ħareġ l-ilma mill-blata (petra). Il-Festa liturġika tiegħu hija flimkien ma' San Pawl l-Appostlu tal-Ġnus, fid-29 ta' Ġunju.



**SANT'ANDRIJA:** Andrija jew Indrì kien ħu Pietru, kien ukoll sajjied u qabel ma ltqa' ma' Kristu kien dixxiplu ta' Ġwanni l-Battista (ara Ġw 1:40). Meqjus fil-lvant bħala l-'protoclete', jiġifieri l-ewwel wieħed imsejjaħ minn Kristu. Infatti skont San Ġwanni ikun huwa li jintroduċi lil ħuħ Pietru ma'Kristu: "Sibna l-Messija" (Ġw 1:41). Kien hu ukoll li ressaq lejn Ġesù t-tifel li kellu l-ħames ħobżiet u żewġ ħutiet għat-tkattir tal-ħobż (ara Ġw 6:1-15). Ippriedka fl-Asja Minuri u fl-Asja ta' dak iż-żmien. Skont 'il-Leġġenda tad-Deheb' (La Leggenda Aurea) huwa ppriedka ukoll fl-Akaja hu ħa l-martirju permezz tas-salib fejn jingħad għamel 10 t'ijiem imsallba u baqa' jippriedka minn fuq is-salib. Ħa l-martirju f'Patras fil-Greċja billi ssallab fuq salib forma ta' 'X' (crux decussata), madwar is-sena 69 W.K. b'ordni tal-Prokonslu Eneja. Il-qabar tiegħu jinsab fil-Bażilika ta' Patras fil-Greċja. Għandu qima kbira fil-Knisja ta' Konstantinopli u fil-Knejjes kollha tal-Lvant, kif ukoll fil-Gran Brittanja. Relikwi tiegħu jinsabu ukoll f'Kostantinopli, Amalfi, Toloża, Russja, Armenja u Ruma. huwa l-qaddis patrun tal-Iskozja. Il-festa tiegħu hija fit-30 ta' Novembru.

**SAN ĠAKBU:** Ġakbu, bin Żebedew u ħu San Ġwann l-Evanġelista, hu meqjus bħala l-ewwel appostlu li ħa l-martirju. L-isem ġej minn 'Iakobos' li huwa forma griega tal-isem 'Ġakobb' u hu msejjaħ 'il-Kbir) biex jiddiferenzjawħ minn Ġakbu l-ieħor l-appostlu. L-isem ifisser Alla jipproteġi (ara Matt 10, 2 u Atti 13). Kien sajjied fil-Għadira tal-Galilija u flimkien ma ħuħ ġie msejjaħ minn Kristu bħala 'Boanerges'

jiġifieri 'ulied ir-ragħad' (ara Mk 3:17). Kien qabel dixxiplu tal-Battista. Preżenti hu ukoll fit-Trasfigurazzjoni u fil-Ġetsemani. Ippriedka fil-Palestina u skont it-tradizzjoni anke fi Spanja. Ħa l-martirju bil-qtugħ tar-ras fis-sena 44 W.K. minn Erodi Agrippa I, neputi ta' Erodi l-Kbir (ara Atti 12:1-2) fi żmien il-festa tal-Għid bl-ordni ukoll tal-qassis il-kbir Abiatar. Il-fdalijiet tiegħu jinsabu fil-post ta' pellegrinaġġi kbar ta' Santiago de Compostella fi Spanja. Relikwi oħra jinsabu ġewwa Verona, Toloża, Pistoie, Venezja u Ruma. Il-festa tiegħu hija fil-25 ta' Lulju.

**SAN ĠWANN:** Ġwanni ħu Ġakbu, huwa meqjus bħala d-dixxiplu l-maħbub ta' Ġesù u dan għaliex kien għadu zagħzugħ meta ġie msejjaħ u għalhekk kellu bżonn attensjoni partikulari. Kien sajjied flimkien ma ħuħ u missieru. Kien imqabbad minn Ġesù biex flimkien ma' Pietru jipprepara għall-aħħar ċena. L-uniku wieħed mill-appostli kollha li baqa' preżenti fil-ġrajja tal-Passjoni fejn minn fuq is-salib Ġesù jafdalu lill-Madonna bħala ommu (ara Ġw 19:27). Flimkien ma' Pietru mar ħdejn il-qabar ta' Kristu. Kien appostlu prominenti fil-bidu tal-Knisja. Huwa ppriedka fis-Samarija, fil-Greċja u fl-Asja Minuri. Kiteb ir-raba' evanġelju, tliet ittri u l-Apokalissi. Ġie meħlus mill-martirju meta tefgħuh fiż-żejt jagħli mill-imperatur Dominazju u ma ġralu xejn u ġie eżiljat ukoll fuq il-gżira ta' Patmos fil-Greċja fejn aktarx kiteb l-Apokalissi. Miet f'età avvanzata ħafna ġewwa Efesu fit-Turkija madwar is-sena 100 W.K. Huwa ċert li ma mietx martri. Il-qabar tiegħu jinsab f'Efesu qrib Selċuk fit-Turkija. Il-festa tiegħu hija fis-27 ta' Diċembru.



**It-Tieni Grupp**

Fit-tieni grupp fil-lista tal-appostli nsibu lil Filippu; lil Bartilmew; lil Tumas u lil Mattew.

**SAN FILIPPU**: Filippu hu ukoll sajjied minn Betsajda (ara Ġw 1:44). Qabel kien ukoll dixxiplu tal-Battista u huwa wieħed minn tal-bidu li mxew wara Ġesù kif jurina Ġw 1:43. Ikun huwa li jintroduċi lil Natanjel ma' Kristu: "Sibna lil dak li fuqu kitbu Mosè fil-Liġi u l-Profeti fil-kotba tagħhom. Ġesù minn Nażaret bin Ġużeppi"... "Ejja u ara" (Ġw 1:45-46). Kif ukoll għen lil xi griegi f'Ġerusalem qabel il-Passjoni sabiex jiltaqgħu ma' Kristu: "Dawn marru għand Filippu u talbuh: 'Sinjur, nixtiequ naraw lil Ġesù'. Filippu mar jgħid lil Indrì, u mbagħad Indrì u Filippu marru jgħidu lil Ġesù" (Ġw 12:20-22, ara ukoll 14:8-9). Huwa marbut mal-episodju tat-tkattir tal-ħobż. Skont it-tradizzjoni huwa ppriedka fl-Asja Minuri, il-Greċja, u anke fi Franza. Ħa l-martirju skont xi uħud permezz tat-tislib fuq salib għoli forma ta' 'tau' f'Ħierapolis fil-Friġja ġewwa t-Turkija madwar is-sena 54. Oħrajn isostnu li ġie mħaġġar. Il-fdalijiet tiegħu jinsabu fil-Bażilika tat-Tnax



# Tal-Familja

*Restaurant*

*. . . a typical Maltese family run restaurant,*
*serving fresh fish & shell fish*
*and Maltese dishes*

**Triq il-Gardiel, Marsascala, Malta**
**Tel: 2163 2161, 99473081**

PALAZZO PRECA
RESTAURANT
WHERE YOU MEET, EAT & GREET

54, STRAIT STREET VALLETTA
TEL: 2122 6777 - 9986 6640 - 9984 6866
EMAIL: info@palazzoprecarestaurant.com



OPEN TUESDAY TO SATURDAY FOR LUNCH & DINNER
SUNDAY: DINNER ONLY (SUMMER) - LUNCH ONLY (WINTER)

il-Appostli ġewwa Ruma. Fl-2011 ħarġet l-aħbar li ġewwa Ħierapolis instab il-qabar tal-appostlu. Il-festa tiegħu hija fit-3 ta' Mejju flimkien ma' San Ġakbu ż-Żgħir.

**SAN BARTILMEW:** Bartilmew (bl-aramajk: bar Ptolemaios jew bar-Talemai) hu msejjaħ Natanjel fil-evanġelju ta' San Ġwann. Kien minn Kana tal-Galilija u ġie mfaħħar minn Ġesù meta rah l-ewwel darba: "Ara, dan tassew wieħed minn Israel li jixraqlu dan l-isem; ma hemm ebda qerq fih" (Ġw 1:47). Huwa jistqarr lil Ġesù: "Mgħallem, int l-Iben ta' Alla, int is-Sultan ta' Israel" (Ġw 1:49). Huwa ppriedka f'Ġerusalemm, fl-Asja Minuri, fl-Armenja, fil-Persja u anke skont xi uħud fl-Indja. Ħa l-martirju f'Derbend fl-Armenja billi tqaxxar ħaj. Tajjeb li ngħidu li fl-Armenja insibu l-eqdem katidral ta' Etchmiadzin tas-sena 301. Fil-fatt il-Monasteru ta' San Bartilew f'Baskale fit-Turkija qrib l-Armenja għandu rabta kbira mal-appostlu. Il-fdalijiet tiegħu jinsabu fil-knisja ta' San Bartilmew f'Ruma fuq il-gżira tat-Tevere fejn inġiebu hemm mill-imperatur Otto III fis-sena 983. Il-festa tiegħu hija fl-24 ta' Awwissu. F'din id-data qabel il-pagani kienu jiċċelebraw lil Virgo. Il-bdiewa jgħidu li San Bartilmew għandu l-muftieħ tax-xita.

**SAN TUMAS**: Tumas imsejjaħ 'Didimus' li bil-grieg tfisser 'it-Tewmi' (bl-aramajk '*toma*' tfisser ukoll tewmi). L-'appostlu tad-dubji' kif tħobb tlaqqmu t-tradizzjoni għaliex ma emminx mal-ewwel fil-qawmien ta' Kristu: "Jekk ma narax f'idejh il-marka tal-imsiemer u ma nqigħedx sebgħi fuq il-marka tal-imsiemer u idi fuq ġenbu, jien ma nemminx" (Ġw 20-25). Iżda meta ra lil Kristu rxoxt huwa wieġeb bl-isbaħ stqarrija tal-fidi: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi" (Ġw 20:28). Skont it-tradizzjoni mar jippriedka fis-Sirja, fil-Persja u fl-Indja ġewwa Kerala fis-sena 52 A.D. fejn ħa l-martirju f'Mylapore qrib Madras, minfud b'lanza madwar is-sena 72. Tradizzjoni oħra tgħid li miet martri billi ġie minfud b'daqqiet ta' xabla f'Kalamina. Il-fdalijiet tiegħu jinsabu ġewwa l-katidral ta' Ortona l-Italja. Il-qabar tiegħu għandu ukoll rabta mal-Bażilika ta' Santhome ġewwa l-Indja. Il-festa tiegħu hija fit-3 ta' Lulju. Qabel il-festa kienet fis-7 ta' Marzu fejn missirijietna kienu jgħidu li nhar San Tumas il-ġurnata titwal pas ta' ħmar qammas.

**SAN MATTEW**: Mattew, bin Alfew (dan Alfew aktarx qarib tal-Mulej, isem ieħor għalih jista' jkun Kleopa kien iżżewweġ fil-familja tal-Madonna) minn Kafarnahum kien pubblikan, jiġbor it-taxxi għar-Rumani. F'Kafarnahum aktarx kien hemm bażi tas-suldati rumani u fejn Ġesù wettaq diversi mirakli. L-isem lhudi tiegħu kien Levi (kif insibu f'Mk u f'Lq) waqt li dak grieg kien 'Mattew" (kif insibu f'Mt) li jfisser 'don ta' Alla'. Ġie msejjaħ minn Kristu waqt ix-xogħol tiegħu (ara Mt 9:9-13) u laqgħu għandu fid-dar għall-ikel (ara Lq 5:27-32). Huwa ppriedka b'mod partikulari fil-Palestina, fl-Asja Minuri, u skont it-tradizzjoni mar il-Persja u anke l-Etjopja fejn kien hemm ir-reġina Kandace. Huwa kiteb l-ewwel evanġelju bl-aramajk għas-sena 50 A.D. kif jixhed tajjeb Papija fis-sena 130 W.K. Aktarx ħa l-martirju ġewwa l-Etjopja jew l-Eġittu bil-lanza jew mannara. Tradizzjoni oħra tgħid li sammruh mal-art u ħarquh. Il-festa tiegħu hija fit-21 ta' Settembru.

**It-Tielet Grupp**

L-aħħar erbgħa appostli huma Xmun il-Kanani; Ġuda Taddew; Ġakbu t'Alfew u Ġuda l-Iskarjota.

**SAN XMUN**: Xmun il-Kanani (kananaios, skont Mt u Mk), jew Xmun iż-Żelota (zelotes, skont Lq) aktarx li qabel kien membru tal-grupp rivoluzzjonarju kontra r-Rumani, iż-żeloti. Il-kelma aramajka 'qanana' tfisser 'żelu'. Huwa magħruf ukoll bħala Xmun l-Imħeġġeġ u kien minn Kana. Oħrajn jiddentifikawh ma' Xmun ta' Ġerusalemm. Skont xi uħud huwa ppriedka fir-Russja, fl-Afrika u anke skont xi tradizzjonijiet fil-Brittanja. Ħa l-martirju fil-Persja billi ġie msallab fis-sena 74. Oħrajn jgħidu li ġie sserrat minn nofs fil-Bosfurus. Il-festa tiegħu hija fit-28 t'Ottubru flimkien ma' San Ġuda Taddew.



**SAN ĠUDA TADDEW**: Ġuda tat-Taddew hu l-isem li nsibu f'Mt u f'Mk bħala Taddew. F'Luqa u fl-Atti nsibuh bħala Ġuda ta' Ġakbu għax kien ħu Ġakbu u qarib tal-Mulet (ara Ġuda 1:1). Jissemma fl-aħħar ċena waqt id-diskors ta' Ġesù (ara Ġw 14:22). Huwa awtur ta' ittra kanonika u possibilment it-tielet isqof ta' Ġerusalemm wara Ġakbu u Xmun. Klement Alessandrix jħares lejh bħala saċerdot levita, anke Ewsebju ta' Ċesareja. Għalhekk mill-klassi saċerdotali mit-tribu ta' Levi bħalma kienet il-Madonna u għalhekk qarib ta' Ġesù. Ippriedka fl-Asja Minuri u fil-Persja fejn ħa l-martirju billi nifduh bil-vleġġeġ. Il-fdalijiet jinsabu fil Franza f'Rheims u f'Toulouse. Il-festa tiegħu hija fit-28 t'Ottubru ma' San Xmun.

**SAN ĠAKBU T'ALFEW**: Ġakbu ż-żgħir, bin Alfew (fis-sinottiċi) huwa meqjus minn ħafna bħala l-qarib tal-Mulej kif juri San Pawl f'Gal 1:19. Aktarx li Xmun il-Kanani u Ġuda Taddew kienu ħutu ukoll. Il-verb 'ah' jista' jiġi ttradott bħala kuġin (bil-grieg: *anepsios*). Huwa awtur ta' ittra kanonika (ara Ġk 1:1) u sar isqof ta' Ġerusalemm u mexxa l-ewwel Konċilju ta' Ġerusalemm (ara Atti 15:13 u Ġal 2:9). Huwa ppriedka fis-Sirja u wara fir-Russja fejn ħa l-martirju billi qasmuħ minn nofs fis-sena 62 W.K. Iżda skont Ġużeppi Flavju Ġakbu ġie kkundannat għall-mewt fis-sena 62 u tefgħuh minn fuq il-quċċata tat-tempju. Imma billi ma mietx il-Lhud qatluh b'daqqiet ta' bsaten u ġebel. Il-festa tiegħu hija fit-3 ta' Mejju flimkien ma' San Filippu.

**ĠUDA L-ISKARJOTA - SAN MATTIJA**: L-appostli kollha huwa mill-Galilija minbarra Ġuda l-Iskarjota (iskariotes, bl-aramajk 'sharai', 'sheqarya' li tfisser 'falz') bin Xmun, li aktarx kien minn Keriot, qrib Ħebron fin-nofsinhar tal-Ġudeja. Hemm minn jorbot Keriot ma' Ħirbet el-Qarjatejn tal-lum, illum jorbtuha mar-raħal fil-Wied ta' Qedron f'Ġerusalemm. Oħrajn isostnu li kien marbut maż-żeloti aktarx mal-moviment nazzjonalist lhudi 'sicarii'. Il-kelma 'sicarius' tfisser 'bniedem tas-sikkina'. Skont Ġirolmu huwa kien mit-tribù ta' Isaakar, iben Xmun u Kiboreja. Fil-fatt hemm min isostni li Ġuda kien diżappuntat għax ra li Ġesù ma daħħalx fil-pjan tiegħu ta' żelota tal-ħelsien politiku u militari ta' pajjiżu. Iż-żeloti mmexxija minn Ġuda ta' Gamala

u Saddok il-Fariżew kienu mexxew rewwixta fis-sena 6 A.D. Fis-sena 73 W.K. 900 żelota ngħalqu ġewwa l-fortizza ta' Masada fl-għoljiet tal-Ġudeja u ppreferaw joqtlu lilhom infushom milli jaqgħu taħt ir-Rumani. Ġuda kien jieħu ħsieb il-kaxxa tal-flus tal-appostli. Ittradixxa lil Kristu għal tletin biċċa tal-fidda (ara Matt 26:14-16). Kien ix-xitan li webblu jagħmel dan kollu (ara Ġw 13:2 u Lq 22:3). Miet iddisprat minħabba f'dak li għamel billi tgħallaq fl-għalqa tal-fuħħari 'Hakel Dama' jiġifieri l-Għalqa tad-Demm (ara Matt 27:3-8) u Atti 1:7). L-Atti jgħid li Ġuda qabeż għal rasu u inqasam minn nofsu (ara Atti 1, 18-19). Papias jgħid li Ġuda marad u l-ġisem tiegħu ntefa enormament. Xi biblisti jorbtu dan kollu u jsostnu li l-ġisem imdendel għal diversi ġranet ma' siġra beda jintefa u jiddekomponi ruħu fejn fl-aħħar l-ħabel ċeda u l-kadavru mejjet waqa' u nqasam mal-art. Minfloku mbagħad kien intgħażel bix-xorti Mattija (l-isem ifisser 'ragal ta' Alla') kif naraw fl-Atti 1:23 u hemm issieħeb mal-ħdax-il appostlu. Huwa kien mit-tribù ta' Ġuda u kien wieħed mit-72 dixxipju li kien bagħat Ġesù sabiex jgħallmu. Huwa ppriedka fil-Ġudeja. Hemm tradizzjoni li kien ippriedka fil-Maċedonja, fil-Kappadoċja u fil-Bitinja. San Mattija ġie mħaġġar għall-mewt f'Kolċis fil-Baħar l-Iswed. Il-fdalijiet jinsabu ġewwa Santa Maria Maggiore f'Ruma. Il-festa ta' San Mattija hija fl-14 ta' Mejju. Fil-qedem kien jiġi ċċelebrat fil-25 ta' Frar meta l-pagani kienu jiċċelebraw lil Pisces. Il-bdiewa kienu jgħidu f'San Mattija iżra t-tomnija, la mwaħħra lanqas bikrija.

## Konklużjoni

Ġesù għamel sejħa speċjali lil dawn it-tnax il-appostli biex imorru jippriedkaw ir-Rebħa Tiegħu fuq il-mewt, kif insibu fl-aħħar ta' kull Vanġelju Kanoniku; liema missjoni għada sejra u skompli fil-Knisja. Il-mixja tagħhom hija ukoll il-mixja ta' kull wieħed u waħda minna, li tibda mill-mument ċentrali tas-sejħa ta' Kristu u tkompli bil-missjoni ta' din l-istess sejħa nisranija.




**Bibliografija**

Addison, J. - Miller, S., "A compendium of Christian Antiquities: being a brief view of the Orders, rites, laws, and customs of the Ancient Church in Early Ages", in *The Biblical Repertory and Princeton Review* (1838) 1-27.

Allison, D.C., "Cephas and Peter: One and the Same", in *JBL* 111 (1992) 489-495.

Bockmuehl, M., "*Simon Peter's Names in Jewish Sources*", in *Journal of Jewish Studies* 40 (2004).

Estrada, N.P., *From Followers to Leaders: The apostles in the ritual of Status Transformation in Acts 1-2*, Sheffield 2001.

Evans, C.A., *Jesus and his world: The archaelogical evidence*, Louisville (KY) 2012.

Fitzmyer, J.F., "Did Jesus speak Greek?", in *Biblical Archaeology Review* 18 (1992) 58.

Grogan, G., "New TEstament Christology or New Testament Christologies?", in *Themelios* 25, 60-73.

Gordon, A.B., "The fate of Judas according to Acts 1:8". in *The Evangelical Quarterly*, 97-100.

Pixner, B., *Con Gesù attraverso la Galilea secondo il Quinto Vangelo*, Rosh Pina (Israel) 2997.

Rudman, D., "The significance of the phrase 'fishers of men' in the synoptic gospels", in *Irish Biblical Studies* 26 (2005) 106-118.

Taylor, V., *The gospel according to St. Mark*, New York 1966.



**_Dettall mill-pittura tal-koppla, xogħol il-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi (2010)_**
**_Knisja Sant'Andrija Appostlu, Ħal Luqa_**



# Il-Qniepen ta' Ħal Luqa

**Raoul Briffa**

Ħafna drabi kull meta nżuru xi festa madwar Malta u Għawdex waħda mill-affarijiet li żgur tiġbdilna l-attenzjoni hija d-daqq sabiħ tal-qniepen li jkun ġej mill-kampnari ta' dik il-knisja partikolari. Il-qniepen fil-knejjes Maltin ma jaqdux dmirhom biss fil-festa iżda tul is-sena liturġika kollha.

**Id-Daqq tal-Qniepen**

Ħafna drabi kull meta nisimgħu l-qniepen idoqqu ngħidu bejna u bejn ruħna għala qed jindaqqu l-qniepen u għala qed jindaqqu b'dan il-mod? Min ikun midħla tal-knisja jaf eżatt x'jiena ngħid. L-iskop tal-qniepen huwa li jsejħu lill-poplu għall-funzjoni liturġika. Fil-fatt qabel kull quddiesa li ssir matul il-jum jindaqqu tlieta u tletin tokk b'waħda mill-qniepen iż-żgħar. Qabel xi quddiesa solenni jindaqqu jew erbgħa jew tlieta jew mota waħda skont x'tip ta' funzjoni tkun. Kuljum sena sħiħa jindaqqu tmien tokki fit-tmienja ta' filgħodu u disa' tokki biex iħabbru nofs il-jum. Kull nhar ta' Ġimgħa barra fi żmien il-Għid u żmien il-Milied, tindaq il-Libra, fit-tlieta ta' wara nofsinhar biex tiġi mfakkra il-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. Sfortunatament użanzi li llum inqatgħu iżda f'ċertu parroċċi għadek tismagħhom speċjalment fil-gżira Għawdxija, huma t-tokki tal-Pater Noster u t-tokki tal-Ave Marija filgħaxija kif ukoll dawk tal-imwiet.



**Il-Qniepen f'Ħal Luqa**

Il-Ħalluqin minn dejjem kellhom għal qalbhom il-qniepen. Nistgħu ngħidu li l-knisja ta' Ħal Luqa għandha storja twila u mill-isbaħ ta' qniepen fil-kampnari tagħha matul iż-żminijiet. Insibu li fl-1686, il-knisja kellha kampnar wieħed li kien jinsab fuq ix-xellug tal-faċċata. Fih iddendlet qanpiena waħda li kienet tħallset mill-aħwa Bonniċi. Dan ma jeskludix il-fatt li qabel din il-qanpiena, f'Ħal Luqa konna nsibu aktar qniepen bikrin iżda informazzjoni

ma għandniex. Lanqas laħqu għaddew ftit tas-snin li l-Luqin ma bdewx jagħmlu xi tibdil u żidiet mal-istruttura tal-knisja. Kien bejn l-1708 u l-1710 meta nbiddlet l-faċċata u tellgħu żewġ kampnari flok dak il-wieħed li ġa semmejna. Il-kampnar tal-lemin jissemma li kien fih arloġġ u l-ieħor kien fih żewġt iqniepen; waħda tal-aħwa Bonniċi li ġa semmejna u oħra magħmula minn tlitt iqniepen ta' knejjes ipprofanati li kien f'Wied il-Knejjes fuq ordni mal-Isqof Molina fl-1679.

Kien nhar id-19 ta' Novembru 1795, meta l-avukat Ġiuseppe Casha offra li jħallas minn butu stess żewġt iqniepen ġodda għall-kampnari tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa. It-talba jidher li ntlaqgħet tajjeb mill-Isqof Labini. Għalhekk sar ftehim permezz tal-atti Notarili tal-21 ta' Jannar 1796 tan-Nutar Michelangelo Portelli mal-fonditur tal-qniepen Gioacchino Trigance. Trigance wegħedhom li jlesti żewġ qniepen, waħda ta' madwar 4 qnatar u nofs u oħra aktar ta' madwar 12-il qantar u li jlestihom sal-15 ta' April tal-istess sena. Mill-banda l-oħra, Casha ħallas parti mis-somma bil-quddiem u magħhom ħan qanpiena qadima għall-metal li aktarx kienet dik tal-aħwa Bonniċi. Fuq iż-żewġt iqniepen insibu skrizzjonijiet bil-latin li jfakkruna fil-benefattur u l-fondatur tagħhom. Fuq it-tnejn li huma nsibu l-figura ta' Sant'Andrija msallab bbażat fuq l-ikonografija stabbilita mill-istatwa (1709) ta' Camillo Rusconi li tinsab ġewwa San Giovanni in Laterano f'Ruma.



Bejn l-1810 u 1818 insibu li kienu nxtraw żewġt iqniepen oħra għall-knisja ta' Ħal Luqa mill-isptar ta' Sawra fir-Rabat. Waħda kien fiha tmint iqnatar u l-oħra ta' qantar u nofs. Dawn il-qniepen flimkien ma l-oħrajn li saru qabilhom kienu jinsabu fil-kampnar li jagħti għal fuq il-pjazza tal-knisja. Meta nbniet l-faċċata l-ġdida, dawn il-qniepen ġew trasferiti għall-kampnar tal-istess naħa.

**Sett qniepen ġodda**

Fl-opinjoni tiegħi u ta' ħafna dilettanti tal-qniepen, il-Ħal Luqin għandhom ferm biex jiftaħħru bil-qniepen tagħhom. Dan għaliex, ġo Ħal Luqa nsibu wieħed mill-isbaħ settijiet ta' qniepen li nsibu fil-gżejjer Maltin. L-ħolma li jsiru qniepen ġodda għall-knisja parrokkjali kienet ilha tberren f'moħħ il-Luqin għal ħafna snin. Inzerta li fl-1924 għall-festa tal-Vitorja, il-Parroċċa tal-Mellieħa żanżnet sett ta' qniepen mingħand il-Funderija Barigozzi. Kienu ħafna dawk il-Luqin li rħewlha għall-Mellieħa dakinhar tal-festa sabiex jisimgħu dawn il-qniepen. Fosthom kien hemm il-Kappillan Magri u Dun Karm Vassallo li qatgħuha li jagħmlu sett bħalhom għal Ħal Luqa akkost ta' kollox. Fl-1925, ġie ffurmat kumitat bejn il-kappillan u l-kleru tal-parroċċa sabiex jibdew fondi għal din l-opra.

L-ewwel ġabra fil-knisja għall-qniepen il-ġodda saret fis-26 ta' April 1925. Fl-10 ta' Ġunju 1925 saret supplika lill-Kurja Arċiveskovili mill-Kappillan Dun Ġyżepp Magri sabiex seta' jingħata permess biex ikun jista jsir ġbir sabiex jinxtara sett ta' qniepen ġodda għall-knisja parrokkjali flok l-antiki li kienu stunati u żgħar. L-istima tal-qniepen il-ġodda kienet ta' madwar £1300. Il-festi esterni (iġifieri l-festi ta' barra) ta' Sant'Andrija u tal-Madonna taċ-Ċintura tal-1925 ma sarux sabiex il-poplu jibqa jikkonċentra l-ġbir

favur il-proġett tal-qniepen li l-Luqin ridu jagħmluhom akkost ta' kollox.

Wara li kien sar ġbir sostanzjali, indunaw li kienu għadhom lanqas laħqu nofs is-somma stmata. Kienu ħabtu ġa jaqtgħu qalbhom u kien hemm min qal li jagħmlu qanpiena waħda kbira biss. Għaldaqstant wara ħafna diskussjonijiet qatgħuha li jmorru dritt għand il-fonditur tad-ditta Barigozzi biex jagħti parir aħjar ta' x'kien jista' jsir bil-qniepen eżistenti. Eżamina l-qniepen antiki u ħa kampjun tal-bronz mill-kuruna ta' kull waħda. Milli nistgħu nimmaġinaw, dawn ma tantx kienu ta' xi akkordju mużikali flimkien u għalhekk ma tantx interessaw lil Barigozzi. Iż-żmien beda għaddej imma fl-1927 inqalgħu l-benefatturi Xmun Azzopardi u Rokku Briffa li offrew li joħorġu somma sostanzjali. Il-kappillan kien kiteb lill-emigranti Luqin Amerikani sabiex jgħinu fis-somma meħtieġa. Is-saċerdot Dun Ġiusepp Vassallo kien qed jaħdem ħafna biex jagħmel il-ġbir neċessarju.



Sadanittant sar il-ftehim mal-Funderija Barigozzi fejn qablu li għandhom jkunu lesti sa' Novembru 1928 għall-festa ta' Sant'Andrija. Fis-sajf tal-1928, il-funderija bagħtet sett ta' ħames tubi arġentati skont l-intonazzjoni ta' kif kellhom jiġu l-qniepen. Dawn għadhom miżmuma fil-Knisja Parrokkjali u jinsabu fl-arkivju tal-knisja fejn dak li jkun għadu jista jarhom sal-ġurnata tal-lum. Fil-15 ta' Ottubru 1928, is-sett ta' ħamest iqniepen waslu bil-baħar fejn tħattew għal fuq l-art. Il-Luqin marru l-Marsa jġibu l-qniepen fost entużjażmu kbir. Fis-17 ta' Ottubru, dawn tqiegħdu fuq iz-zuntier għall-wiri fejn intramaw fuq grabji apposta għall-okkażjoni tat-tberik. Din saret is-Sibt 27 ta' Ottubru mill-Arċisqof ta' Malta Mawru Caruana fit-tlieta ta' wara nofsinhar. Il-Kappillan Magri, għalkemm kien ma jiflaħx ħafna għamel d-diskors tal-okkażjoni. Il-parrini tal-qniepen kienu: għall-Kbira, Mons. Kar. Grima minn Ħal Luqa; għar-raba', Mons Anton Vella ex-Kappillan ta' Ħal Luqa' għat-tielet, Dun Karm Vassallo; għat-tieni, ħuħ, Dun Ġużepp Vassallo u għaż-żgħira kien Xmun Azzopardi. L-iskrizzjonijiet ta' fuq il-qniepen kienu xogħol l-Latinista Mons. Alwiġ Farrugia.

Wara din l-okkażjoni, t-tlugħ tal-qniepen fil-kampnari sar mill-K.O.M.R (*King's Own Malta Regiment*) flimkien ma diversi Luqin tas-sengħa. Karmnu u Vitor Ciappara u n-nepputijiet tagħhom ħadu ħsieb x-xogħol tal-ħadid biex idendlu l-qniepen. Ġiovanni Penza, fid-djarju personali tiegħu niżżel li kien ħa sehem fit-tlugħ tal-qniepen fil-kampnari. Huwa jagħti dettalji dwar kif u meta dawn ittelgħu. Iż-żgħira, Feliċissima ttellgħet il-Ġimgħa, 9 ta' Novembru fil-ħamsa ta' filgħaxija. It-tieni ttelgħet l-għada s-Sibt, 10 ta' Novembru, fit-tlieta u sitt minuti ta' wara nofsinhar. Il-Ħadd 11 ta' Novembru tellgħu t-tielet waħda fis-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar u ftit wara, jiġifieri għall-ħabta tat-tlieta u nofs tellgħu r-raba' fl-arkata. Din iddendlet l-għada t-Tnejn minn Ġiovanni Penza stess mgħejjun minn Ġiuseppe Spiteri (il-Furnar). Sa nofsinhar kienu dendlu l-ilsna ġol qniepen. Penza jkompli jgħidilna li l-kbira ttelgħet nhar il-Ħadd 18 ta' Novembru. Ir-raġuni kienet peress li ma kinitx ġurnata tax-xogħol kien aktar faċli li tiġbor kwantità kbira ta' rġiel li setgħu jagħu daqqa t'id fil-ġibda sakemm tittella l-qanpiena li tiżen l'fuq minn tliet tunnellati. Ġorġ Pulo kien tela' mal-qanpiena biex idderieġa l-pastiga sakemm il-qanpiena ddaħlet minn ġo l-arkata għal ġol-kampnar. Pensa jgħid li l-kbira daħħluha f'postha fis-sagħtejn u kwart imma damu sal-ħamsa u nofs sakemm waħħluha mat-travu bl-ilsien b'kollox. Għal din l-okkażjoni daqqet ż-żewġ baned tar-raħal. Wara li l-qanpiena l-kbira tqiegħdet f'postha, kienu pronti daqqew il-qniepen kollha flimkien għall-ewwel darba waqt il-kant tat-Te Deum b'radd ta' Ħajr lil Alla. Wara saret wkoll il-benedizzjoni.



Wara dan kollu, jidher li l-ispiża tal-qniepen kienet għada ma tħalsitx kollha. Dan nafuh minn supplika li ntbagħtet lill-Kurja Arċiveskovili nhar it-23 ta' Novembru 1928 mill-Aġent Kappillan, Dun Karm Vasasllo u l-Prokuratur, Dun Ġużepp Vassallo fejn talbu l-permess biex jkunu jistgħu jbiegħu l-qniepen l-antiki sabiex jkopru l-ispiża. Fil-fatt hekk kien ġara meta t-tnejn l-kbar u waħda li ma nafux eżatt x'sar minnha nxtraw mill-Patrijiet Tereżjani ta' Birkirkara bl-intervent ta' Fra Isidoro Micallef, Tereżjan minn Ħal Luqa.

**Il-Qniepen**

Kull waħda mis-sett ta' ħamest iqniepen hija ddekorata b'riljievi maħduma fil-bronz mal-istess metal tal-qanpiena. Din id-dekorazzjoni hija tipika għall-funderiji ta' qniepen Taljani fejn ir-riljiev huwa maħdum baxx u fl-istess ħin huwa rfinut ħafna.

Il-qanpiena l-kbira ddedikata lil Sant'Andrija ġiet mogħtija l-isem ta' Andreana. Il-kuruna jew aħjar kull waħda mis-sitt ħoloq li minnhom tiddendel il-qanpiena huma ddekorati b'wiċċ ta' ljun, probabilment bħala referenza għall-evanġelista San Mark. Mill-ispalla tal-qanpiena l-isfel nsibu werqa twila tal-akantu bi dritt kull waħda mill-ħoloq li ġa semmejna. L-isfel minnhom ftit l'fuq minn nofs il-qanpiena nsibu freġju wiesa ta' mottivi bil-weraq tal-akantu. Imbagħad f'nofs il-qadd tal-qanpiena insibu l-figura ta' Sant'Andrija jirċievi l-martirju bi skrizzjoni bil-Latin taħtu. Ftit l'fuq mix-xoffa, jew aħjar l-post fejn jaħbat l-ilsien biex tindaqq huwa wkoll dekorat b'fustunu ta' tliet fjuriet fuq kull waħda. Ġo dan l-ispazju nsibu Kurċifiss li qiegħed bi dritt l-iskrizzjoni li semmejna l-aħħar u fuq in-naħa l-oħra nsibu l-arma tal-Funderija Barigozzi. Dawn it-tnejn nsibuhom fuq il-bqija tal-qniepen l-oħra. Id-dekorazzjoni ftit jew wisq hija wkoll simili fuq il-qniepen l-oħra għalkemm kull waħda tvarja f'ċerti dettalji fl-użu tal-weraq dekorattiv. Fiha piż ta' madwar 44 qantar li f'tunnellati Ingliżi jissarfu fi 3.2.



Ir-raba' qanpiena hija ddedikata lil Qalb ta' Ġesù u msemmija Jesus Christi. Kull waħda mill-ħoloq tal-kuruna fiha wiċċ ta' Kristu. Bħal fil-qanpiena l-kbira, nsibu weraq tal-akantu mal-ispalla tal-qanpiena għalkemm fil-freġju ta' taħt fiha erba mottivi ta' weraq b'arzella fin-nofs ta' kull waħda li jduru mal-qanpiena. Dan l-istess mottiv nsibuh repetut fil-parti ta' fuq ix-xoffa għalkemm fuq skala iżgħar. Fin-nofs tal-qanpiena nsibu Kurċifiss kbir u fuq in-naħa l-oħra nsibu l-figura ta' Qalb ta' Ġesù bi skrizzjoni bil-Latin taħt. Fiha piż ta' 22 qantar li jissarfu f'madwar 1.73 tunnellata Ingliża.

It-tielet, jew aħjar dik li l-arloġġ jdoqq is-siegħat fuqha hija ddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni bl-isem ta' Maria dei Parenti. Fuq kull waħda mill-ħoloq tal-kuruna nsibu sbuzzat fil-bronż wiċċ ta' puttin flimkien ma' xi weraq dekorattiv. Bħal fil-qniepen l-oħra nsibu weraq tal-akantu mal-ispalla, freġji ta' weraq u disinni allegoriċi ftit l-isfel u mbagħad fil-parti ta' fuq ix-xoffa nsibu fustuni ta' weraq kontinwi li jduru mal-qanpiena. F'nofs il-qadd tal-qanpiena nsibu riliev ta' Kurċifiss filwaqt li fuq in-naħa l-oħra nsibu l-Immakulata Kunċizzjoni bi skrizzjoni taħtha. Immedjatament taħt nsibu l-arma tal-Funderija Barigozzi.

Kollox fuq skala aktar ċkejkna nsibu t-tieni qanpiena. Din hija ddedikata lil San Ġużepp u ġiet mgħammda Giuseppina. Id-dekorazzjoni tixbaħ kemmxejn lil ta' qabilha bid-differenza li mal-ħoloq tal-kuruni nsibu biss weraq dekorattiv u ftit il-fuq mill-qadd naraw festun ta' weraq bħal ma nsibu ftit il-fuq mix-xoffa. Fiha Kurċifiss u lil San

Ġużepp fuq n-naħa l-oħra.

Il-qanpiena ż-żgħira l-istess eżatt bħal ta' qabilha bid-differenza li bejn kull fustun ta' fuq nsibu munita. Din il-qanpiena ġiet iddedikata lil San Feliċissimu Martri bl-isem Feliċissima, li tiegħu nsibu mqabbża fil-bronz l-immaġini qaddisa. Fuq din il-qanpiena u ta' qabilha, jindaqqu l-kwarti tal-arloġġ permezz ta' mrietel li jaħbtu fuq barra tal-qniepen.

Dan is-sett jew aħjar concerto kif inhu msejjaħ bit-Taljan qiegħed fuq skala in La Bemolle. Bl-Ingliż din l-iskala tissejjaħ *Major chord on A flat enhanced by octave and octave 3rd bells*.



**Konklużjoni**

Il-ħoss melodjuż ta' dawn il-qniepen huwa wieħed li jsaħħar, li jferraħ u jnikket skont l-okkażjoni fil-ħajja tal-poplu Luqi. Dawn il-qniepen għaddew minn ħafna ġrajjiet. Kien b'miraklu li dawn il-qniepen għadhom magħna għax fit-tieni gwerra dinjija waqt li parti mill-knisja parrokkjali ġġarfet, l-kampnari baqgħu sħaħ. Sinjali ta' dan narawh fuq it-tieni u t-tielet qanpiena li għandhom xi tixlif fuq ix-xoffa li għada hemm sal-lum.

Jalla nibqgħu ngawdu wieħed mill-aqwa kapulavuri kampanoloġiċi li nsibu fil-gżejjer Maltin u Għawdxin u li nibqgħu nisimgħu d-daqq ħlejju u solenni tagħhom għal ħafna u ħafna snin oħra. Huwa ta' ħasra kbira li minn xi daqqiet nisimgħu min igerger u jgħaddi xi kummenti bħal "kemm ħa jdumu jdoqqu dawn!" Dan kollu għax forsi ikunu indaqqu għal xi ftit minuti iżjed minn normali minħabba xi okkażżjoni speċjali. Naħseb hawn ħafna tip ta storbju ieħor li jdejjaq ħafna nies imma jkolna nisimgħu għal għomorna! Għandna għal xiex nkunu kburin li din it-tradizzjoni għadha ħajja f'pajjiżna, u ngħożżu dawn il-qniepen tant sbieħ li missirijietna sforz ħafna sagrifċċji u għaraq ta' ġbinhom, ipperseveraw sabiex il-ħolma tagħhom seħħet u għadna ngawduha sal-ġurnata tal-lum.

**Referenzi**

Sit tal-Parroċċa - www.luqaparish.com
Arkivju Parroċċa Sant'Andrija, Ħal Luqa
Ħal Luqa Nies u Ġrajjieta ta' Dun Ġużepp Micallef
375 Sena Parroċċa
Artikli miktuba min diversi nies fuq programmi tal-festa passati fosthom Neil Zammit, James Aquilina, Anton Morana, Adrian Mizzi, Robert Cassar, Daniel Pace, Patrick Muxi u Ġużi Camilleri.



*Il-funeral tas-Sur Ġorġ Zammit membru tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni akkumpanjat mill-Fratellanza taċ-Ċintura u l-Banda L-Unjoni (1948)*





# Ħal Luqa Fi Żmieni

**Andrew Camilleri**

## Ħal Luqa fl-imgħoddi

Ħafna drabi meta nagħmel xi lejl ma nistax norqod, ħsibijieti mhux l-ewwel darba jaqgħu fuq kif inbidel ir-raħal tagħna f'ħafna aspetti fi żmieni. Jibdew ġejjin quddiem għajnejja d-djuq u l-istat ħażin ta' ħafna mit-toroq tar-raħal qabel il-gwerra u l-ħmieġ li kont tara fihom' affarijiet li konna mdorrijin bihom qabel u issa saru xi ħaġa tal-imgħoddi; il-ħafna djar li kienu għadhom mingħajr provvista ta' dawl u ilma u mingħajr mezzi ta' komunikazzjoni; is-siegħa kerha li tfaċċat fuq ir-raħal għall-arrieda matul l-aħħar gwerra li qatt ma kienet mistennija u l-bidla li saret wara.

Sa l-1938, jiġifieri sentejn qabel l-aħħar gwerra aħna konna noqgħodu f'dar fi Triq Sant'Andrija, it-triq tal-Każin. F'din it-triq niftakar li kien hemm wieħed jismu Datu li kellu fabbrika żgħira tagħmel il-luminata. Triq Sant'Andrija dak iż-żmien f'xi postijiet kienet tant dejqa u mgħawwġa li minn ħdejn il-każin l-iskola ma kinitx tidher. L-istess bħal din it-triq, it-toroq prinċipali tar-raħal, bħal Triq San Ġużepp, Triq San Pawl u Triq San Ġorġ qabel l-aħħar gwerra kollha kellhom xi parti minnhom dejqa ħafna. Triq Dun Pawl bejn Misraħ Sant'Andrija u Triq San Ġorg ma kinitx teżisti u Triq id-Disgħa t'April, 1942 kienet biss sqaq u ma kienx jinfed ma' Triq ir-Rixellu kif insibuha illum



*Iz-zuntier l-antik*

Il-maġġoranza tat-toroq tar-raħal minn barra l-misraħ ta' quddiem il-knisja u l-ieħor ta' mal-ġenb tal-lemin kienu miksiba bit-torba mballta u niftakar li wara nofsinhar fil-ġranet tas-sajf

kien jgħaddi wieħed b'bettija kbira fuq karettun misjuq minn bhima ibexxex it-toroq minħabba l-kwantità ta' trab li kien ikun fihom. Imbagħad fix-xitwa wara xi ħalba xita tajba kienu jintlew għadajjar u kont trid tara' kif timxi biex ma ixxarrabx saqajk. Ta' min isemmi li sa xi żmien wara l-gwerra kien hawn toroq fir-raħal fejn id-drenaġġ kien għadu mhux imwassal u d-djar kien ikollhom fossa barra fit-triq. Waħda minn dawn it-toroq kienet Triq San Ġorġ li aħna nafuha Taħt il-Ġnien. Jien niftakar li d-drenaġġ fi Triq Santa Marija, fejn konna morna noqgħodu wara l-1938, kien twassal ftit qabel faqqet il-gwerra.

Kien hawn ħafna djar fir-raħal li ma kellhomx la provvista tal-elettriku u anqas tal-ilma. Ħafna kienu għadhom idawwlu djarhom bil-lampi tal-pitrolju. Infatti dawk li kienu jiddejqu biex jixorbu u jsajjru bl-ilma mill-bjar tagħhom, kont tarhom b'xi kanna jew barmil jimlew l-ilma mill-ejjun li kien hawn f'xi toroq tar-raħal kif ukoll żewġ pompi tal-ilma, waħda fi Triq Sant'Andrija fil-ġenb tal-lemin tal-iskola u l-oħra Misraħ l-Knisja fil-bidu ta' Triq il-Parroċċa.

Peress li ħafna djar la kellhom provvista tal-ilma u anqas konnessjoni mad-drenaġġ, allura ma nafx jekk kienx hawn djar li kellhom kamra tal-banju u n-nies kienu jinħaslu f'xi banju kbir tal-ħasil. Infatti tard fis-sittinijiet, il-gvern ta' dak iż-żmien kien jagħti l-għajnuna lin-nies biex jagħmlu kamra tal-banju. L-uniku telefowns fir-raħal kienu dawk fl-għassa tal-pulizija, t-tabib u l-kappillan, għax barra minn dawn mhux żgur kien hawn tliet familji li kellhom telefown. Illum fi żmien ta' 'smart phones' u 'tablets', hu diffiċli biex wieħed jimmaġina kif kienu t-telefowns dari.

Sa kmieni fil-ħamsinijiet, telefown kien jikkonsisti f'kaxxa kwadra tal-injam illustrat ta' xi 25 ċentimetru b'25 ċentimetru u fonda xi 10 ċentimetri mwaħħla mal-ħajt. Fuq in-nofs tal-faċċata kien hemm bħal furketta tal-metall ħierġa mill-kaxxa li magħha kien hemm imdendla l-'*earpiece*', forma ta' lanġasa mqabbda b''*wire*' mal-kaxxa li wieħed kien jagħmel ma' widnejh biex jisma'. U fil-ġenb in-naħa tal-lemin '*handle*' li kont iddawwar biex jirrispondik l-operator u ttih in-numru fejn trid iċċempel. Fid-dar tal-familja Ellul fil-misraħ ta' quddiem il-knisja kien hemm telephone għall-użu bi ħlas mill-pubbliku.

Ma tantx kien hawn djar li kellhom forn, għax dawn bdew deħlin fid-djar meta ġew l-ispiritieri tal-fjamma bluna fil-ħamsinijiet. Saru popolari aktar tard meta wasal il-gass fiċ-ċilindri. Ix-xiwi kollu kien isir għand tal-forn, li minnhom kien hawn tlieta r-raħal u issa baqa' wieħed biss, dak ta' Triq San Ġużepp. Meta n-nies, il-biċċa l-kbira nhar ta' ħadd, kien ikollhom xi ħaġa għax-xiwi, kienu joħduha għand tal-forn, dan kien iwaħħal fiha biċċa landa żgħira b'numru bbuzzat fiha u jagħti landa simili bl-istess numru lil sid l-oġġett. Meta kont tmur biex tiġbor l-oġġett mill-forn kont ittih in-numru, hu kien iqabbel dan mal-



***Piazza Chiesa***

oġġett bl-istess numru u jtihulek - sintendi wara li tħallsu. L-ewwel 'fridges' li kienu jkessħu b'lampa tal-pitrolju, kif ukoll il-magni tal-ħasil bdew deħlin fid-djar fil-bidu tal-ħamsinijiet.

Sa xi żmien wara li spiċċat il-gwerra, it-toroq tar-raħal bil-lejl kienu għadhom jiġu mdawwal ħażin ħażin bil-lampi tal-pitrolju fil-fanali imwaħħlin mal-ħitan. Fil-ġranet sħan tas-sajf, filgħaxija wara li jieklu, ħafna nies kienu joħorġu barra bilqiegħda jew fuq l-għatba tal-bieb jew fuq xi siġġu jpaċċpu bejniethom u ħafna drabi kien jkun hemm xi ħadd jgħid ir-Rużarju b'leħen għoli biex jisimgħu kulħadd. Dak iż-żmien, ftit li xejn kont tara' karozzi fit-toroq u billi t-televiżjoni, il-komputer, l-'ismartphones' u t-'tablets' konna anqas ħlomna bihom, it-tfal wara l-iskola kienu joħorġu jilgħabu fit-triq. Is-subien b'xi skuter, xi żugraga, bil-boċċi, b'xi ballun jew jilagħbu noli. Il-bniet jilgħabu l-logħba tal-passju jew biż-żibeġ.



Dehra tal-kampnari mill-inħawi tal-iskola primarja

Niftakar ukoll qabel bdiet il-gwerra kien jiġi raġel fih mola hawn, ta' kulur iswed ħamrani jiġġerra mat-toroq tar-raħal b'ġewlaq kbir f'idejh ibiegħ il-ħabb għażiż u l-paljijiet. Fix-xhur tax-xitwa filgħaxija kien ukoll jiġi raġel minn Ħal-Kirkop ibiegħ il-bigilla. Imdeffsa f'nofs il-karettun misjuq minn żiemel, hu kellu borma kbira tal-enamel li kienet tkun minlija bil-bigilla sħuna, sħuna. Hu u għaddej mit-toroq tar-raħal kont tisimgħu jgħajjat, 'Tajba u tgħali l-lejla ħej,' u arhom ħafna joħorġy b'xi plattina f'idejhom jixtru xi żewġ soldi bigilla. Kultant ukoll kien jiġi raġel miż-Żurrieq iġorr qoffa kbira wara dahru jbiegħ ir-rizzi.

Nifrakar li fl-imgħoddi ħafna familji fir-raħal kienu irabbulek xi ftit fniek u tiġieġ. Allura filgħodu mat-tbexbix kont tisma' kor sħiħ ta' sriedek jiddnu u jirrispondu lil xulxin, iħabbru żbieħ-il jum. Fit-toroq bejn ir-raba barra tar-raħal kont issib jikber il fidloqqom, il-plejju u żewġ tipi ta' xewk. Wieħed konna ngħidulu tal-linka u l-ieħor kien jagħmel forma ta' qaqoċċa li t-tfal kienu jqaxxru u jieklu. Kienet ukoll tikber pjanta qisa erq tal-qarabali li kienet tagħmel frotta tawwalija forma ta' bajda żgħira mimlija suf li daż-żmien m'għadniex narawhom. L-istess nistgħu ngħidu għall-mużbieħ il-lejl, id-debba tax-xitan u l-werżieq li ftit għadhom jidhru.

Sa żmien sew wara l-gwerra, niftakar ir-raħħala jiġġerrew mat-toroq tar-raħal, b'merħla mogħoż u nagħaġ iċemplu warajhom ibigħu l-ħalib u jħammġu minn kull fejn kienu jgħaddu. Barra min hekk dak iż-żmien dan il-ħalib kien il-kawża ta' mard serju komuni ħafna fost il-poplu, jissejjaħ deni rqiq. Kellha tkun is-sena 1957 biex f'Malta wasal impjant tal-ippasturizzar tal-ħalib, proċess li bih jiġi eleminat il-mikrobu li jikkaġuna d-deni rqiq, kbir biżżejjed biex ilaħħaq mal-bżonnijiet ta' Malta kollha. Ir-raħħala bdew jieħdu l-ħalib f'dan l-impjant fejn kien jiġi ppasturizzat u mimli biex jimbih fil-fliexken u hekk fl-aħħar il-mogħoż u n-nagħaġ ġew eliminati għal kollox mit-toroq tagħna.

Oġġett tal-ikel li għalih kien imsemmi ħafna r-raħal tagħna kien il-mazzit, li sfortunatament m'għadnix insibuh. Dari f'kull ħanut tal-laħam li kont tidħol, kont tara' l-mazzit imdendel. Kien hemm min jieklu kif jixtrih, imma ħafna kienu jqattgħuh fi flieli u jaqluh. It-taħwir tal-mazzit nipparagunah mal-pudina tal-Milied għax barra basal moqli u demm kienu jħawwruh biż-żbib, zokkor, kokodina, noċemuskata, kannella u xaħam tal-kilwa. Issa kull ma baqalna biex ifakkarna fil-mazzit huma żewġ qwiel, 'Fl-aħħar tal-mazzita ssib iż-żbiba', u 'Irid jaqli l-mazzit bl-ilma'.

Ma xtaqtx noħroġ barra mis-suġġett, imma fir-raħal kien jgħix karattru ħelu ħafna li issa ilu li ħalliena u xtaqt insemmi xi ħaġa fuqu. Dan kien tallab li kien jismu Ġużeppi, imma kulħadd kien jafu bħala Peppi Sufa. Peppi kien raġel ta' statura żgħira u kont tilmħu ġej mil-bogħod bil-beritta mdaħħla f'rasu, b'dik il-mixja mgħaġġla tiegħu, jitbandal minn naħa għall-oħra qisu qed jiżfen. Meta kien jiġi fuqek jitolbok xi ħaġa, kien jgħidlek b'dik l-innoċenza u ħlewwa kollha, 'Tini sitta ħalli ntik sold,' jiġifieri Peppi miskin kien irid itik lura f'muniti ta' dak iż-żmien id-doppju ta' dak li tajtu.



*Dehra tal-Knisja mill-Mitjar*

**Ħal Luqa taħt in-nar**

Imma l-ħajja relattivament kwieta li kienet tirrenja fir-raħal tagħna, wara s-sena 1940, inbidlet f'baħar ta' nkwiet, biża u niket meta bibien l-infern infetħu kontra tiegħu. Għax fil-ħdax tal-Ġunju, 1940 l-Italja ssieħbet mal-Ġermanja fi gwerra kontra Franza u l-Inghilterra, li tagħha Malta kienet kolonja u dakinhar stess it-taljani ħabtu tminn darbiet bl-ajruplani fuq Malta. Ħames t'ijiem biss wara li bdiet il-gwerra, waqgħet l-ewwel bomba fuq ir-raħal u f'Settembru tal-istess sena mietet l-ewwel persuna.

Billi l-imsejken raħal tagħna kien viċin ħafna l-akbar ajrudrom f'Malta, minn Awwissu 1940 il-quddiem meta r-Royal Air Force 'RAF' kienet għamlitu l-bażi prinċipali minn fejn opera, ma damx wisq biex beda jsofri ħafna ħbit bil-bombi mill-



*Tiġġarraf parti mill-knisja nhar id-9 t'April*

ajru speċjalment minn dice bombers Ġermaniżi tat-tip Junkers 87, hekk imsejħa Stuka, li qabel jitilqgħu l-bomba kienu jagħmlu ħoss tal-biża' biex iwerwru l-poplu. Minħabba l-viċinanza ta' Ħal Luqa għall-ajruport, ħafna bombi bdew jaqgħu fuq ir-raħal, bdew imutu n-nies u beda jiġġaraf ħafna bini.

Fil-Ktieb ta' Martin Gilbert, 'Second World War', insibu li filwaqt li l-assedju ta' Londra, li fuqu l-Ingliżi jagħmlu tant għaġeb, dam anqas minn xahrejn, dak ta' Malta dam aktar minn sentejn. Mill-ewwel ħbit mill-ajru fil-11 ta' Ġunju 1940, sa l-aħħar wieħed fit-23 ta' Lulju 1943, kien hawn 3,340 ħbit fuq Malta. Fix-xhur ta' Marzu u April 1942 biss, aktar bombi waqgħu fuq Malta milli fuq Londra matul il-gwerra kollha u parti sustanzjali minnhom waqgħu fuq dan il-povru raħal. Mingħajr l-ebda dubju, ħlief il-belt u l-ibliet ta' Bormla, l-Isla u l-Birgu, minħabba l-viċinanza tagħhom għal-Port il-Kbir, l-ebda lokalità oħra f'Malta ma sofriet u ġarrbet ħsara daqshekk kbira bħal Ħal Luqa. Ħafna familji ħallew ir-raħal u sabu refuġju f'xi raħal jew belt il-bogħod mill-ajrudrom

Billi kien hemm il-biża' t'attakk bil-gass velenuż, bħal kumplament tal-popolazzjoni, f'Ħal Luqa, kemm il-kbar kif ukoll it-tfal tal-iskola kellhom iġorru maskla li ġiet mogħtija lil kulħadd. L-iskola nngħalqet għax it-tfal kollha ntlew b'ħafna ponot irqaq, jissejjħu scables, li kien jittieħed ħafna. Kien jingħata ngwent isfar magħmul mill-vaselina u kubrit biex itaffi xi ftit mill-ħakk kbir li dawn kienu jikkaġunaw. Kien ġie imponut 'curfew' u ħadd ma seta' joħorġ barra bejn il-ħdax ta' bil-lejl sal-ħamsa ta' filgħodu.

Fil-ktieb tiegħu 'Taħt in-Nar', Ġużè Ellul Mercer jiddeskrivi ġurnata b'ġurnata l-ħbit mill-ajru fuq Malta fis-sin 1940 u 1941. Hu jgħid hekk fuq ħbit li sar l-Erbgħa, 26 ta' Frar, 1941 meta 40 bombers - Junkers 87 u 88 kif ukoll 30 tal-ġlied Messerschmidt ħabtu għall-ajruport ta' Ħal Luqa.



*Bini mwaqqa' matul il-gwerra*

'Il-Junkers bdew neżlin fuq Ħal Luqa qishom f'titjira ta' stħarriġ. Niżlu wieħed wara l-ieħor; u għal għoxrin minuta sħaħ ma waqfux mit-tfigħ tal-bombi. Tefgħu mal-mija u ħamsin waħda. Il-ħsara li saret kienet l-akbar waħda li qatt ġarrab dan l-ajrudrom....F'waqt dan l-attakk, ir-raħal ta' Ħal Luqa triegħed bħal li kieku ġie mqanqal minn terremot qawwi. Djar iġġarrfu. Oħrajn ġarrbu ħafna ħsara. Intlaqtet knisja żgħira. Raġel miet mirdum. Tnejn oħra ndarbu sewwa u tnax indarbu ħafif. Sebgħa min-nies ħelsuha bil-ħniena meta ġġarfet dar sħiha fuqhom.

Nitħassarhom lin-nies ta' dan ir-raħal. Kemm ġarrbu għali fi ftit ta' żmien!

L-ewwel infatmu mill-isbaħ biċċa raba' li kellhom; u mbagħad sabu ruħhom fejn bwieb l-infern; mingħajr ma kien jistħoqqilhom. Nitħassarhom aktar minn nies ta' kull raħal ieħor f'Malta.'

Fl-ewwel t'April, 1941, hu reġa' kiteb hekk-

'Illum wara nofsinhar, għaddejt f'kar ma' fizzjal tagħna, minn l-inħawi tal-ajrudrom ta' Ħal Luqa. Bqajna deħlin ir-raħal infittxu wieħed jieħu xi xogħolijiet mal-militar. Kif kont hemm dort dawra żgħira biex nara xi ħsara saret f'Ħal Luqa.



*Strada San Giuseppe*

Bħal l-Isla u l-inħawi ta' madwarha, Ħal Luqa nħaqret bis-sħiħ mill-ġermaniżi. Ftit hemm toroq fejn ma ġietx bomba. Aktarx hemm mat-tmenin dar imġarrfa għal kollox - u Ħal Luqa mhix il-Ħamrun jew tas-Sliema.

Xi wħud mill-iktar bombi li ġiebu magħhom il-ġermaniżi, ġew imwaddbin qrib dan ir-raħal, jew fuqu... Waħda mill-aktar sigħat koroh s'issa li kellhom il-Ħalluqin kienet waqt il-ħbit ta' wara nofsinhar tas-26 ta' Frar li għadda, meta l-istukas bdew neżlin fuqhom qishom isqra ta' Marzu' u fuq l-ajrudrom, li jmiss mar-raħal twaddbet ħalba bombi li minnhom huma wkoll messhom sehem...Riedet tkun qalb ir-raħli malti biex iżżomm iebes u ma tinqasamx, taħt xita waħxija ta' qnatar ta' bombi bħal dik.'



*Bini mġarraf matul il-gwerra*

Barra n-numru kbir ta' djar li ġġarfu ma nafx jekk kienx hawn dar li ma waqaliex xi saqaf jew parti minnhu, biex ma nsemmix il-ħġieġ tat-twieqi u bibien li tfarrak.

Iż-żewġ każini tal-baned ukoll iġġarfu u filwaqt li dan il-każin sab kemm f'post fit-tarf tas-sqaq ta' mal-ġenb il-każin li qabel kien razzet tal-barrin, dak tal-banda Sant'Andrija sab kenn f'dar fi Triq il-Karmnu qrib Triq ir-Rixtellu.

Imma żgur li wieħed mill-agħar ħbit li sofra r-raħal tagħna kien bla dubju dak tal-Ħamis, 9 t'April 1942 li għalih ġiet imsemmija t-triq ta' mal-ġenb il-knisja. Kien għal ħabta ta' nofsinhar meta skwadra ta' 16 il-Junkers u 87 Stuka, ħabtu għar-raħal. Mietu ħafna nies u tant iġġarraf bini li minn fejn kont tgħaddi ħlief brug ta' ġebel ma kontx tara. Waqt dan il-ħbit, bomba waqgħet u splodiet ġo ġiebja f'post fi Triq Papa Innoċenzju u sfrondat il-blat bejn il-ġiebja u xelter mietu mgħaffġa taħt il-ġebel u mgħarrqa fl-ilma u t-tajn. Niftakar lill-ommi tgħid li x'ħin daqqet is-serena, hi kienet il-misraħ ta' quddiem il-knisja u l-eqreb xelter kien dan tat-Triq Papa Innoċenju. Imma billi fix-xelter ta' Triq il-Karmnu kien hemm xebba ħabiba tal-familja jisimha Ewġenja li kienet kisret sieqa, allura hi ħaffet biex tinżel f'dak ix-xelter biex taraha. Ommi kienet tgħid li kif splodiet il-bomba ġol-ġiebja, kulħadd instabat mal-art u twerwru għax ix-xelter tant triegħed li beżgħu li l-blat kien ser jisfronda fuqhom. Wara li spiċċa l-ħbit u telgħu mix-xelter, xena tal-biża' u tat-twerwir tfaċċat quddiemhom. Il-bini fi triq Papa Innocenzu ġġarraf kollu u ħlief bruġ ta' ġebel ma kienx baqa'. Instema' ħafna biki u twerżieq, u ħafna nies ifittxu u jistaqsu għal nieshom. Waħda mit-tlieta li salvaw minn dan ix-xelter kienet tifla ta' xi għaxar snin jisimha Karmena, li meta kibret żżewġet lil Indrì Żarb, li kien idoqq saxophone tenur mal-banda ta' dan il-każin.

Matul dan il-ħbit, il-knisja wkoll ġarrbet ħsara kbira speċjalment in-nava u l-kappellun tar-ružarju n-naħa tas-sqaq li kien hemm ma' ġenb il-knisja fuq ix-xellug, li llum sar triq Disgħa ta' April, 1942. Din in-nava kważi iġġarfet għal kollox u waqa' wkoll is-saqaf ta' dan il-kappellun. Is-saqaf tal-korsija u tal-kor ukoll ġarrbu ħsara. Il-kampnar tal-qanpiena l-kbira tant tmejjel il-quddiem, li tellgħulu ħajt wiesa quddiem, jissejjaħ denfil biex jirfdu għax kien hemm il-biża' li jaqa'. Mill-knisja kollha l-uniku partijiet li relattivament ġarrbu ftit ħsara kienu n-nava tal-lemin u l-kapellun tal-Agunija. Infatti sakemm il-parti l-kbira tal-knisja reġgħet inbniet mill-ġdid, inbnew ħitan provviżorji biex jiżolaw din il-parti tal-knisja mill-kumplament u l-quddies u funzjonijiet oħra bdew isiru f'din in-nava u l-kappellun, bl-arta ta' Santa Marija serva bħala l-artal maġġur fejn servejt ħafna quddies fi tfuliti.


*Bini mġarraf quddiem il-Knisja*

Bħal kumplament ta' Malta, r-raħal tagħna kellu jsofri minn nuqqas serju t'ikel, għax il-vapuri bl-ikel u provvisti oħra essenzjali għall-gwerra li kienu jippruvaw jaslu Malta kienu jkunu l-mira tal-għadu. Il-ftit oġġetti tal-ikel li kien hawn kienu jitqassmu fuq sistema ta'

razzjon restritt ħafna, biżżejjed wieħed isemmi li kull persuna kienet tingħata biss 300 gramma ħobż kuljum - ħobż ismar ħafna probabli qamħ u żgħir midħunin bil-qoxra b'kollox. Bħal-lokalitajiet oħra fir-raħal infetħu dawk hekk imsejjħa '*Victory Kitchens*' li minnhom kien mqassam ikel misjur - xi ftit għaġin biz-zalza kull persuna jew tip ta' soppa magħmula minn ftit ħaxix u xi naqra laħam. Il-maġġoranza kbira tal-bhejjem fil-gżira inqatlu kollha għall-ikel, nagħaġ u mogħoż inklużi. Fis-sajf ta' 1942, l-ġuħ kien għafas tant li kien hawn il-biża li ser immutu bil-ġuħ. Il-ħarrub li normali kien ikel għall-bhejjem bdew jiekluh in-nies ukoll u kien jinbieh sold-il wieħed. F'dan il-perjodu l-ħwejjeġ ukoll kienu tant skarsaw li d-drapp tal-parachutes kien imfittex ħafna u minnu kienu jsiru ħwejjeġ bħal dawk ta' taħt, qomos kif ukoll ilbiesi tal-preċett. F'Lulju s-sitwazzjoni ta' Malta tant twegħret, li l-awtoritajiet Ingliżi kellhom il-biża' li jekk provvisti ġodda t'ikel, petrol u ammunizzjoni ma jaslux Malta qabel l-aħħar t'Awwissu, kien ser ikollhom iċedu lil Malta. Barra minn dan il-gwaj kollu, in-nies baqgħu r-raħal kienu jgħaddu ħinijiet twal jistkennu fix-xelters li kienu tħaffru, minħabba il-bombi li kienu ta sikwit jaqgħu fuq ir-raħal waqt il-bumbardamenti mill-ġermaniżi fuq l-ajruport.

Allura fil-bidu ta' Lulju, l'allejati ppjanaw biex jibgħatu Malta convoy kbir imsejjaħ '*Operation Pedestal*'. Imma sfortunatament mill-14 il-vapur merkantili mibgħuta ma' dan il-convoy, 4 biss irnexxielhom jiskappaw mill-qilla tal-għadu u jidħlu l-Port il-Kbir bejn il-Ġimgħa, l-14 u l-għada s-sibt, 15 t'Awwissu - il-festa ta' Santa Marija fejn ġew milqugħin b'ferħ kbir minn folol kbar ta' Maltin minn kull naħa tal-port. Għalhekk dan il-convoy li bil-provvisti tal-ikel, żjut u materjal ieħor tal-gwerra li ġab, salva lil Malta u bqajna nsibuh bħala 'il-Convoy ta' Santa Marija'.

Bil-materjal tal-gwerra li ġew ma' dan il-convoy, l-ajruplani mill-ajruport ta' Ħal Luqa u sottomarini mill-bażijiet Maltin, l-allejati setgħu jkomplu ħerba mill-vapuri li kienu fi triqthom lejn l-Afrika ta' Fuq bil-provisti għall-forzi Ġermaniżi. Imma f'Ottubru kien għad baqa' skarsezza t'ikel u l-Ġermaniżi reġgħu bdew jibbumbardjawna bla ħniena għax il-kmandant tagħhom fi Sqallija ried jinnewtralizza lil Malta darba għal dejjem. M'hemmx għalfejn wieħed jgħid, il-povru raħal tagħna ntlaqat ħafna drabi mill-bombi li ntefgħu fuq l-ajrudrom ta' Ħal Luqa. Fil-11 ta' Ottubru l-RAF wasslet Ħal Luqa numru kbir ta' Spitfires tal-aħħar tip u b'dawn kif ukoll l-informazzjoni mir-Radar u tattiċi ġodda ta' ġlied li bdew jiġu użati mill-kmandant ġdid tal-RAF, mill-ewwel taw ir-riżultati għax bdew jagħmlu ħerba mill-ajruplani Ġermaniżi qabel ma jaslu fuq xtutna. Fis- 16 t'Ottubru, il-kmandant Ġermaniż fi Sqallija irrealizza li ma kien ser jagħmel xejn kontra s-superjorità tal-RAF u waqqaf l-attakki. Nistgħu ngħidu li l-inkwiet, partikularment għar-raħal tagħna u għall-erbgħa t'ibliet ta' madwar il-Port il-Kbir, li tant soffrew mill-bombi tal-għadu kien wasal fi tmiemu u l-ħajja bdiet ġejja bil-mod il-mod


***Tinbena l-koppla l-ġdida***

għan-normal. L-aħħar ħbir mill-ajru fuq Malta sar fit-23 ta' lulju 1943. Fil-bidu tas-sajf ta' dik is-sena kien hawn hafna preparamenti kemm fil-port u fl-ajrudrom tar-raħal, hekk kif l-Allejati bdew il-preparamenti għall-invażjoni ta' Sqallija li bdiet fl-10 ta' Lulju 1943. Wara li ntrebħet Sqallija l-allejati, fit-3 ta' Settembru bdew l-invażjoni tal-Italja u fit-8 ta' Settembru, fil-festa tal-Vittorja, il-jum nazzjonali tagħna, l-Italia ċediet għal forzi superjuri tal-allejati.

Nifakar dakinhar ħija Ċensu, ex-president ta' dan il-każin u xi erba' żagħżagħ oħra telgħu fil-kampnari biex idoqqu l-qniepen u l-pulizija telgħu għalihom biex ma jdoqqux il-qanpiena l-kbira, minħabba l-istat perikoluż li kien jinstab fih dan il-kampnar.

**Ħal Luqa wara l-gwerra**

Wara li spiċċat il-gwerra, billi Ħal Luqa minn fejn kont tgħaddi ħlief bini mwaqqa' ma kontx tara, qabel ma bdiet ir-rikostruzzjoni, ttieħdet l-opportunità biex il-partijiet dojoq tat-toroq imsemmija ġew imwessa. Infetħet ukoll il-parti ta' Triq San Pawl minn Misraħ il-Knisja sa' Triq San Ġorġ. L-isqaq li kien hemm ma' ġenb il-knisja fuq ix-xellug twessa' u tniffed ma' Triq ir-Rixtellu u hekk ġiet iffurmata Triq id-9 ta' April, 1942. Kif wieħed jista' josserva li t-toroq San Pawl, San Ġużepp u San Ġorġ għalkemm twessgħu bl-ebda mod ma nistgħu ngħidu li huma xi toroq wisgħin, allura wieħed jista' jimmaġina kemm kienu dojoq qabel. Nismagħhom jgħidu li parti minn Triq San Ġużepp kienet hekk dejqa li l-galleriji ta' żewġt'idjar faċċata ta' xulxun kienu tant viċin, li s-salib tal-vara l-Kbira kienu jdawwruh naqra biex jgħaddi bejniethom.

F'Ġunju 1945 ingħata bidu għat-twissija tal-ħsara li ġarrbet il-knisja parrokkjali. Nistgħu ngħidu li barra n-nava ta' fuq il-lemin, li ħlief waqgħet il-lanterna ta' waħda mill-kuppletti ma ġarrbet l-ebda ħsara, il-knisja reġgħet inbniet mill-ġdid. Fil-pjanti tiegħu l-perit Ħal Luqi Indrì Micallef ħa ħsieb biex wessa l-korsijja, l-kor u l-kappelluni 75 ċentimetru kull naħa biex issa ġew jidhru ħafna isbaħ. Barra minn dan, is-saqaf tal-knisja qabel kien troll kontinwu, jiġifieri forma ta' ħnejja nofs tond jibda mill-ewwel minn fuq il-gwarniċun mingħajr l-ebda twieqi. Bil-bini tas-sekond ordni u billi fforma volti żgħar ta' forma eliptika jaqsmu t-troll prinċipali bi dritt it-twieqi, ġew iffurmati dawk li bl-ingliż jissejħu 'Groin Vaults', il-perit seta' jdaħħal it-twieqi kbar u sbieħ li issa nsibu fil-knisja. Dan it-tip ta' saqaf kien jenħtieġ ħila kbira fid-disinn tas-samrotti speċjalment biex inħaddmu dawk tax-xewka bejn it-trolli. Fil-bini mill-ġdid tan-nava tax-xellug, il-perit ħa ħsieb biex kabbar il-kwadri ta' fuq iż-żewġ artali f'din in-nava u naturalment dawk tan-nava l-oħra wara ġew imkabbra wkoll. Kif tlesta l-bini tal-korsija u ta' din in-nava f'Marzu 1947, inbnew ħitan li sseparaw il-korsija u ż-żewġ navi mill-kumplament tal-knisja, inħattu provviżorji li kienu nbnew bejn il-korsijaiiii u n-nava tal-lemin, l-artal maġġur ta' qabel inbena provviżorjalment fit-tarf tal-korsija, u din il-parti kollha tal-knisja bdiet tintuża għall-



*Il-knisja mill-ajru*

quddies u funzjonijiet oħra. Wara li nħattu l-kappelluni u l-kor, ingħata bidu għall-bini tagħhom mill-ġdid bl-istess wisa' tal-korsija l-ġdida u l-kor ġie mtawwal.

Dan ippermetta biex 'il fuq mill-ispazju għas-sedja tal-kor ġew iffurmati żewġ kwadri kbar wieħed fuq kull naħa, li wara saret il-pittura fihom. Il-perit ħa ħsieb ukoll biex bidel l-istil tal-apsidi tal-kor u tal-kappelluni, minn still Barokk sinjur li kienu għas-semplicità tad-Doriku. Hekk mill-gwarniċun l-isfel, l-ordni tal-knisja kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra ġiet kollha ta' stil Doriku. Wara li tlesta s-saqaf tal-kor u l-kappelluni, ingħata bidu għall-bini tat-tambur tal-koppla l-ġdida i issa ġiet wiesa 930 ċentimetru. Dan inbena bi twieqi kbar u tawwalin imdawwara bil-fwarniċar bl-iskultura fuqhom u bejniethom pilastri bil-kontri b'kapitelli tal-ordni tal-Ioniku. Minn fuq il-gwarniċum tat-tanbur sa' taħt il-lanterna ttellet koppja sabiħa forma parabolika, bl-istess taqsim tat-tanbur. Kif tlestiet il-lanterna, sar il-paviment tal-presbiterju u l-kor bl-irħam u nbena l-artar maġġur ġdid li nħadem l-Italja. L-ewwel quddiesa fuqu saret f'Mejju, 1953, wara li żżarma l-artar maġġur il-qadim mill-korsija u nħattu t-tliet ħitan provviżorji li kienu ttellgħu.



*Il-knisja minn ġewwa wara l-gwerra*

Issa kien imiss ix-xogħol fuq il-faċċata. L-ewwel ma sar kien li nħatt il-kampnar tal-qanpiena l-kbira bil-ġebel tiegħu jiġi ppustjat fuq is-saqaf tal-knisja biex jerġa jintuża, u inħattet ukoll il-biċċa tal-faċċata ta' taħtu. Wara li din il-parti tal-faċċata kif ukoll il-kampnar reġgħu nbnew, l-istatwa tar-Redentur inħattet u tpoġġiet fuq il-bejt u wara inħattet il-parti tan-nofs kollha. Din il-parti nbniet fuq disinn ġdid, il-bieb maġġur ġie mkabbar u saret gallerija fuqu fuq żewġ kolonni b'arkata kbira fuqha. Reġa nbena l-istess frontispizju li kien hemm qabel bl-arma ta' Sant'Andrija ġo fih. Mal-bini tal-parti tan-nofs tal-faċċata, fuq in-naħa ta' ġewwa tal-knisja nbniet ukoll is-sekond ordni biex tkompli mal-kumplament tal-knisja u bejna u t-troll prinċipali nbniet arzella ġdida. Wara li nbena pedestal fuq disinn ġdid, il-famuża statwa kbira tar-Redentur reġgħet ġiet imtella f'posta f'nofs il-faċċata. Veru li l-Ħalluqin għandhom għax ikunu kburin li kemm il-perit Indrì Micallef li għamel il-pjanti u dderieġa x-xogħol tal-knisja, Ġeraldu Spiteri l-imgħallem li mexxa x-xogħol, il-bennej, dawk li ħadmu l-lavur u naġru l-ġebel kif ukoll dak li qatta' l-iskultura tal-gwerniċar, kollha kienu wlied dan ir-raħal.



*Strada Santa Maria armata fil-festa ta' Sant'Andrija Appostlu fit-30 ta' Novembru, 1929*



*Il-Banda L-Unjoni fis-snin ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija*



# Ħal Luqa...
## *Apprezzament kritiku tal-iżvilupp tiegħu*

**Anton Morana**

Bħall-irħula l-oħra Maltin, Ħal Luqa ma jafx il-bidu tiegħu. Il-preżenza ta' siti arkeoloġiċi xorta jitfgħu dawl fuq fejn x'aktarx kienu jgħixu l-ewwel nies f'dawn l-inħawi. Ma nafux jekk Ħal Luqa kienx jeżisti qabel jew wara li Malta reġgħet bdiet issir nisranija, jiġifieri fi żmien ir-re Ruġġieri II ta' Sqallija. Biss, l-isem Luqa x'aktarx li huwa wieħed nisrani, u għalhekk mhux ħaġa tal-għaġeb li r-raħal ħa ismu minn hekk. Minn dak li nafu fis-seklu ħmistax, speċjalment mil-lista tad-Dejma, jidher ċar li Ħal Luqa u Ħal Farruġ kienu jibagħtu rġiel għas-servizz tad-Dejma. Ħal Luqa fi żmien l-Ordni kompla jiżviluppa u ta s-sehem tiegħu minn dak kollu li għaddiet Malta fil-mitejn u tmienja u sittin sena li damet l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta.

Kien f'dak iż-żmien li Ħal Luqa sar parroċċa għalih fl-1634 u minn hemm 'il quddiem il-ħajja reliġjuża, ekonomika u soċjali kompliet miexja 'l quddiem. Biżżejjed ngħidu li f'dan iż-żmien Ħal Luqa ġa kellu kważi elf ruħ jgħixu fih. Il-miġja tal-Franċiżi fl-1798 sabet lil Ħal Luqa bħal kull raħal ieħor Malti, komunità maqtugħa għaliha mill-ibliet ta' dak iż-żmien. Bil-miġja tal-Ingliżi fl-1800, Ħal Luqa baqa' r-raħal li kien qabel, jiġifieri l-post fiżikament qajla nbidel u l-popolazzjoni kompliet għaddejja f'ħidmietha, fir-raba u x-xogħol tal-ġebel.

Kien biss fis-seklu dsatax li l-popolazzjoni minħabba fatturi ekonomiċi u soċjali ċċaqilqet xi ftit u bidlet ħidmietha f'ċerti oqsma, bħal ngħidu xogħol ħdejn il-port u fit-tarzna ta' Malta. Lejn tmiem is-seklu dsatax, il-gvern kolonjali Ingliż ressaq żewġ proġetti kbar fil-konfini ta' Ħal Luqa. Dawn kienu l-bini ta' ġibjun tal-ilma magħruf bħala ta' Schinas biex jissupplixxi bl-ilma t-tarzna u l-bini ta' residenza għall-fqar illum magħrufa bħala r-residenza San Vinċenż de Paule.

Meta l-Ingliżi bdew jagħrfu iżjed il-ħtiġijiet li jġib miegħu l-progress, Ħal Luqa kellha titgħabba b'piż ambjentali li l-konsegwenza tiegħu għadna nbatuha sal-lum. Il-bdil ta' barriera tal-ġebel fi Triq Valletta f'nofs iż-żminijiet fis-snin tletin, ħolqot wieħed mill-akbar diżastri ambjentali mhux biss għal-lokal iżda wkoll għall-inħawi kollha ta' qrib il-Port il-Kbir. Kienet deċiżjoni oħra tal-politika kolonjali Ingliża f'Malta li ġabet l-akbar taqliba ambjentali, ekonomika u soċjali f'Ħal Luqa meta fl-1936-38 beda jinxtara r-raba biex fih jinbena l-mitjar ta' Ħal Luqa. Din id-deċiżjoni kellha tibdel lil Ħal Luqa u l-kampanja ta' madwaru mil-lejl għan-nhar. Dan it-taqlib ambjentali għadu sejjer sal-

lum u l-effetti tiegħu ħolqu lil Ħal Luqa u l-konfini tiegħu kif inhuma llum, bil-konsegwenzi soċjali w ambjentali li l-poplu ta' Ħal Luqa qed ikollu jgħix bihom.



*Dehra mill-ajru ta' Ħal Luqa fl-1975*

X'aktarx li Ħal Luqa twieled bi ftit irziezet imxerdin 'l hawn u 'l hinn meta l-popolazzjoni Maltija kienet tgħix l-iżjed fil-kampanja minħabba l-għixien tagħha. L-iżvilupp tad-djar mat-toroq u l-isqaqin beda jsir x'aktarx tard fis-seklu ħmistax. Ġeneralment mogħdija prinċipali kienet taqsam ir-raħal għax kienet twassal lin-nies minn raħal għall-iehor. In-nies bdiet tibni djarha, min kien jista', fuq art tal-familja u ma kienx hemm linja jew ippjanar kif kellhom jiġu t-toroq. Il-konfini tal-propjetà u l-ħtieġa tal-propjetarju kienu jiffurmaw it-triq u l-għamla tagħha. L-isqaqin x'aktarx li saru bl-istess mod. Nafu dan minn dokumenti dwar bejgħ u xiri ta propjetà minn ħafna żmien qabel il-miħja tal-Kavallieri.

Id-devozzjoni tal-Maltin lejn il-qaddisin kienet tidher ħafna fil-bini ta' kappelli fl-irħula tagħna. F'Ħal Luqa biss kien hawn numru mhux ħażin. L-aktar waħda mportanti kienet dik ta' Sant'Andrija. Iżda Ħal Luqa jingħad kellu żvilupp kurjuż għax l-ewwel djar li x'aktarx inbnew kienu fil-parti magħrufa ta' Wied il-Knejjes. Din tinsab fl-ogħla parti ta' Ħal Luqa u mid-djar li jeżistu llum, huwa ndikattiv ħafna li x'aktarx hija l-eqdem parti ta' Ħal Luqa. L-eqdem kappella li għadha teżisti f'Ħal Luqa, għalkemm inbidlet xi ftit matul iż-żmien hija dik ta' Santa Marija tal-Ftajjar li l-ġewwieni tagħha huwa xogħol tas-seklu ħmistax. L-għamla tat-toroq f'dawn l-inħawi tixbah ħafna lil kif x'aktarx żviluppa r-raħal Malti speċjalment wara l-Assedju l-Kbir. Kien minn hawnhekk li Ħal Luqa beda jiżviluppa lejn il-misraħ prinċipali li hemm illum u t-triq li mill-irħula tan-nofsinhar ta' Malta tmur lejn il-Belt Valletta. Sal-miġja tal-Kavallieri fl-1530, Ħal Luqa kien għadu jgħodd ftit djar imxerrdin 'l hemm u 'l hawn bl-egħlieqi madwarhom. Ħal Farruġ li kien għadu ħafna iżgħar, kellu topografija differenti għax qrib tiegħu minbarra l-għelieqi kbar li kien hemm qabel ma sar il-mitjar, kien hemm ukoll Wied il-Kbir. Dan ir-raħal ċkejken kellu wkoll il-kappella tiegħu li tneħħiet fil-gwerra li għaddiet. X'aktarx li kien wara l-Assedju l-Kbir (1565)



***(Xellug): Il-Kappella tal-Madonna tal-Vitorja li kienet f'Ħal Farruġ u li ġiet imwaqqa' biex jitkabbar il-mitjar. (Lemin): Kappella oħra li ġiet meqruda kienet dik tal-Madonna tal-Karmnu fil-limiti ta' Ħal Luqa. Din twaqqgħet fl-1942 wara li ġġarfet bil-bombi.***

li Ħal Luqa beda jikber u bejn wieħed u ieħor beda jieħu l-għamla u s-sura li kellu sa qabel il-gwerra li għaddiet. Jekk wieħed iħares lejn pjanta qadima ta' Ħal Luqa jsib li r-raħal inbena madwar żewġ toroq prinċipali, waħda li kienet tiġi min-naħa tal-Birgu u tmur lejn l-Imdina, u l-oħra li tiġi min-naħa taż-Żurrieq u tmur lejn il-Belt Valletta. Il-qalba tar-raħal hija parti li fiha djar qodma, b'toroq imserrpa u sqaqien li kultant jixbhu labirint. Hekk ngħidu aħna, il-parti magħrufa bħala r-*Rangu* joffri każ interessanti fejn wieħed jidħol minn triq u jispiċċa jintilef f'għanqbuta ta' sqaqien.

Sal-gwerra li għaddiet il-qalba tar-raħal kienet għadha mhux mittiefsa għajr l-iżvilupp fi tmien is-seklu dsatax ta' triq li kienet qiegħda tipprova tgħin tnaqqas it-traffiku tal-karettuni li kienu jridu jgħaddu bilfors minn ġol-qalba tar-raħal li kienet dejqa fit-triqithom għaż-Żurrieq u viċi-versa. Żvilupp ieħor li sar fl-istess seklu kien il-ftuħ ta' triq li kienet kompletament barra r-raħal biex tnaqqas għal kollox it-traffiku tal-karrettuni miż-Żurrieq għall-Belt u mill-Belt għaż-Żurrieq. Din kienet magħrufa bħala *New Street* u hekk għadha sal-lum.

Żvilupp ieħor li sar fis-seklu li għadu kif intemm kien it-tneħħija ta' blokk bini minn quddiem il-Knisja, bir-riżultat li l-misraħ prinċipali tar-raħal huwa kif nafuh illum.Meta beda jsir dan il-ftuħta' toroq ġodda, l-iżvilupp ma naqasx u xorta waħda ħafna djar kemm fil-qalba tar-raħal u iżjed u iżjed fit-trufijiet tiegħu kienu kgawdu l-ispazju tal-ġonna. Illum dawn tista tgħid kważi spiċċaw. X'kienu l-karatteristiċi tar-raħal ta' Ħal Luqa fl-imsieraħ u t-toroq tiegħu?

Fl-antik it-toroq kienu mballta bix-xaħx u d-djar ma kellhomx la sistema tal-ilma u lanqas ta' drenaġġ. L-ilma kien jinħażen fil-bjar privati jew jinġieb minn xi ġwiebi pubbliċi li aktar 'il quddiem l-Ingliżi kienu għamlulhom pompa tal-ilma. F'Ħal Luqa kien hawn erba' minn dawn. Ħafna drabi l-ħmieġ tad-djar kien jintefa' barra u allura l-mard ma kienx jonqos. Il-faċċati tad-djar kellhom arkitettura sempliċi ħafna u għajr għal xi sid sinjur, l-ornament fil-faċċata kien nieqes ħafna. Minkejja dan, xorta waħda kont issib karatteristiċi arkitettoniċi nteressanti ta' natura Arabo-Musulmana jew inkella Ewropeja. Id-djuq tat-toroq kien jagħmel ir-raħal wieħed kenni, u l-knisja prinċipali kont issiba bit-toroq l-aktar importanti jagħtu fil-misraħ żgħir ta' quddiemha jew maġenbha. Ħal Luqa żviluppa tista' tgħid madwar il-knista ta' Sant'Andrija, li minn kappella qadima li tissemma' għall-ewwel darba f'dokument notarili tal-1497 twaqqgħet u nbniet jew tkabbret għal aktar minn erba' darbiet sa wara l-gwerra li għaddiet. Fil-knisja tar-raħal wieħed kien jista jara l-isbaħ xejriet arkitettoniċi taż-żmenijiet minbarra li kienet iċ-ċentru tal-ħajja reliġjuża u soċjali tar-raħal. Is-salib fil-misraħ ewlieni kien u għadu l-punt ta' referenza għal dawk li jħobbu jzekzku fuq in-nies. Dan jixhdu t-taraġ mikul tal-istess salib fejn ħafna rġiel matul iż-żmien għaddew żmienhom f'dan il-passatemp. Karatteristika oħra fit-toroq ta' Ħal Luqa kienet in-numru kbir ta'



*Tliet niċeċ antiki fit-toroq ta' Ħal Luqa: (mix-xellug għal-lemin) Is-Salvatur u Santu Rokku fi Triq Valletta u San Ġużepp f'tarf it-triq li ġġib ismu.*

niċeċ ta' qaddisin mal-kantunieri u l-faċċati tad-djar li llum tista' tgħid kważi għebu għal kollox. L-istatwi lanqas ma kienu neqsin u biżżejjed wieħed isemmi li fiż-żwieġ imsierah tar-raħal kien hemm waħda ta' Sant'Andrija u waħda tal-Kunċizzjoni minbarra dik l-istatwa kbira ta' Sant'Andrija li tinsab ma' kantuniera ta' dar u li l-kobor tagħha huwa xi ftit sproporzjonat mad-daqs tad-dar.

Għalkemm ir-raba ta' madwar Ħal Luqa mhux kollu tajjeb, xorta waħda sa sittin sena ilu Ħal Luqa kien igawdi kampanja sinjura fl-għelieqi u fin-numru kbir ta' siġar l-iżjed tal-ħarrub li ħafna drabi kien tajjeb għall-kaċċa. Kien dan it-tip ta ħajja rurali li nqerdet meta l-gvern kolonjali Ingliż iddeċieda li jixtri r-raba n-naħa tal-punent ta' Ħal Luqa biex fih jinbeda mitjar ieħor. Din id-deċiżjoni fl-1936 biddlet ħajjet ir-raħal, iżjed u iżjed meta tlesta u flok li ntuża għal skopijiet ċivili, ġiet il-gwerra dinjija u peress li r-raħal kien qrib ħafna tal-mitjar, l-għadu għamel ħerba mit-tnejn. Ir-raba kollu li jibda minn fuq ir-riħ ta' Wied il-Kbir sal-konfini tal-Imqabba, ittieħed u hekk inqerdet waħda mill-isbaħ partijiet rurali ta' Malta. M'għandniex xi ngħidu li dan l-iżvilupp li kompla wara l-gwerra ħassar minn wiċċ l-art mogħdijiet, ħitan tas-sejjieħ, numru kbir ta' bjar, kwantità kbira ta' siġar tal-ħarrub u tal-frott, kwantità kbira ta' ħamrija, widien u dan biex ma nsemmux numru mhux ħażin ta' siti arkeoloġiċi, magħrufa u mhux magħrufa, żewġ kappelli, u mitħna tar-riħ ta' żmien il-Granmastru Caraffa. Meta spiċċat il-gwerra, ma' din il-ħsara wieħed irid iżid il-ħsara kbira li saret fir-raħal ta' Ħal Luqa fejn 80 fil-mija tal-bini kien kważi mawqqa'. Illum naraw li Ħal Luqa nbidel għal kollox, riżultat ta' dak li ġara u l-iżvilupp kontinwu li għadu sejjer sa issa. Il-mitjar ta' Ħal Luqa għalkemm baqa' jintuża għal skopijiet militari sal-1979, ġab miegħu żvilupp li biddel lil Ħal Luqa minn raħal maqtugħ, għal wieħed li huwa mdawwar b'arterji prinċipali tat-traffiku u qisu belt imdawwar bis-swar. Il-preżenza f'Ħal Luqa mhux biss tal-mitjar iżda ta' bini ieħor li kien jintuża mis-servizzi Ingliżi f'partijiet maqtugħin għalihom bħal f'Ħal Farruġ u l-Barracks tal-Forza Armati biex ma nsemmux ir-residenza kbira ta' San Vincenz De Paule, għamlitu post nieqes ħafna mill-kampanjja. Żewġ ġibjuni kbar tal-ilma jagħmlu lil Ħal Luqa ċentru minn fejn tinfirex l-għanqbuta tal-infrastruttura. Minħabba t-teħid tal-art għall-iżvilupp ta' arterji prinċipali u tal-mitjar, Ħal Luqa spiċċa mingħajr art biżżejjed biex isir bini fuqha. Għalhekk mhux ta' b'xejn ħafna żgħażagħ ikollhom iħallu r-raħal meta jiġu biex jiffurmaw familja. Għalkemm ir-raħal u t-toroq ta' madwar huma isbaħ



***Il-Knisja Parrokkjali ta' Sant'Andrija Appostlu, tidher imfarrka wara l-attakki qalila tal-Gwerra.***

minn kif kienu u għalkemm it-turisti meta jiġu Malta l-ewwel art li jirfsu hija Ħal Luqa, xorta waħa jeżistu problemi ta' natura soċjali w ambjentali.

Xi ngħidu għan-nuqqas ta' spazju għall-iżvilupp edukattiv u rekrejattiv tar-residenti ta' Ħal Luqa? It-tniġġis tal-arja u l-ħsejjes mhux neqsin meta wieħed iqis il-volum kbir ta' traffiku tal-ajru u dak tal-karozzi. Waħda mill-problemi kbar li għandu Ħal Luqa minħabba l-iżvilupp tiegħu matul is-snin hija li kollox jgħaddi minn ġo fih u din il-problema hija l-abar uġigħ ta' ras li għand l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa għax ma jistax isebbaħ l-ambjent tal-lokal fil-konfini tiegħu qabel ma jsib tarf problema bħal din.

Kien pass għaqli t-twaqqif tal-Kunsilli Lokali għax permezz tagħhom illum il-folja nqalbet. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa wiret il-problemi kollha ta' snin shaħ ta' żvilupp mingħajr ebda pjan. Iżda llum li l-Kunsill Lokali huwa l-gvern tal-post u wiegħed jagħmel minn kollox biex fejn jista', jara li dan l-iżvilupp isir bil-għaqal u li jkollu l-inqas impatt negattiv possibbli. Per eżempju l-Kunsill Lokali b'konsultazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar qegħdin jikkontrollaw u jippreżervaw dak kollu li għad fadal fl-ambjent naturali u storku biex ma jintilifx darba għal dejjem. Jonqos ħafna xi jsir u l-mezzi speċjalment finanzjarji, huma limitati ħafna. Biss id-deċiżjonijiet m'għadhomx jittieħdu iżjed 'il bogħod mill-ħtiġijiet tar-residenti lokali u għalhekk il-Ħalluqin bħal komunitajiet oħra jridu jkunu konxji minn dak kollu li hu tagħhom, jekk iridu li jkomplu jgawduh. Għalkemm Ħal Luqa tilef ħafna mill-wirt ambjentali u storiku, ħtija tat-traskuraġni tal-bniedem u l-gwerra, xorta waħda tibqa' r-responsabbilità tal-ġenerazzjoni tal-lum u tal-futur li tgħożż u tħares wirt Ħal Luqa.

Il-Kumitat
tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni
jifraħ lis-Surmast

John D. Zammit

f'għeluq il-ħames snin
mill-ħatra tiegħu
bħala Direttur Mużikali
tal-imsemmija Soċjetà




*Il-Banda L-Unjoni fil-bidu tas-Seklu Għoxrin*



# Rakkonti ta' Joseph Faenza

**James Aquilina**
*B.Com (Gen), Dip Tourism*

Is-sur Joseph Faenza huwa l-unika wild ta' Frans Faenza mlaqqam ta' Pawlu x-xiħ, u ommu Mary nee` Agius mlaqqma minn ta' Marzu, t-tnejn minn Ħal luqa. Illum Joseph jgħodd mat-tnejn u sebgħin sena. Huwa twieled fis-sptar ġewwa Santa Venera nhar it-8 ta' April ta' 1943. Huwa żżewweġ fil-15 ta' Ottubru ta' 1967 u kellu tlett itfal, Jesmond, Michelle, u Dorianne u llum n-nannu ta' seba' neputijiet.



***Joseph Faenza waqt servizz tal-banda***

**It-Tfulija F' Wied Il-Knejjes**

Għalkemm Joseph ma jiftakarx il-gwerra peress li kien għadu żgħir, meta twieled jiftakar sew il-faqar li kien jgħixu fih il-Maltin. Ma damx biex qalli li dak iż-żmien l-iskola konna "nmorru ħafjien". Fit-tfulitu l-edukazzjoni ma tantx kienet daqs tant importani. Mhux l-ewwel darba li ħafna tfal kienu jerħula jilgħabu fit-triq, minflokk jattendu għal-lezzjonijiet tal-iskola. Faenza spjega kif fit-tfulitu anke li tmur sal-pjazza kienet xi ħaġa kbira, kont "isek mort ġo raħal ieħor".



***Ħal Luqa fil-ħamsinijiet. Partijiet kbar minnhu kienu għadhom għelieqi***

Joseph kompla jirrakonta is-sempliċità ta' tfulija tiegħu f' Wied il-Knejjes peress li sa qabel ma żżewweg hemm kien jgħix. Fit-tfulitu għex fis-sqaq numru ħamsa, eżatt faċċata fejn illum nsibu l-istatwa ta' Sant' Andrija. Faenza qal ukoll kif Wied il-Knejjes żam sew il-karatteristiċi tiegħu. Jiftakar l-għajn tal-ilma, li kienet sewwa sew qabel

tidħol fl-isqaq fejn kien joqgħod. "Kont tara lil kulħadd jimla l-ilma bil-bramel" kompla jgħid. Semmili wkoll kif Ħal Luqa inbidel sew, speċjalment fuq n-naħat ta' barra. Fiż-żmienu r-raħal kien mdawwar b'numru sew ta' għelieqi u siġar tal-ħarrub.

Meta kien żgħir Faenza jiftakar sew in-nagħaġ u l-mogħoż fit-toroq tar-raħal. Dak iż-żmien kien jgħaddi ċertu wieħed Saver li kien bejjiegħ tal-ħalib. "Kien jaqbad il-bott u jbiegħ il-ħalib għal sold jew tliet soldi". B'ton sarkastiku, qalli li l-"ħalib ma kontx inħobbu". Kif kien qed jirrakontali semma wkoll lil Wenzu l-Ħinġi li kien jgħaddi b'xi merħla nagħaġ minn Wied il-Knejjes u jibqa' tiela' għad-dar tiegħu.

Imbagħad Faenza kompla jispjegali fuq is-Soċjetà tal-MUSEUM. "Fis-sitta ta' filgħaxija konna nisimgħu l-qanpiena ddoqq. Kienet dejjem iddoqq ġo widnejk dak il-ħin". Il-lezzjoni kienet tibda għal ħabta tas-sitta u nofs. Dak iż-żmien jiftakar lil Tusè Mallia, lil Ġanni n-Nafulju u ċertu wieħed Kola, li kienu jservu bħala katekisti fil-fergħa tal-MUSUEM tar-raħal. Imbagħad meta kien jasal tmiem il-ġimgħa, kienu jerħula xi ħarġa ma' tal-MUSEUM "x' imkien lejn Ħal Far". Joseph dam sa' sittax-il sena jattendi l-MUSUEM.



*Wenzu il-Ħingi għaddej bin-nagħaġ*

**Djar Bla Elettriku**

Fit-tfulitu Faenza ma jiftakarx il-kumditajiet li ngħixu fihom aħna. Irreferini meta djar tagħhom kienu għadhom bla elettriku. Qalli li filgħaxijiet ix-xema kienet taqta' kemxejn il-montonija tal-lejl. Fuq barra jiftakar li kien hemm xi ftit dawl permezz ta' bozzoz tal-ħmistax-il "watt". Normalment kien ikun hemm bozza kull tliet mitt pied, "bilkemm kont tara bniedem ġej". Joseph qal li toroq mal-lejl kienu jkunu tal-biża', bid-dlam li kien ikun hemm. Filgħaxijiet fis-sajf, kont ssib familji sħaħ miftugħin fl-intrata bit-tfal. Kienet xi ħaġa tassew komuni li l-familji jorqdu bil-bieb miftuħ!

**Il-Logħba Taċ-Ċintura**

Waqt l-intervista s-sur Faenza dlonk irreferini għal-logħba ħelwa tal-festa taċ-Ċintura. Mhux l-ewwel darba tkun riesqa u ġieli anke meta kien ifetlilhom, jorganizzaw il-logħba tal-festa taċ-Ċintura fis-sqaq Wied il-Knejjes. Xi ħadd minn sħabhom kienu jgħolluh fuq l-idejn, daqs li kieku ħerġin bl-istatwa tal-Madonna. Normalment kienu joħorġu bl-imsejħa vara, mid-dar tan-nanna ta' Faenza daqs li kieku ħergin mill-knisja! Imbagħad ta' tfal li huma kienu jaqbdu l-biċċiet tal-injam isamruħ forma ta' salib kbir u jagħmlu irdieden tal-fidiferu fuq kull tarf tas-salib. Kull rediena kienet tkun mdawwra bil-karti fejn iktar tard kienu jaħarqu l-karti biex joħloq l-effett ta' ġiġġifoku. Il-festa wkoll kienet tkun kompluta bin-nar tal-ajru! "Konna naqbdu trab nagħmluħ ġo karta, imbagħad ngħolluh fl-arja. It-trab kien jagħmel effet bħal li kieku isu duħħan", kompla jirrakonta Faenza. Kienet l-għaxqa tal-ġenituri jarawhom jilgħabu din il-logħba. Meta kien żgħir, n-nanna tiegħu mhux l-ewwel darba żammitu fl-għonella huma sejrin il-quddies.

Fis-sqaq Wied il-knejjes mhux biss il-logħob taċ-Ċintura kien ssir! Meta kienu żgħar kienu jħaffru ħofra fl-isqaq u joqgħodu fiha. Tajjeb li nfakkru li t-toroq dak iż-żmien, ma kienux asfaltati bħal dawk li nafu llum. Dak iż-żmien sqaq Wied il-Knejjes ma kienx jinfed peress li kien jgħalaq.

Ta' tfulija kienu jilgħabu bl-affarijiet sempliċi li kien ikollhom. Fost l-oħrajn, kienu jaqbdu pram tat-trabi u jinżlu fih it-triq tal-barriera (in-niżla li twaslek għal Marsa). F' din it-triq kien hemm miżbla, li Faenza jiftakar sew, kemm nies mill-akkwati ta' Ħal Luqa kienu jiġu biex jieħdu xi affarijiet għal alf tal-ħnieżer

**Ħal Luqa Wara l-Gwerra**

Kif għedna iktar kmieni, is-sur Faenza twieled ftit wara li l-gwerra kienet waslet lejn tmiem tagħha.[1] Kien għalhekk li fir-raħal konna wkoll nsibu numru sostanzjali ta' djar imġarfa anke saħansitra l-knisja kienet iġġarfet.[2] Joseph jiftakar il-koppla kif ukoll il-kampnar jerġgħu jinbnew. Jiftakar ukoll lil Ġerladu, Zeppi l-Pippi u lil Spiru ta' Piżella inkarigati mill-bini tal-knisja. Fiż-żmienu, il-knisja kienet tassew vojta, peress li l-art kienet mingħajr irħam, l-ħitan kienu kollha fuq il-ġebla filwaqt li s-siġġijiet kienu għadhom tat-tibna. Il-bini li kien hemm quddiem il-każin tal-ajkla, kien theżżeż bil-bombi tal-gwerra. Kien tpoġġa travu sabiex ikun ta' sapport sakemm jinħatt l-bini.



*Djar mġarrfa fit-triq Sant' Andrija. Fir-ritratt jidher ukoll il-kampnar tal-knisja*



*Ritratt juri l-bini fejn llum nsibu l-għassa tal-pulizija mwaqqa' bil-gwerra*



*Dar bis-sular ta' fuq imġarraf fi Triq Dun Pawl. Id-dar għada teżisti sal-lum*

Joseph semma wkoll kif ix-xelter ta' quddiem l-għassa tal-pulizija kien għadu miftuħ fit-tfulitu. Ta' tfal li huma, kienu jinżlu fih minkejja li kien ikun mimli bl-ilma. Kif konna qed nitkellmu fuq il-gwerra, sur Faenza semmili storja qasira li seta' kellha konsegwenzi koroħ. Qalli li fid-daħla ta' Ħal Luqa sewwa sew fejn hemm wesgħet il-vittmi

tal-gwerra, kien kollu għelieqi. F'dawk l-akkwati kien hemm bir f'għalqa li kien mimli kollu skrataġġ tal-gwerra. Darba fost l-oħrajn, kienu niżlu ġo fih Faenza u sħabu biex jaqtaw il-kurżita, iżda malajr irraportahom xi ħadd.



***Joseph Faenza jidher l-ewwel wieħed mill-lemin f'għeluq l- mitt sena mit-twaqqif tal-banda***

**Joseph Bħala Bandist**

Joseph Faenza bla dubju ta' xejn huwa l-iktar bandist anzjan fil-Banda l-*Unjoni*. Irrakontali kif fl-1957 beda jitgħallem il-banda u wara sena ħareġ ddoqq. Kienet il-ħajra tiegħu stess li jmur jitgħallem il-banda, mingħajr ħadt ma ħeġġu. Huwa beda jitgħallem taħt Bilocca li dak iż-żmien kien għalliem tal-banda. L-ewwel li beda jdoqq kien it-tanbur fejn aktar tard Joseph tħajjar sabiex ddoqq il-klarinett. Kien għalhekk li ħa xi ftit lezzjonijiet ma' Karmenu Brincat sabiex jitgħallem l-istrument il-ġdid.

Meta żżanżan il-planċier, Joseph Faenza ħareġ ddoqq il-klarinett għall-ewwel darba. Wara sena Scolaru ħeġġu sabiex jerġa' jibda jdoqq it-tanbur. Waqt li kien qed jirrakontali, Faenza semmili storja qasira kif beda jdoqq il-katuba. Kien sewwa sew waqt il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, meta dakinhar "kien qiegħed ddoqq il-kattuba in-Newxa". Faenza xtaqq li jdoqq il-kattuba waqt il-marċ ta' Vella. Joseph kien mar tajjeb u kien għalhekk li minn dak inhar il-quddiem baqa' jdoqq dan l-istrument sal-lum.

Kif konna qed nsemmu l-involviment tiegħu fil-każin, huwa rrakonta kif meta kienu għadhom żgħar ma kontx tidħol il-każin, għax jekk jarawk għadek żgħir, "kienu jkeċċuk il-barra mill-każin."



***Joseph Faenza jidher r-raba' persuna minn wara tax-xellug flimkien mal-membri l-oħra tal-kumitat***

Iktar tard Faenza spjeġali, kif għal xi żmien kien jaħdem in-nar tal-ajru. Kellu madwar tmintax-il sena meta beda jinżel lejn id-dwejriet tan-nar. Interessanti kien l-inċident li ġara fuq il-bejt tal-każin li seta kellu konsegwenzi aktar gravi. Irrakonta kif sena minnhom kienu mmanifaturaw xi murtali tal-kulur li kienu nħarqu minn fuq il-bejt tal-każin. Saħansitra anke l-kaxxa tal-aħħar kienet tinħaraq minn fuq il-bejt. "Kif wasal Sant' Andrija fil-pjazza..... idendel murtal tal-kulur. L-istilla ta'

waħda mill-murtali ġiet fuq il-kaxxa tan-nar u qabdet kollha f'daqqa". Dakinhar tal-inċident, Ġużeppi l-Wiżu kien inħaraq xi ftit.

Bla dubju ta' xejn Faenza nistgħu huwa wieħed mill-aktar bandisti kommessi lejn il-banda li tgħallem il-mużika magħha. Kemm ilu jdoqq qatt ma falla kunċert wieħed jew servizz tal-banda. Ġieli kien jinzerta xogħol, u għalhekk kien jieħu il-leave apposta sabiex mmur ddoqq mal-banda.

Għal xi żmien kien ukoll fil-kumitat tal-każin. Fil-fatt bejn 1978-1979 huwa serva bħala membru fil-kumitat; bejn l-1979-1981 serva bħala delegat tas-soċi; bejn l-1981-1982 huwa serva ta' delegat tas-soċi. L-aħħar snin fejn Faenza serva fil-kumitat, kienu bejn 1983 sa l-1985.[3]

## L-Ingliżi F'Ħal Luqa

Bla dubju ta' xejn il-prossimità tal-ajruport mir-raħal ta'Ħal Luqa, ġabet lil l-Ingliżi eqreb lejn il-komunità Ħal Luqija. Fl-ajru mhux l-ewwel darba kont "tara xi Vulcan, Canberra, Lightinging jew xi Lancaster." F' mument minnhom Faenza qalli, l-peress li l-ajruplani kienu jinżlu minn fuq Ħal Luqa, il-post fejn kien joqgħod f' Wied il-Knejjes "dejjem jitriegħed lejl u nar".



***Lightining fl-ajruport ta' Ħal Luqa. Fil-bogħod tidher il-knisja ta' Ħal Luqa***

Fiż-żmien l-Inġliżi kienet tiġi organizzata il-*Guy Fox Day*. Peress li Ġużeppi l-Paddy kien jaħdem mal-Ingliżi, kienu jordnaw xi nar ta' l-ajru mill-każin tal-ajkla. Jiftakar ukoll li f' din i-ġurnata kienu jaħarqu ħuġġieġa u jagħmlu festin bejniethom.

## Il-Festa ta' Sant' Andrija

Meta wasalna biex nitkellmu fuq il-festa, Joseph elenka fid-dettal kif jiftakar il-festa ta' tfulitu. Qalli li peress li l-festa kienet ssir f' Novembru, dejjem kienet issir fuq ġewwa normalment minħabba l-maltemp. Minħabba temp ħażin, kollox kien isu jsir mingħajr kurraġġ. Il-qniepen kienu jibdew idoqqu minn kmieni filgħodu u b' ton sarkastiku qalli li "anke xi murtal kien jinħaraq filgħodu kmieni!". Dawk iż-żminijiet kienu jiġu ta' Birkirkara jarmaw peress li kellhom l-armar tagħhom. Kienu jarmaw xi pilandri żgħar n-naħa tal-pjazza kif ukoll in-naħa ta' Wied il-Knejjes.

Mill-għadd pirotekniku, Joseph semmili ċertu wieħed Żeppi ta' Żepita, li dakinhar tal-festa kien jaħraq il-maskli minn fuq iż-żewġ naħat taz-zuntier. Il-maskli kienu jinħarqu fit-tmienja ta' filgħodu, u f'nofsinhar.

In-nar tal-art tas-Sibt, kienet tħallsu l-knisja fejn dan kien jiġi jordnat mingħand Jackie tal-Qrendi. "Kien ikun hemm erba' biċċiet nar tal-art". Mill-banda l-oħra, il-Ġimgħa kienu jaħaqru n-nar tal-art il-każini fejn "kien ikun hemm ħarqa nar kbira" sostna Faenza. Kollox inbidel meta ġie Dun Kalċidon Vassallo bħala l-kappillan tal-parroċċa. Kien ftit jiem wara l-Għid, meta l-kappillan Dun Kalċidon mar ibierek il-każini fejn fost l-oħrajn iltaqa' ftit mal-kumitat. Il-kappillan qalilhom "tagħmlu festa kbira, imma s-Sibt ma jkun hawn xejn". Kien minn dak inhar il-quddiem li sar ftehim, sabiex in-nar tal-art tas-Sibt,

jibda jsir mill-każini tar-raħal. Fil-fatt hekk għadu jsir sal-ġurnata tal-lum.

## Il-Ġimgħa l-Kbira

L-involviment ta' Joseph Faenza fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira jmur lura sewwa sew għal meta kellu għaxar snin. Minn dakinhar l-quddiem dejjem baqa' jieħu sehem fiha. Sa din s-sena stess Joseph refa' fil-vara tal-munument li ilu jerfa' għal dawn l-aħħar ħamsa u erbgħin sena. X'ħin beda jelenka sew fuq din il-festa, semmili kif meta kien tifel il-purċissjoni kienet tassew differenti. Fil-fatt dak iż-żmien, konna nsibu żewġ suldati quddiem il-vara l-kbira, oħrajn lebsien ta' tobba b'ilbies ta' dak iż-żmien u wara l-munument kien ikun hemm żewġ fanali. Fit-tfulitu Joseph kien jilbes iż-żmara.



*Il-Vara tal-Monument ħierġa mill-knisja fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira*

Faenza kompla jsemmi kif kiber l-interess lejn il-pucissjoni. Fis-sebgħinijiet iż-Żoklu xtaq li jagħmel l-istatwa ta' Ġuda bil-patt u l-kundizjoni li jdoqqu ż-żewġ każini mal-wasla tagħha. Għal okkażjoni, Joseph kien qiegħed idoqq il-katuba. Qalli li l-istatwa ħaduha d-dawra tal-purċissjoni. Dakinhar li waslet ir-raħal, "in-nies laqawa tajjeb ħafna". Minn dakinhar l-interess kompla jikber fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

## Konklużjonijiet

Joseph Faenza huwa bniedem ta' eżemplarità u lealtà kbira, lejn il-banda li minnha tgħallem l-ewwel noti mużikali f'ħajtu. L-eżempju tiegħu, huwa ta' xempju għal kull bandist ieħor. Il-kontribut ta' Faenza lejn il-każin huwa wieħed notevoli, li permezz ta' intervisti bħal dawn nistgħu napprezzaw il-ħidma siekta li għamlu Joseph u tant oħrajn matul s-snin. L-importanza ta' dawn t-tip ta' intervisti hija kruċjali jekk irridu li dawn ir-rakkonti tradizzjonali, kulturali u soċjali ma jintilfux mal-medda tal-ġenerazzjonijiet.

N.B: L-intervisti saret nhar id-29 ta' April 2015 ġewwa d-dar ta' Joseph Faenza. Saru xi punti ta' klarifikazzjoni fil-11 ta' Mejju 2015.

**Endnotes**

1 Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha., p. 306 -307., Micallef
2 Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha., p. 303., Micallef
3 Ħal Luqa u l-Banda tagħha L-Unjoni p.357



# Santa Storika ta' Sant'Andrija tas-Sena 1956

**Hosè Borg**

Din is-santa storika ta' Sant'Andrija ħarġet datata fis-sena 1956 hekk kif fuq wara ta' din l-istess santa nsibu miktub hekk: "Indulġenza ta' 200 jum mogħtija minn Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta, b'digriet tas-7 ta' Marzu, 1956.

Din s-santa partikolari tħaddan fuq wara tagħha talba sabiex tinqala' xi grazzja speċjali. It-talba kemm xejn twila mhux ħażin, tispiċċa bit-talb ta' tlieta missierna kif ukoll tliet ave marijiet u glorji rispettivament. Is-santa fil-faċċata tagħha nsibu xbieha tal-vara titulari sewda u bajda kif inhi llum bil-pedestall u bil-ġastri. Bħalma wieħed jista jinnota, is-santa għandha deskrizzjoni tal-patrun muri fl-istess stampa wkoll. Din is-santa b'dak id-disinn b'ċertu tifsila kien komuni ħafna f'santi oħrajn mhux biss tal-epoka tas-snin 50 iżda anke ta' żminijiet oħrajn li ġew wara.




Wieħed ma jistax anke ma jsemmix il-fatt li, aktar iva milli le, din is-santa tfakkar b'mod speċjali lil nies midħla fl-età tas-sunetti li kienu jintefgħu fl-imgħoddi fil-festi tagħna meta kienu jinħarġu l-purċissjonijiet jew anke fil-programmi tal-festi jew aħjar folji li kienu jinħarġu qabel kif ukoll fl-istess epoka li nħarġet din is-santa u anke wara. Infatti normalment il-programmi kienu jkunu litteralment programm biss u bil-faċċata simili ħafna għal din b'ritratt tal-istatwa titulari, aktarx antik jew tal-epola b'deskrizzjoni tad-data tal-festa u s-sena rispettivament. Fl-epoka taż-żminijiet li nħarġet dis-santa, aktar mil-lum kienu ferm komuni s-santi fejn bosta kienu

jżommuhom biex jgħidu t-talb minnhom filwaqt li oħrajn jikkolezzjonawhom bħalma bosta dilettanti ssib min iġemmagħhom. Huwa żgur bil-wisq sinifikanti wkoll, kemm tassew l-pubblikazzjonijiet ta' kotba u anke santi kienu ta' messaġġ qawwi fi żminijiet fejn żgur ma kienx hawn l-mezzi teknoloġiċi li hawn illum.

B'sodisfazzjon wieħed jistqarr kemm tjiebu l-pubblikazzjonijiet kif ukoll is-santi fil-kwalità tagħhom illum l-ġurnata fejn l-kontenut tas-santi bħala ritratti bil-kulur kif ukoll t-talb baqa' bl-istess intenzjoni għalkemm ġieli ssib xi daqqiet anke santi bla talb fuq wara iżda dawk ikunu santi aktar iffukati fuq l-ikonografija tal-qaddisin jew misteri eċċ maħsuba sabiex jintwerew fuq is-santi.



TALBA

LILL-GLORJUŻ APPOSTLU S. ANDRIJA

biex taqla' xi grazzja speċjali

O Glorjuż Appostlu S. Andrija li kont l-ewwel dixxiplu ta' Ġesù Kristu, li għas-sejħa tiegħu ħallejt malajr ix-xbiek u d-dgħajsa u kollox tlaqt wara spallejk biex miegħu tissieħeb u minnu qatt iżjed ma tinfired, li wara l-[illegible]miġja ta' l-Ispirtu s-Santu mixgħul biż-żelu ta' l-erwieħ u tħeġġeġ bl-imħabba l[illegible]jn is-Salib dort bosta bliet imbegħda u rbaħt għal[illegible]di ta' [illegible]esù erwieħ bla għadd sakemm fl-Akaja mitfugħ fil-ħabs u fflaġellat ġejt ikkundannat mill-Prokonslu Egea biex tmut imsallab bħall-Imgħallem Tiegħek Divin. Oh b'liema ferħ int [illegible]ddant is-Salib! X'hena ġarrabt x'ħin imsallab bla h[illegible]a issuktajt ixxandar l-Isem ta' Ġesù għal jumejn [illegible], u wara mdawwar mid-dija tas-sema ruħek itta[illegible] lejn il-glorja ta' dejjem biex tgawdi lil Ġesù li tiegħu bil-mewt tiegħek fuq is-salib int sirt xbiha ħajja!

Agħmel nitolbuk o glorjuż Appostlu, int li int tant setgħan fis-smewwiet li na[illegible]ilgħu l-grazzja li tant ninħtieġu u għinna biex nagħtu widen u nwettqu fina s-sejħat t'Alla. Agħtina l-qawwa li hienja nħaddnu s-salib u bil-kuraġġ nerfgħuh sa mewtna biex wara miegħek ikollna l-ħlas għal dejjem fis-sema.

3 Pater, 3 Ave, 3 Glorji.

---

**Indulġenza ta' 200 jum mogħtija minn Mons. M. Gonzi, Arċisqof ta' Malta, b'digriet tas-7 ta' Marzu, 1956.**

Imprimatur,
Datum in Curia Archipli Melitae,
die 4 Febri, 1856
† Em. Galea,
Ep. Trallis in Asia. Vic. Gen.

Nihil Obstat
die 10 I[illegible] 1895
F. Can. Bonnici Cens. Theol.

Din is-santa ta' Sant'Andrija żgur li tqanqal bosta memorji sbieħ fost l-anzjani tagħna tal-festa titulari ta' Sant'Andrija kemm żviluppat minn dak iż-żmien li tajjeb wieħed jgħid li kien żmien ta' rkupru minħabba li Malta kienet għadha qed issib saqajha wara t-tieni assedju tat-tieni gwerra dinjija, f'kumparament għaż-żmien tal-lum fejn il-festa kompliet tikber tassew u titjieb dejjem bi progress mgħaġġel u nkoraġġanti ferm. Il-festa ta' Sant'Andrija, permezz ta' din is-santa hija xhieda ta' kemm tassew il-festa kienet popolari matul iż-żminijiet minn snin bikrija minħabba l-għeruq antiki li għandha, xi ħaġa li żgur baqgħet tgawdi dan il-privileġġ sal-lum bħala waħda mill-festi stabbiliti f'pajjiżna.



# Sant'Andrija fir-Raħal tal-Għargħur

**Mario Fenech**



Tant snin ilu fl-istorja, tista tgħid li kull fejn kien ikun hemm konċentrazzjoni ta' sajjieda fl-istess lokal dawn kienu jinġabru fi grupp ta' devozzjoni lejn il-Qaddis Sant'Andrija.

Dan l-Appostlu kien minn dejjem meqjus bħala l-Qaddis Padrun tas-sajjieda għal daqstant dawk kollha li kienu jaqilgħu l-għajxien tagħhom minn dan il-mistier u li kienu joqgħodu fir-raħal tal-Għargħur, xtaqu li jkun hemm Knisja żgħira ddedikata lil dan il-Qaddis.

Flus bil-bosta ma kienx hemm allura dawn raw kif għamlu biex f'wieħed mill-altari tal-Knisja ta' San Bartilmew jkun hemm x-Xbieha ta' dan il-Qaddis. Għalkemm ma hemm l-ebda dokumenti li jagħtuna ħjiel ta' xi kappella żgħira mibnija f'ġieħ dan il-Qaddis fil-limiti tar-Raħal, jista jkun li d-devozzjoni lejn dan il-Qaddis kienet nibtet minn hemm.

Meta tpoġġa fil-post tiegħu fuq l-Altar, il-Kwadru tal-Madonna tal-Providenza minbarra x-xbieha tal-Madonna kien fih ukoll ix-xbiehat ta' Sant'Andrija u San Girgor il-Kbir. Żewġ xbiehat oħra fl-istess kwadru kienu dawk ta' Santa Rosalija u Sant'Antnin.

Fil-każ ta' San Girgor, nafu li dan kellu knisja żgħira ddedikata lilu fl-inħawi magħrufa bħala "tal-Ferha" li kienet ġiet ipprofanata mill-Isqof Baldassere Cagliares fis-sena 1618.

Jista' jkun ukoll li hemm xi ħsieb li timbena xi knisja żgħira oħra fl-inħawi tar-raħal u li kellha tkun iddedikata lil Sant'Andrija, ħsieb li ma seħħx u għaldaqstant

il-beni jew Legati li kellhom ikunu marbuta magħha ġew mgħollija għal fuq dan l-Altar.

Kienet ħaġa komuni dak iż-żmien li meta kienet tinbena xi kappella fil-kampanja magħha kien ikun hemm marbuta xi legati. Meta l-Knisja kienet tiġi pprofanata, xi ħaġa li kienet issir spiss dak iż-żmien, dak kollu li kien ikun hemm marbut magħha kien jiġi ttrasferit fil-Knisja Parrokkjali.

Dan il-kwadru tal-Madonna tal-Providenza llum jinsab fil-Knisja ta' San Ġwann Battista li tinsab biswit iċ-Ċimiterju tar-raħal tal-Għargħur.

Minflok dan il-Kwadru kien tpoġġa dak li hemm illum fuq dan l-altar. Huwa ddedikat lil Madonna taċ-Ċintura. Dan għalkemm mhux iffirmat mill-artist, jidher sew li huwa xogħol tal-artist Francesco Zahra. Flimkien max-xbiehat tal-Madonna u l-Bambin, fil-kwadru jidhru wkoll il-qaddisin Sant'Andrija, San Girgor il-Kbir, Sant'Antnin, Santa Rosalija u Santa Monika.

Il-fatt li fit-tieni kwadru l-artist inkluda mill-ġdid lil Sant'Andrija u lil San Girgor fost l-oħrajn, jagħtina x'nifhmu li d-devozzjoni lejn dawn iż-żewġ qaddisin baqgħet titkattar matul iż-żmien, jew li kien għad hemm xi legati flimkien b'obbligi mportanti marbuta ma dan l-altar li mil-bidu nett tal-istorja tal-Knisja Parrokkjali ta' San Bartilmew fil-Għargħur kellu x-xbieha ta' Sant'Andrija l-ewwel dixxipju li emmen nkluż fil-tila tiegħu.




***Inċiżjoni antika ta' Sant'Andrija***



# Ġie jżurna biex jibqa' magħna

## *25 sena mill-ewwel żjara ta' San Ġwann Pawl II, il-Papa li daħal fi qlub il-Maltin*

**Fabian Mangion**
***B.A., S.Th. Lic.***

Il-preżenza tal-Papa f'pajjiżi differenti hi l-preżenza ta' Kristu; b'messaġġ qawwi ta' spiritwalità u ta' ħajja ġdida. Dan kollu jagħtih il-Papa bil-preżenza fiżika tiegħu, bid-doni sbieħ li għandu, bil-kelma qawwija u persważiva tiegħu, bid-djalogu li jkollu ma' kulħadd.



Stickers *ta' tifkira.*

**Papa li jivvjaġġa**

Il-Papa jivvjaġġa bħala l-missier ta' kulħadd. L-iskop tiegħu hu li jgħallem, iwissi, iċanfar, jgħin u jagħmel il-qalb. Bil-preżenza tiegħu jipprojetta fuq il-popli kariżma li twassal għall-aċċettazzjoni ta' Kristu fuq l-art. Bħal Kristu, jitkellem fil-Knisja u fil-beraħ. Jitkellem mal-għonja, mal-fqar, mal-għorrief u ma' ta' bla skola, mal-morda u ma dawk b'saħħithom. Hu jitkellem bil-qawwa u bla biża'. Hekk jagħmel kulfejn imur għax l-iskop tiegħu hu li jwassal il-messaġġ Nisrani. F'kelma waħda, kull fejn imur jista' jgħid kliem Kristu: "It-tagħlim tiegħi mhux tiegħi, imma ta' dak li bagħatni." (Ġwanni 7, 16)

Għalina bħala poplu, il-vjaġġi tal-Papa għandna naraw fihom ġid bla tarf. Il-preżenza tiegħu kull fejn imur tqajjem kuxjenza, responsabbiltà, ferment ta' tiġdid f'kull qasam u f'kull sens fil-ħajja u fuq kollox fil-ħajja reliġjuża ta' kul min jilqgħu. Aħna l-Maltin, fejn qatt konna noħolmu li għad nilqgħu lill-Papa f'pajjiżna? Min kien irid jara lill-Papa kien ikollu jagħmel bħal ħafna popli oħra, imur Ruma u hemm jarah jew waqt xi ċerimonja speċjali fi Pjazza San Pietru inkella f'xi udjenza privata fil-Vatikan. Għalhekk, kienet grazzja kbira dik ta' ħamsa u għoxrin sena ilu, li lill-Papa rajnieh fostna, fil-gżira tagħna.

**Bxara li tidwi**

Kienu s-6.10 p.m. tal-Ħadd, 22 ta' Ottubru 1989, meta mill-Konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta ħarġet l-aħbar tant mistennija li l-Papa Ġwanni Pawlu II kien se jżur il-gżejjer Maltin bejn il-25 u s-27 ta' Mejju 1990. Kienet aħbar li nfirxet bħal leħħa ta' berqa ma' kull rokna ta' Malta u Għawdex. Kienet bxara li mliet bil-ferħ lil dawk kollha ta' rieda tajba.

Il-kongregazzjoni miġbura fil-Konkatidral biex tiċċelebra l-ħdax-il anniversarju minn meta l-Papa Ġwanni Pawlu II sar ir-Ragħaj tal-Knisja Universali, infexxet f'ċapċip li jtarrax meta l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca żvela din l-aħbar. Oħrajn, bil-ferħ, qabżilhom id-dmugħ minn għajnejhom għax għalkemm il-poplu kien ilu snin twal jistenna din l-aħbar, ftit li xejn wieħed kien qed jissoponiha.

Kulħadd esprima sodisfazzjon u gratitudni għal din il-grazzja minn Alla. Dakinhar kienet bdiet il-mixja emozzjonali u interessanti tat-tħejjijiet kbar meħtieġa għal din iż-żjara pastorali u storika. Id-diskors ta' kulħadd kien dwar din l-aħbar – min esprima opinjoni mod u min issuġġerixxa ħaġa oħra. Kulħadd qal tiegħu waqt li l-għada li ħarġet l-aħbar, il-ġurnali nbelgħu f'ħakka t'għajn.

Minn dakinhar, bdiet mixja ta' tħejjija u ta' stennija. Fid-Djoċesi twaqqaf Kumitat Ċentrali responsabbli miż-żjara tal-Papa. Mons. Philip Calleja kellu r-rwol ta' *Chairman* f'dan il-kumitat. Il-ġurnali wkoll qatt ma ħarsu lura. Anzi dejjem kienu minn tal-ewwel li ppubblikaw diversi rapporti metikolużi u dettaljati dwar din iż-żjara ta' importanza internazzjonali.

Il-poplu Malti, għax kien ser ikun proprju hu li jilqa' lill-Papa fostu, kien għatxan biex ikun jaf x'kien għaddej mal-konnessjoni mat-tħejjijiet taż-żjara tal-Papa f'Malta u kellu xewqa kbira li jkun jaf kull pass li kien qed isir.

Il-Papa kien għadu kemm temm żjara storika oħra ta' importanza enormi – dik fiċ-Ċekoslovakkja – fejn kien ilu snin twal jixtieq li jmur. Kienet żjara fejn intlaqa' minn miljuni ta' Ċekoslovakki. Kienet żjara li seħħet ftit tax-xhur biss wara li waqa' torri ta' babel ieħor, jiġifieri t-torri tar-reġim Komunista li ħakem lill-pajjiż għal aktar minn erbgħin sena.

Qabel ġie fostna, il-Papa għamel żjara fil-Messiku. Din ukoll tqieset bħala żjara ta' sinifikat partikulari għaliex hemm żera' ż-żerriegħa kontra l-elementi qawwija antiklerikali. Din iż-żjara għenet biex jitjiebu ir-relazzjonijiet u r-rapporti diplomatiċi bejn il-Vatikan u l-Messiku.

Wara, is-Suċċessur ta' Pietru, kien imissu jżur lill-gżira ta' Pawlu. Kienet żjara li seħħet f'waqt propizju, f'mument meħtieġ ħafna għall-poplu Malti. Mhux ta' b'xejn li l-entużjażmu u l-interess għal din iż-żjara beda jinħass joktor ma' kull ġurnata li tgħaddi. Dan ma kienx dovut biss



***Il-Papa jmil u jbus l-art Maltija.***

għall-fatt li l-poplu kien qed jara jinbnew tribuni ġganteski, jew għar-ruxxmata ta' pubblikazzjonijiet ta' tifkira li kienu qed jitqassmu. Iżda l-poplu daħal aktar fl-ispirtu ta' dik iż-żjara għax kien konxju li kien ġej fostna l-Papa li rnexxielu jittrasforma d-dinja u jagħti bidu għal riformi kbar fid-dinja kollha, partikolarment fl-Ewropa tal-Lvant u f'dik Ċentrali.

Il-poplu Malti kien qed jara mill-qrib, permezz tat-televiżjoni, l-ibħra ta' miljuni ta' nies li kienu qed jinġabru kulfejn ikun hemm il-Papa. Il-Papa kien qed jiġbed lejh lil kulħadd ... anke lil dawk ta' qalbhom xierfa li donnhom ma jemmnu b'xejn. Kien qed jirnexxilu jrattab il-qlub u jiftaħ l-imħuħ tan-nies biex hekk isiru disponibbli aktar għall-Aħbar it-Tajba, il-verità li għaliha Kristu bata u ssallab sakemm qam rebbieħ.

**Il-wasla tal-jum mistenni**

U l-jum mistenni tal-25 ta' Mejju 1990 wasal. Il-Papa Ġwanni Pawlu II ingħata l-ewwel merħba enormi mill-poplu Malti fl-ajruport ta' Ħal Luqa meta folol kbar imlew kull rokna tal-galleriji li jagħtu għal barra l-ajruport. Kienu l-erbgħa u tnax-il minuta ta' wara nofsinhar meta Ġwanni Pawlu II bies l-art Maltija hekk kif niżel mill-ajruplan. Minn dak il-ħin 'il quddiem, il-poplu għamel l-aqwa akklamazzjoni li qatt ta lil xi personalità li ġiet iżżuru. Tabilħaqq xeni li qatt ma rajna bħalhom u li jibqgħu stampati fil-memorja ta' min għexhom!



*Id-daħla tal-Papa fi Triq ir-Repubblika, l-Belt Valletta.*

Il-Papa Ġwanni Pawlu II wasal Malta b'titjira diretta tal-*Alitalia* minn Ruma li ħadet siegħa eżatt. L-ajruplan, li wara li niżel l-art, tajjar il-bandiera Maltija u dik tal-Vatikan, mess l-art Maltija propju fl-erbgħa neqsin minuta u wasal sa quddiem il-VIP Lounge fejn saret iċ-ċerimonja tal-wasla.

Dr. Ċensu Tabone, il-President ta' Malta, laqa' lill-Papa u introduċieh mal-Arċisqof Ġużeppi Mercieca u l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi, ma' Dr. Eddie Fenech Adami, Prim Ministru, ma' Dr. Alexander Cachia Zammit, l-Ambaxxatur ta' Malta għas-Santa Sede u ma' personalitajiet oħra. Il-ħaddiema tal-ajruport ħarġu wkoll fil-mitjar biex jassistu għall-wasla tal-ewwel Papa fil-gżejjer Maltin.

Tabella bil-kliem 'Qalb waħda mal-Papa' twaħħlet fl-ajruport ta' Ħal Luqa fil-għoli faċċata ta' fejn waqaf l-ajruplan li bih wasal Malta l-Papa. "Viva l-Papa" kienu l-ewwel kliem li nstemgħu hekk kif il-Papa Ġwanni Pawlu II xiref mill-bieba tal-ajruplan. Iċ-ċapċip minn dawk preżenti – inklużi mill-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż – ma naqas xejn f'atmosfera li l-poplu kien ilu tant jistenna b'ħerqa.

Il-Papa Ġwanni Pawlu II, akkumpanjat mill-Arċisqof Mercieca, tela' fil-*popemobile* u hekk kif ħareġ 'il barra mill-ajruport, sab tistennieh folla oħra kbira li b'*banners*, weraq tal-palm u bnadar sellmu lill-Papa fost iċ-ċapċip u l-ferħ tal-poplu li sa minn kmieni wara nofsinhar inġabar fit-toroq minn fejn kien ser jgħaddi l-Papa fi triqtu lejn il-Konkatidral ta' San Ġwann.

Minbarra l-Maltin, fit-toroq kien hemm ukoll ħafna barranin, fil-biċċa l-kbira turisti li approfittaw ruħhom minn din l-okkażjoni li nzertaw b'kumbinazzjoni waqt il-btala tagħhom fostna.

**Laqgħa mas-saċerdoti u r-reliġjużi**

Din iż-żjara kienet laqqgħet lil Ġwanni Pawlu II ma' kategoriji differenti tas-soċjetà Maltija. L-ewwel laqgħa li kellu l-Papa kienet ma' kongregazzjoni magħmula minn 'il fuq minn elfejn saċerdot u reliġjuż fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt. Din il-laqgħa kienet karatterizzata bid-diskors formidabbli li għamel il-Papa, bid-diversi frażijiet bil-Malti li l-Papa lissen. Il-Papa qal:

*"Barra minn hekk, wieħed ma jistax jiċħad li pajjiżkom illum qed iħabbat wiċċu ma' diffikultajiet ġodda li dejjem qed jikbru. It-tradizzjonijiet venerabbli u s-soċjetà tagħkom iridu jissieltu mat-tentazzjonijiet ta' kultura sekularizzata li diġà rikbet parti sewwa mid-dinja. Bħala rġiel u nisa li s-sejħa tagħkom m'għandha l-ebda tifsira jekk mhux f'Alla u fid-dawl tal-wegħdiet tiegħu, m'għandkomx għalfejn tibżgħu. Hu bil-perseveranza u l-fedeltà quddiem l-isfidi u l-provi li l-qawwa ta' Alla tista' tidher tassew fid-dgħjufija tal-bniedem. Qatt tinsew li hu bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu li ma tidhirx imma li taħdem fil-qlub tal-bnedmin li sseħħ il-bidla, il-metanoia, li hija l-bxara tal-Evanġelju (Mk 1:15). In*ħeġġiġkom biex iżżommu sħiħ fil-fidi li hija *l-wirt Kattoliku tagħkom bħala wlied Malta, sabiex l-għeġubijiet ta' Alla jibqgħu jidhru kemm issa u kemm fil-ġejjieni."*

**Laqgħa mal-Awtoritajiet Ċivili**

Wara li ntemmet din il-laqgħa, kien imiss li l-Papa jiġi milqugħ mill-awtoritajiet ċivili fil-Palazz Presidenzjali. Il-Papa għadda bil-*popemobile* minn Triq ir-Repubblika sa ġewwa d-daħla tal-Palazz. Mill-bitħa tal-Palazz, Dr. Ċensu Tabone, President tar-Repubblika, akkumpanja lill-Papa għall-Kamra s-Safra, magħrufa bħala s-Sala tal-Paġġi. Hemm, il-Papa ltaqa' mal-Prim Ministru u mal-Ambaxxatur ta' Malta għas-Santa Sede. Wara li saru laqgħat privati u bdil ta' rigali, il-President ta' Malta u l-Papa Ġwanni Pawlu II daħlu fis-Sala tat-Tron fejn saru d-diskorsi. Il-Papa qal:

*"Fiż-żminijiet tagħna qed jiżdied il-qbil li l-ħajja soċjali u politika tan-nazzjonijiet għandha tkun ibbażata fuq ir-rispett assolut għad-dinjità u d-drittijiet inaljenabbli ta' kull persuna umana, indipendentement mir-razza, it-twemmin reliġjuż jew il-fehmiet politiċi. F'żewġ gwerer mondjali, u wkoll fit-tibdiliet kbar li qed iseħħu bħalissa fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, rajna popli sħaħ iwarrbu strutturi ta' poter li fil-fatt kienu jiċħdu jew jittradixxu l-aspirazzjonijiet leġittimi għal ħajja f'ordni soċjali*



***Il*-popemobile *li ġiet użgħata mill-Papa f'Malta.***

*fejn isaltnu l-libertà, il-ġustizzja u l-paċi. Kif tafu tajjeb, il-ħidma biex jinbena dan l-ordni soċjali titlob sabar kbir, viżjoni* ċara *u maturità morali. Fuq kollox tesiġi minn kull individwu u grupp soċjali impenn sod għall-ksib tal-ġid komuni.Meħtieġa wkoll determinazzjoni diretta biex jiġi inkoraġġit id-djalogu li juri rispett bejn is-setturi kollha tal-ħajja nazzjonali, waqt li jippromwovu liġijiet u policies li jħarsu l-libertà u d-dinjità ta' kull ċittadin u b'mod partikolari ta' dawk li huma inqas ixxurtjati u aktar dgħajfa, għad-drittijiet tal-familji u tal-ħaddiema. Fl-aħħar mill-aħħar l-impenn ta' nazzjon favur dawn il-valuri jitkejjel bl-isforzi li jagħmel biex jarahom żgurati permezz ta' parteċipazzjoni mxerrda fil-proċess demokratiku, l-amministrazzjoni ekwilibrata tal-ġustizzja u l-inkoraġġiment ta' sens qawwi ta' solidarjetà soċjali."*

Wara, il-President ta' Malta, wassal lill-Papa sal-bitħa tal-Palazz fejn reġa' rikeb il-*popemobile* biex imur in-Nunzjatura f'Ħ'Attard. L-emozzjoni u l-eċċitament inħass minn kulħadd. Fi triqtu mill-Belt sa Ħ'Attard, il-Papa ntlaqa' kontinwament b'ċapċip, ħruq ta' murtali u suffarelli kif ukoll twaddbu konfetti u fjuri fid-direzzjoni tal-*popemobile* li tul it-triq kienet skortata mill-iskwadra tat-traffiku tal-Korp tal-Pulizija. Wara li sellem lill-folla, il-Papa daħal fin-Nunzjatura fejn kien ser ikun alloġġjat tul il-jiem taż-żjara tiegħu f'Malta.

**It-tieni jum**

*"Inħobbkom ... inħobbkom ħafna."* Dawn kienu kliem li rrepetihom diversi drabi l-Papa meta kmieni l-għada filgħodu, 26 ta' Mejju 1990, eluf ta' tfal inġabru ħdejn in-Nunzjatura. Kien għal ħabta tat-7.45 a.m. li l-Papa Ġwanni Pawlu II ħareġ fit-terrazzin tan-Nunzjatura fost iċ-ċapċip u l-kant li kien ġej mill-preżenza ta' sitt korijiet. Dan kien l-isbaħ jum għal dawn it-tfal Maltin mhux biss għax ħafna minnhom setgħu jaraw lill-Papa mill-qrib, iżda wkoll għax wieġbu għall-mistoqsijiet li beda jagħmlilhom b'daħka fuq fommu.



***Il-Papa Ġwanni Pawlu II fil-Konkatidral ta' San Ġwann.***

**Laqgħa mal-qraba tal-missjunarji**

Wara din il-laqgħa ferrieħa mat-tfal, il-Papa telaq lejn il-Mellieħa. Il-Papa għamel żjara lis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa u għamel viżta lil Ġesù Sagramentat. Aktar tard, huwa ħareġ mis-Santwarju u tela' fuq tribuna li kienet imħejjija apposta fil-Bitħa tal-istess Santwarju. Minn hemm huwa wassal il-messaġġ tiegħu lill-ġenituri u lill-qraba tal-missjunarji Maltin. Il-Papa, filwaqt li faħħar il-kontribut ta' Malta fil-qasam missjunarju, qal:

*"Waqt li nifirħu fis-servizz li qed jagħtu lill-Mulej u lill-Knisja Tiegħu, ejjew ma niqfux ngħinu lil dawn il-missjunarji bis-solidarjetà tat-talb u tal-għemejjel ta' penitenza. B'mod partikulari, ejjew nitolbu 'l Alla li jbierek bil-mija fil-wieħed (ara Mk 10:30) lil dawk fosthom li jgħaddu minn kull xorta ta' tbatijiet għall-Bxara t-Tajba.U f'għaqda ma' Marija, ejjew nitolbu lill-Mulej iqajjem ħafna oħrajn biex jimxu warajhom fix-xogħol tat-tmexxija tal-ġnus kollha għall-għarfien tal-verità. (1 Tim*

*2:4) biex "il-glorja t'Alla li tiddi f'wiċċ Kristu tista' titfa' d-dawl tagħha fuq il-bnedmin bis-saħħa tal-Ispirtu s-Santu" (Ad Gentes, 42)."*

Għall-Għawdxin kollha, il-ġurnata tas-Sibt, 26 ta' Mejju 1990, tibqa' mniżżla b'ittri tad-deheb minħabba ż-żjara li għamlilhom il-Papa Ġwanni Pawlu II mhux biss għax ġabet magħha ferħ, entużjażmu u tiġdid fil-poplu Għawdxi kollu, iżda wkoll għax rat lill-Għawdxin joħolqu festa spontanja mal-gżira kollha.

**Laqgħa mal-poplu Għawdxi**

L-ewwel merħba lill-Papa f'Għawdex ingħatat fil-Port tal-Imġarr x'ħin wasal fuq il-katamaran *San Franġisk*. Il-Papa rifes l-art fid-9.15 a.m. u ntlaqa' minn Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, u minn Dr. Anton Tabone, il-Ministru għall-Għawdex. Il-Papa baqa' impressjonat bil-merħba li organizzawlu l-Għawdxin, l-aktar bil-manifestazzjoni ħdejn is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu fejn mexxa Quddiesa Pontifikali li damet aktar minn sagħtejn. Dan il-Pontifikal kien animat minn kor, ta' madwar 400 ruħ, immexxi mill-Kan. Dun Martin Portelli, *Maestro di Cappella* tal-Bażilika Ta' Pinu. Dakinhar, tkantat 'Il-Quddiesa tal-Poplu' komposta minn Mro. Patri Albert Borg OSA. Fl-omelija tiegħu, il-Papa qal:

*"Illum, il-familji ta' Malta jridu xorta waħda jiddependu fuq il-protezzjoni u l-imħabba materna ta' Marija waqt li jiffaċċjaw sfidi ġodda fit-twettiq tal-missjoni vitali tagħhom ma' individwi u mas-soċjetà kollha! Fil-pjan ta' Alla, il-familja hija fejn it-tfal jitgħallmu xi tfisser li jkunu individwi responsabbli u membri ta' komunità akbar, fejn jiltaqgħu għall-ewwel darba mal-virtujiet ta' mħabba li mhix egoista u s-sagrifiċċju personali, u fejn jibdew jifhmu għall-ewwel darba l-misteru tal-imħabba ta' Alla kif tesprimiha l-imħabba tal-ġenituri tagħhom. Billi l-familja hija l-ewwel ċellula vitali tas-soċjetà (Apostolicam Actuositatem, 11), is-saħħa spiritwali tal-familji se tkun għal dejjem il-kejl fundamentali tas-saħħa ta' soċjetà. Jalla l-familji ta' Malta u Għawdex qatt ma jeżitaw milli jduru lejn Marija, l-Omm tal-Familja Mqaddsa ta' Nażaret u l-Omm tal-umanità kollha fl-ordni tal-grazzja (ara Lumen Gentium,62), bħala gwida żgura fost l-isfidi u l-provi tal-ħajja."*



*Fi tmiem il-quddiesa pontifikali f'Ta' Pinu, Għawdex.*

Qabel ħalla l-artal sabiħ imżejjen b'ħafna fjuri bojod u sofor, il-Papa resaq lejn il-kwadru tal-Madonna ta' Pinu u qiegħed stellarju b'ħames kwiekeb madwar ras il-Madonna.

**Fis-Seminarju ta' Għawdex**

Fost l-applawsi ta' dawk preżenti, il-Papa sellem, rikeb il-*popemobile* u ttieħed lejn is-Seminarju ta' Għawdex. Hemm, il-Papa kellu jiekol mal-istaff

amministrattiv u mas-seminaristi u jieħu xi ftit tal-mistrieħ. F'kelmtejn li għamel il-Papa waqt dan l-agape fratern, qal:

*"Ma nistax ħlief nifraħ u nammira lil Malta għall-vokazzjonijiet li hawn, speċjalment f'din id-djoċesi ta' Għawdex: hawn tant vokazzjonijiet fi djoċesi daqshekk żgħira. Ngħid lilkom ilkoll u lill-komunità tagħkom: Il-Mulej jibgħatna fid-dinja kollha. In-numru ta' vokazzjonijiet saċerdotali mhuwiex biżżejjed.* Hemm postijiet fid-*dinja fejn il-vokazzjonijiet huma skarsi: pereżempju fl-Amerika Latina, hemm saċerdot għal kull għaxart elef ruħ, u dan fejn is-sitwazzjoni hi tajba. Naturalment, dan joħloq diffikultà u joħloq ukoll "aptit" ieħor, mhux l-aptit li jiġik fuq il-mejda waqt l-ikel imma dak tas-setet, li jridu jikkonkwistaw il-poplu li mhux sostnut biżżejjed bl-Ewkaristija u bil-Kelma t'Alla."*

**Fil-Katidral ta' Għawdex**

Wara li għadda l-ħin tal-mistrieħ, il-Papa ttieħed il-Katidral ta' Għawdex biex jiltaqa' u jsellem lill-Kunsilli Pastorali Parrokkjali, membri tal-Appostolat tal-Lajċi u qraba ta' Missjunarji. Il-Papa wasal hemm fit-3.30 p.m. u kif kien mistenni, ma naqsitx wirja kbira oħra ta' entużjażmu. Il-laqgħa bdiet b'diskors ta' merħba mill-Isqof Cauchi u mbagħad sar ukoll diskors mill-Papa. Fost l-oħrajn, il-Papa qal:

*"Lillkom ilkoll nistedinkom biex tiddedikaw ruħkom mill-ġdid* b'saħħa *ġdida għall-ħidma mportanti tal-evanġelizzazzjoni. Inħeġġiġkom biex tistaqsu lilkom infuskom hawn bħala individwi u wkoll bħala Knisja lokali: kif tista' s-setgħa li tfejjaq tat-tagħlim tal-Evanġelju tiġi applikata fuq il-ħajja f'Malta illum? B'liema mod Kristu m'hux preżenti fil-ħajja ta' individwi u tas-soċjet*à*? X'jista jsir aktar biex il-kuxjenzi jiġu kristjanizzati, u biex id-dawl tal-Evanġelju jinxteħet fuq problemi soċjali u umani, u b'mod partikolari biex tingħata għajnuna lill-foqra u 'l min jinsab fl-inkwiet? Kif jistgħu d-doni tal-Ispirtu jsiru jagħtu aktar dawl fi ħdan il-Knisja biex ikunu bħal fanal li jdawwal lill-oħrajn, speċjalment liż-żgħażagħ?"*

**Lura lejn Malta**

Fi tmiem din il-laqgħa, il-Papa nagħta tislima sabiħa fi triqtu lejn l-Imġarr minn fejn reġa' lura lejn Malta. Il-vjaġġ bil-baħar tal-Papa Ġwanni Pawlu II bejn iċ-Ċirkewwa u l-Imġarr, Għawdex, u bejn Għawdex u l-Port il-Kbir kien l-ewwel vjaġġ tal-Papa fuq il-Baħar Mediterran. Il-vjaġġ tal-Papa sar bil-katamaran *San Franġisk*. Fi triqtu minn Għawdex għal Malta, il-Papa waqaf ħdejn il-Gżejjer ta' San Pawl fejn bierek statwa ta'



***Id-daħla bil-katamaran fil-Kottonera.***

Kristu qabel ma din tniżżlet f'qiegħ il-baħar. Wara daħal fil-Port il-Kbir akkumpanjat minn vapur ta' rmonk, *speed boats*, laneċ u dgħajjes ta' kull tip.

Għal Karol Wojtyla, bniedem ta' statura b'saħħitha u sportiva, il-vjaġġ ta' madwar 24 kilometru żgur li kien ta' esperjenza sabiħa. It-tiżjin tas-swar, bi bnadar u bandalori bojod u ħomor, bojod u sofor u tar-Reliġjon, kompla kabbar l-entużjażmu u wera l-kobor tal-okkażjoni. Dehra tabilħaqq impressjonanti kienet id-daħla trijunfali tal-katamaran fil-bokka tal-Port il-Kbir fis-5.45 p.m. Bosta minn dawk preżenti li segwew id-dawra tal-katamaran mal-Port il-Kbir bkew bil-ferħ, ferħ li ma jintesa qatt!

Fis-6.30 p.m., il-Papa niżel ix-Xatt tal-Isla, filwaqt li l-qniepen tat-tlett ibliet tal-Kottonera laqgħuh bid-daqq ferrieħi tagħhom. Hawn, hu ntlaqa' mill-Kanonku Dun Vinċenz Cachia, Arċipriet tal-Isla u mill-Kapitlu tal-istess parroċċa. Il-folla preżenti kantat innijiet akkumpanjata mill-Banda *Queen's Own* tal-Isla.

**Laqgħa mal-ħaddiema**

L-entużjażmu kotor meta l-Papa rikeb il-*popemobile* li mix-Xatt tal-Isla għaddietu minn quddiem il-Kolleġġjata tal-Isla, il-Kolleġġjata ta' Bormla u l-Kolleġġjata tal-Birgu sa ma wasslitu fi Pjazza Santa Margerita fejn il-laqgħa tal-Papa mal-ħaddiema bdiet b'talba mill-Papa nnifsu. Wara li laqa' u tkellem personalment ma' membri ta' familji li ġarrbu xi diżgrazzja meta tilfu lil xi ħadd f'mewta traġika fil-post tax-xogħol, il-Papa wassal il-kelma tiegħu lill-ħaddiema:

*"Il-virtù li tispikka fir-raġel u l-mara tax-xogħol Maltin għandha tkun is-solidarjetà; impenn għall-ġid komuni; ċaħda tal-egoiżmu u l-irresponsabbiltà. Aħna għandna nkunu responsabbli lejn u għal xulxin.* Dak li hu meħtieġ huma atti konkreti ta' solidarjetà: bejn sidien u impjegati, bejn irġiel u nisa tax-xogħol bejniethom stess b'sensittività speċjali għall-fqar u għal dawk l*i m'għandhomx min jiddefendihom. F'dan kollu, il-unjins tal-ħaddiema għandhom parti speċifika x'jagħmlu.Hu x-xogħol tagħhom li jiddefendu d-drittijiet tal-imseħbin tagħhom bil-mezzi leġittimi li għandhom f'idejhom waqt li jżommu f'moħħhom id-drittijiet ta' kategoriji oħra ta' ħaddiema, il-qagħda ekonomika ġenerali tal-pajjiż u, fil-qosor, il-ġid komuni."*

Il-Papa ngħata ovazjoni kbira kemm waqt li kien qed jitlaq mill-Kottonera kif ukoll fit-toroq li għadda minnhom fi triqtu lejn in-Nunzjatura Appostolika f'Ħ'Attard.

**It-tielet jum**

**Laqgħa man-nies tal-Kultura**

Fl-għodwa tal-Ħadd, 27 ta' Mejju 1990, kien imiss lill-Ġiljaniżi li jilqgħu u jagħtu merħba lill-Papa fir-raħal pittoresk tagħhom. Il-Papa wasal San Ġiljan għall-ħabta tad-8.40 a.m.. Kif il-*popemobile* waslet quddiem il-Knisja Parrokkjali, il-Papa niżel u mexa dritt lejn tarf iz-zuntier tal-knisja minn fejn sellem lill-folla kbira li nġabret fi Pjazza Spinola. Il-Papa wara daħal fil-Knisja ta' San Ġiljan biex jagħti bidu għal-laqgħa ma' dawk kollha involuti fid-dinja tal-kultura. Waqt l-indirizz tiegħu, il-Papa qal:

*"Malta hi wkoll milquta mill-problemi u l-bidliet li qed jibdlu l-wiċċ kulturali u wkoll dak politiku tal-Ewropa u tad-dinja. Bis-saħħa tal-qagħda ġeografika u tal-istorja tagħha, Malta tippreżenta twaħħid tal-għaġeb tal-kulturi Ewropej u Mediterranji u hija għalhekk qiegħda f'qagħda tajba biex tosserva l-bidliet fil-mod kif wieħed iħares lejn id-dinja u*

*tieħu sehem fihom. Imqiegħda f'salib it-toroq ta' skambji li jagħtu frott bejn diversi ċiviltajiet, Malta baqgħet fidila għat-tradizzjonijiet tagħha ta' ospitalità kif deher dan l-aħħar bil-laqgħa hawnhekk bejn il-Kapijiet tal-Istat Amerikan u Sovjetiċi. Il-fidi nisranija li ġiet għandkom elfejn sena ilu għamlet impronta qawwija fuq i-ħajja tal-familja tagħkom, fuq it-tradizzjonijiet tagħkom, u kważi fuq kull turija tal-karattru tagħkom."*



**Waqt id-dawra mal-Istadium ta' Ta' Qali.**

Fi tmiem din il-laqgħa, il-Papa reġa' rikeb il-*popemobile*. F'dan il-waqt, il-Papa deher jikxef il-komma ta' idu x-xellugija u jagħti ħarsa lejn l-arloġġ, biex bħal donnu jara jekk kienx ser ikun puntwali għall-appuntament tiegħu maż-żgħażagħ Maltin fl-Istadium Ta' Qali.

**Laqgħa maż-żgħażagħ**

B'kuntrast ma' Ħdud oħra, eluf ta' tfal u żgħażagħ bakkru biex iżommu l-appuntament tagħhom mal-Papa. Kull rokna mad-dawra tal-Istadium ta' Ta' Qali kienet mimlija żgħażagħ li aktar ma beda jgħaddi l-ħin, aktar bdew jidħlu fl-atmosfera kulurita u brijjuża. Il-Qdusija Tiegħu l-Papa deher kommoss ħafna bil-merħba sabiħa u diversi drabi deher ixejjer u jitfa l-bews li dawk preżenti hekk kif il-vettura tiegħu, miksija bil-fjuri, għamlet dawra mal-Istadium.

Il-Papa, niżel mill-*popemobile* u tela' t-taraġ tat-tribuna li ġiet mibnija apposta. Huwa għamel is-sinjal tal-salib u sellem lil kulħadd bil-kliem ta' *"Il-Paċi Magħkom"*. Wara, ħames żgħażagħ ressqu lill-Papa ħames mistoqsijiet li kienu ġew magħżula minn mijiet li tressqu miż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin. Huwa u jwieġeb għal dawn il-mistoqsijiet, il-Papa qal:



**Il-Papa jitlob fil-Grotta ta' San Pawl fir-Rabat.**

*"Iżda li f'ħajjitkom tagħtu l-ewwel post lil Kristu ma jitlobx biss konverżjoni tal-qalb; jitlob ukoll konverżjoni l-ħin kollu tal-moħħ. Bħala dixxipli inthom imsejħa biex tqisu kollox fid-dawl ta' Kristu. F'kull mument ta' ħajjitkom, f'kull deċiżjoni li tieħdu, jeħtieġ li tistaqsu l-ħin kollu lilkom infuskom: "Il-mod kif naħseb jien u kif inġib ruħi jien jaqbel mal-mentalità ta' Kristu?" Hu mportanti li dan iżżommuh f'moħħkom meta tkunu tiddiskutu bejnietkom ideat u valuri li huma tant komuni fis-soċjetà moderna iżda li jistgħu jmorru kontra dik il-verità ħelliesa dwar il-bniedem kif tgħallimnieha minn Kristu. Għani-Nisrani veru,*

*l-Evanġelju huwa l-kejl ta' kull deċiżjoni u ta' kull azzjoni. F'kelma waħda, kollox irridu nqisu bil-kejl ta' Alla, u mhux bil-kejl tal-bnedmin (ara Mk 8:33).*"

Matul dan id-diskors, fuq l-Istadium, waqa' bħal mant ta' skiet u ħemda li nkisru bil-għana ta' numru ta' għasafar li dehru jittajru għalenija, donnhom konxji mill-atmosfera ta' paċi u ferħ li kienet qed tirrenja, kif ukoll b'ċapċip li bih intlaqgħu diversi drabi l-kelmiet imdawla tal-Papa.

Hekk kif kien nieżel it-taraġ tat-Tribuna, il-Papa deher jitbaxxa, qabad ballun abjad tal-futbol u tefgħu lill-plajers tat-tim Nazzjonali tal-kbar u dawk ta' taħt il-21 sena li ħadu sehem f'logħba futbol bit-tema *"Iva għall-Isports, Le għad-Droga ... Iva għall-Imħabba, Le għall-Vjolenza"*. Il-Papa mbagħad sellem liż-żgħażagħ preżenti, rikeb il-*popemobile* fi triqtu lejn ir-Rabat.

**Laqgħa mal-morda**

Għal tul is-Saqqajja kollha u fuq il-ġnub tat-toroq li jwasslu għall-Knisja ta' San Pawl, il-poplu ffolla biex jara lill-Mexxej Spiritwali tiegħu hu u tiela' lejn il-Grotta ta' San Pawl. Il-Papa, b'bixra ta' għeja fuq wiċċu imma mimli kariżma, mexa fuq iz-zuntier u għadda minn qalb mijiet ta' morda, anzjani u persuni bi bżonnijiet partikulari li kienu ilhom siegħat sħaħ jistennew il-wasla tiegħu. Ġwanni Pawlu II, imbagħad, tela' t-taraġ f'nofs iz-zuntier u mar taħt l-istatwa ta' San Pawl, il-post mnejn jingħad li l-istess Appostlu tal-Ġnus kien indirizza lill-Maltin. Qabel ma rreċita r-*Regina Coeli*, il-Papa għamel kelmtejn ta' faraġ u fost l-oħrajn qal:

*"Meta n-nies ikunu morda jew mgħobbija bl-inkwiet, ikunu ttentati jaħsbu biss fil-problemi tagħhom. Iżda l-fidi tistedinna biex inħarsu aktar fil-fond u naraw il-ġid bla tarf li nistgħu nagħmlu lil għajrna billi noffru t-tbatijiet tagħna f'għaqda ma' Ġesù bħala sagrifiċċju li jogħġob lil Alla l-Missier tagħna għall-bżonnijiet tal-umanità kollha. Kemm hawn nies illum li għandhom bżonn it-talb tagħna!"*

Wara li temm id-diskors tiegħu u ta l-barka, il-Papa daħal fil-Knisja ta' San Pawl fejn wara ftit minuti jitlob, niżel fil-Grotta ta' San Pawl. Meta mbagħad il-Papa reġa' tfaċċa fuq iz-zuntier, tela' fuq il-*popemobile* fi triqtu lejn is-Seminarju Maġġuri f'Tal-Virtù, fejn ippranza mal-Isqfijiet, l-għalliema u s-seminaristi.

**Laqgħa ekumenika**

Wara l-ikel, għall-ħabta tat-3.15 p.m., il-Papa mar fil-Katidral tal-Imdina għal-laqgħa ekumenika li għaliha kien hemm preżenti r-rappreżentanti f'Malta tad-diversi denominazzjonijiet reliġjużi. Il-wasla tiegħu fil-Katidral ġiet milqugħa b'ċapċip u kant reliġjuż mill-kongregazzjoni magħmula minn Anglikani, Presbiterjani, Metodisti u knejjes oħra. Kien hemm ukoll bħala osservaturi, rappreżentanti tal-Islam, Lhud u Hindu.

Hawnhekk ukoll, il-Papa indirizza lil dawk preżenti. Huwa qal:

*"Illum, aħna u resqin lejn it-tielet millennju tal-era nisranija, jeħtieġ li aħna lkoll li tgħammidna fi Kristu nagħtu xhieda qawwija u dejjem iżjed magħquda tiegħu. Id-differenzi li jfixkluna milli ngawdu s-sħuħija tal-għaqda fil-fidi u l-ħajja sagramentali, kif inhi r-rieda ta' Kristu għas-segwaċi tiegħu, m'għandhomx jaljenawna mill-meravilja ta' dak li hu komuni għalina: Salvatur personali li miet u qam mill-mewt biex aħna nkunu nistgħu jkollna l-ħajja. It-tiftix għall-għaqda u s-sejħa li nkunu xhieda nisranija*

*huma qrib ħafna ta' xulxin*. Qatt ma għandu wieħed jaħseb li l-ħidma missjunarja u l-ħidma ekumenika huma b'xi mod f'kompetizzjoni ma' xulxin, *jew li xi waħda minnhom tiżviluppa b'dannu tal-oħra. L-istess ħidma tagħna lejn l-għaqda fiha nnifisha tagħti xhieda għall-ħidma t'Alla li tfejjaqna u tirrikonċiljana."*



***Il-poplu Malti miġbur fuq il-Fosos tal-Floriana għall-quddiesa ta' tmien iż-żjara.***

**Quddiesa tal-għeluq**

Issa, iż-żjara tal-Papa kienet verament qed toqrob lejn it-tmiem tagħha. Il-Ħadd wara nofsinhar, baħar ta' nies minn kull qasam tal-ħajja, inġabru fuq il-Fosos tal-Floriana biex flimkien mal-Papa, jiċċelebraw il-quddiesa ta' għeluq iż-żjara. Il-*popemobile* wasslet lill-Papa viċin l-Istitut Kattoliku fejn daħal biex jipprepara għall-quddiesa. F'riġlejn Tribuna kbira li ġiet mibnija fuq il-ġenb tal-Fosos, kienu ħadu posthom daqs 800 saċerdoti kkonċelebraw il-quddiesa flimkien mal-Papa. Kor magħmul minn 25 kor parrokkjali, mmexxi minn Mro. Dun Ġwann Galea, anima din il-quddiesa bil-kant ta' innijiet liturġiċi u tal-quddiesa *De Angelis* alternata, komposta mill-istess Dun Ġwann.

Ftit tal-ħin wara, il-Papa ta bidu għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa li kienet imżewqa bil-Malti, bil-Latin u anke bl-Ingliż. Waqt l-omelija f'din il-quddiesa, il-Papa wassal l-aħħar messaġġ u appell tiegħu lill-poplu Malti. Huwa qal:

*"Aktar minn darba fl-istorja tagħha Malta għaġġbet lid-dinja u tfaħħret għad-difiża bla kompromessi tal-fidi nisranija, dejjem lesta biex iġġarrab sagrifiċċji erojċi f'ġieħ dik il-kultura li l-fidi mantniet u wettqet. Fi żminijietna, meta l-Ewropa qed titħejja għall-bidu ta' żmien ġdid fi ġrajjietha, żmien mimli tamiet ġodda u sfidi, Malta hi msejħa biex tagħti sehemha għall-għaqda spiritwali tal-Kontinent l-Antik billi toffri t-teżori tagħha ta' fidi u ta' valuri. L-Ewropa teħtieġ ukoll ix-xhieda fidila ta' Malta!"*

**Tislima aħħarija**

Il-Papa telaq minn Malta fuq titjira speċjali tal-Air Malta fi tmiem xeni kommoventi u mimlija entużjażmu fuq il-Fosos tal-Floriana. F'diskors qasir imma meqjus waqt iċ-ċerimonja tat-tluq, il-Papa qal li huwa kien impressjonat bir-rabta profonda li l-poplu Malti kellu mal-wirt kulturali tiegħu. Huwa qal:

*"Matul iż-żjara tiegħi jiena għamilt appell lil dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-ġid tan-nazzjon – mexxejja politiċi u soċjali, ħaddiema, intellettwali, ż-żgħażagħ u wkoll il-membri ta' Knejjes u komunitajiet ekkleżjali oħra: ħeġġiġtkom biex għall-isfidi taż-żminijiet tal-lum tapplikaw il-viżjoni nisranija li writtu mill-imgħoddi tagħkom. Meta għamilt dan l-appell jien ukoll fissirt il-fiduċja tiegħi li intom taħdmu flimkien b'ġenerożità u b'mod effettiv biex toħolqu soċjetà ispirata mill-ogħla ideali ta' ġustizzja u paċi, waqt li tagħtu attenzjoni speċjali lill-ħtiġijiet tal-membri inqas ixxurtjati tal-komunità."*




*Il-Papa jsellem minn fuq l-iskala tal-ajruplan.*

Hekk kif il-Ħadd filgħaxija, intemmet iż-żjara storika tal-Papa Ġwanni Pawlu II fil-gżejjer Maltin, sentiment ta' diqa ħakem lil Malta. Li kien għall-poplu Malti, dawk it-tlett ijiem ma jgħaddu qatt. Iżda dan ma kienx possibbli u din l-avventura kellha tasal għat-tmiem naturali tagħha bir-ritorn tal-mexxej tal-Knisja Kattolika lejn il-Belt Eterna. Imma l-Papa – l-ewwel wieħed fl-istorja li qatt żar pajjiżna – baqa' magħna u aħna miegħu.

Waqt l-Udjenza Ġenerali f'Ruma nhar l-Erbgħa, 30 ta' Mejju 1990, il-Papa, filwaqt li għamel referenza għaż-żjara tiegħu f'Malta, qal:

*"Minkejja ċ-ċokon tagħha, Malta hija pajjiż b'importanza internazzjonali kbira. Il-qagħda ġeografika tagħha iffavoriet il-laqgħa ta' kulturi u idjomi differenti. Illum ukoll Malta għadha tħaddan din il-vokazzjoni ta' medjazzjoni fost il-ġnus tal-baħar Mediterran kollu. Nittama li hija tagħraf tissokta f'din il-missjoni naturali tagħha, mingħajr ma tirrinunzja għall-patrimonju prezzjuż ta' valuri li kisbet mill-ġenerazzjonijiet li għaddew.*

*Filwaqt li kont qed nerġa' lura lejn Ruma, bqajt inħoss profondament l-impressjonijiet li ħadt waqt iż-żjara; fuq ix-xtut ta' dik il-gżira kien niżel San Pawl; hemmhekk kien inkiteb kapitlu mportanti tal-istorja tal-Knisja, li f'Jum l-Għid il-Ħamsin wriet ruħha lid-dinja kollha bħala l-Poplu ta' Alla, imwieled mis-Salib u mill-Qawmien mill-Imwiet ta' Kristu, u li qiegħed jimxi t-triqat ta' din l-art fil-qawwa tal-Ispirtu."*

**Papa li baqa' magħna**

Għalina l-Maltin, Ġwanni Pawlu II jibqa' l-Papa speċjali li ġie jżurna darbtejn. L-ewwel żjara tiegħu fostna – 25 sena ilu - kienet bejn il-25 u s-27 ta' Mejju 1990. L-aħħar żjara tiegħu f'Malta kienet bejn it-8 u d-9 ta' Mejju, 2001 fejn temm il-vjaġġ tiegħu fuq il-passi ta' San Pawl wara żjara fil-Greċja u s-Sirja. Waqt din iż-żjara huwa kien ibbeatifika lil Dun Ġorġ Preca, lil Nazju Falzon u lil Adeodata Pisani. Biex inkun għedna kollox dan il-Papa kien waqaf għal ftit ħin fl-ajruport ta' Malta fl-1 ta' Settembru 1990, qabel ma beda l-vjaġġ tiegħu fit-Tanżanija, il-Burundi, Rwanda u l-Kosta tal-Avorju.



*Il-Papa għaddej minn Ħal Luqa.*

Filwaqt li ftit aktar minn sena ilu, fis-27 ta' April 2014, assistejna għall-Kanonizazzjoni tal-Papa Ġwanni Pawlu II, aħna l-Maltin u l-Għawdxin ma nistgħux ma nħossuniex kburin u ma rroddux ħajr lil Alla li għal darbtejn pajjiżna kellu x-xorti jilqa' fi ħdanu lil dan il-Papa qaddis. Bħal tant miljuni oħra ta' nies madwar id-dinja, aħna wkoll kellna x-xorti naraw lil San Ġwann Pawl II jinżel ibus lil artna, iterraq fit-toroq tal-ibliet u l-irħula tagħna, jitlob fil-knejjes tagħna, iħaddan miegħu lit-tfal u l-morda tagħna, u jbierek, ikellem u jsellem lill-poplu Malti kollu. Fuq kollox kellna x-xorti nisimgħuh ikellimna u jfakkarna fl-imgħoddi glorjuż tagħna, fil-wirt storiku u reliġjuż tagħna u jistedinna biex niġġeddu u nissaħħu fil-fidi tagħna biex inkunu nistgħu nilqgħu l-isfidi ġodda tal-lum.

**Referenzi**

Din il-kitba hija prinċipalment ibbażata fuq dak li deher fil-ġurnali lokali kemm fix-xhur ta' qabel iż-żjara kif ukoll waqt u wara ż-żjara. Is-siltiet mid-diskorsi ttieħdu minn *Pietru fil-Gżira ta' Pawlu*, Vol. II, Media Centre, Mejju 1990.













Il-Ġimgħa 15 ta' Mejju 2015 – Żjara tar-Relikwija ta' San Ġwann Bosco ġewwa Ħal Luqa



# Ġie jżurna Don Bosco!

**Neil Zammit**

Xi kultant naħsbu li d-devozzjonijiet lejn il-qaddisin u t-tradizzjonijiet reliġjużi llum m'għadx baqa' żmienhom. Forsi għax naraw nuqqas ta' ħeġġa għal ċertu attivitajiet li jiġu organizzati minn żmien għal żmien, saħansitra ankè ġieli mill-amministrazzjoni fi ħdan il-knisja. Iżda żgur li m'għandniex għalfejn naqtgħu qalbna u ningħalqu fina nfusna, għax għad tassew fadal post għal dawn l-affarijiet. Konferma ta' dan kollu kienu l-jiem bejn l-14 u t-18 ta' Mejju li għadda meta ġo pajjiżna kellna fostna r-relikwija insinji ta' San Ġwann Bosco, fundatur tas-Salesjani u Missier iż-Żgħażagħ u l-Iltiema

Dan l-avveniment ġab miegħu ferħ kbir fost il-poplu Malti, u kull fejn marret ir-relikwija tal-qaddis, kaxkret magħha mijiet ta' pellegrini u devoti li ħadu din l-okkażjoni bħala opportunità għat-tiġdid tal-fidi tagħhom. Anke f'Ħal Luqa kellna x-xorti li nilqgħu lil San Ġwann Bosco ġewwa t-Tempju Andrean, propju dakinhar tal-15 ta' Mejju, jum it-twaqqif tal-parroċċa mill-Papa Urbanu VIII. Ir-relikwija waslet Ħal Luqa għall-ħabta tal-erbgħa ta' wara nofsinhar u ddaħlet fil-knisja fost iċ-ċapċip tal-folla kbira preżenti li mliet il-knisja u d-daqq tal-qniepen u tal-orgni. Wara d-diskors ta' merħba mill-Kappillan Dun Gordon Refalo, saret katekeżi qasira dwar il-qaddis u wara ġie amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda. Fil-ħamsa ta' filgħaxija, ir-relikwija tal-qaddis kienet lesta biex tkompli triqitha lejn Ħal Qormi kif kien skedat.

Personalment bqajt impressjonat bin-numru sabiħ ta' parruċċani u devoti ta' dan il-qaddis li assistew għal dan il-mument hekk qaddis u ta' grazzja kbira. Din xi ħaġa li mhux se terġa' tirrepeti ruħa, għall-anqas fis-snin li ġejjin fuqna. Għalhekk trid tkun verament indifferenti biex okkażjoni bħal din tarmiha minn idejk u tħalliha ttir marriħ. M'għandniex xi ngħidu, l-organizzazjoni ta' din iż-żjara storika kienet waħda tajba ħafna, grazzi għas-sehem tas-Salesjani Maltin li ħadmu bis-sħiħ mal-kappillani ta' diversi parroċċi fejn daret ir-relikwja.

Jalla l-ġid spiritwali ta' din iż-żjara jħalli l-frott meħtieġ, u jalla jkollna aktar okkażjonijiet bħal dawn biex il-poplu t'Alla jifraħ fil-Mulej, jara u jemmen!



Dilettanti tan-nar fi ħdan is-Soċjetà L-Unjoni f'nofs is-seklu għoxrin



# L-Esperjenza Tiegħi fil-Parlament Ewropew

**Frederick Aquilina**

Għandi sittax-il sena u nattendi l-iskola Giovanni Curmi *Higher Secondary School* Naxxar. Bħalissa qiegħed fl-ewwel sena tal-istudji tiegħi f'din l-iskola. F'Novembru tal-2014 l-istudenti ġew imħajra mill-Euroscola biex jagħmlu eżami dwar l-Unjoni Ewropeja u min jgħaddi minn dan l-eżami u jiġi mal-ewwel erbgħa u għoxrin student, ikollu ċ-ċans li jsiefer mal-Euroscola. Id-destinazzjoni kellha tkun Strasburgu, belt li tinsab ġewwa Franza u li hi qrib ħafna tal-fruntiera Ġermaniża. Aħna kellna nqattgħu erbat ijiem ġewwa dan il-post meraviljuż.



Ġewwa Strasburgu wieħed isib il-Parlament Ewropew. Aħna kellna x-xorti li nqattgħu t-tielet jum tagħna ġewwa fih. Aħna bħala studenti kellna mhux biss nirrappreżentaw lill-iskola tagħna iżda kellna wkoll nirrappreżentaw lil wisq għażiża Malta tagħna ġewwa dan il-Parlament Ewropew. Jien flimkien ma' tfajla, ġejna magħżulin mill-għalliema tal-Euroscola biex nagħmlu diskors qasir fuq Malta. Fih ridna nagħtu ftit informazzjoni fuq avvenimenti mportanti li għiritna għaddiet minnhom sal-ġurnata tal-lum u fuq xi wħud li kienu għadhom ma seħħewx bħal fil-każ ta' dak tal-belt kapitali tagħna, Valletta, li fis-sena 2018 se tkun il-Belt Kulturali Ewropeja.

Matul il-ġurnata li qattajna fil-Parlament Ewropew, aħna ltqajna ma' diversi żgħażagħ ta' Nazzjonalitajiet differenti u lkoll flimkien qsamna l-ħsibijiet u l-idejat tagħna u kif ukoll xi problemi li l-pajjiżi tagħna kienu qegħdin jiffaċċjaw dakinhar, bħal fil-każ ta' Malta l-immigrazzjoni llegali u fil-każ tal-Greċja l-qagħda finanzjarja tal-pajjiż. Wara nofsinhar nqsamna fi gruppi, magħmulin minn studenti ta' Nazzjonalitajiet differenti u flimkien iddiskutejna dawn it-temi: L-Ambjent u l-Enerġija Sostenibbli, l-2015 Is-

Sena Ewropeja għall-Iżvilupp, Il-Futur tal-Ewropa, il-Libertà tal-Informazzjoni u l-Kultura, l-Migrazzjoni u l-Intergrità u l-Impiegi għaż-Żgħażagħ, li ġa konna ppreparajna dwarhom minn qabel. Fl-aħħar ħriġna b'xi proposti u mbagħad kellna nivvutaw għalihom. Fl-aħħar nett saret *Euro Game*, logħba b'mistoqsijiet magħmulin b'lingwi differenti dwar suġġetti varji. Student mill-iskola tagħna kien wieħed mill-erbgħa finalisti li rebħu midalja bl-emblema tal-Unjoni Ewropeja.

Din l-esperjenza kienet waħda indimentikabli għalija u minn hawn inħeġġeġ lil kull student u studenta li jattendu s-Sixth Forms, biex kemm jista' jkun jaħtfu din l-opportunità tal-*Euroscola* biex b'hekk ikunu jistgħu jgħaddu minn din l-esperjenza hekk sabiħa bħalma għaddejt jien.



Il-Kumitat
tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni
jifraħ
lill-Bandisti l-ġodda u
jawguralhom kull suċċess
għas-snin li ġejjin



# Wied iż-Żurrieq u l-Inħawi tal-Madwar

*Tifkiriet ta' Nostalġija*

**Theodore Sammut**

F'dawn l-aħħar għoxrin jew tletin sena, ħafna postijiet ta' ġmiel naturali f'Malta u Għawdex inqerdu minn żvilupp sfrenat li ħafna drabi jisraq il-kwiet u s-serenità ta' ambjent verġni.

Kull belt u raħal tista' tgħid tilfu ħafna rqajja' fil-kampanja fejn il-familji kienu jieħdu pjaċir iżuru għall-kwiet u l-ġmiel tagħhom. Li kieku l-iżvilupp sar aktar bilgħaqal, ċertu postijiet pittoreski kienu jiġu salvati u l-veduti sbieħ ma jitgħattewx.

Ħafna jiftakru bħali kemm kellna fejn nimirħu ż-Żurrieq meta konna tfal. Illum, minħabba l-espansjoni tal-bini, uliedna għandom inqas postijiet miftuħin fejn imorru jilgħabu għal ftit arja friska u ħdura tas-siġar.

Post li għadu sabiħ minkejja li ntlaqat ukoll mill-progress ta' żmienna, huwa Wied iż-Żurrieq. Dan il-port ċkejken tas-sajjieda fin-naħa t'isfel ta' Malta, huwa popolari ferm mal-Maltin kif ukoll mat-turisti. ħafna nies iżuruh speċjalment fis-sajf meta l-biċċa l-kbira tagħhom - waqt li jgawdu l-panorama pittoreska - jgħażlu li jmorru dawra fuq id-dgħajsa sal-famuż Blue Grotto jew kif nafuh aħna l-Għar tal-Ħnejja.

**Wied iż-Żurrieq ta' Tfulitna**

Ħafna nies li jiġu hawnhekk biex jgħumu f'dan il-baħar nadif, jew biex iżuru l-*Blue Cave* (niftakar fil-karozza tal-linja fuq iż-Żurrieq b'dan l-isem), inkella biex jimxu jew jixxabtu mal-blat rustiku u l-widien, ftit ikollhom ħjiel dwar diversi aspetti nteressanti fuq dan il-post u l-inħawi tal-madwar.

Jiena, flimkien ma' ħafna anzjani bħali niftakar Wied iż-Żurrieq meta kien iżjed kwiet u sabiħ milli hu llum. Naturalment, ħadd ma jista' jżomm il-progress u f'Wied iż-Żurrieq illum insibu tista' tgħid il-kumditajiet kollha; iżda l-progress u l-iżvilupp trid tħallas għalihom!

Ħafna memorji ta' tfulitna tibqa' ġġorrhom miegħek tul għomrok. Hekk baqgħu miftakra dawk is-sajjieda li kienu jidhru ħabrieka jnixxfu u jsewwu x-xbieki tagħhom fuq il-ġnub tal-bankini. Fuq il-Ponta - sal-Ponot - kont tara diversi nies jistadu bil-qasba, u minn fuq blata tiċċaqlaq, xi wħud kont tarahom ikalaw in-nassi għall-vopi. Illum, xorta għadni nieħu pjaċir nara xi dilettanti jistadu bil-qasba u bin-nassa.

Filgħaxija mbagħad, wieħed kien jilmaħ lil dak li jixgħel il-fanali; u fuq il-baħar

kaħlani, id-dgħajjes tas-sajjieda kienu wkoll jixgħelu l-lampi biex jistadu għall-qarnit u l-klamari. Dawn jintużaw bħala lixka biex tinqabad il-lampuka tal-konz.

Fi ċkuniti niftakarni noqgħod imqajjem il-lejl kollu biex nieħu l-ikel lil missieri li kien ikun fuq il-baħar fuq luzza jistadu għall-lampuki. Din kienet avventura kbira għal daqxejn ta' tifel!

Fil-Wied konna niltaqgħu ħafna tfal li l-pjaċir tagħna kien dak li ngħumu bil-lejl għad-dawl tal-qamar. Min kien jgħum bil-qalziet ta' fuqu u min b'xejn.

Il-luzzijiet, laneċ, firilli, kajjikki u dgħajjes oħra, mimlijin lampuki, kif ifiġġu fuq il-baħar deħlin fil-port, filħemda tal-lejl, kienet xena oħra li konna nistennew b'ħerqa kbira.

Aħna t-tfal konna nifirħu naraw mill-ġdid lil missirijietna ġejjin minn 'bejn sema' u ilma'. L-opri tal-baħar mgħammra bil-magni kienu jifilħu għal-maltemp li kien jista' jinqala' u għalhekk dejjem tista' tgħid waslu lura qawwijin u sħaħ. Iżda mhux dejjem kien hekk.

**Sajjieda u Nies oħra li għerqu**

Fl-antik, intilfu ħafna sajjieda waqt maltempati fuq il-baħar. Fid-*Daily Malta Chronicle* tal-20 ta' Ottubtu 1905 hemm irraportat li tliet sajjieda fqar miż-Żurrieq għerqu 'l barra minn Filfla.

Il-maltemp qalbilhom id-dgħajsa u ġew mitfugħa l-baħar. Is-sajjieda ġġieldu qalil għal ħajjithom. Ċertu Psaila rnexxielu jilħaq id-dgħajsa u jżomm magħha. Malajr mewġa kbira ħabtet mad-dgħajsa u mirakolożament waqqfitha sewwa, u Psaila seta' jitla' fiha. Kienet mimlija ilma, iżda żammitu. Sħabu, li issa kienu tilfu s-saħħa li kellhom u t-tama, għerqu taħt il-mewġ.

Carmelo Zahra u erbgħa sajjieda oħra li kienu qed jistadu fid-dgħajsa tiegħu lemħu xi sinjali għall-għajnuna li Psaila beda jagħmel. Telqu għal ħdejh u salvawh. Psaila wasal iż-Żurrieq fil-ħdax ta' filgħodu tad-disgrazzja.

Mhux snin twal ilu, kienu għerqu xi nies f'Wied iż-Żurrieq li kienu rekbin fuq dgħajsa, u jidhirli li kienet ġrat traġedja meta tfajla li kienet miexja mal-għarus tagħha fuq il-moll, tkaxkret mill-ħalel tal-baħar. Kien għereq ukoll xi għaddas żagħżugħ. Iżda l-iktar vittma li sewwdilna qalbna kien il-ħabib tagħna Bertu tal-Werżieq, sajjied prim mill-art magħruf, li tkaxkar mill-baħar waqt li kien qed jistad għall-lampuki taħt it-Torri.

Biex nerġgħu naqilbu fuq Wied iż-Żurrieq ta' tfulitna, min kien jinsa' x-xalata li kienet issir Ħadd fuq tal-Karmnu f'Wied iż-Żurrieq? Il-Banda *Queen Victoria* kienet tferraħ lil dawk l-eluf li kienu jimlew dan il-Wied popolari. Il-ħwienet kienu jaħsbu minn kmieni biex isajjru l-fniek u sakemm isir l-ikel, ħafna kienu jmorru dawra sa Filfla u Għar Lapsi fuq il-luzzu Stella Maris. Il-Banda kienet tallegra matul dan il-vjaġġ divertenti.

Wara nofsinhar, arana aħna t-tfal niżżattu fuq il-ġostra li ħadd ma kien ikun irid jitlef. Pawlu Callus, kurunettista magħruf kien ikun pront idoqq xi erbgħa noti hekk kif kull wieħed minn jkun se jaqa' l-baħar minn fuq l-arblu midluk bix-xaħam.

**Xi bini storiku u l-Blue Grotto**

Biex wieħed ikollu ħjiel ta' xi bini storiku li hawn f'Wied iż-Żurrieq, infakkru li n-niċċa tal-ġebel bix-xbieha tal-Madonna tar-Rużarju bħala sinjal ta' protezzjoni missema lis-sajjieda, twaqqfet għall-ħabta tal-1916 minn Mons. Gużeppi de Marchese Depiro d'Amico.

Mhux il-bogħod minn hawn, wieħed jara wieħed mit-torrijiet mibni mill-Gran Mastru Lascaris fl-1650, magħruf bħala t-Torri ta' Xutu. Snin ilu, dan it-torri kien jintuża bħala Għassa tal-Pulizija. Nieħdu pjaċir ngħidu li dan l-aħħar dan it-Torri ġie mnaddaf minn Din l-Art Ħelwa. Forsi għad ukoll jiġi restawrat.

Hekk kif wieħed jitfa' ħarstu fuq il-baħar, xena pittoreska mpressjonanti tintefaħ quddiem għajnejk. Panorama mill-isbaħ ta' baħar kaħlani bil-gżira ta' Filfla tleqq fuq l-orizzont.

F'għaxar minuti, wieħed jista' jżur il-famuż Blue Grotto fuq waħda mid-dgħajjes armati għat-turisti. Fi tfuliti kont qrajt fil-ġurnal News of the World li l-Blue Grotto huwa t-tielet l-isbaħ għar fid-dinja, wara dak ta' Capri u ieħor fl-Awstralja. Jekk dan hux veru jew le ma nafx, iżda żgur li l-Blue Grotto huwa wieħed mill-isbaħ għerien fid-dinja li ta' kull sena jżuruh eluf ta' Maltin u turisti.

Il-kuluri brillanti li jirriflettu fil-qiegħ, bir-raġġi tax-xemx tiela', m'huma xejn ħlief meraviljużi. Dan jistgħu jixhduh dawk kollha li kellhom iz-zorti li jaraw b'għajnejhom dan il-fenomenu ta' ġmiel kmieni filgħodu, hekk kif tkun tiela' x-xemx.

Stalaktiti u siġar żgħar mat-tin jidhru jiddendlu minn mas-saqaf. Jiena niftakar xi ħamiem (konna ngħidulu ġebli) ibejjet fit-toqob ta' dan l-għar.

**Memorji ta' Avventuri ta' Tfuliti**

Taħt il-Ħnejja jġibli memorji ta' avventuri sbieħ ta' tfuliti. Niftakar mhux darba u tnejn konna ngħumu minn Wied iż-Żurrieq sal-Blue Grotto, imbagħad insibu rikba lura fuq xi frejgatina. Mhux darba u tnejn ukoll ssugrajna ħajjitna ninżlu (jew nitilgħu) il-Blue Grotto minn mar-riġel - dak il-blat nieżel għal ġol-baħar. U ħafna tampari jifrakru wkoll meta konna noħorġu ngħumu fil-bokka tal-Wied, imdawwrin ma' xi tajer kbir, bid-dniefel jgħumu magħna!

Skont leġġenda antika, dan l-għar romantiku tal-Ħnejja kien il-post favorit tas-sireni minn fejn bl-għanja msaħħra tagħhom f'nofs il-lejl, kienu jsaħħru ż-żwiemel li jtiru misjuqa mill-qamar fis-sema.

Snin ilu, ħafna sajjieda kienu jieħdu lill-maħbubin tagħhom bid-dgħajsa, Taħt il-Ħnejja, u akkumpanjati minn kitarra, kienu jgħannulhom l-imħabba tagħhom.

Mhux bogħod minn Taħt il-Ħnejja, hemm għerien oħra sbieħ li normalment wieħed jagħti daqqa t'għajn waqt żjara lil Blue Grotto. Wieħed minn dawn l-għerien jismu Għar Raddiena u ieħor Għar Qattusa. Fuq din l-istess kosta, wieħed jista' jara wkoll id-daħla ta' Wid Babu, wied ta' ġmiel li wkoll jimmerita titwila jew aħjar mixja mal-mogħdijiet tiegħu.

Il-Ponta tal-Munqar, li taħtha wieħed jista' jżur żewġ għerien oħra ħelwin, twassal għat-tmiem dan il-vjaġġ qasir u pjaċevoli, iżda snin ilu, qabel ma Filfla ġiet maħluqa għall-pubbliku ħlief għall-istudjużi, konna meta jkollna aptit, inbaħħru għal hemm qabel ma mmorru lura l-Wied.

**Santwarju tal-Għasafar**

Filfla tinsab biss ħames kilometri bogħod minn Għar Lapsi (port ieħor sabiħ tas-sajjieda) u xi ħames kilometri u nofs minn Wied iż-Żurrieq. Filfla għandha ċirkumferenza ta' xi kilometru u nofs. Xi wħud jgħidu li isimha ġej mill-kelma għarbija 'filfell' minħabba l-kwantità ta' siġar tal-bżar li kienu jikbru hemm.

Wara maltempata kbira fl-1343, is-sajjieda bnew kappella fuq Filfla ddedikata lill-Verġni Mbierka bl-isem ta' Stella Maris. Qassis kien imur iqaddes kull nhar ta' Ħadd u fil-festi kmandati għal dawk is-sajjieda li kienu jinqabdu hemm minħabba l-maltemp. Fl-1575, id-dinjitarju tal-Knisja Duzzina, fuq żjara Appostolika f'Malta, waqqaf is-servizz tal-quddies minħabba l-periklu kbir biex il-qassis jaqsam għal hemm f'maltemp qawwi.

Illum, ma hem xejn x'juri din il-kappella ħlief għall-inkwatru li jirrappreżenta l-Assunzjoni tal-Verġni Mbierka, li kien fuq l-artal. Din l-immaġni fuq l-injam, kienet miżmuma fil-Kappella taċ–Ċimiterju ta' San Leone f'Bubaqra, iżda llum x'aktarx jinsab fil-knisja Arċipretali.

Ma baqa' xejn lanqas minn nixxiegħa tal-ilma ġieri fejn ħafna sajjieda kienu jieqfu biex jaqtgħu l-għatx tagħhom sa l-1937. Missieri kien jiftakar iż-żmien meta bħala sajjied żagħżugħ kienu jimlew il-ġarar tagħhom minn din in-nixxiegħa.

Fl-1813, Malta intlaqtet mill-kruha tal-pesta li qatlet 4, 572 minn popolazzjoni ta' 100,000. Ċertu Ġanni Attard ħa l-familja tiegħu fuq Filfla fejn għexu għal xi xhur waqt il-pesta. Skont ittra li baqgħat ma xi sajjied lil membru tal-familja tiegħu, huwa talbu biex jixtrilu xi bżonnijiet u qallu li kemm hu u kemm il-familja kienu b'saħħithom u kuntenti.

Ta' min jgħid ukoll li bejn Ħaġar Qim u Filfla kien indifen il-gvernatur Congreve li hu mfakkar b'lapida fl-Imnajdra.

**Filfla mtertqa bil-bombi**

Ippermettuli nirrakonta ġrajja kif niftakarha jien: Ġurnata waħda pulizija f'Wied iż-Żurrieq x'aktarx nesa' jtella l-bandiera ħamra fuq l-għassa biex javża lis-sajjieda ma jersqux lejn Filfla peress li kien se jkun hemm il-manuvri. Xi sajjieda, moħħom mistrieħ, rikbu fuq luzzu (jekk għadni niftakar tajjeb kien Stella Maris) u salpaw għal Filfla. Hemm kulħadd mar jiġġerra, jgħum jew jistad. Iżda żagħżugħ mar jaqbad iċ-ċief biex jaqlagħlu r-rix li dak iż-żmien kienu jużawh għas-sajd bir-rixa.

Wara ftit, meta kulħadd kien aljenat, faqqet l-ewwel bomba ta' kanun minn destroyer li ġabet magħha trab u biċċiet tal-ġebel, itiru ma' kullimkien. F'ħajja t'għajn is-sajjieda kollha qabżu fuq il-luzzu u telqu bit-tliet magni jaħdmu għall-Wied.

Kif waslu ndunaw li kienu ħallew liż-żagħżugħ li kien qed jaqbad iċ-ċief warajhom. Għalhekk iddeċiedew li jmorru lura għalih wara li l-pulizija rnexxielu jaqbad mas-servizzi biex iwaqqaf l-manuvri. Fortunatament, ir-raġel, għalkemm maħsud u mibrux, instab ħaj.

Illum, Filfla tinsab preservata bħala Santwarju tal-Għasafar. Il-gawwi, ċief, il-ganġu u għasafar oħra, kif ukoll il-gremxula ta' lewn aħdar skur ittikkat bl-aħmar, b'denbha miftuħ fi tnejn, jistgħu ibejti u jgħixu hemm mingħajr ebda periklu, iżda kien hemm żmien meta Filfla kienet isservi ta' mira għall-forzi tal-ajru navali Ingliżi.

Bħala tfal konna nissaħħru naraw il-manuvri u l-bumbardamenti minn fuq ix-xatt fix-xitwa, meta la konna ngħumu u lanqas nistadu. Filfla qalgħet ħafna bombi mid-*destroyers* kif ukoll min *spitfires* li kienu jtiru minn fuq xi *aircraft carrier*.

**Il-Maltemp u xi ntietef oħra nteressanti**

Fuq Wied iż-Żurrieq hemm ħafna x'wieħed jgħid. Is-sajjieda antiki kollha għandhom stejjer interessanti x'jirrakontaw: il-maltemp fuq il-baħar, it-trombi li kienu jkexxkxuhom,

il-ħut kbir li qabdu jew iltaqgħu miegħu, it-taqtiegħ il-qalb meta ma qabdux ħut jew għamlilhom il-maltemp. Aktar riċenti niftakru meta qabdu dak il-kelb il-baħar li għadna nistgħu narawh fuq il-kartolini

U dan ifakkarni fi ġrajja oħra meta tliet sajjieda f'Wied iż-Żurrieq kellhom battalja ta' tliet siegħat ma' ħuta kbira (pixxiplamtu) ta' ħdax-il pied 'il barra minn Filfla qabel ma rnexxielhom joqtluha. Dan kien f'Marzu tal-1956.

Antonio D'Amato, ħuh Joseph u Salvu D'Amato, telqu bil-kajjik biex jistadu ħdejn Filfla. Malajr indunaw li ħuta kbira kienet imwaħħla ma' waħda mis-snanar li kellhom kalati fil-fond. Saru jafu wkoll li din il-ħuta kienet għada ħajja u ma kinitx lesta li ċċedi malajr. Wara xi tliet sigħat, it-tliet sajjieda rnexxielhom itellgħuha fil-wiċċ u joqtluha. Kienet twila ħdax-il pied u tiżen nofs tunnellata.

Il-maltemp mhux darba u tnejn għamel ħerba u kisser id-dgħajjes u l-opri kollha li jkunu mtella' l-art. Saħansitra, fit-23 ta' Jannar 1957, kisser il-ħajt tal-konkos fuq il-ponot u għadd ta' opri tal-baħar. F'Ġunju tal-istess sena, il-gvern kien għen bil-flus lil dawk li tilfu d-dgħajjes tagħhom.

Jgħidu li waqt maltemp kbir li ħakem fuq il-Wied, il-pulizija li dak iż-żmien kien ikun għassa fit-Torri, ma setax joħroġ min ġewwa għax il-ħalel tal-baħar kienu jaslu sat-Torri.

Illum wieħed jista' jara ħafna kartolini ta' Wied iż-Żurrieq, Blue Grotto u Filfla. Iżjed skarsi l-kartolini u ritratti antiki. Ħafna ma jafux li fuq 90 sena ilu kien ġie inawgurat pont lejn il-Wied tal-Majla fejn wieħed kien jista' jaqsam min-naħa għall-oħra tal-Wied. Dan il-Pont ilu li ġie żarmat, iżda jeżistu xi ritratti tiegħu.

**'Mill-Baħar ikħal jiena ħadt ismi'**

L-istoriku Castagna jgħid li l-isem Żurrieq għandu għeruq semitiċi fejn il-kelma żoroq, li tfisser ikħal, tirreferi għall-kulur tal-għajnejn komuni tal-abitanti. L-istoriċi Abela u Ciantar jistqarru li għalkemm l-isem ġej mill-istess għeruq semitiċi, dan jirreferi għall-baħar kaħlani ta' Wied iż-Zurrieq. Wieħed ma jridx jinsa' l-motto bil-latin li ġej minn żminijiet antiki u li jagħmel parti mill-emblema tar-raħal: Mill-baħar ikħal jiena ħadt ismi.

Għalkemm xi wħud jaħsbu differenti, Wied iż-Żurrieq jagħmel mal-Qrendi u l-Kappillan t'hawnhekk jieħu ħsieb it-tberik, waqt li l-Kunsill lokali tal-Qrendi jieħu ħsieb il-bżonnijiet.

Filwaqt li wieħed irid jaċċetta bil-qalb it-tibdil għall-aħjar (issa wieħed jista' jgawdi wkoll it-triq ġdida u sabiħa), ma tistax imma ma tiftakarx b'nostalġija meta Wied iż-Żurrieq fin-natural fqajjar tiegħu kien ġojjell sabiħ, post ta' serenità fejn barra s-sajjieda li kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom, kien ukoll ta' svog popolari speċjalment għaż-Żrieraq.

Ma nistax nagħlaq din il-kitba dwar Wied iż-Żurrieq u ma nsemmix żewġ personaġġi sinonimi mal-Wied: wieħed antik u l-ieħor jafu kulħadd. Leonard Sacco li kien sikwit jinżel il-Wied jistad bil-qasba fuq il-Ponta. Is-Surmast Sacco għallem tliet ġenerazzjonijiet fl-iskola primarja taż-Żurrieq. Tat-tagħlim li ta tul ħajtu għandna nkunu nikonoxxenti lejh u nitolbu għalih.

Il-personaġġ l-ieħor tafu tista' tgħid Malta kollha. Ċikku l-Markiż, il-parker li jagħmlilna unur għall-mod ġentili kif jittratta mas-sewwieqa. F'*The Sunday Times* tas-27 ta' Novembru 2005, waħda sinjura Ms. Lara Bezzina mill-Mosta kkumplimentatu għall-atteġġjament tiegħu.

Dun Loreto Zammit ħallielna ktejjeb interessanti maħruġ fl-1966 bl-isem Wied iż-Żurrieq and its Beauties. Dr Charles J. Boffa kien ukoll hareġ ktejjeb ta studju xjentifiku fl-1966 bl-isem The Islets of Comino and Filfla u Lino Psaila fil-ktieb tiegħu il-Bahar Rasu Iebsa li ħareġ fl-1978 isemmi fatt fejn ħames sajjieda Żrieraq (Indri d'Amato u ibnu Karmnu ta' 15-il sena, Karmnu Farrugia, Ċensu Cachia ta' 30 sena u Salvu Psaila ta' 22 sena) intradmu meta sfronda għar taħt il-blat ta' Wied Fulika f'Jannar tal-1875.

Nikkonkludi billi nsellem lil disa' ħaddiema sħabna tat-tarzja li kienu mietu fit-traġedja tal-Um El Faroud fit-3 ta' Frar 1995. Qed ngħid sħabna għaliex jien ma' ħafna oħrajn konna għadna naħdmu hemm meta saret l-isplużjoni u konna attendejna għall-funeral tagħhom. It-tanker Libjan ġie mgħarraq il-barra minn Wied iż-Żurrieq. Kull meta ninżel il-Wied ma nistax ma niftakarx f'dawk sħabna...mingħajr ma rrid taqbiżli demgħa...



*Membri tal-Każin waqt l-armar tal-plančier fil-festa ta' Sant'Andrija fis-snin tmenin*



*L-Anġlu armat għall-festa f'nofs is-Seklu Għoxrin*



*Ikona ta' Sant'Andrija li tinsab ġewwa l-Katidral ta' Vassilyewsky, San Pietruburgu*



# Sant'Andrija

**Gertrude Gerada**

Il-festa ta' Sant'Andrija
Tal-Ħal Luqin il-patrun
Festa kbira nagħmlulu
U bl-innu sabiħ insellmulu.

F'nofs il-knisja impoġġug
Bix-xemgħa indawruh
Nagħmlu ħafna bukketti sbieħ
U Sant'Andrija imkabbrin bih.

Il-Knisja mżejna b'damask sabiħ
Linef kbar sbieħ mixgħulin
Fil-knisja jidħlu ħafna mistednin
Anki turisti jiġu fl-istess ħin.

Għandna żewġ każini kbar
Lil Sant'Andrija jħobbuh
Jagħmlulu marċi sbieħ
U minn fejn jgħaddi jżejjen triq.

Il-każini għandhom pjanċieri sbieħ
U jdoqqu marċi brijużi
U jdoqqu mat-toroq kollha
U kbira tkun il-folla.

Fil-knisja jkun hemm it-tridijiet
U quddiesa bil-paniġierku
Fuq il-ħajja tal-qaddis kbir tagħna
Ikkonverta ħafna nies
U jixraqlu imħabba bla qies.

Festa kbira nagħmlulu
Għax mexa dejjem wara l-Mulej
Kien sajjied jaqbad il-ħut
U sar sajjied tagħna maħbub.

Ħafna nies jiġu għal festa
Anki turisti jkun hawn
Pjaċir jieħdu fil-festa tagħna
U gost kbir u jifirħu magħna.

F'purċissjoni noħorġu mar-raħal
indawwruh
Minn fejn jgħaddi jżejjen triq
Għax Sant'Andrija qaddis kbir
U jixraqlu kbir tifħir.

It-toroq kollha mżejjnin
Anki bil-bozoz mixgħulin
Pavaljuni kull kulur
It-toroq kollha, tmur fejn tmur.

Fil-festa jkun hawn brijju kbir
U kulħadd ferħan sa jtir
Għax bil-baned u bin-nar
Ħafna nies igawdu dakinhar.

Għalhekk ejjew nifirħu
Andrea tagħna qaddis kbir
Dejjem mexa wara Ġesù
U l-ewwel appostlu kien hu!



# Tislima lil Patri Rafel Ellul OFM CAP.



Nhar id-29 ta' Jannar ġriet l-aħbar li Patri Rafel min Ħal Luqa ħalliena. Kien maħbub min ħafna Maltin, għax tassew kien saċerdot ta' Alla u ta' eżempju għal ħafna nies fejn għen u farraġ waqt id-diffikultajiet tal-ħajja.

Patri Rafel kien Franġiskan Kapuċċin li qatta żmien twil jieħu ħsieb il-Kappelli tal-isptarijiet San Luqa u Sir Pawlu Boffa. Kien ukoll għal xi żmien Kappillan tad-Dar tal-Anzjani ġewwa l-Imtarfa. Huwa ddedika ħafna minn ħajtu għall-morda u l-batuti fl-isptarijiet kif ukoll farraġ u għen il-familji tagħhom f'mumenti diffiċli fil-ħajja li jgħaddi minnhom kulħadd.

Patri Rafel ħalla din id-dinja fl-għomor ta' ħamsa u tmenin sena u ngħatatlu l-aħħar tislima fil-Knisja tal-Kappuċċini ġewwa l-Floriana. Delegazzjoni tas-Soċjetà L-Unjoni attendiet għall-funeral tiegħu u offriet bukkett ward bħala apprezzament tax-xogħol li wettaq.

Il-President u l-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni jgħatu l-kondoljanzi lill-Komunità Franġiskana u l-familjari kollha. Grazzi ta' kollox Patri Rafel.



# Tislima lil Trophimo Baldacchino (1923 - 2015)

*President Onorarju tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni*



Is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni ssellem il-memorja ta' Trophimo Baldacchino, President Onorarju tas-soċjetà li mar jiltaqa' mal-Mulej nhar it-18 t'April 2015.

Trophimo, jew Fimu kif kulħadd kien isejjaħlu, kien bniedem li kellu għal qalbu ħafna s-Soċjetà, b'mod speċjali l-banda. Fis-snin 1945-1947, 1951-52, 1955-59 u 1978-81 kien inħatar bħala wieħed mir-reviżuri tal-kumitat. Fis-sena 1948 inħatar Assistant Kaxxier. Fis-sena 1949-50 inħatar Deputat tas-Soċi. Fis-sena 1953 naraw kif Fimu kien wieħed mit-tlettax-il raġel li ffurmaw il-Grupp tal-Armar fi ħdan is-Soċjetà, fejn fost oħrajn insibu lil Fimu jaħdem bis-sħiħ fil-ħadid tal-planċier li kien iżżanżan fis-sena 1953 u li mbagħad ħadem ukoll fil-pjanċier preżenti, li ġie inawgurat fl-1969. Fis-Seduta Ġenerali ta' Jannar 2001 is-sur Baldacchino, bix-xieraq inħatar bħala President Onorarju, kariga li baqa' jżomm sa' mal-Mulej għoġbu jsejjaħlu għal għandu. Is-sur Baldacchino baqa' dejjem ammiratur tas-Soċjetà u sa ftit tas-snin ilu, sakemm saħħtu baqgħet tippermetti, kien jattendi għas-Seduta Ġenerali u wkoll fl-attivitajiet tal-festa u l-Kunċert Annwali. F'dawn l-aħħar snin kien strumentali wkoll biex setgħet tinkiteb l-istorja tas-Soċjetà, tant li sarulu diversi intervisti dwar it-tifkiriet tiegħu tal-imgħoddi.

Intant, delegazzjoni tal-Kumitat Ċentrali attendiet għal funeral u akkumpanjat il-korteo bl-istandard tas-Soċjetà. Il-bandiera bl-arma tas-Soċjetà ttajret mezz'asta fuq l-arblu tal-każin. Il-korteo mbagħad waqaf quddiem il-bieb prinċipali tas-sede tas-Soċjetà għal ftit sekondi qabel ma kompla lejn iċ-ċimiterju b'mod privat.

Grazzi ta' kollox Fimu.



# Obitwarju

*Membri u Familjari li Ħallewna*
*mill-festa tas-sena l-oħra ’l hawn*



Paul Baldacchino
li mar jiltaqa’ mal-Mulej
fil-25 ta’ Frar 2014
fl-età ta’ 73 sena.



Andreana Piscopo
li marret tiltaqa’
mal-Mulej
fit-30 ta’ Lulju 2014
fl-età ta’ 82 sena.



Mary Sammut
li marret tiltaqa’
mal-Mulej
fis-6 t’Ottubru 2014
fl-età ta’ 89 sena



Victor Spiteri
li mar jiltaqa’
mal-Mulej
fit-3 ta’ Novembru 2014
fl-età ta’ 69 sena



Ġużeppa Spiteri
li marret tiltaqa’
mal-Mulej
fit-8 ta’ Jannar 2015
fl-età ta’ 93 sena



Joseph Montebello
li mar jiltaqa’ mal-Mulej
fil-11 ta’ Jannar 2015
fl-età ta’ 57 sena.



Carmelo Montebello
li mar jiltaqa’mal-Mulej
fit-23 ta’ Jannar 2015
fl-età ta’ 88 sena.



Patri Rafel Ellul
li mar jiltaqa’ mal-Mulej
fid-29 ta’ Jannar 2015
fl-età ta’ 85 sena



Trophimu Baldacchino
li mar jiltaqa’ mal-Mulej
fit-18 t’April 2015
fl-età ta’ 92 sena.



Katarina Coleiro
li marret tiltaqa’
mal-Mulej
fit-30 t’April 2015
fl-età ta’ 82 sena.



Marie-Claire Grima
li marret tiltaqa’
mal-Mulej
fit-23 ta’ Mejju 2015
fl-età ta’ 50 sena



Emanuel Farrugia
li mar jiltaqa’ mal-Mulej
fil-5 ta’ Ġunju 2015
fl-età ta’ 80 sena


Viva Sant'Andrija
Patrun tal-Filarmonika L-Unjoni



# Min irreklama f'din il-Pubblikazzjoni


A & A Stone & Interiors.............130
Alfred Baldacchino Ltd..............112
Alice Craus Qualified Nail Technician................................24
Andrew Vassallo Ltd....................57
Andrew's Car Centre....................36
Atomic Garage.............................98
B&G Hardware Store....................18
Bar tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni.................................52
Beauty Elegance...........................44
Bernard ta' Twanny tal-Ħaxix.....129
Big Save Footwear......................106
Borg Bros. Furniture Transport.....72
BOV.............................................74
Buona Pesca Trading & Tubertini Malta........................................60
C&H Bartoli.................................90
Carly's Stationery, Gifts and Toys..........................94
CentreStage.................................32
Cheveux Classique.....................132
Computer Bargains......................80
Construct Furniture.......................16
D.M.S. Import/Export Co. Ltd......49
Daniel Woodworks.....................114
Dar Services.................................57
Dimples Pet Shop..........................14
Dione Mini Bus Service...............54
Dragon's Center..........................100
Easy Come Store........................138
Elle's Nail Boutique....................140
Elmo Insurance............................14
Emmanuel Gatt Petrol Service Station...............88
Emtes Stationery........................102
Eretric Ltd....................................80
Evergreen Fruit & Veg..................38
Executive Transport Cooperative Ltd........48
FGP Ltd......................................104
Flower Touch...............................39
Frankie Green Grocer...................94
Funerals Undertaker......................85
G. Darmanin Service Station........54
Gauci Borda & Co. Ltd..............100
Gori Butcher................................53
Gutz Group...................................26
Husyl Household & Giftware.......99
Hygrade Butcher.........................102
J & S Store.................................114
J. Cassar Aluminium....................22
J.B. Glass Work............................96
J.I.T. International Forwarders......45
James Agius Woodworks Ltd........70
Jane's Hair Salon..........................88
Jerry's Silencer Repairs..............144
Josef Penza Refrigeration & Air Conditioning............................20
Karmnu Tal-Ħaxix........................76
Kenda Ltd.....................................68
Kg Events.....................................48
L.L.F. Marble, Granite & Quarts....................118
Lawrence Cassar Ltd...... inside back
Lorenza Bazaar...........................125
Luqa St Andrew's FC Youth Nursery....................56
M. Cauchi Hardware Store...........79
Magri Autocare............................42
Malcolm Mifsud Funeral Service.........................56
Marindex Trophies......................146
Mark's Garage............................144
Massimo Cassar Wedding Organizer..................66
MG...............................................61
Muxi Adults' & Children's Clothing..46
Nardu tal-Ħaxix..........................145
Naxos Car Centre........................126
Ninja Store.................................132
O.K. Bar.....................................122
Oasis Restaurant.........................136
Pac Man's Take Away...................30
Palazzo Preca.............................152
Paperway Stationery...................130
Paul Scorfna Funeral Service........36
Paul's Store....................................8
Phoenicia Bar & Take Away.......104
Phone Booth.................................52
Rons Restaurant............................50
Rosy's Unisex Salon...................140
S & L Import & Export Ltd........126
Santa Marija Service Station.......148
Sensaramalta................................60
SilJoe Garage...............................76
Silvercraft Products Ltd.............138
Starting Point...............................34
Statwi Replika tal-Anġlu..............66
Stephen Mini Market....................78
Style Design Bathroom Centre.....78
T. Spiteri Mini Ready-Mix...........40
Ta' Lela Petshop.........................112
Ta' Matti.....................................106
Tahabel Ltd................................146
Take Off Bar & Restaurant.........103
Tal-Familja Restaurant...............152
Tal-Parrina Confectionery............24
Telstar Butcher.............. inside front
Tesor Jewellery & Gifts..................5
The Convenience Shop...............118
The Gallery Hair Studio...............98
Thermaseal Limited......................51
Thomas Smith Insurance Brokers.....................12
Two 9 Six.....................................93
V. Spiteri & Sons Ent. Ltd............10
Vigo Menswear...........................148
Virtous Band...............................122
Vision 2000..................................53
Zneiber Confectionery & Pastizzeria.....96